Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGULATION No 31 (EEC), 11 (EAEC),

laying down the Staff Regulations of Officials and the Conditions of Employment of Other Servants of the European Economic Community and the European Atomic Energy Community

(ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Règlement nº 1/63/Euratom du Conseil du 26 février 1963 (*)	P 35	524	6.3.1963
►M2	Règlement nº 2/63/Euratom du Conseil du 26 février 1963 (*)	P 35	526	6.3.1963
►M3	Règlement nº 17/63/CEE du Conseil du 26 février 1963 (*)	P 35	528	6.3.1963
►M4	Regulation No 18/63/EEC of the Council of 26 February 1963 (*)	P 35	529	6.3.1963
►M5	Regulation No 5/64/Euratom of the Council of 10 November 1964 (*)	P 190	2971	21.11.1964
►M6	Regulation No 182/64/EEC of the Council of 10 November 1964 (*)	P 190	2971	21.11.1964
►M7	Règlement nº 2/65/Euratom du Conseil du 11 janvier 1965 (*)	P 18	242	4.2.1965
►M8	Règlement nº 8/65/CEE du Conseil du 11 janvier 1965 (*)	P 18	242	4.2.1965
►M9	Regulation No 4/65/Euratom of the Council of 16 March 1965 (*)	P 47	701	24.3.1965
►M10	Regulation No 30/65/EEC of the Council of 16 March 1965 (*)	P 47	701	24.3.1965
►M11	Règlement nº 1/66/Euratom du Conseil du 28 décembre 1965 (*)	P 31	461	19.2.1966
►M12	Règlement nº 14/66/CEE du Conseil du 28 décembre 1965 (*)	P 31	461	19.2.1966
►M13	Règlement nº 10/66/Euratom du Conseil du 24 novembre 1966 (*)	P 225	3814	6.12.1966
►M14	Règlement nº 198/66/CEE du Conseil du 24 novembre 1966 (*)	P 225	3814	6.12.1966
►M15	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEE) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968	L 56	1	4.3.1968
►M16	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2278/69 (*)	L 289	1	17.11.1969
►M17	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 95/70 (*)	L 15	1	21.1.1970
►M18	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 96/70 (*)	L 15	4	21.1.1970
►M19	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 16/71 (*)	L 5	1	7.1.1971
►M20	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2653/71 (*)	L 276	1	16.12.1971
►M21	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2654/71 (*)	L 276	6	16.12.1971
►M22	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 1369/72 (*)	L 149	1	1.7.1972
►M23	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 1473/72 (*)	L 160	1	16.7.1972
►M24	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2647/72 (*)	L 283	1	20.12.1972
►M25	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 558/73 (*)	L 55	1	28.2.1973

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

►**M26**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2188/73 (*)	L 223	1	11.8.1973
►**M27**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2/74 (*)	L 2	1	3.1.1974
►**M28**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3191/74 (*)	L 341	1	20.12.1974
►**M29**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 711/75 (*)	L 71	1	20.3.1975
►**M30**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 1009/75 (*)	L 98	1	19.4.1975
►**M31**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 1601/75 (*)	L 164	1	27.6.1975
►**M32**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2577/75 (*)	L 263	1	11.10.1975
►**M33**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2615/76 (*)	L 299	1	29.10.1976
►**M34**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3177/76 (*)	L 359	1	30.12.1976
►**M35**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3178/76 (*)	L 359	9	30.12.1976
►**M36**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 1376/77 (*)	L 157	1	28.6.1977
►**M37**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2687/77 (*)	L 314	1	8.12.1977
►**M38**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2859/77 (*)	L 330	1	23.12.1977
►**M39**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 912/78 (*)	L 119	1	3.5.1978
►**M40**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 914/78 (*)	L 119	8	3.5.1978
►**M41**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2711/78 (*)	L 328	1	23.11.1978
►**M42**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3084/78 (*)	L 369	1	29.12.1978
►**M43**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3085/78 (*)	L 369	6	29.12.1978
►**M44**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2955/79 (*)	L 336	1	29.12.1979
►**M45**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 160/80 (*)	L 20	1	26.1.1980
►**M46**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 161/80 (*)	L 20	5	26.1.1980
►**M47**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 187/81 (*)	L 21	18	24.1.1981
►**M48**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 397/81 (*)	L 46	1	19.2.1981
►**M49**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2780/81 (*)	L 271	1	26.9.1981
►**M50**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3821/81 (*)	L 386	1	31.12.1981
►**M51**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 371/82 (*)	L 47	8	19.2.1982
►**M52**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 372/82 (*)	L 47	13	19.2.1982
►**M53**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3139/82 (*)	L 331	1	26.11.1982
►**M54**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 440/83 (*)	L 53	1	26.2.1983
►**M55**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 1819/83 (*)	L 180	1	5.7.1983
►**M56**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2074/83 (*)	L 203	1	27.7.1983

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

►**M57**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3647/83 (*)	L 361	1	24.12.1983
►**M58**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 419/85 (*)	L 51	1	21.2.1985
►**M59**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 420/85 (*)	L 51	6	21.2.1985
►**M60**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1578/85 (*)	L 154	1	13.6.1985
►**M61**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1915/85 (*)	L 180	3	12.7.1985
►**M62**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2799/85 (*)	L 265	1	8.10.1985
►**M63**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3580/85 (*)	L 343	1	20.12.1985
►**M64**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3855/86 (*)	L 359	1	19.12.1986
►**M65**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3856/86 (*)	L 359	5	19.12.1986
►**M66**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 793/87 (*)	L 79	1	21.3.1987
►**M67**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3019/87 (*)	L 286	3	9.10.1987
►**M68**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3212/87 (*)	L 307	1	29.10.1987
►**M69**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3784/87 (*)	L 356	1	18.12.1987
►**M70**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2338/88 (*)	L 204	1	29.7.1988
►**M71**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2339/88 (*)	L 204	5	29.7.1988
►**M72**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3982/88 (*)	L 354	1	22.12.1988
►**M73**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2187/89 (*)	L 209	1	21.7.1989
►**M74**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3728/89 (*)	L 364	1	14.12.1989
►**M75**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2258/90 (*)	L 204	1	2.8.1990
►**M76**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3736/90 (*)	L 360	1	22.12.1990
►**M77**	Ir-Regolament (KEE) Nru 2232/91 (*)	L 204	1	27.7.1991
►**M78**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3830/91 (*)	L 361	1	31.12.1991
►**M79**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3831/91 (*)	L 361	7	31.12.1991
►**M80**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3832/91 (*)	L 361	9	31.12.1991
►**M81**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3833/91 (*)	L 361	10	31.12.1991
►**M82**	Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3834/91 (*)	L 361	13	31.12.1991
►**M83**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 571/92 (*)	L 62	1	7.3.1992
►**M84**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3761/92 (*)	L 383	1	29.12.1992
►**M85**	Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3947/92 (*)	L 404	1	31.12.1992
►**M86**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3608/93 (*)	L 328	1	29.12.1993
►**M87**	Ir-Regolament (KEFA, KE, Euratom) Nru 3161/94 (*)	L 335	1	23.12.1994

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

►**M88**	Ir-Regolament (KEFA, KE, Euratom) Nru 2963/95 (*)	L 310	1	22.12.1995
►**M89**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KE) Nru 1354/96 (*)	L 175	1	13.7.1996
►**M90**	Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KE) Nru 2485/96 (*)	L 338	1	28.12.1996
►**M91**	Ir-Regolament (KEFA, KE, Euratom) Nru 2192/97 (*)	L 301	5	5.11.1997
►**M92**	Ir-Regolament (KEFA, KE, Euratom) Nru 2591/97 (*)	L 351	1	23.12.1997
►**M93**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 781/98 (*)	L 113	4	15.4.1998
►**M94**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2458/98 (*)	L 307	1	17.11.1998
►**M95**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2594/98 (*)	L 325	1	3.12.1998
►**M96**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2762/98 (*)	L 346	1	22.12.1998
►**M97**	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-istituzzjonijiet oħra dwar il-konverzjoni f' euro ta' ammonti provduti fir-Regolamenti tal-Persunal (1999/C 60/09) (*)	C 60	11	2.3.1999
►**M98**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 620/1999 (*)	L 78	1	24.3.1999
►**M99**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 1238/1999 (*)	L 150	1	17.6.1999
►**M100**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2700/1999 (*)	L 327	1	21.12.1999
►**M101**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 212/2000 (*)	L 24	1	29.1.2000
►**M102**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 628/2000 (*)	L 76	1	25.3.2000
►**M103**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2804/2000 (*)	L 326	3	22.12.2000
►**M104**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2805/2000 (*)	L 326	7	22.12.2000
►**M105**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 1986/2001 (*)	L 271	1	12.10.2001
►**M106**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2581/2001 (*)	L 345	1	29.12.2001
►**M107**	Ir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 490/2002 (*)	L 77	1	20.3.2002
►**M108**	Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2265/2002 (*)	L 347	1	20.12.2002
►**M109**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2148/2003 tal-5 ta' Diċembru 2003	L 323	1	10.12.2003
►**M110**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2181/2003 tat-8 ta' Diċembru 2003	L 327	1	16.12.2003
►**M111**	Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2182/2003 tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2003	L 327	3	16.12.2003
►**M112**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 723/2004 tat-22 ta' Marzu 2004	L 124	1	27.4.2004
►**M113**	Regolament (KE, Euratom) Nru 23/2005 tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2004	L 6	1	8.1.2005
►**M114**	Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 31/2005 ta' l-20 ta' Diċembru 2004	L 8	1	12.1.2005
►**M115**	Regolament Nru 1972/2005 tal-Kunsill (KE, Euratom) tad-29 ta' Novembru 2005	L 317	1	3.12.2005
►**M116**	Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2104/2005 ta' l-20 ta' Diċembru 2005	L 337	7	22.12.2005
►**M117**	Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1066/2006 tas-27 ta' Ġunju 2006	L 194	1	14.7.2006
►**M118**	Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1895/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006	L 397	6	30.12.2006
►**M119**	Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 337/2007 tas-27 ta' Mrazu 2007	L 90	1	30.3.2007
►**M120**	Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1558/2007 tas-17 ta' Diċembru 2007	L 340	1	22.12.2007
►**M121**	Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 420/2008 ta' l-14 ta' Mejju 2008	L 127	1	15.5.2008

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

►**M122**	Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1323/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008	L 345	10	23.12.2008
►**M123**	Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1324/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008	L 345	17	23.12.2008
►**M124**	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 160/2009 tat-23 ta' Frar 2009	L 55	1	27.2.2009
►**M125**	Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1295/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009	L 348	9	29.12.2009
►**M126**	Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009 tat-23 ta' Diċembru 2009	L 348	10	29.12.2009
►**M127**	emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1190/2010 tat-13 ta' Diċembru 2010	L 333	1	17.12.2010
►**M128**	Regolament (UE, Euratom) Nru 1080/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010	L 311	1	26.11.2010
►**M129**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010	L 338	1	22.12.2010
►**M130**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1240/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010	L 338	7	22.12.2010
►**M131**	Regolament (UE) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013	L 287	15	29.10.2013
►**M132**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1331/2013 tal-10 ta' Diċembru 2013	L 335	1	14.12.2013
►**M133**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1415/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013	L 353	23	28.12.2013
►**M134**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1416/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013	L 353	24	28.12.2013
►**M135**	Regolament (UE) Nru 422/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014	L 129	5	30.4.2014
►**M136**	Regolament (UE) Nru 423/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014	L 129	12	30.4.2014
►**M137**	Aġġornament (2014/C 444/05)	C 444	11	12.12.2014
►**M138**	Aġġornament (2015/C 415/04)	C 415	3	15.12.2015
►**M139**	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1611 tas-7 ta" Lulju 2016	L 242	1	9.9.2016
►**M140**	Aġġornament (2016/C 466/07)	C 466	5	14.12.2016
►**M141**	Aġġornament (2016/C 466/10)	C 466	19	14.12.2016
►**M142**	Aġġornament (2017/C 429/06)	C 429	9	14.12.2017
►**M143**	Aġġornament (2018/C 451/04)	C 451	4	14.12.2018
►**M144**	Aġġornament (2018/C 451/07)	C 451	19	14.12.2018
►**M145**	Aġġornament (2019/C 1/08)	C 1	6	3.1.2019
►**M146**	Aġġornament annwali tal-2019 tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea u l-koeffiċjenti tal-korrezzjoni applikati lilhom (2019/C 420/05)	C 420	9	13.12.2019
►**M147**	Aġġornament (2019/C 420/08)	C 420	22	13.12.2019
►**M148**	Aġġornament annwali tal-2020 tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni li japplikaw għalihom (2020/C 428/10)	C 428	12	11.12.2020
►**M149**	Aġġornament b'effett mill-1 ta' Lulju 2020 dwar ir-rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea (2020/C 428/13)	C 428	26	11.12.2020
►**M150**	Aġġornament annwali tal-2021 tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni li japplikaw għalihom (2021/C 501/05)	C 501	11	13.12.2021
►**M151**	Aġġornament annwali tal-2022 tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni li japplikaw għalihom (2022/C 231/04)	C 231	4	15.6.2022

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 248, 22.9.2007, p. 26 (723/2004)

►**C2** Emendi, Ġ.U. L 248, 22.9.2007, p. 27 (259/68)

►**C3** Emendi, Ġ.U. L 130, 17.5.2012, p. 24 (723/2004)

►**C4** Emendi, Ġ.U. L 144, 5.6.2012, p. 48 (1080/2010)
►**C5** Emendi, Ġ.U. L 342, 14.12.2012, p. 48 (723/2004)
►**C6** Emendi, Ġ.U. L 140, 14.5.2014, p. 178 (422/2014)
►**C7** Emendi, Ġ.U. L 289, 25.10.2016, p. 21 (259/68)
►**C8** Emendi, Ġ.U. L 289, 25.10.2016, p. 21 (723/2004)

▼B

REGULATION No 31 (EEC), 11 (EAEC),

laying down the Staff Regulations of Officials and the Conditions of Employment of Other Servants of the European Economic Community and the European Atomic Energy Community

Sole Article

The Staff Regulations of officials and the Conditions of Employment of other servants of the European Economic Community and the European Atomic Energy Community are laid down in the Annex, which forms an integral part of this Regulation.

This Regulation shall enter into force on 1 January 1962.

This Regulation shall be binding in its entirety and directly applicable in all Member States.

▼M128

REGOLAMENTI TAL-PERSUNAL GĦALL-UFFIĊJALI TAL-UNJONI EWROPEA

▼B

LISTA TAL-KONTENUT

It-Titolu I:	**Dispożizzjonijiet ġenerali** 1 – 10c
It-Titolu II:	**Drittijiet u obbligi ta' l-uffiċjali** 11 – 26a
It-Titolu III:	**Karriera ta' l-uffiċjali**
Il-Kapitolu 1:	Reklutaġġ 27 – 34
Il-Kapitolu 2:	Stat amministrattiv 35
Taqsima 1:	Mpieg attiv 36
Taqsima 2:	Sekondar 37 – 39
Taqsima 3:	*leave*fuq raġunijiet personali 40
Taqsima 4:	Stat mhux attiv 41
Taqsima 5:	*leave* għal servizz militari 42
Taqsima 6:	vakanzi parentali jew vakanzi tal-familja 42a – 42b
Taqsima 7:	Leave fl-interessi tas-servizz 42c
Il-Kapitolu 3:	Rapporti, avvanzament għal skala ogħla u promozzjoni 43 – 46
Il-Kapitolu 4:	Tmiem tas-servizz 47
Taqsima 1:	Riżenja 48
Taqsima 2:	Riżenja ta' bilfors 49
Taqsima 3:	Irtirar fl-interessi tas-servizz 50
Taqsima 4:	Proċeduri f'każ ta' inkompetenza 51
Taqsima 5:	Irtirar 52 – 53
Taqsima 6:	Grad onorarju 54
Titolu IV:	**Kondizzjonijiet tax-xogħol ta' l-uffiċjali**
Il-Kapitolu 1:	Siegħat ta' xogħol 55 – 56c
Il-Kapitolu 2:	leave 57 – 60
Il-Kapitolu 3:	Vakanzi pubbliċi 61
Titolu V:	**Emolumenti u benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' l-uffiċjali**
Il-Kapitolu 1:	Remunerazzjoni u spejjeż
Taqsima 1:	Remunerazzjoni 62 – 70
Taqsima 2:	L-Ispejjeż 71

▼B

Il-Kapitolu 2:	Benefiċċji tas-sigurtà soċjali 72 – 76a
Il-Kapitolu 3:	Pensjonijiet u benefiċċju ta' l-invalidità 77 – 84
Il-Kapitolu 4:	Rkuprar ta' pagament mhux dovut 85
Il-Kapitolu 5:	Subrogazzjoni favur l-Unjoni 85a
Titolu VI:	**Miżuri dixxiplinari** 86
Titolu VII:	**Appelli** 90 – 91a
Titolu VIIIA:	**Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għas-seae** 95 – 99
Titolu VIIIB:	**Disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-uffiċjali li jservu f'pajjiż terz** 101a
Titolu IX:	**Disposizzjonijiet transitorji u finali**
Il-Kapitolu 1:	Disposizzjonijiet transitorji 107a
Il-Kapitolu 2:	Disposizzjonijiet finali 110 – 113
Anness I:	A. Tipi ta' pożizzjonijiet f'kull grupp ta' funzjoni, kif previst fl-Artikolu 5(4)
	B. Ir-rati ta' multiplikazzjoni bħala gwida għall-ekwivalenza medja
Anness II:	Komposizzjoni u proċedura tal-korpi pprovduti fl-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal
Anness III	Kompetizzjonijiet
Anness IV	Allowances taħt l-Artikoli 41 u 50 tar-Regolamenti tal-Persunal
Anness IVa	Xogħol part-time
Anness V	Leave
Anness VI	leave ta' kumpens u remunerazzjoni ta' sahra
Anness VII	Ir-remunerazzjoni u r-Rimborsar ta' spejjeż
Anness VIII	Skema tal-pensjoni
Anness IX	Proċeduri dixxiplinarji
Anness X	Disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-uffiċjali li jservu f'pajjiż terz
Anness XI	Ir-regoli għall-implimentazzjoni tal-artikoli 64 u 65 tar-regolamenti tal-persunal
Anness XII	Regoli għall-implimentazzjoni ta' l-artikolu 83a tar-regolamenti tal-persunal
Anness XIII	Miżuri transitorji applikabbli għall-uffiċjali tal-Unjoni (l-artikolu 107a tar-Regolamenti tal-Persunal)
Anness XIII.1	Tipi ta' posizzjonijiet matul il-perjodu transitorju

▼B

▼B

▼B

TITOLU I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

▼M112

L-Artikolu 1

Dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandhom jgħoddu għall-uffiċjali ►M128 tal-Unjoni ◄.

Artikolu 1a

1. Għall-iskopijiet ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, ►M128 "l-uffiċjal tal-Unjoni" ◄; tfisser kull persuna li kien maħtur, kif ipprovdut f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, għal posizzjoni stabbilita fil-persunal ta' waħda mill-istituzzjonijiet ►M128 tal-Unjoni ◄ b'istrument maħruġ mill-Awtorità tal-Ħatra ta' dik l-istituzzjoni.

2. Din id-definizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tgħodd ukoll għall-persuni maħtura mill-korpi ►M128 tal-Unjoni ◄, li japplikaw għalihom dawn ir-Regolamenti tal-Persunal taħt l-atti ►M128 tal-Unjoni ◄ li tistabbilixxihom (minn issa 'l quddiem "l-aġenziji";). Kull riferenza għal "istituzzjonijiet"; f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandhom jgħoddu għall-aġenziji, għajr jekk ipprovdut mod ieħor f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

L-Artikolu 1b

Għajr jekk ipprovdut mod ieħor f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal,

▼M128

(a) is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (minn hawn "il quddiem imsejjaħ is-SEAE),"

▼M112

►M128 (b) ◄ il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

►M128 (ċ) ◄ il-Kumitat tar-Reġjuni,

►M128 (d) ◄ l-Ombudsman Ewropew, u

►M128 (e) ◄ is-Superviżur Ewropew tal-Protezzjoni tad-*Data*

għandhom, għall-iskopijiet ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, jitqiesu bħala istituzzjonijiet ►M128 tal-Unjoni ◄.

Artikolu 1c

Kull riferenza f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għal persuna tas-sess maskil għandha tkun ikkunsidrata wkoll li tikkostitwixxi riferenza għal persuna tas-sess femminil, u viċe-versa, sakemm il-kuntest ma jindikax fiċ-ċar mod ieħor.

▼M93

L-Artikolu ►M112 *1d* ◄

▼M112

1. Fl-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, kull diskriminazzjoni bbażata fuq kull raġuni, bħas-sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetiċi, ilsien, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kull opinjoni oħra, sħubija f'minorita nazzjonali, proprjetà, twelid, disabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali, hija pprojbita.

▼M112

Għall-iskopijiet ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, sħubija mhux maritali għandha tkun ittrattata bħala żwieġ sakemm il-kondizzjonijiet kollha mniżżla fl-Artikolu 1(2)(ċ) ta' l-Anness VII jitħarsu.

▼M93

2. Bil-ħsieb li tkun żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn rġiel u nisa fil-ħajja tax-xogħol, ►M112 li għandu jkun element essenzali li għandu jkun ikkunsidrat fl-implimentazzjoni ta' l-aspetti kollha ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal ◄ il-prinċipju ta' trattament indaqs m'għandux jipprojbixxi l-istituzzjonijiet ►M128 tal-Unjoni Ewropea ◄ milli jżommu jew jadottaw miżuri li jipprovdu vantaġġi speċifiċi sabiex jagħmluha aktar faċli għas-sess li m'għandux rappreżentanza li jfittex attivita' vokazzjonali jew sabiex jipprevjenu jew jikkompensaw għal svantaġġi f'karrieri professjonali.

3. ►M131 L-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjojnijiet ◄ għandhom jistabbilixxu, bi ftehim, wara li jikkonsultaw il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal, il-miżuri u l-azzjonijiet biex jippromwovu opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa fl-oqsma koperti minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, u għandhom jadottaw id-disposizzjonijiet xierqa li jindirizzaw mill-ġdid it-tali *de facto*nugwaljanzi li jfixxklu opportunitajiet lin-nisa f'dawn l-oqsma.

▼M131

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, b'persuni b'diżabilità huwa mifhum dawk li għandhom indeboliment fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorjali fit-tul li, f'interazzjoni ma' ostakli ta' xort'oħra, jista' jxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq il-bażi ta' ugwaljanza ma' ħaddieħor. Tali indeboliment għandu jkun iddeterminat skont il-proċedura ppreżentata fl-Artikolu 33.

Persuna b'diżabilità taqa' taħt il-kondizzjonijiet imniżżla f'punt (e) tal-Artikolu 28 jekk tista' twettaq il-funzjonijiet essenzjali tax-xogħol meta ssir akkomodazzjoni raġonevoli.

"Akkomodazzjoni raġonevoli", dwar il-funzjonijiet essenzjali tax-xogħol, għandha tfisser il-miżuri xierqa, meta meħtieġa, li jippermettu li persuna b'diżabilità jkollha aċċess għal, tieħu sehem fi, jew tavvanza fl-impjieg, jew li tgħaddi minn taħriġ, sakemm it-tali miżuri ma jkunux jimponu piż sporporzjonat fuq min iħaddem.

Il-prinċipju ta' trattament indaqs ma għandux iwaqqaf lill-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet milli jżommu jew jadottaw miżuri li jippreveduvantaġġi speċifiċi intiżi li jiffaċilitaw l-eżerċizzju ta' attività professjonali min-naħa tal-persuni b'diżabilità, jew li jevitaw jew jikkumpensaw l-iżvantaġġi fil-karrieri professjonali tagħhom.

▼M112

5. Meta persuni koperti minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, li jikkunsidraw li saret inġustizzja magħhom għax il-prinċipju tat-trattament indaqs kif ipreżentat hawn fuq ma kienx applikat magħhom, jistabbilixxu l-fatti li jista' jkun presunt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta, ikun fuq l-istituzzjoni li tipprova li ma kienx hemm ksur fil-prinċipju tat-trattament indaqs. Din id-disposizzjoni ma tgħoddx fil-proċeduri dixxiplinarji.

6. Waqt li jkun irrispettat il-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-prinċipju tal-proporzjonalità, kull limitazzjoni fl-applikazzjoni tagħhom trid tkun iġġustifikata fuq bażijiet oġġettivi u raġonevoli, u trid tkun immirata lejn oġġetti leġittimi fl-interess ġenerali fil-qafas tal-politika tal-persunal. It-tali oġġettivi jistgħu partikolarment jiġġustifikaw li tkun stipulata età mandatarja ta' rtirar u età minima biex tieħu pensjoni ta' rtirar.

▼M112

L-Artikolu 1e

▼M131

1. L-uffiċjali f'impjieg attiv għandu jkollhom aċċess għall-miżuri ta' natura soċjali, inklużi miżuri speċifiċi li jirrikonċiljaw il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja, adottati mill-istituzzjonijiet, u għas-servizzi pprovduti mill-korpi ta' assistenza soċjali, li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 9. Dawk li qabel kienu uffiċjali jistgħu jkollhom aċċess għal miżuri speċifiċi limitati ta' natura soċjali.

▼M112

2. L-uffiċjali f'impieġ atti għandhom jingħataw l-kondizzjonijiet tax-xogħol, konformi ma' l-i*standards* xierqa tas-saħħa u tas-sigurtà, mill-anqas ekwivalenti għall-ħtiġijiet minimi applikabbli taħt il-miżuri adottati f'dawn l-oqsma skond it-Trattati.

3. Il-miżuri ta' natura soċjali adottati skond dan l-Artikolu għandhom ikunu implimentati minn kull istituzzjoni f'koperazzjoni mill-viċin mal-Kumitat tal-Persunal, fuq il-bażi ta' l-azzjonijiet multi-annwali proposti. Dawn l-azzjonijiet proposti għandhom ikunu trasmessi kull sena lill-awtorità ta' l-estimi fil-qafas tal-proċedura ta' l-estimi.

▼B

L-Artikolu 2

►M112 1. ◄ Kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi min ġewwa fiha għandu jeserċita s-setgħat mogħtija minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal fuq l-awtorità tal-ħatra.

▼M112

2. Iżda, istituzzjoni waħda jew aktar tista' tafda lil kull wieħed minnhom jew korp inter-istituzzjonali l-eserċizzju ta' xi setgħat jew is-setgħat kollha mogħtija lill-Awtorità tal-ħatra, minbarra d-deċiżjonijiet dwar il-ħatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' l-uffiċjali.

▼B

Artikolu 3

L-istrument li jaħtar uffiċjal għandu juri d-data ta' meta l-ħatra tidħol fis-seħħ; din id-data m'għandhiex tkun qabel id-data meta l-uffiċjal jibda d-dmirijiet tiegħu.

Artikolu 4

L-ebda ħatra jew promozzjoni m'għandha ssir għal xi skop ieħor barra dak biex jimtela post vojt kif provdut f'dawn ir-Regolament tal-Persunal.

Postijiet vojta f'istituzzjoni għandhom ikunu notifikati lill-persunal ta' dik l-istituzzjoni hekk kif l-awtorità tal-ħatra tiddeċiedi li l-post għandu jimtela.

▼M112

Jekk il-post battal ma jistax jimtela minn trasferiment, ħatra għal posizzjoni skond l-Artikolu 45a, jew promozzjoni, dan ikun notifikat lill-persunal ta' istituzzjonijiet oħra, u/jew kompetizzjoni interna tkun organizzata.

▼M112

L-Artikolu 5

▼M131

1. Il-pożizzjonijiet koperti minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu kklassifikati, skont in-natura u l-importanza tad-dmirijiet li jirrelataw magħhom, fi grupp ta' funzjoni tal-amministraturi (minn issa 'l quddiem "AD"), grupp ta' funzjoni tal-assistenti (minn issa 'l quddiem "AST") u grupp ta' funzjoni tas-segretarji u l-iskrivani (minn issa 'l quddiem "AST/SC").

2. Il-grupp ta' funzjoni AD għandu jkun fih tnax-il grad, li jikkorrispondu mad-dmirijiet maniġerjali, kunċettwali u analitiċi kif ukoll lingwistiċi u xjentifiċi. Il-grupp ta' funzjoni AST għandu jkun fih ħdax-il grad, li jikkorrispondu mad-dmirijiet eżekuttivi u tekniċi. Il-grupp ta' funzjoni AST għandu jkun fih ħdax-il grad, li jikkorrispondu mad-dmirijiet klerikali u segretarjali.

▼M112

3. Il-ħatra għandha teħtieġ mill-anqas:

(a) fi grupp tal-funzjoni AST ►M131 u fi grupp ta' funzjoni AST/SC: ◄:

(i) livell ta' edukazzjoni post-sekondarja ċċertifikat b'diploma, jew

(ii) livell ta' edukazzjoni sekondarja ċċertifikat b'diploma, li jagħti aċċess għal edukazzjoni post-sekonndarja, u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-anqas tliet snin, jew

(iii) fejn iġġustifikat fl-interessi tas-servizz, taħriġ professjonali jew esperjenza professjonali ta' livell ekwivalenti.

(b) fil-gruppi tal-funzjoni AD għall-gradi 5 u 6:

(i) livell ta' edukazzjoni li jikkorrospondi ma' studi universitarji kkompletati ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikat b'diploma, jew

(ii) fejn iġġustifikat fl-interess tas-servizz, taħriġ professjonali ta' livell ekwivalenti.

(ċ) fil-gruppi tal-funzjoni AD għall-gradi 7 sa 16:

(i) livell ta' edukazzjoni li jikkorrospondi ma' studji universitarji kkompletati, iċċertifikat b'diploma meta l-perjodu normali ta' l-edukazzjoni universitarja hija erba' snin jew aktar, jew

(ii) livell ta' edukazzjoni li jikkorrospondi ma' studji universitarji kkompletati, iċċertifikat b'diploma, esperjenza professjonali xierqa ta' mill-anqas sena, meta l-perjodu normali ta' l-edukazzjoni universitarja hija mill-anqas tliet snin jew aktar, jew

(iii) fejn iġġustifikat fl-interessi tas-servizz, taħriġ professjonali ta' livell ekwivalenti.

▼M131

4. L-Anness I, Taqsima A fih tabella bit-tip ta' pożizzjonijiet. B'referenza għal dik it-tabella, l-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjonijiet tista' tiddefinixxi f'aktar dettall id-dmirijiet u s-setgħat li huma marbuta ma' kull tip ta' pożizzjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar ir-Regolamenti tal-Persunal.

▼M112

5. Kondizzjonijiet identiċi għar-reklutaġġ u s-servizz ta' karriera għandhom japplikaw għall-uffiċjali kollha ta' l-istess grupp tal-funzjoni.

▼M131

Artikolu 6

1. It-tabella tal-persunal li hija mehmuża mat-taqsima tal-baġit relatata ma' kull istituzzjoni għandha tindika l-għadd ta' pożizzjoniijiet f'kull grad u grupp ta' funzjoni.

2. Bla ħsara għall-prinċipju ta' promozzjoni bbażata fuq il-mertu kif inhuwa stabbilit fl-Artikolu 45, dak il-pjan għandu jiżgura li fir-rigward ta' kull istituzzjoni, l-għadd ta' pożizzjonijiet battala f'kull grad tal-pjan tal-persunal fl-1 ta' Jannar ta' kull sena jkun jikkorrispondi għall-għadd ta' uffiċjali fil-grad aktar baxx li jkunu impjegati attivament fl-1 ta' Jannar tas-sena ta' qabel, multiplikat bir-rati stabbiliti fl-Anness I, Taqsima B, għal dak il-grad. Dawn ir-rati għandhom ikunu applikati fuq bażi medja fuq ħames snin mill-1 ta' Jannar 2014.

3. Ir-rati stabbiliti fl-Anness I, Taqsima B, għandhom jifformaw parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 113.

4. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-grupp ta' funzjoni AST/SC u dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji stipulati fl-Artikolu 31 tal-Anness XIII, b'kunsiderazzjoni tal-evoluzzjoni tal-ħtieġa ta' persunal li jwettaq kompiti segretarjali u klerikali fl-istituzzjonijiet kollha u l-evoluzzjoni ta' pożizzjonijiet permanenti u temporanji fil-gruppi ta' funzjoni AST u AST/SC għandhom jifformaw parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 113.

▼M112

Artikolu 7

1. L-Awtorità tal-Ħatra għandha, waqt li taġixxi biss fl-interess tas-servizz u mingħajr kas tan-nazzjonalità, tassenja kull uffiċjal b'ħatra jew trasferiment għall-posizzjoni fil-grupp tal-funzjoni tiegħu li jikkorrospondi mal-grad tiegħu.

Uffiċjal jista' japplika għal trasferiment ġewwa l-istituzzjoni tiegħu.

2. Uffiċjal jista' jissejjaħ biex jieħu posizzjoni temporanjament fi grad fil-grupp tal-funzjoni tiegħu li huwa ogħla mill-grad sostantiv tiegħu. Mill-bidu tar-raba' xahar tat-tali posizzjoni temporanja, huwa għandu jirċievi benefiċċju tad-differenza li huwa daqs id-differenza bejn ir-remunerazzjoni konnessa mal-grad u l-iskala sostantivi tiegħu, u r-remunerazzjoni li kieku jirċievi fl-iskala li kien ikun ikklassifikat jekk jinħatar għall-grad tal-posizzjoni temporanja tiegħu.

It-tul ta' żmien tal-posizzjoni temporanja m'għandux jaqbeż is-sena, ħlief fejn, direttament jew indirettament, il-posizzjoni hija biex jinbidel uffiċjal li huwa sekondat għal posizzjoni oħra fl-interessi tas-servizz, imsejjaħ għal servizz militari jew assenti fuq vakanzi ta' mard fit-tul.

▼B

Artikolu 8

Uffiċjal sekondat għal istituzzjoni oħra ►M128 tal-Unjoni Ewropea ◄ jista', wara perjodu ta' sitt xhur, japplika biex ikun trasferit għal dik l-istituzzjoni.

Jekk l-istituzzjon ewlenija ta' l-uffiċjal u l-istituzzjoni li kien sekondat fiha t-tnejn jaċċettaw it-trasferiment, l-uffiċjal għandu jitqies li serva s-servizz kollu tal-karriera tiegħu ►M128 fl-Unjoni ◄ f'din l-istituzzjoni l-aħħar imsemmija. Huwa m'għandux jirċievi bis-saħħa tat-tali trasferiment xi benefiċċju finanzjarju li uffiċjal huwa intitolat li jirċievi taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal mat-tmiem tas-servizz minn ma' waħda mill-istituzzjonijiet ►M128 tal-Unjoni ◄.

Jekk id-deċiżjoni li tagħti l-applikazzjoni tinvolvi stabbiliment fi grad ogħla minn dak okkupat mill-istituzzjoni ewlenija, din għandha tgħodd bħala promozzjoni; it-tali deċiżjoni tista' tittieħed biss skond it-termini ta' l-Artikolu 45.

▼B

Artikolu 9

▼M131

1. Bla ħsara għall-paragrafu 1a, fi ħdan kull istituzzjoni ser jiġu stabbiliti:

— Kumitat tal-Persunal, li jista' jiġi organizzat f'taqsimiet għall-postijiet tax-xogħol differenti;

— Kumitat Konġunt wieħed jew aktar, kif xieraq għall-għadd ta' uffiċjali fil-postijiet tax-xogħol;

— Bord tad-Dixxiplina wieħed jew aktar, kif xieraq għall-għadd ta' uffiċjali fil-postijiet tax-xogħol;

— Kumitat Konġunt ta' Konsulenza wieħed jew aktar dwar inkompetenza professjonali, kif xieraq għall-għadd ta' uffiċjali fil-postijiet tax-xogħol;

— Kumitat tar-Rapporti, jekk ikun meħtieġ;

— Kumitat tal-Invalidità,

li ser iwettqu l-funzjonijiet assenjati lilhom minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

1a. Għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, jista' jinħoloq Kumitat Konġunt komuni għal żewġ istituzzjonijiet jew aktar. Il-Kumitati l-oħrajn li huma msemmija fil-paragrafu 1 u l-Bord tad-Dixxiplina jistgħu jinħolqu bħala korpi komuni għal żewġ aġenziji jew aktar.

▼B

2. Il-komposizzjoni u l-proċedura tal-korpi għandha tkun stabbilita minn kull istituzzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-Anness II.

▼M131

L-aġenziji jistgħu jidderogaw mid-dispożizjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Anness II dwar is-sħubija fil-Kumitat tal-Persunal sabiex iqisu l-għamla tal-persunal tagħhom. L-aġenziji jistgħu jiddeċiedu li ma jaħtrux membri sostituti fil-Kumitat jew Kumitati Konġuniti kif inhuwa previst fl-Artikolu 2 tal-Anness II.

▼M112

Il-persunal ta' l-istituzzjoni għandu jkun notifikat bil-lista tal-membri ta' dawn il-korpi.

▼B

3. Il-Kumitat tal-Persunal għandu jirrappreżenta l-interessi tal-persunal rigward l-istituzzjoni tagħhom u jżomm kuntatt kontinwu bejn l-istituzzjoni u l-persunal. Għandu jikkontribwixxi għall-operazzjoni tajba tas-servizz billi jipprovdi mezz ta' espressjoni ta' l-opinjoni tal-persunal.

Għandu jġib għall-attenzjoni tal-korpi kompetenti ta' l-istituzzjoni kull diffikulta li jkollha implikazzjonijiet ġenerali dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal. Jista' jkun ikkonsultat fuq kull diffikulta ta' dan it-tip.

Il-Kumitat għandu jibgħat lill-korpi kompetenti ta' l-istituzzjoni suġġerimenti dwar l-organizzazzjoni u l-operazzjoni tas-servizz u proposti għat-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal jew il-kondizzjonijiet ġenerali ta' l-għajxien.

▼B

Il-Kumitat għandu jieħu sehem fl-amministrazzjoni u superviżjoni tal-korpi ta' assistenza soċjali mwaqqfa mill-istituzzjoni fl-interessi tal-persunal tagħha. Jista', bil-kunsens ta' l-istituzzjoni, jistabbilixxi t-tali servizzi ta' assistenza soċjali.

4. Barra l-funzjonijiet assenjati lilhom minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kumitat jew il-Kumitati Konġunti jista' jkunu kkonsultati mill-awtorità tal-ħatra jew mill-Kumitat tal-Persunal dwar mistoqsijiet ta' natura ġenerali li wieħed minn ta' l-aħħar jaħseb li għandhom isiru.

▼M112

5. L-opinjoni tal-Kumitat tar-Rapporti għandha tinkiseb:

(a) dwar azzjoni wara li jitlesta servizz probatorju; u

(b) dwar l-għażla tal-persunal li għandhom ikunu affettwati minn xi tnaqqis fl-istabbiliment.

Tista' tingħata struzzjonijiet mill-Awtorità tal-Ħatra biex tiżgura li r-rapporti perjodiċi tal-membri tal-persunal isiru b'mod uniformi fl-istituzzjoni.

6. L-opinjoni tal-Kumitat Konġunt tal-Konsulenza dwar inkompetenza professjonali għandha tinkiseb għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 51.

L-Artikolu 10

Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun stabbilit li jikkonsisti minn rappreżentanti ta' l-istituzzjonijiet ►**M128** tal-Unjoni ◄ u numru ndaqs ta' rappreżentanti tal-Kumitati tal-Persunal tagħhom. Il-proċedura biex jinħatru membri tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tkun deċiża bil-qbil komuni ►**M131** tal-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet. ◄. L-aġenziji għandhom ikunu rrappreżentati flimkien skond ir-regoli li għandhom ikunu stabbiliti bejniethom u l-Kummissjoni.

Il-Kumitat għandu jkun ikkonsultat mill-Kummissjoni fuq il-proposti kollha għar-reviżjoni tar-Regolamenti tal-Persunal; għandu jwassal l-opinjoni tiegħu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-Kummissjoni. Barra l-funzjonijiet mogħtija lill-Kumitat b'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, jista' jagħti suġġerimenti għar-reviżjoni tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-Kumitat għandu jiltaqa' fuq it-talba tal-President tiegħu, istituzzjoni jew il-kumitat tal-persunal ta' istituzzjoni.

Il-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat għandhom ikunu kkomunikati lill-korpi xierqa.

▼M23

Artikolu 10a

L-istituzzjoni għandha tippreskrivi l-perjodi li matulhom il-Kumitat tal-Persunal, il-Kumitat Konġunt jew il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal iridu jwasslu opinjonijiet mitluba minnhom; dawn il-perjodi m'għandhomx ikunu anqas minn 15-il ġurnata ta' xogħol. Jekk l-ebda opinjoni ma titwassal matul il-perjodu preskritt l-istituzzjoni għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha.

▼M112

Artikolu 10b

It-*trade unions* u l-assoċjazzjonijiet tal-persunal riferuti fl-Artikolu 24b għandhom jaġixxu fl-interess ġenerali tal-persunal, mingħajr preġudizzju għas-setgħat statutorji tal-kumitati tal-persunal.

▼M112

Il-proposti tal-Kummissjoni riferuti fl-Artikolu 10 jistgħu jkunu s-suġġett tal-konsultazzjonijiet mit-*trade unions* u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tal-persunal.

Artikolu 10c

Kull istituzzjoni tista' tikkonkludi ftehim dwar il-persunal tagħha mat-*trade unions* u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħha tal-persunal. It-tali ftehim ma jistax ikun fihom emendi tar-Regolamenti tal-Persunal jew xi impennji ta' estimi, lanqas ma jistgħu jaffettwaw l-ħidma ta' l-istituzzjoni kkonċernata. It-*trade unions* u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tal-persunal, li huma firmatarji, għandhom joperaw f'kull istituzzjoni, suġġetti għas-setgħat statutorji tal-kumitat tal-persunal.

▼B

TITOLU II

DRITTIJIET U OBBLIGI TA' L-UFFIĊJALI

▼M131

Artikolu 11

L-uffiċjal għandu jaqdi dmirijietu u jġib ruħu esklużivament bl-interessi tal-Unjoni quddiem għajnejh. Huwa m'għandux ifittex jew jaċċetta istruzzjonijiet mill-ebda gvern, awtorità, organizzazzjoni jew persuna barra l-istituzzjoni tiegħu. Għandu jaqdi d-dmirijiet fdati lilu b'mod oġġettiv, imparzjali u fir-rispett tad-dmir tiegħu ta' lealtà lejn l-Unjoni.

Mingħajr il-permess tal-awtorità tal-ħatra, l-uffiċjal ma jistax jaċċetta minn kwalunkwe gvern jew minn kwalunkwe entità oħra minbarra l-istituzzjoni tiegħu xi onorifiċenza, dekorazzjoni, favur, rigal jew ħlas ta' kwalunkwe natura, ħlief għas-servizzi mogħtija qabel il-ħatra tiegħu, matul leave speċjali għas-servizz militari jew nazzjonali ieħor jew għal dak it-tali servizz.

Qabel ma tirrekluta uffiċjal, l-awtorità tal-ħatra għandha teżamina jekk il-kandidat għandux interess personali li jikkomprommetti l-indipendenza tiegħu jew jekk jinsabx f'xi sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess. Għal dak il-għan, il-kandidat, billi juża formola speċifika, għandu jinforma lill-awtorità tal-ħatra dwar kwalunkwe kunflitt ta' interess effettiv jew potenzjali. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità tal-ħatra għandha tqis dan f'opinjoni debitament motivata. Jekk ikun neċessarju, l-awtorità tal-ħatra għandha tieħu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 11a(2).

Dan l-Artikolu għandu japplika b' analogija għall-uffiċjali li jirritornaw mil-leave għal raġunijiet personali.

▼M112

L-Artikolu 11a

1. Uffiċjal m'għandux, fil-qadi ta' dmirijietu u għajr kif ipprovdut minn hawn 'l quddiem, jieħu ħieb affari li fihom, direttament jew indirettament, għandu xi interess personali tali li jfixkel l-indipendenza tiegħu, u, partikolarment, l-interessi tal-familja jew finanzjarji.

2. Kull uffiċjal li jkollu, fil-qadi ta' dmirijietu, jieħu ħsieb affari kif riferuta hawn fuq, għandu minnufih javża lill-Awtorità tal-Ħatra. L-Awtorità tal-Ħatra għandha tieħu kull miżura xierqa, u tista' partikolarment tneħħi l-uffiċjal mir-responsabbiltà ta' din l-affari.

▼M112

3. Uffiċjal la jista' jżomm lanqas jakkwista, direttament jew indirettament, f'impriżi li huma suġġetti għall-awtorità ta' l-istituzzjoni tiegħu jew li kellhom x'jaqsmu ma' dik l-istituzzjoni, xi interess tat-tali tip jew kwantità li tista' tfixkel l-indipendenza fil-qadi ta' dmirijietu.

L-Artikolu 12

▼C5

L-Uffiċjal għandu joqgħod lura minn kull azzjoni jew imġiba li tista' tirrifletti ħażin fuq il-pożizzjoni tiegħu.

▼M112

L-Artikolu 12a

▼C5

1. L-Uffiċjali għandhom joqogħdu lura minn kull forma ta' turment psikoloġiku jew sesswali.

▼M112

2. Uffiċjal li kien vittma ta' turment psikoloġiku jew sesswali, m'għandux isofri xi effetti ta' preġudizzju min-naħa ta' l-istituzzjoni. Uffiċjal li ngħata evidenza dwar turment psikoloġiku jew sesswali, m'għandux isofri xi effetti ta' preġudizzju min-naħa ta' l-istituzzjoni, sakemm l-uffiċjal aġixxa b'onestà.

3. "Turment psikoloġiku"; ifisser kull imġiba mhux xierqa li ssir tul perjodu, hija ripetittiva jew sitematika u tinvolvi atteġġament fisku, lingwa mlissna jew miktuba, azzjonijiet jew atti oħra li huma intenzjonali u li jistgħu jbaxxu l-personalità, dinjità, jew integrità fisika jew psikoloġika ta' xi persuna.

4. "Turment sesswali"; tfisser imġiba relatata mas-sess li ma tridhiex il-persuna li hija diretta għaliha, u li għandha l-iskop jew l-effett li toffendi dik il-persuna jew toħloq ambjent ta' intimidazzjoni, ostili, offensiva jew disturbat. It-turment sesswali għandu jkun ittrattat bħala diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.

Artikolu 12b

1. Suġġett għall-Artikolu 15, uffiċjal li jixtieq jingaġġa f'attivita' barranija, kemm jekk bil-ħlas jew le, jew li jwettaq xi inkarigu barra ►M128 l-Unjoni, ◄ għandu l-ewwel jikseb il-permess ta' l-Awtorità tal-Ħatra. Il-permess għandu jkun irrifjutat jekk l-attività jew l-inkarigu in kwestjoni huwa tali li jfixkel l-qadi fid-dmirijiet ta' l-uffiċjal, jew huwa inkompatibbli ma' l-interessi ta' l-istituzzjoni.

2. Uffiċjal jista' javża lill-Awtorità tal-Ħatra b'kull bidla fl-attività jew inkarigu barrani permess, li tiġri wara li l-uffiċjal talab għall-permess ta' l-Awtorità tal-Ħatra taħt il-paragrafu 1. Il-permess jista' jkun irtirat jekk l-attività jew l-inkarigu ma jibqax iħares il-kondizzjonijiet riferuti fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 1.

▼B

Artikolu 13

Jekk mart uffiċjal għandha mpieg bi qligħ, l-uffiċjal għandu jinforma l-awtorità tal-ħatra ta' l-istituzzjoni tiegħu. Jekk in-natura ta' l-impieg tirriżulta li hija inkompatibbli ma' dik ta' l-uffiċjal u jekk l-uffiċjal mhux kapaċi jagħti garanzija li se jieqaf f'perjodu speċifikat, l-awtorità tal-ħatra għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat Konġunt, tiddeċiedi jekk l-uffiċjal għandux ►M112 ikompli fil-posizzjoni tiegħu, jew ikun ittrasferit għal posizzjoni oħra ◄.

▼**M112**

_____

L-Artikolu 15

1. Uffiċjal li bi ħsiebu jikkontesta għall-uffiċċju pubbliku għandu javża lill-Awtorità tal-Ħatra. L-Awtorità tal-Ħatra għandha tiddeċiedi, fuq bażi ta' l-interessi tas-servizz, jekk l-uffiċjal ikkonċernat:

(a) għandux jintalab japplika għal vakanzi għal raġunijiet personali, jew

(b) għandux jingħata vakanzi annwali, jew

(ċ) jistax ikun awtorizzat li jaqdi dmirijiet fuq bażi *part-time*, jew

(d) jistax ikompli jaqdi dmirijietu bħal qabel.

2. Uffiċjal elett jew maħtur għall-uffiċċju pubbliku għandu minnufih javża lill-Awtorità tal-Ħatra. L-Awtorità tal-Ħatra għandha, wara li tikkunsidra l-interessi tas-servizz, l-importanza ta' l-uffiċċju, id-dmirijiet marbutin miegħu, u r-remunerazzjoni u rrimborżar ta' l-ispejjez li ntefqu biex jitwettqu dawk id-dmirijiet, tieħu waħda mid-deċiżjonijiet riferuti fil-paragrafu 1. Jekk l-uffiċjal huwa mitlub jieħu l-vakanzi għal raġunijiet personali, jew huwa awtorizzat jaqdi dmirijietu fuq bażi *part-time*, il-perjodu tat-tali vakanzi jew il-ħidma fuq bażi *part-time* għandhom jikkorrospondu mal-perjodu li fih l-uffiċjal iżomm l-uffiċċju.

▼**M131**

L-Artikolu 16

Uffiċjal għandu, wara li jħalli s-servizz, jibqa' marbut mid-dmir li jġib ruħu b'integrità u diskrezzjoni rigward l-aċċettazzjoni ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji.

L-uffiċjali li biħsiebhom jingaġġaw f'attività ta' okkupazzjoni, kemm jekk bi qligħ jew le, fi żmien sentejn wara li jitilqu mis-servizz għandhom jinfurmaw lill-istituzzjoni tagħhom b'dan billi jużaw formola speċifika. Jekk dik l-attività tkun marbuta max-xogħol imwettaq mill-uffiċjal matul l-aħħar tliet snin tas-servizz, u tista' twassal għall-kunflitt mal-interessi leġittimi tal-istituzzjoni, l-awtorità tal-ħatra tista', wara li tkkunsidra l-interessi tas-servizz, jew ma tħallihx jidħol għaliha, jew tagħti l-approvazzjoni tagħha, suġġetta għal kull kondizzjoni li tqis xierqa. L-awtorità tal-ħatra għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat Konġunt, tinnotifika d-deċiżjoni tagħha fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta tkun informata b'dan. Jekk it-tali notifika ma tkunx saret sal-aħħar ta' dak il-perjodu, jitqies li dan ifisser aċċettazzjoni impliċita.

L-awtorità tal-ħatra għandha, fil-prinċipju, tipprojbixxi lil dawk li kienu uffiċjali ta' livell għoli kif definiti fil-miżuri ta' implimentazzjoni, milli, matul it-12-il xahar wara li jitilqu mis-servizz, jiżvolġu attività ta' lobbying jew ta' difiża fil-konfront tal-persunal ta' dik li kienet l-istituzzjoni tagħhom, f'isem il-kumpanija tagħhom, il-klijenti tagħhom jew l-impjegaturi tagħhom, dwar kwistjonijiet li minnhom kienu responsabbli matul l-aħħar tliet snin ta' servizz.

B'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], kull istituzzjoni għandha tippubblika kull sena l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tat-tielet paragrafu, inkluża lista tal-każijiet eżaminati.

[1] Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

▼**M112**

L-Artikolu 17

1. Uffiċjal għandu jżomm lura minn kull żvelar mhux awtorizzat ta' l-informazzjoni riċevuta waqt il-qadi ta' dmirijietu, sakemm dik l-informazzjoni mhux diġà magħmula pubblika jew hija aċċessibbli għall-pubbliku.

2. Uffiċjal għandu jkompli jkun marbut b'dan l-obbligu wara li jitlaq mis-servizz.

L-Artikolu 17a

1. Uffiċjal għandu d-dritt għal-libertà ta' l-espressjoni, b'rispett dovut għall-prinċipji tal-lealtà u l-imparzjalità.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 12 u 17, uffiċjal li bi ħiebu jippubblika jew jagħmel biex jippubblika, kemm waħdu jew ma' oħrajn, kull kwestjoni li titratta x-xogħol ►**M128** tal-Unjoni, ◄ għandu javża lill-Awtorità tal-Ħatra minn qabel.

Meta l-Awtorità tal-Ħatra kapaċi turi li l-kwestjni tista' serjament tippreġudika l-interessi leġittimi ►**M128** tal-Unjoni, ◄ l-Awtorità tal-Ħatra għandha tinforma lill-uffiċjal bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub fi żmien 30 jum utli mill-irċevuta ta' l-informazzjoni. Jekk it-tali deċiżjoni m'hiex notifikati waqt il-perjodu speċifikat, l-Awtorità tal-Ħatra għandha titqies li m'għandhiex oġġezzjonijiet.

L-Artikolu 18

▼**M131**

1. Id-drittijiet kollha f'kull kitba jew xogħol ieħor magħmul minn kull uffiċjal fil-qadi ta' dmirijietu għandhom ikunu l-proprjetà tal-Unjoni Ewropea jew, meta tali kitbiet jew xogħol ikunu jirrelataw mal-attivitajiet tagħha jew, meta tali kitbiet jew xogħol ikunu jirrelataw mal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, għandhom ikunu l-proprjetà tal-Komunità. L-Unjoni, jew fejn huwa applikabbli, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għandu jkollha d-dritt li takkwista d-drittijiet tal-awtur ta' tali xogħlijiet b'mod obbligatorju.

▼**M112**

2. Kull invenzjoni li ssir minn uffiċjal matul jew f'konnessjonimal-qadi ta' dmirijietu għandu jkun il-proprjetà li ma tistax tkun iddubitata, ►**M128** tal-Unjoni ◄. L-istituzzjoni tista', taħt l-ispejjeż tagħha u f'isem ►**M128** l-Unjoni, ◄ tapplika għal u tikseb patenti għalihom fil-pajjiżi kollha. Kull invenzjoni relatata max-xogħol ►**M128** tal-Unjoni ◄ magħmul minn uffiċjal matul is-sena ta' wara meta skada l-perjodu tad-dmir tiegħu, għandu, sakemm ippruvat mod ieħor, jitqies li sar matul jew f'konnessjoni mal-qadi ta' dmirijietu. Fejn l-invenzjonijiet huma s-suġġett ta' patenti, l-isem ta' l-inventur jew ta' l-inventuri għandu jissemma'.

3. L-istituzzjoni tista', f'każijiet xierqa, tagħti bonus, li l-ammont tiegħu jkun stabbilit mill-istituzzjoni, lill-uffiċjal li huwa l-awtur ta' invenzjoni patentata.

▼**M131**

Artikolu 19

Uffiċjal m'għandux, mingħajr il-permess tal-awtorità tal-ħatra, jiżvela għall-ebda raġuni, fi proċeduri legali informazzjoni li jaf biha minħabba dmirijietu. Il-permess għandu jkun rifjutat biss fejn l-interessi tal-Unjoni hekk jeħtieġu u t-tali rifjut ma jġibx konsegwenzi kriminali sa fejn l-uffiċjal huwa kkonċernat. Uffiċjal għandu jibqa' marbut b'dan l-obbligu wara li jħalli s-servizz.

▼M131

Id-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu m'għandhomx japplikaw għal uffiċjal jew għal min kien uffiċjal li jagħti evidenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew quddiem Bord tad-Dixxiplina ta' istituzzjoni fuq kwistjoni li tikkonċerna aġent jew wieħed li kien aġent tal-Unjoni Ewropea.

▼B

Artikolu 20

Uffiċjal għandu jgħix jew fil-post fejn huwa mpjegat jew f'distanza mhux aktar il-bogħod milli huwa kompatibbli mal-qadi sew ta' dmirijietu. ►M112 L-uffiċjal għandu javża lill-Awtorità tal-Ħatra bl-indirizz tiegħu u għandu javżaha minnufih b'kull bidla fl-indirizz. ◄

Artikolu 21

Uffiċjal, ikun xi jkun il-grad tiegħu, għandu jassisti u jgħaddi pariri lis-superjuri tiegħu; huwa għandu jkun reponsabbli mill-qadi tad-dmirijiet assenjati lilu.

Uffiċjal responsabbli minn kwalunkwe fergħa tas-servizz għandu jkun responsabbli mas-superjuri tiegħu dwar l-awtorità mogħtija lilu u biex iwettaq l-istruzzjonijiet mogħtija minnu. Ir-responsabbilta' ta' dawk ta' taħtu bl-ebda mod ma tirrilaxxah mir-responsibbilta' tiegħu stess.

▼M112

_____

L-Artikolu 21a

1. Uffiċjal li jirċievi ordnijiet li jikkunsidra li huma irregolari jew x'aktarx se joħolqu diffikoltajiet serji għandu jinforma s-superjur ta' fuqu, li għandu, jekk l-informazzjoni tingħata bil-miktub, iwieġeb bil-miktub. Suġġett għall-paragrafu 2, jekk is-superjur ta' fuqu jikkonferma l-ordnijiet u l-uffiċjal jemmen li t-tali konferma ma tikkostitwix risposta raġonevoli għar-raġunijiet għat-tħassib tiegħu, l-uffiċjal għandu jirreferi l-kwestjoni bil-miktub lill-awtorità tal-ġerarkija ta' fuqha eżatt. Jekk ta' l-aħħar jikkonferma l-ordnijiet bil-miktub, l-uffiċjal għandu jwettaqhom, sakemm ma jidhrux fiċ-ċar li huma illegali, jew jikkostitwixxu ksur fl-i*standards* relevanti ta-sigurtà.

2. Jekk is-superjur ta' fuqu eżatt, jikkunsidra li l-ordnijiet għandhom ikun esegwiti minnufih, l-uffiċjal għandu jwettaqhom, sakemm ma jidhrux fiċ-ċar li huma illegali, jew jikkostitwixxu ksur fl-i*standards* relevanti ta-sigurtà. Fuq it-talba ta' l-uffiċjal, is-superjur ta' fuqu eżatt għandu jkun obbligat li jagħti t-tali ordnijiet bil-miktub.

▼M131

3. Uffiċjal li jinforma lis-superjuri tiegħu dwar ordnijiet li kkunsidra li kienu irregolari jew li x'aktarx iwasslu għal diffikultajiet serji ma għandu jsofri l-ebda preġudizzju f'dak ir-rigward.

▼B

Artikolu 22

Uffiċjal jista' jkun mitlub li jagħmel tajjeb, kompletament jew parzjalment, għal kull ħsara soffruta ►M128 mill-Unjoni ◄ minħabba riżultat ta' mġieba ħażina serja min naħa tiegħu fil-kors jew f'konnessjoni mal-qadi tad-dmirijietu.

Deċiżjoni raġunata għandha tingħata mill-awtorità tal-ħatra skond il-proċedura mniżżla rigward kwistjonijiet dixxiplinari.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ►M128 tal-Unjoni Ewropea ◄ għandu jkollha ġurisdizzjoni illimitata f'tilwim li jinqala' taħt din id-disposizzjoni.

▼**M112**

L-Artikolu 22a

1. Kull uffiċjal li matul jew f'konnessjoni mal-qadi ta' dmirijietu, isir jaf b'xi fatti li joħolqu supposizzjoni għall-eżistenza ta' attività possibilment illegali, inklużi frodi jew korruzzjoni, li hija detrimentali għall-interessi ►**M128** tal-Unjoni, ◄ jew ta' kondott relatata mat-twettiq tad-dmirijiet professjonali li jistgħu jikkostitwixxu nuqqas serju biex iħarsu l-obbligi ta' l-uffiċjali ►**M128** tal-Unjoni ◄, għandhu mingħajr dewmien javża jew lis-superjur ta' fuqu eżatt jew id-Direttur Ġenerali tiegħu jew, jekk jaħseb li tkun utli, lis-Segretarju Ġenerali, jew il-persuni fil-posizzjonijiet ekwivalenti, jew dirett lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata bil-miktub.

Dan il-paragrafu għandu wkoll japplika fil-każ ta' nuqqas serju li jitħares obbligu simili min-naħa ta' Membru ta' istituzzjoni jew kull persuna oħra fis-servizz ta' jew li jwettaq xogħol għall-istituzzjoni.

2. Kull uffiċjali li jirċievi l-informazzjoni riferuta fil-paragrafu 1 għandu mingħajr dewmien jittrasmetti lil OLAF, kull evidenza li jaf biha, li minnha l-eżistenza ta' l-irregolaritajiet riferuti fil-paragrafu 1 tista' tkun preżunta.

3. Uffiċjal m'għandux isofri minn xi effetti ta' preġudizzju min-naħa ta' l-istituzzjoni, bħala riżultat talli kkomunika l-informazzjoni riferuta fil-paragrafi 1 u 2, sakemm aġixxa raġonevoli u bl-onestà.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 m'għandhomx japplikaw għad-dokumenti, kuntratti, rapporti, noti jew informazzjoni f'liema forma tkun, miżmuma għall-iskopijiet ta', jew maħluqa jew żvelati, lill-uffiċjal waqt li għad-dejjin proċeduri f'każijiet legali, kemm jekk pendenti jew magħluqa.

Artikolu 22b

1. L-uffiċjal li jiżvela aktar, informazzjoni kif definit fl-Artikolu 22a lill-President tal-Kummissjoni jew lill-Qorti ta' l-Awdituri jew tal-Kunsill jew tal-Parlament Ewropew, jew lill-Ombudsman Ewropew, m'għandux isofri xi effetti ta' preġudizzju min-naħa ta' l-istituzzjoni tiegħu, sakemm jitħarsu ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-uffiċjal onestament u bir-raġun jemmen li l-informazzjoni żvelata, u kull allegazzjoni li fiha, huma sostanzjalment vera; u

(b) l-uffiċjal kien żvela l-istess informazzjoni qabel lil OLF jew lill-istituzzjoni tiegħu u ppermetta lil OLAF u lil dik l-istituzzjoni l-perjodu ta' żmien stabbilit mill-Uffiċċju jew l-istituzzjoni, minħabba l-komplessità tal-każ, biex tieħu l-azzjoni xierqa. L-uffiċjal għandu mbagħad jkun informat b'dak il-perjodu ta' żmien matul 60 ġurnata.

▼M112

2. Il-perjodu riferut fil-paragrafu 1 m'għandux japplika meta l-uffiċjal jista' juri li mhux raġonevoli wara li jkunu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi talkaż.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għad-dokumenti, kuntratti, rapporti, noti jew informazzjoni f'liema forma tkun, miżmuma għall-iskopijiet ta', jew maħluqa jew żvelati, lill-uffiċjal waqt li għaddejjin proċeduri f'każijiet legali, kemm jekk pendenti jew magħluqa.

▼M131

Artikolu 22c

F'konformità mal-Artikoli 24 u 90, kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi proċedura għall-ġestjoni tal-ilmenti magħmula minn uffiċjali rigward it-trattament li ngħataw b'segwitu jew b'konsegwenza tal-qadi tal-obbligi tagħhom skont l-Artikoli 22a jew 22b. L-istituzzjoni kkonċernata għandha tiggarantixxi li tali lmenti jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali u, meta jkun iġġustifikat miċ-ċirkostanzi, qabel jiskadu t-termini stabbiliti fl-Artikolu 90.

L-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi regoli interni dwar, fost affarijiet oħra:

— il-komunikazzjoni lill-uffiċjali msemmija fl-Artikolu 22a(1) jew l-Artikolu 22b tal-informazzjoni dwar is-segwitu mogħti għarrapportar tagħhom,

— il-ħarsien tal-interessi leġittimi ta' dawk l-uffiċjali u tal-privatezza tagħhom, u

— il-proċedura għall-ġestjoni tal-ilmenti msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 23

Il-privileġġi u l-immunitajiet li jgawdu l-uffiċjali jingħataw biss fl-interessi ►M128 tal-Unjoni. ◄ Suġġetti ►M15 għall-Protokoll dwar ◄ il-Privileġġi u l-Immunitajiet, l-uffiċjali m'għandhomx ikunu eżentati milli jwettqu l-obbligi privati tagħhom jew milli jħarsu l-liġijiet u r-regoli tal-pulizija fis-seħħ.

Meta l-privileġġi u l-immunitajiet huma in kontestazzjoni, l-uffiċjal ikkonċernat għandu minnufih jinforma l-awtorità tal-ħatra.

▼M128

Il-laissez-passer previst fil-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għandu jingħata lill-kapijiet ta' unità, lill-uffiċjali ta' grad AD12 sa AD16, lill-uffiċjali li qed iservu barra mit-territorju tal-Unjoni Ewropea u lill-uffiċjali l-oħra li għalihom dan huwa meħtieġ fl-interess tas-servizz.

▼B

Artikolu 24

►M15 ►M128 L-Unjoni ◄ għandha tassisti kull uffiċjal ◄, partikolarment fi proċeduri kontra kull persuna li tagħmel theddid, atti jew kliem ta' insult jew defamatorji, jew kull attakk fuq persuna jew proprjeta' li għalihom huwa jew membru mill-familja tiegħu huwa suġġett minħabba l-posizzjoni jew id-dmirijiet tiegħu.

▼B

►M15 Huma għandhom jikkumpensaw *in solidum* ◄ l-uffiċjal għall-ħsara li sofra fit-tali każijiet, sakemm l-uffiċjal ma kkawżax il-ħsara intenzjonalment jew b'negliġenza gravi u ma kienx kapaċi jikseb kumpens mill-persuna li kkważata.

l-Artikolu ►M112 *24a* ◄

▼M23

Għandha tiffaċilita dak it-taħriġ u struzzjoni addizzjonali għall-uffiċjali kif inhu kompatibbli mal-ħidma tajba tas-servizz u ma' l-interessi ►M128 tal-Unjoni ◄ stess.

L-imsemmi taħriġ u struzzjoni għandu jkun ikkunsidrat għall-iskopijiet ta' promozzjoni fil-karriera tagħhom.

Artikolu ►M112 *24b* ◄

L-uffiċjali għandhom ikunu intitolati jeżerċitaw id-dritt ta' assoċjazzjoni; huma jistgħu partikolarment ikunu membri ta' *trade unions*jew assoċjazzjonijiet tal-persunal ta' l-uffiċjali Ewropej.

▼B

Artikolu 25

▼M112

L-uffiċjali jistgħu jibagħtu talbiet dwar kwestjonijiet koperti minn dawn ir-Regolament tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra ta' l-istituzzjoni tagħhom.

▼B

Kull deċiżjoni relatata ma' individwu speċifiku li tittieħed taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandha tkun ikkomunikata minnufih bil-miktub lill-uffiċjal konċernat. Kull deċiżjoni li taffettwa ħażin uffiċjal għandha tagħti ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata.

▼M112

Deċiżjonijiet speċifiċi rigward il-ħatra, l-istabbiliment, il-promozzjoni, it-trasferiment, id-determinazzjoni ta' l-istat amministrattiv, u t-tmiem tas-servizz ta' uffiċjal, għandhom ikunu ppubblikati fl-istituzzjoni ta' l-uffiċjal. Il-pubblikazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-persunal kollu għal perjodu xieraq ta' żmien.

▼B

Artikolu 26

Il-fajl personali ta' uffiċjal għandu jkun fih:

(a) id-dokumenti kollha dwar l-istat amministrattiv tiegħu u r-rapporti kollha relatati ma' l-abilita, l-effiċjenza u l-kondotta tiegħu;

(b) kull kumment mill-uffiċjal dwar it-tali dokumenti.

Id-dokumenti għandhom ikunu reġistrati, numerati u merfugħa f'serje; id-dokumenti msemmija fis-subparagrafu (a) ma jistgħux jintużaw jew ikunu kkwotati mill-istituzzjoni kontra uffiċjal sakemm ma kienux kkomunikati lilu qabel ma kienu iffajljati.

▼B

Il-komunikazzjoni ta' kull dokument lil uffiċjal għandha tkun evidenzjata billi jiffirma għaliha jew, fin-nuqqas ta' dan, għandha tkun effettwata b'ittra ►M112 lejn l-aħħar indirizz ikkomunikat mill-uffiċjal ◄ reġistrata.

▼M112

Il-*file* ta' l-uffiċjali m'għandu jkollu l-ebda riferenza għall-attivitajiet u l-opinjonijiet politiċi, tat-*trade union,* folisofiċi jew reliġjuži tiegħu, jew għall-oriġini razzjali jew etniċi x-xejra seswali tiegħu.

Il-paragrafu ta' qabel iżda m'għandux jipprojbixxi d-dħul fil-*file* ta' l-atti u d-dokumenti amministrattivi, li jaf bihom l-uffiċjal, li huma meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

▼B

Għandu jkun hemm fajl personali wieħed biss għal kull uffiċjal.

Uffiċal għandu jkollu d-dritt, anke wara li jħalli s-servizz, li jiffamiljarizza ruħu mad-dokumenti kollha fil-fajl tiegħu ►M112 u jagħmel kopji tagħhom ◄.

Il-fajl personali għandu jkun kunfidenzali u jista' jkun ikkonsultat biss fl-uffiċċji ta' l-amministrazzjoni ►M112 jew fuq medja elettronika żgura ◄. Madankollu, dan ikun mibgħut lill-Qorti tal-Ġustizzja ►M128 tal-Unjoni Ewropea ◄ jekk titressaq ►M112 ———— ◄ kawza li tirrigwarda lill-uffiċjal.

▼M112

L-Artikolu 26a

L-uffiċjali għandhom id-dritt li jagħmlu ruħhom familjari mal-*files* medikali tagħhom, skond l-arranġamenti li għandhom jitniżżlu ►M131 mill-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet. ◄

▼B

TITOLU III

KARRIERA TA' L-UFFIĊJALI

KAPITOLU 1

Reklutaġġ

▼M131

Artikolu 27

Ir-reklutaġġ għandu jkollu l-mira li jiżgura li l-istituzzjoni jkollha s-servizzi ta' uffiċjali tal-ogħla livell ta' kapaċità, effiċjenza u integrità, magħżula mill-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni. L-ebda pożizzjoni ma tkun riservata għal ċittadini ta' xi Stat Membru speċifiku.

Il-prinċipju tal-ugwaljanza taċ-ċittadini tal-Unjoni għandu jippermetti li kull istituzzjoni tadotta miżuri xierqa wara li jkun osservat li jkun jeżisti żbilanċ dejjiemi u sinfikanti bejn iċ-ċittadinanzi fost l-uffiċjali li ma jkunx ġustifikat minn kriterji oġġettivi. Dawk il-miżuri xierqa jridu jkunu ġustifikati u qatt ma għandhom jirriżultaw fi kriterji ta' reklutaġġ għajr dawk imsejsa fuq il-mertu. Qabel ma jiġu adottati dawn il-miżuri xierqa, l-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjoni kkonċernata għandhom jadottaw dispożizzjonijiet ġenerali għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-paragrafu skont l-Artikolu 110.

▼M131

Wara perjodu ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tat-tieni paragrafu.

Sabiex ikun faċilitat ir-reklutaġġ fuq l-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex isostnu l-edukazzjoni multilingwi u multikulturali għat-tfal tal-persunal tagħhom.

▼B

Artikolu 28

Uffiċjal jista' jkun appuntat biss bil-kondizzjoni li:

(a) huwa ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri ►M128 tal-Unjoni, ◄ sakemm eċċezzjoni ma tkunx awtorizzata mill-awtorità tal-ħatra, u jgawdi mid-drittijiet kollha tiegħu bħala ċittadin;

(b) huwa jkun wettaq kull obbligu mpost fuqu mill-liġijiet dwar is-servizz militari;

(ċ) huwa jipproduċi r-riferenzi ta' karattru xierqa li juru li huwa tajjeb biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu;

(d) huwa, suġġett għall-Artikolu 29(2), għadda minn kompetizzjoni bbażata fuq jew kwalifiki jew eżamijiet, jew kemm kwalifiki kif ukoll eżamijiet, kif provdut fl-Anness III;

(e) huwa fil-forma fiżika xierqa biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu; u

(f) huwa jipproduċi evidenza ta' għarfien komplut ta' waħda mill-lingwi ►M128 tal-Unjoni ◄ u ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra ►M128 tal-Unjoni ◄ sal-punt meħtieġ biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

▼M112

L-Artikolu 29

▼M131

1. Qabel ma timtela pożizzjoni battala f'istituzzjoni, l-awtorità tal-ħatra għandha l-ewwel tikkunsidra:

(a) jekk il-pożizzjoni tistax timtela:

(i) bi trasferiment, jew

(ii) b'ħatra skont l-Artikolu 45a, jew

(iii) bi promozzjoni

fi ħdan l-istituzzjoni

(b) jekk ġewx irċevuti talbiet għat-trasferiment tiegħu minn uffiċjali tal-istess grad f'istituzzjonijiet oħrajn, u/jew,

(c) jekk kienx possibbli li l-pożizzjoni battala timtela permezz tal-possibbiltajiet imsemmija fil-punti (a) u (b), jekk għandhomx jitqiesu listi ta' kandidati idonei skont it-tifsira tal-Artikolu 30, fejn ikun xieraq, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet relevanti rigward kandidati adatti fl-Anness III u/jew

(d) jekk għandhiex issir kompetizzjoni interna fl-istituzzjoni, li għandha tkun miftuħa biss għal uffiċjali u personal temporanju kif definit fl-Artikolu 2 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

▼M131

jew jimxu mal-proċedura tal-kompetizzjonijiet, fuq il-bażi ta' kwalifiki jew ta' eżamijiet, jekk ta' kwalifiki u ta' eżamijiet. L-Anness III jippreżenta l-proċedura tal-kompetizzjoni.

Il-proċedura tista' l-istess tkun segwita għall-iskop biex tkun kostitwita riserva għall-reklutaġġ futur.

Filwaqt li jinżamm il-prinċipju li l-maġġoranza l-kbira tal-uffiċjali għandhom jiġu rreklutati abbażi ta' kompetizzjonijiet miftuħa, l-awtorità tal-ħatra tista' tiddeċiedi li, b'deroga mill-punt (d) u f'każijiet eċċezzjonali biss, torganizza kompetizzjoni interna għall-istituzzjoni li tkun miftuħa wkoll għall-persunal kuntrattwali kif definit fl-Artikoli 3a u 3b tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.'; Dik il-kategorija tal-aħħar ta' persunal għandha tkun suġġetta għal restrizzjonijiet fir-rigward ta' dik il-possibbiltà kif stabbilit fl-Artikolu 82(7),tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea u fir-rigward ta' xogħlijiet speċifiċi li kien intitolat li jagħmel bħala persunal kuntrattwali.

▼M112

2. Proċedura oħra barra l-proċedura tal-kompetizzjoni tista' tkun adottata mill-Awtorità tal-Ħatra għar-reklutaġġ ta' l-uffiċjali għolja (Diretturi Ġenerali jew ekwivalenti fil-grad AD 16 jew AD 15, u Diretturi jew ekwivalenti fil-grad AD 15 jew AD 14) u, f'każijiet ta' eċċezzjoni, ukoll għar-reklutaġġ għal posizzjonijiet li jeħtieġu kwalifiki speċjali.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jorganizzaw kompetizzjonijiet interni għal kull grupp tal-funzjoni fuq il-bażi tal-kwalifiki u l-eżamijiet għall-istituzzjonijiet ikkonċernati, li għandhom ikunu fil-livell tal-grad AST jew ogħla, u f'livell tal-grad AD 9 jew ogħla.

Dawn il-kompetizzjonijet ikunu miftuħin biss għall-membri tal-persunal temporanju ta' dik l-istituzzjoni ingaġġati skond l-Artikolu 2(ċ) tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' Ħaddiema oħra ►M128 tal-Unjoni Ewropea. ◄ L-istituzzjonijiet għandhom jeħtieġu bħala kwalifiki minimi għal dawn il-kompetizzjonijiet mill-anqas għaxar snin ta' servizz bħala ħaddiem temporanju, li jkunu reklutati bħala ħaddiema temporanji fuq il-bażi ta' proċedura ta' l-għażla, li tiżgura l-applikazzjoni ta' l-istess *standards* bħal dawk għall-għażla ta' l-uffiċjali b'konformità ma' l-Artikolu 12(4) tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' ħaddiema oħra. B'deroga mill-paragrafu (1)(a) ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità tal-Ħatra ta' l-istituzzjoni li ngaġġat il-ħaddiem temporanju għandha, qabel timla l-posizzjoni battala f'dik l-istituzzjoni, tikkunsidra t-trasferimenti ta' l-uffiċjali ġewwa dik l-istituzzjoni paralleli mal-kandidati li rnexxew minn dawn il-kompetizzjonijiet interni.

4. Darba kull ħames snin il-Parlament Ewropew għandu jorganizza kompetizzjoni interna fuq il-bażi tal-kwalifiki u l-eżamijiet għal kull grupp tal-funzjoni, li jkunu ta' livell tal-grad AST 6 jew ogħla, u l-livell tal-grad AD 9 jew ogħla, skond il-kondizzjonijiet ippreżentati fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3.

▼M131

Artikolu 30

Għal kull kompetizzoni, għandu jinħatar kumitat ta' selezzjoni mill-awtorità tal-ħatra. Dan il-kumitat għandu jħejji lista ta' kandidati idonei.

L-awtorità tal-ħatra għandha tiddeċiedi liema minn dawn il-kandidati għandha taħtar għall-pożizzjonijiet battala.

Dawn il-kandidati għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni adegwata dwar il-pożizzjonijiet battala xierqa ppubblikata mill-istituzzjonijiet u mill-aġenziji.

▼M112

L-Artikolu 31

1. Il-kandidati magħżula għandhom jinħatru għall-grad tal-grupp tal-funzjoni, ippreżentat fl-avviż tal-kompetizzjoni li għaddew minnha.

2. ►M131 Bla ħsara għall-Artikolu 29(2), l-uffiċjali għandhom ikunu rreklutati biss fil-gradi SC 1 sa SC 2, AST 1 sa AST 4 jew AD 5 sa AD 8. ◄ Il-grad ta' l-avviż tal-kompetizzjoni għandu jkun stabbilit mill-istituzzjoni skond il-kriterji li ġejjin:

(a) l-iskop tar-reklutaġġ ta' l-uffiċjali sa l-ogħla *standard* kif definit fl-Artikolu 27;

(b) il-kwalità ta' l-esperjenza professjonali meħtieġa.

Biex ikunu indirizzati l-bżonnijiet speċifiċi ta' l-istituzzjonijiet, il-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li jeżistu ►M128 fl-Unjoni ◄ jistgħu jkunu kkunsidrati wkoll meta jkunu reklutati l-uffiċjali.

3. Minkejja l-paragrafu (2), l-istituzzjoni tista', fejn ikun il-każ, tawtorizza l-organizzar ta' kompetizzjoni fil-gradi AD9, AD 10, AD 11 jew, fuq bażi ta' eċċezzjoni, fil-grad AD 12. In-numru totali tal-kandidati maħtura għall-posizzjonijiet battala ta' dawn il-gradi m'għandhomx jaqbżu l-20 % tan-numru totali tal-ħatriet tal-grupp tal-funzjoni AD magħmula għal kull sena, skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 30.

▼B

Artikolu 32

Uffiċjal jista' jkun reklutat fl-ewwel skala tal-grad tiegħu.

▼M112

L-Awtorità tal-Ħatra tista' tippermetti senjorità addizzjonali sa massimu ta' 24 xahar, biex tikkunsidra l-esperjenza professjonali tiegħu. Id-dispożizzjonijeit ġeneral ta' l-implimentazzjoni għandhom ikunu adottati biex idaħħlu fis-seħħ dan l-Artikolu.

▼M85

Membri tal-persunal temporanju ggradat skond il-kriterji li bih ikunu ggradati adottati ►M131 mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni ◄ għandhom iżommu s-senjorita' fl-iskala akkwistata f'dik il-kapaċita' jekk ikunu maħtura uffiċjali fl-istess grad immedjatament wara l-perjodu tas-servizz temporanju.

▼B

Artikolu 33

Qabel il-ħatra, kandidat li jirnexxi għandu jkun eżaminat medikament minn wieħed mill-uffiċjali mediċi ta' l-istituzzjoni sabiex l-istituzzjoni tista' tkun sodisfatta li jaqdi l-ħtiġiet ta' l-Artikolu 28(e).

▼M39

Fejn opinjoni medika negattiva tingħata bħala riżultat ta' l-eżami mediku pprovdut fl-ewwel paragrafu, il-kandidat jista', fi żmien 20 ġurnata minn meta jkun innotifikat b'din l-opinjoni mill-istituzzjoni, jitlob li l-każ tiegħu tintbagħat għall-opinjoni ta' kumitat mediku kompost minn tlett tobba magħżula mill-awtorità tal-ħatra minn fost l-uffiċjali mediċi ta' l-istituzzjoni. L-uffiċjal mediku responsabbli mill-ewwel opinjoni negattiva għandu jinstema' mill-kumitat mediku. Il-kandidat jista' jirreferi l-opinjoni ta' tabib ta' l-għażla tiegħu lill-kumitat mediku. Fejn l-opinjoni tal-kumitat mediku tikkonferma l-konklużjonijiet ta' l-eżami mediku ipprovdut fl-ewwel paragrafu, il-kandidat għandu jħallas 50 % tal-miżati u ta' l-ispejjeż konnessi.

▼**M131**

Artikolu 34

1. L-uffiċjali għandhom iservu perjodu ta' prova ta' disa' xhur qabel ma jistgħu jkunu stabbiliti. Id-deċiżjoni li uffiċjal jiġi stabbilit għandha tittieħed fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 3 kif ukoll fuq il-bażi tal-elementi disponibbli għall-awtorità tal-ħatra relatati mal-imġiba tal-impjegat fuq prova fir-rigward tat-Titolu II.

Meta, matul il-perjodu ta' prova tiegħu, uffiċjal ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu, minħabba mard, leave tal-maternità skont l-Artikolu 58 jew inċident, għal tul ta' żmien kontinwu ta' minn tal-anqas xahar, l-awtorità tal-ħatra tista' ttawwal il-perjodu ta' prova b'tul ta' żmien ekwivalenti. It-tul totali tal-perjodu ta' prova fl-ebda ċirkostanza ma għandu jaqbeż 15-il xahar.

2. Jista' jsir f'kull mument rapport fuq il-persuna bi prova qabel jintemm iż-żmien ta' prova jekk ix-xogħol tiegħu jkun qed jidher ċar li hu inadegwat.

Dak ir-rapport għandu jiġi kkomunikat lill-persuna kkonċernata, li jkollha d-dritt tressaq il-kummenti tagħha bil-miktub fi tmint ijiem tax-xogħol. Ir-rapport u l-kummenti għandhom jiġu trażmessi immedjatament mis-superjur immedjat tal-persuna taħt prova lill-awtorità tal-ħatra, li għandha, fi tliet ġimgħat, tikseb l-opinjoni tal-Kumitat tar-Rapporti Konġunt dwar l-azzjoni li għandha tittieħed. L-awtorità tal-ħatra tista' tiddeċiedi li tkeċċi lil impjegat taħt prova qabel ma jintemm il-perjodu ta' prova, u tagħtih avviż ta' xahar, jew li tibgħat lill-uffiċjal f'dipartiment ieħor għaż-żmien li jkun fadallu tal-perjodu ta' prova.

3. Mhux inqas minn xahar qabel l-iskadenza taż-żmien ta' prova, għandu jitħejja rapport dwar il-kapaċità tal-impjegat li jaqdi d-dmirijiet li jappartjenu għall-pożizzjoni tiegħu kif ukoll dwar l-effiċjenza u l-imġiba tiegħu fis-servizz. Dak ir-rapport għandu jkun ikkomunikat lill-persuna taħt prova, li għandha jkollha d-dritt li tressaq il-kummenti tagħha bil-miktub fi tmint ijiem tax-xogħol.

Jekk jirrakkomanda tkeċċija jew, f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, estensjoni tal-perjodu ta' prova skont il-paragrafu 1, ir-rapport u l-kummenti għandhom ikunu trażmessi minnufih mis-superviżur dirett tal-persuna taħt prova lill-awtorità tal-ħatra, li għandha, matul tliet ġimgħat, tikkonsulta l-Kumitat Konġunt tar-Rapporti dwar l-azzjoni li għandha tittieħed.

Persuna bi prova li x-xogħol jew l-imġiba tagħha ma jirriżultawx li jkunu adegwati biex issir tal-post għandha titkeċċa.

4. Ħlief fejn huwa f'pożizzjoni immedjata li jibda impjieg xi mkien ieħor, l-impjegat taħt prova li tkeċċa għandu jirċievi kumpens daqs tliet xhur paga bażika jekk huwa għamel aktar minn sena servizz, xahrejn paga bażika jekk għamel mill-anqas sitt xhur servizz u xahar paga bażika jekk għamel anqas minn sitt xhur servizz.

5. Il-paragrafi 2, 3, u 4 m'għandhomx japplikaw għall-uffiċjali li jirriżenjaw qabel it-tmiem tal-perjodu ta' prova tagħhom.

▼B

KAPITOLU 2

Stat amministrattiv

Artikolu 35

L-uffiċjali għandhom ikunu assenjati wieħed mill-istati amministrattivi li ġejjin:

(a) mpieg attiv;

(b) sekondar;

(ċ) *leave*fuq raġunijiet personali;

(d) stat mhux attiv;

(e) *leave*għal servizz militari;

▼M112

(f) vakanzi parentali jew vakanzi tal-familja;

▼M131

(g) Leave fl-interessi tas-servizz.

▼B

Taqsima 1

MPIEG ATTIV

Artikolu 36

Uffiċjal f'impieg attiv huwa wieħed li jwettaq id-dmirijiet tiegħu marbutin mal-post li għalih kien maħtur jew assenjat temporanjament taħt il-kondizzjonijiet fit-Titolu IV.

Taqsima 2

SEKONDAR

Artikolu 37

▼M23

Uffiċjal sekondat ►M56 huwa uffiċjal stabbilit ◄ li, bid-deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra:

(a) kien idderiġit fl-interessi tas-servizz:

— biex iservi temporanjament f'post barra l-istituzzjoni tiegħu; jew

▼M112

— li temporanjament tassisti persuna li żżomm uffiċċju pprovdut fit-Trattati jew il-President elett ta' waħda mill-istituzzjonijiet jew organi ►M128 tal-Unjoni, ◄ jew wieħed mill-gruppi politiċi fil-Parlament Ewroew jew il-Kumitat tar-Reġjun, jew grupp fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;

▼**M85**

— biex iservi temporanjament f'post li huwa nkluż fil-lista ta' postijiet iffinanzjati mill-approprijazzjonijiet tar-riċerka u investiment u li l-awtoritajiet tal-*budget*ikklassifikaw bħala temporanji.

▼**M56**

(b) kien fuq talba tiegħu stess:

— tqiegħed għad-disposizzjoni ta' ieħor mill-istituzzjonijiet ►**M128** tal-Unjoni Ewropea; ◄ jew

— tiegħed għad-disposizzjoni ta' organizzazzjoni devota biex tkabbar l-interessi ►**M128** tal-Unjoni ◄ u nkluża fuq lista li għandha titħejja fuq ftehim bejn ►**M131** mill-awtoritajiet talħatra tal-istituzzjonijiet ◄ ►**M128** tal-Unjoni ◄ wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼**B**

Uffiċjal sekondat għandu jkompli jgawdi mid-drittijiet kollha tiegħu taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 38 u 39 u għandu jibqa' suġġett għall-obbligi kollha tiegħu bħala uffiċjal ta' l-istituzzjoni ewlenija. ►**M23** Suġġetti għad-disposizzjonijiet tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 77 dwar il-pensjoni, madankollu, id-disposizzjonijiet li japplikaw għall-uffiċjal matul is-sekondar imsemmi fit-tieni inċiż ta' (a) fl-ewwel paragrafu għandhom ikunu dawk applikabbli għal uffiċjal ta' l-istess grad bħal dak assenjat lilu fil-post li għalih huwa sekondat. ◄

▼**M112**

Kull uffiċjal f'impieg attiv jew fuq vakanzi fuq raġunijiet personali jista' japplika għal, ikun offrut, sekondar fl-interessi tas-servizz. Hekk kif l-uffiċjal jintgħażel, il-vakanzi fuq bażi personali għandhom jintemmu.

▼**B**

Artikolu 38

Sekondar fl-interessi tas-servizz għandha tkun regolata mir-regoli li ġejjin:

(a) id-deċiżjoni fuq is-sekondar għandha tittieħed mill-awtorità tal-ħatra wara li jinstema' l-uffiċċjal ikkonċernat;

(b) it-tul ta' żmien tas-sekondar għandu jkun stabbilit mill-awtorità talħatra;

(ċ) fl-aħħar ta' kull sitt xhur, l-uffiċjal ikkonċernat jista' jitlob li dan issekondar jintemm;

▼**M23**

(d) uffiċjal sekondat skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 37(a) huwa ntitolat għal pagament differenzali fejn ir-remunerazzjoni totali li jġorr il-post li għalih huwa sekondat hija anqas minn dik li jġorr il-grad tiegħu u l-iskala fl-istituzzjoni ewlenija; huwa għandu l-istess ikun intitolat għal rifużjoni ta' l-ispejjeż addizzjonali kollha marbutin mas-sekondar tiegħu;

(e) uffiċjal sekondat skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 37(a) għandu jkompli jħallas il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni bbażati fuq il-paga ta' mpieg attiv li jġorr il-grad tiegħu u l-iskala ta' l-istituzzjoni ewlenija tiegħu;

▼B

(f) uffiċjal sekondat għandu jżomm postu, id-dritt tiegħu għall-avvanzament għal skala ogħla u l-eliġibilita' tiegħu għal promozzjoni;

(g) meta s-sekondar tiegħu tispiċċa uffiċjal għandu minnufih jerġa' jmur lura fil-post li qabel kien okkupat minnu.

Artikolu 39

Sekondar fuq talba ta' l-uffiċjal innifsu għandha tkun regolata mir-regoli li ġejjin:

(a) id-deċiżjoni fuq is-sekondar għandha tittieħed mill-awtorità tal-ħatra li għandha tistabbilixxi t-tul taż-żmien tagħha;

(b) fi żmien sitt xhur minn meta jibda d-dmirijiet il-ġodda tiegħu uffiċjal jista' jitlob li s–sekondar tiegħu jieqaf; huwa mbagħad għandu jerġa' jitqiegħed minnufih fil-post li kien jokkupa qabel;

(ċ) fl-aħħar ta' dan il-perjodu ta' sitt xhur, persuna oħra tista' tinħatar għall-post tiegħu;

▼M23

(d) matul il-perjodu tas-sekondar, kontribuzzjonijiet tal-pensjoni u kull dritt tal-pensjoni għandhom jinħadmu b'riferenza għall-paga għal impieġ attiv imwettaq mill-grad tiegħu u l-iskala fl-istituzzjoni ewlenija. ►M56 Madankollu, uffiċjal sekondat taħt it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 37(1)(b) li jakkwista drittijiet tal-pensjoni fil-korp li miegħu huwa sekondat ma jibqax magħqud ma' l-iskem tal-pensjoni fl-istituzzjoni oriġinali tiegħu sakemm idum dan is-sekondar.

Uffiċjal li jsir invalidu matul is-sekondar fis-sens ta' l-Artikolu 37(1)(b), it-tieni inċiż, u d-dipendenti ta' uffiċjal li jmut matul l-istess perjodu, għandhom ikunu ntitolati taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal ►M112 il-benefiċċju ta' l-invalidità jew il-pensjoni ta' l-għajxien ◄ għal min jibqa' ħaj imnaqqas b'kull ammonti mħallsa lilhom fuq l-istess bażi u għall-istess perjodu mill-korp li miegħu l-uffiċjal kien sekondat.

Din id-disposizzjoni m'għandhiex tirriżulta fl-uffiċjal jew id-dipendenti tiegħu jkunu ntitolati għal pensjoni totali ogħla mill-ammont massimu li kien jirċievi skond dawn ir-Regolamenti tal-Persunal. ◄

▼M112

(e) matul il-perjodu tas-sekondar, l-uffiċjal għandu jżomm id-dritt tiegħu biex javanza għal skala ogħla.

▼M23

►M112 (f) ◄ meta s-sekondar tiegħu jintemm uffiċjal għandu jerġa' jitqiegħed fl-ewwel post li jikkorrospondi mal-grad tiegħu li jsir battal ►M112 fil-kategorija jew is-servizz tiegħu ◄ sakemm huwa jissodisfa l-ħtiġiet għal dak il-post. Jekk ma jaċċettax il-post offrut lilu huwa għandu jżomm id-dritt tiegħu biex jerġa' jitqiegħed meta jasal il-post battal li jmiss li jikkorrospondi mal-grad tiegħu ►M112 fil-kategorija jew is-servizz tiegħu ◄, suġġett għall-istess kondizzjoni; jekk ma jċċettax it-tieni darba, jista' jkun meħtieġ jirriżenja wara li l-Kumitat Konġunt ikun ikkonsultat. Sakemm jerġa' jitqiegħed fil-post effettivament huwa jkompli jkun sekondat iżda bla ħlas.

▼B

Taqsima 3

***LEAVE*FUQ RAĠUNIJIET PERSONALI**

Artikolu 40

1. Uffiċjal ►M56 stabbilit ◄ jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali u fuq talba tiegħu stess, jingħata *leave* għal raġunijiet personali bla ħlas.

▼M131

1a. L-Artikoli 12b għandu jkompli japplika matul il-perjodu tal-leave għal raġunijiet personali. Il-permess skont l-Artikolu 12b ma jistax jingħata lil uffiċjal għall-iskop li jiżvolġu attività professjonali, sew jekk bi ħlas jew mingħajr ħlas, li tinvolvi lobbying jew difiża b'rabta mal-istituzzjoni tiegħu u li tista' twassal biex ikun hemm jew jista' jkun hemm kunflitt mal-interessi leġittimi tal-istituzzjoni.

▼M112

2. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 15, it-tul tat-tali vakanzi m'għandux jaqbeż sena. Il-vakanzi jistgħu jkunu estiżi għal aktar perjodi.

L-estensjonijiet jistgħu jkunu għall-perjodi li ma jaqbżux sena. It-tul totali tal-vakanzi fuq raġunijiet personali ma jistax jaqbeż ►M131 it-12-il sena ◄ matul il-karriera kollha ta' l-uffiċjal.

Jekk, madankollu, uffiċjal japplika għat-tali vakanzi sabiex ikun jista':

(i) jtella' tifel ikkunsidrat bħala dipendent ta' l-uffiċjal fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) ta' l-Anness VII u li jbati minn nuqqas mentali jew fiżiku serju, rikonoxxut minn uffiċjal mediku u li jeħtieġ attenzjoni jew superviżjoni kostanti; jew

▼M131

(ii) biex isegwi lill-konjuġi tiegħu, u dan tal-aħħar ukoll ikun uffiċjal jew ħaddiem ieħor tal-Unjoni meħtieġ matul il-qadi ta' dmirijietu biex jistabbilixxu r-residenza abitwali tiegħu f'tali distanza mill-post tal-impjieg mal-uffiċjal applikant li l-istabbiliment tad-dar konjugali f'tali post li kieku toħloq inkonvenjenza lill-uffiċjal applikant fil-qadi ta' dmirijietu, jew;

(iii) biex jassisti lil konjuġi, lill-qraba fil-linja axxendenti, lill-qraba fil-linja dixxendenti, lill-aħwa fil-każ ta' mard serju jew diżabilità ċċertifikati minn tabib.

▼M112

il-vakanzi jisgħu jkunu estiżi mingħajr limiti, sakemm, fil-ħin ta' kull estensjoni, il-kondizzjonijiet li jiggarantixxu l-għoti tal-vakanzi jkomplu jitħarsu.

▼B

3. Matul il-*leave*, uffiċjal ma jkunx intitolat għal avvanzament għal skala ogħla jew promozzjoni fil-grad; is-sħubija tiegħu fl-iskema tas-sigurtà soċjali pprovduta fl-Artikoli 72 u 73 u kopertura kontra r-riskji taħt l-iskema għandhom ikunu sospiżi.

▼M39

►M112 Iżda, uffiċjal li mhux ingaġġat f'attività bi qligħ jista', mhux aktar tard minn xahar wara dak li fih jibdew l-vakanzi fuq raġunijiet personali, japplika biex ikompli jkun kopert skond dawk l-artikoli, sakemm iħallas nofs l-ispejjeż tal-kontribuzzjonijiet meħtieġa biex ikopru r-riskji riferuti fl-Artikoli 72(1) u 73(1) għall-ewwel sena tal-vakanzi fuq raġunijiet personali u l-ispiża sħiħa matul il-bqija tat-tali vakanzi. Kopertura skond l-Artikolu 73 għandha tkun disponibbli biss jekk il-kopertura nkisbet skond l-Artikolu 72. Il-kontribuzzjonijiet għandhom jinħadmu b'riferenza għall-aħħar paga bażika ta' l-uffiċjal. ◄ Aktar minn hekk, l-uffiċjal li juri li ma jistax jakkwista drittijiet tal-pensjoni minn skema oħra tal-pensjoni jista' japplika biex ikompli jakkwista aktar drittijiet tal-pensjoni għal massimu ta' sena, sakemm iħallas l-ispiża tal-kontribuzzjoni daq tlett darbiet ir-rata mniżżla ►M56 fl-Artikolu 83(2); il-kontribuzzjonijiet għndhom jinħadmu b'riferenza għall-paga bażika tal-grad u l-iskala ta' l-uffiċjal ◄.

▼B

4. *leave*fuq bażi personali għandhom ikunu regolati bir-regoli li ġejjin:

(a) jingħataw fuq it-talba ta' l-uffiċjal ikkonċernat mill-awtorità tal-ħatra;

(b) l-applikazzjoni għall-estensjoni għandha ssir xahrejn qabel il-*leave*-jispiċċaw;

(ċ) persuna oħra tista' tinħatar għall-post okkupat mill-uffiċjal;

▼M23

(d) kif jispiċċaw il-*leave*tiegħu uffiċjal għandu jerġa' jitqiegħed fl-ewwel post li jikkorrospondi mal-grad tiegħu li jsir battal ►M112 grupp tal-funzjoni ◄ tiegħu, sakemm huwa jissodisfa l-ħtiġiet għal dak il-post. Jekk ma jaċċettax il-post offrut lilu, huwa għandu jżomm id-dritt tiegħu biex jerġa' jitqiegħed meta jasal il-post battal li jmiss li jikkorrospondi mal-grad tiegħu ►M112 grupp tal-funzjoni ◄ tiegħu, suġġett għall-istess kondizzjoni; jekk ma jċċettax it-tieni darba, jista' jkun meħtieġ jirriżenja wara li l-Kumitat Konġunt ikun ikkonsultat. Sakemm jerġa' effettivament jitqiegħed fil-post ►M112 jew jitqiegħed fuq sekondar ◄ huwa għandu jibqa' fuq *leave*fuq bażi personali bla ħlas.

▼B

Taqsima 4

STAT MHUX ATTIV

Artikolu 41

1. Uffiċjal li għandu stat mhux attiv huwa wieħed li sar żejjed minħabba tnaqqis fin-numru ta' postijiet fl-istituzzjoni tiegħu.

2. Tnaqqis fin-numru tal-postijiet fi grad partikolari għandu jkun deċiż mill-awtorità xierqa tal-budget taħt il-proċedura tal-budget.

L-awtorità tal-ħatra għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat Konġunt, tiddeċiedi liema tipi ta' postijiet m'għandhomx ikunu effettwati mit-tali miżuri.

▼B

L-awtorità tal-ħatra għandha tħejji lista ta' l-uffiċjali li għandhom ikunu effettwati mit-tali miżuri, wara li tikkonsulta l-Kumitat Konġunt, wara li tikkunsidra l-abilita' ta' l-uffiċjali, l-effiċjenza, il-kondotta fis-servizz, iċ-ċirkostanzi tal-familja u s–senjorita'. Kull uffiċjal li jokkupa wieħed mill-postijiet imsemmija fis-subparagrafu ta' qabel li juri x-xewqa li jkun assenjat għal stat mhux attiv għandu awtomatikament jiddaħħal f'din il-lista.

L-uffiċjali li isimhom jidher fuq din il-lista għandhom ikunu assenjati tat mhux attiv mid-deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra.

3. Waqt li jkollu dan l-istat uffiċjal għandu jieqaf jaqdi d-dmirijiet tiegħu u jgawdi d-drittijiet tiegħu għar-remunerazzjoni jew avvanzament għal skala ogħla, iżda għandu jkompli, għal perjodu li ma jaqbiżx il-ħames snin, jakkumula drittijiet għall-pensjoni ta' l-irtirar ibbażata fuq il-paga marbuta mal-grad u l-iskala tiegħu.

Għal perjdu ta' sentejn mid-data li jkun assenjat stat ta' mhux attiv, uffiċjal għandu jkollu l-prijorita' biex jerġa jitqiegħed f'kull post ►M112 grupp tal-funzjoni ◄ tiegħu li jikkorrospondi mal-grad tiegħu li jista' jitbattal jew jinħoloq, sakemm għandu l-kwalifiki meħtieġa.

Uffiċjal assenjat għal stat mhux attiv għandu jirċievi *allowance*maħduma skond l-Anness IV.

▼M23

Introjtu riċevut mill-uffiċjal minn kull impieġ ġdid matul dan il-perjodu għandu jitnaqqas mill-*allowance*provduta fis-subparagrafu ta' qabel jekk dak l-introjtu u l-*allowance*flimkien jaqbżu r-remunerazzjoni totali riċevuta l-aħħar mill-uffiċjal, maħduma b'riferenza għat-tabella tal-pagi applikabbli fl-ewwel ġurnata tax-xaħar li għalih l-*allowance*qed titħallas.

▼M62

L-uffiċjal għandu jipprovdi t-tali evidenza bil-miktub skond kif jista' jkun meħtieġ u jinforma l-istituzzjoni minn xi fatti li x'aktarx jaffettwaw l-intitolament tiegħu.

▼M112

L-ebda koeffiċjent tal-korrezzjoni m'huwa applikabbli għall-benefiċċju.

Iżda, il-benefiċċju u r-remunerazzjoni totali riċevuti l-aħħar, kif riferuti fir-raba' subparagrafu ta' dan l-Artikolu, għandhom ikunu suġġetti ►C1 tal-peżati riferuti fil-punt (a) ta' l-Artikolu 3(5) ta' l-Anness XI, ◄ bir-rata stabbilita għall-Istat Membru fejn ir-riċevitur jipprova li għandu r-residenza tiegħu, sakemm l-Istat Membru kien l-aħħar post ta' l-impieg tar-riċevitur. Fit-tali każijiet, jekk il-munita ta' l-Istat Membru m'hihiex il-euro, dan il-benefiċċju jinħadem fuq il-bażi tar-rati tal-kambju pprovduti fl-Artikolu 63 ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

▼B

4. Fl-aħħar tal-perjodu ta' l-intitolament tal-*allowance*l-uffiċjal għandu bżonn jirriżenja. Huwa għandu, fejn ikun il-każ, jirċievi pensjoni ta' l-irtirar kif provdut fl-iskema tal-pensjoni.

5. Uffiċjal li qabel jiskadi l-perjodu ta' sentejn speċifikat fil-paragrafu 3 kien offrut post li jikkorrospondi mal-grad tiegħu u ma aċċettaħiex mingħajr raġuni tajba jista', wara li l-Kumitat Konġunt ikun ikkonsultat, jitneħħewlu d-drittijiet tiegħu taħt id-disposizzjonijiet imsemmija qabel u jkun meħtieġ jirriżenja.

▼B

Taqsima 5

LEAVE GĦAL SERVIZZ MILITARI

Artikolu 42

Uffiċjal mgħajjat għal servizz militari jew għal taħriġ ta' riservi jew mgħajjat mill-ġdid biex iservi fil-forzi armati għandu jkun assenjat l-istat speċjali ta' "*leave*għal servizz militari'."

Uffiċjal mgħajjat għal servizz militari għandu jieqaf jirċievi r-remunerazzjoni tiegħu iżda għandu jżomm id-dritt tiegħu għall-avvanzament għal skala ogħla u promozzjoni taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal. Huwa għandu wkoll iżomm id-dritt tiegħu li jgawdi minn pensjoni ta' l-irtirar jekk, wara li jlesti s-servizz militari tiegħu, iħallas il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tiegħu b'lura.

Uffiċjal mgħajjat għal taħriġ ta' riservi jew mgħajjat mill-ġdid biex iservi fil-forzi armati għandu, matul il-perjodu tat-taħriġ jew is-sejħa mill-ġdid, ikompli jirċievi r-remunerazzjoni tiegħu suġġetta għal tnaqqis daqs il-paga tas-servizz tiegħu.

▼M112

Taqsima 6

VAKANZI PARENTALI JEW VAKANZI TAL-FAMILJA

▼M131

Artikolu 42a

L-uffiċjal għandu jkun intitolat għal sitt xhur ta' leave tal-ġenituri mingħajr salarju bażiku għal kull tifel/tifla, li għandhom jittieħdu matul l-ewwel tnax-il sena wara t-twelid jew l-adozzjoni tat-tifel/tifla. It-tul tal-leave jista' jirdoppja għal ġenituri weħidhom, rikonoxxuti taħt id-disposizzjonijiet ġenerali adottati mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni u għal ġenituri ta' tfal b'diżabilità jew mard serju rikonoxxut mill-uffiċjal mediku tal-istituzzjonijiet. Il-leave minimu li jittieħed f'darba waħda m'għandux ikun anqas minn xahar.

Matul il-leave tal-ġenituri, is-sħubija tal-uffiċjal fl-iskem a tas-sigurtà soċjali għandha tkompli; l-akkwist tad-drittijiet għall-pensjoni, allowance tat-tfal dipendenti u l-allowance tal-edukazzjoni għandhom jinżammu. L-uffiċjal għandu jżomm il-pożizzjoni tiegħu, u jkompli jkun intitolat biex javvanza għal skala ogħla jew promozzjoni fil-grad. Il-leave jista' jittieħed bħala leave fuq bażi full-time jew half-time. Meta l-leave tal-ġenituri jittieħed f'forma ta' leave half-time, il-perjodu massimu previst fl-ewwel paragrafu għandu jkun irduppjat. Matul il-leave tal-ġenituri, uffiċjal għandu jkun intitolat għal allowance ta' ►M151 EUR 1 075,51 ◄ fix-xahar, jew 50 % tat-tali somma jekk fuq leave half-time, iżda ma jistax jagħmel xi impjieg ieħor bil-qligħ. Il-kontribuzzjoni sħiħa tal-iskema tas-sigurtà soċjali prevista fl-Artikoli 72 u 73 għandha titħallas mill-istituzzjoni, u tinħadem fuq bażi tas-salarju bażiku tal-uffiċjal. Iżda, fil-każ ta' leave half-time, din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għad-differenza bejn is-salarju bażiku sħiħ u s-salarju bażiku mnaqqas proporzjonalment. Għall-parti tas-salarju bażiku li verament kien riċevut, il-kontribuzzjoni tal-uffiċjal għandha tinħadem billi jintużaw l-istess perċentwali daqs li kieku kien f'impjieg full-time.

▼M131

L-allowance għandha tkun ta' ►M140 ►M151 EUR 1 434,02 ◄ għal familji b'ġenitur wieħed ◄ kull xahar, jew 50 % tat-tali somma jekk l-uffiċjal qiegħed fuq leave half-time, għall-ġenituri weħidhom u għall-ġenituri ta' tfal b'diżabilità jew mard serju rikonoxxut mill-uffiċjal mediku li saret referenza għalihom fl-ewwel paragrafu, u matul l-ewwel tliet xhur tal-leave tal-ġenituri meta t-tali leave jittieħdu mill-missier matul il-leave tal-maternità jew minn wieħed mill-ġenituri eżatt wara l-leave tal-maternità, jew matul jew eżatt wara l-leave tal-adozzjoni.

Il-leave tal-ġenituri jista' jiġi estiż għal sitt xhur oħra b'allowance limitata għal 50 % tal-ammont li hemm referenza għalih fit-tieni paragrafu. Għal ġenituri waħedhom li hemm referenza għalihom fl-ewwel paragrafu, il-leave tal-ġenituri jista' jiġi estiż għal tnax-il xahar ieħor b'allowance limitata għal 50 % tal-ammont li hemm referenza għalih fit-tielet paragrafu.

L-ammonti msemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati b'konformità mar-remunerazzjoni.

▼M112

Artikolu 42b

Fil-każ ta' mard jew disabilità ċċertifikat medikalment tas-sieħeb ta' l-uffiċjal, qraba ta' qablu, qraba ta' warajh, ħuh jew oħtu, l-uffiċjal għandu jkun intitolat għal perjodu ta' vakanzi tal-familja, mingħajr salarju bażiku. Il-perjodu totali tat-tali vakanzi m'għandux jaqbeż id-disa' xhur tul il-karriera kollha ta' l-uffiċjal.

It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 42a għandu japplika.

▼M131

Taqsima 7

Leave fl-interessi tas-servizz

Artikolu 42c

Mhux iktar kmieni minn ħames snin ta' qabel l-età pensjonabbli, uffiċjal li għandu tal-anqas għaxar snin servizz jista' jingħata l-leave, permezz ta' deċiżjoni tal-awtorità tal-ħatra, fl-interessi tas-servizz għal ħtiġijiet organizzattivi konnessi mal-akkwist ta' kompetenzi ġodda fi ħdan l-istituzzjonijiet.

In-numru totali ta' uffiċjali li jiġu assenjati l-leave fl-interessi tas-servizz kull sena ma għandux ikun aktar minn 5 % tal-uffiċjali fl-istituzzjonijiet kollha, li rtiraw matul is-sena ta' qabel. In-numru totali kkalkulat b'dan il-mod għandu jkun allokat lil kull istituzzjoni skont in-numru rispettiv ta' uffiċjali tagħha fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti. Ir-riżultat ta' tali allokazzjoni għandu jitqarreb 'il fuq sal-eqreb numru sħiħ li jkun imiss f'kull istituzzjoni.

It-tali leave ma għandux jikkostitwixxi miżura dixxiplinari.

It-tul ta' żmien tal-leave għandu jikkorrispondi, bħala prinċipju, mal-perjodu sakemm l-uffiċjal jilħaq l-età pensjonabbli. Madankollu, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, l-awtorità tal-ħatra tista' tiddeċiedi li ttemm il-leave u terġa' ddaħħal l-uffiċjal.

▼M131

Meta l-uffiċjal li ġie assenjat il-leave fl-interessi tas-servizz jilħaq l-età pensjonabbli, huwa għandu jirtira awtomatikament.

Il-leave fl-interessi tas-servizz għandu jkun regolat permezz tar-regoli li ġejjin:

(a) uffiċjal ieħor jista' jinħatar għall-pożizzjoni okkupata mill-uffiċjal;

(b) uffiċjal bil-leave fl-interessi tas-servizz ma għandux ikun intitolat għat-tlugħ fi skala ogħla jew għall-promozzjoni fil-grad.

Uffiċjal assenjat bil-leave b'dan il-mod għandu jirċievi allowance maħduma skont l-Anness IV.

Fuq talba tal-uffiċjal, l-allowance għandha tkun suġġetta għall-kontribuzzjonijiet magħmulin għall-iskema tal-pensjoni, ikkalkulati fuq il-bażi ta' dik l-allowance. F'tali każ, il-perjodu ta' servizz bħala uffiċjal bil-leave fl-interessi tas-servizz għandu jiġi kkunsidrat għall-fini tal-kalkolu tas-snin ta' servizz pensjonabbli fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Anness VIII.

L-allowance għandha tkun suġġetta għal koeffiċjent tal-korrezzjoni.

▼B

IL-KAPITOLU 3

Rapporti, avvanzament għal skala ogħla u promozzjoni

▼M131

Artikolu 43

L-abilità, l-effiċjenza u l-imġiba fis-servizz ta' kull uffiċjal għandhom ikunu suġġetti għal rapport annwali kif previst mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni skont l-Artikolu 110. Dak ir-rapport għandu jiddikjara jekk il-livell ta' prestazzjoni tal-uffiċjal kienx sodisfaċenti jew le. L-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi d-disposizzjonijiet li jagħtu d-dritt għal appell fi ħdan il-proċedura ta' rappurtar, li għandu jiġi eżerċitat qabel ma jitressaq ilment kif imsemmi fl-Artikolu 90(2).

Mill-grad AST 5, ir-rapport jista' wkoll ikun fih opinjoni jekk l-uffiċjal, fuq il-bażi tal-prestazzjoni tiegħu, għandux il-potenzjal biex iwettaq il-funzjoni ta' amministratur.

Ir-rapport għandu jkun ikkomunikat lill-uffiċjal. Għandu jkun intitolat li jagħmel kwalunkwe kumment fuqhom li huwa jikkonsidra rilevanti.

Artikolu 44

Uffiċjal li kien fi skala waħda fil-grad tiegħu għal sentejn għandu awtomatikament javvanza għall-iskala li jmiss f'dak il-grad, sakemm il-prestazzjoni tiegħu ma tkunx ġiet evalwata bħala insodisfaċenti skont l-aħħar rapport annwali msemmi fl-Artikolu 43. Uffiċjal għandu javvanza għall-iskala li jmiss fil-grad tiegħu wara mhux iktar minn erba' snin, sakemm il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 51(1) hija applikata.

▼**M131**

Jekk uffiċjal jinħatar kap ta' dipartiment, direttur jew direttur ġenerali fl-istess grad, u sakemm il-prestazzjoni tiegħu kienet sodisfaċenti skont it-tifsira tal-Artikolu 43 matul l-ewwel disa' xhur wara li jinħatar, huwa għandu jibbenefika b'lura bl-avvanz ta' skala waħda f'dak il-grad, minn meta l-ħatra tidħol fis-seħħ. Din il-promozzjoni għandha tfisser żieda fis-salarju bażiku ta' kull xahar tiegħu li tikkorrispondi mal-perċentwal bejn l-ewwel u t-tieni skala ta' kull grad. Jekk iż-żieda hija anqas, jew jekk l-uffiċjal dak iż-żmien diġà qiegħed fl-aħħar skala tal-grad tiegħu, għandu jirċievi żieda fis-salarju bażiku li tiżgura li ż-żieda bejn l-ewwel u t-tieni skala sal-promozzjoni li jmiss tiegħu tidħol fis-seħħ.

▼**M112**

L-Artikolu 45

▼**M131**

1. Il-promozzjoni għandha tkun b'deċiżjoni mill-awtorità tal-ħatra fuq il-bażi tal-Artikolu 6(2). Sakemm ma tkunx tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikoli 4 u 29(1), l-uffiċjali jistgħu jiġu promossi biss jekk ikunu jokkupaw pożizzjoni li tikkorrispondi ma' waħda mit-tipi ta' pożizzjonijiet li huma stabbiliti fl-Anness I, Taqsima A, għall-grad ogħla li jkun imiss. Il-promozzjoni għandha tkun effettwata bil-ħatra tal-uffiċjal għall-grad aktar għoli li jmiss fil-grupp tal-funzjoni li miegħu jappartjeni. Il-promozzjoni għandha tkun esklussivament bl-għażla fost l-uffiċjali li għamlu perjodu minimu ta' sentejn fil-grad tagħhom, wara kunsiderazzjoni tal-merti komparabbli tal-uffiċjali eliġibbli għal promozzjoni. Meta tikkunsidra l-merti għall-paragun, l-awtorità tal-ħatra għandha tikkunsidra partikolarment ir-rapporti dwar l-uffiċjali, l-użu tal-lingwi fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, għajr il-lingwa li għaliha pproduċew evidenza ta' għarfien sew, skont il-punt (f) tal-Artikolu 28 u l-livell tar-responsabbiltajiet eżerċitat minnhom.

▼**M112**

2. L-uffiċjali għandhom ikunu meħtieġa juru, qabel l-ewwel promozzjoni tagħhom wara r-reklutaġġ, l-abiltà li jaħdmu b'terza lingwa minn fost dawk riferuti ►**M128** ►**M131** fl-Artikolu 55(1) ◄ tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. ◄ ►**M131** L-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet ◄ għandhom jadottaw regoli komuni bil-qbil bejniethom, biex jimplimentaw dan il-paragrafu. Dawn ir-regoli għandhom bżonn aċċess għal taħriġ għall-uffiċjali f'terza lingwa u jniżżlu l-arranġamenti dettaljati għall-istima ta' l-abiltà ta' l-uffiċjali li jaħdmu b'terza lingwa, skond l-Artikolu 7(2)(d) ta' l-Anness III.

Artikolu 45a

1. B'mod ta' deroga mill-Artikolu 5(3)(b) u (ċ), uffiċjal fil-grupp tal-funzjoni AST jista', mill-grad 5, jinħatar għal posizzjoni fil-grupp tal-funzjoni AD, bil-kondizzjoni li:

(a) intgħażel skond il-proċedura mniżżla fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu biex jieħu sehem fi programm mandatarju ta' taħriġ, kif ippreżentat fil-punt (b) ta'; dan il-paragrafu,

(b) lesta programm ta' taħriġ definit mill-Awtorità tal-Ħatra, li fih sett moduli mandatarji ta' taħriġ, u

▼**M112**

(ċ) qiegħed fuq il-lista mħejjija mill-Awtorità tal-Ħatra tal-kandidati li għaddew minn eżami orali u tal-kitba, fejn juri li ha sehem b'suċċess fil-programm ta' ta' taħriġ imsemmi f'punt (b) ta' dan il-paragrafu. Il-kontenut ta' dan l-eżami jkun stabbilit skond l-Artikolu 7(2)(ċ) ta' l-Anness III.

2. L-Awtorità tal-Ħatra għandha tħejji abbozz tal-lista ta' l-uffiċjali ta' l-AST li ntgħażlu biex jieħdu sehem fil-programm ta' taħriġ fuq imsemm, fuq il-bażi tar-rapporti ►**M131** annwali ◄ tagħhom riferuti fl-Artikolu 43 u l-livell ta' edukazzjoni u taħriġ tagħhom, u wara li jkunu kkusidrati l-ħtiġijiet tas-servizzi. Dan l-abbozz għandu jintbagħat lil kumitat konġunt għall-opinjoni tiegħu.

Dan il-kumitat jista' jisma' l-uffiċjali li applikaw biex jieħdu sehem fil-programm ta' taħriġ imsemmi qabel u r-rappreżentanti ta' l-Awtorità tal-Ħatra. Għandu, b'maġġoranza ta' voti, iwassal opinjoni rraġunata dwar l-abbozz tal-lista proposta mill-Awtorità tal-Ħatra. L-Awtorità tal-Ħatra għandha tadotta l-lista ta' l-uffiċjali li huma intitolati biex jieħdu sehem fil-programm ta' taħriġ fuq imsemmi.

3. Il-ħatra tal-posizzjoni fil-grupp tal-funzjoni ta' l-AD m'għandhiex taffettwa l-grad u l-iskala okkupati mill-uffiċjal fil-mument tal-ħatra.

4. In-numru tal-ħatriet tal-posizzjonijiet fil-grupp tal-funzjoni ta' l-AD, kif imniżżel fil-paragrafi (1) sa (3) ta' dan l-Artikolu m'għandhomx jaqbżu l-20 % tan-numru totali tal-ħatriet li jsiru kull sena skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 30.

5. ►**M131** L-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għandha tadotta ◄ disposizzjonijiet ġenerali biex idaħħlu fis-seħħ dan l-Artikolu skond l-Artikolu 110.

Artikolu 46

Uffiċjal maħtur għal skala ogħla skond l-Artikolu 45, għandu jkun ikklassifikat fl-ewwel skala ta' dak il-grad. Iżda, l-uffiċjali fil-gradi AD 9 a AD 13 li jaqdu d-dmirijiet ta' kap tad-dipartiment, li jinħatru għal grad ogħla skond l-Artikolu 45, għandhom jitqegħdu fit-tieni skala tal-grad il-ġdid. L-istess arranġament għandu japplika għal kull uffiċjal:

(a) li mal-promozzjoni, jinħatar direttur jew direttur ġenerali, jew

(b) li huwa direttur jew direttur ġenerali u li għalih tapplika l-aħħar entenza tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 44.

▼**B**

IL-KAPITOLU 4

Tmiem tas-servizz

Artikolu 47

Is-servizz ġħandu jintemm b':

(a) riżenja;

(b) riżenja ta' bilfors;

▼B

(ċ) irtirar fl-interessi tas-servizz;

(d) tkeċċija fuq inkompetenza;

(e) tneħħija mill-post;

(f) irtirar; jew

(g) mewt.

Taqsima 1

RIŻENJA

Artikolu 48

Uffiċjal li jixtieq jirriżenja għandu jistqarr mingħajr dubju bil-miktub l-intenzjoni tiegħu li jitlaq is-servizz ta' l-istituzzjoni definittivament.

L-awtorità tal-ħatra għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha li tikkonferma r-riżenja fi żmien xahar minn meta tirċievi l-ittra tar-riżenja. ►M23 L-awtorità tal-ħatra tista', madankollu, tirrifjuta li taċċetta r-riżenja jekk proċeduri dixxiplinari għaddejjin kontra l-uffiċjal fid-data ta' l-irċevuta ta' l-ittra tar-riżenja jew jekk it-tali proċeduri bdew fi żmien it-30 ġurnata ta' wara. ◄

▼M112

Ir-riżenja għandha tidħol fis-seħħ fid-data speċifikata mill-Awtorità tal-Ħatra; dik id-data m'għandhiex tkun aktar minn tlett xhur wara d-data proposta mill-uffiċjal fl-ittra tiegħu tar-riżenja fil-każ ta' l-uffiċjali ►M131 fil-gruppi ta' funzjoni AST u AST/SC, ◄ u mhux aktar minn xahar fil-każ ta' l-uffiċjali fil-grupp tal-funzjoni ta' l-AST.

▼B

Taqsima 2

RIŻENJA TA' BILFORS

Artikolu 49

Uffiċjal jista' jkun meħtieġ jirriżenza biss meta jieqaf iħares il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 28(a), jew ►M23 fil-każijiet ipprovduti fl-Artikoli ►M112 ———— ◄ 39, 40 u 41(4) u (5) u fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 14 ta' l-Anness VIII. ◄

Deċiżonijiet raġunati li jeħtieġu l-uffiċjali jirriżenjaw għandhom jittieħdu mill-awtorità tal-ħatra wara li tikkonsulta l-Kumitat Konġunt u wara li tisma' l-uffiċjal ikkonċernat.

Taqsima 3

IRTIRAR FL-INTERESSI TAS-SERVIZZ

Artikolu 50

►M112 Uffiċjal għoli kif definit fl-Artikolu 29(2) ◄ jista' jkun irtirat fl-interessi tas-servizz b'deċiżjoni mill-awtorità tal-ħatra.

▼B

It-tali rtirar ma jikkostitwix miżura dixxiplinari.

Uffiċal hekk irtirat li mhux assenjat post ieħor ►M112 ——————— ◄ li jikkorrospondi mal-grad tiegħu għandu jirċievi *allowance*maħduma skond l-Anness IV.

▼M23

Introjtu riċevut mill-uffiċjal minn kull impieg ġdid matul dan il-perjodu għandu jitnaqqas mill-*allowance*pprovduta fil-paragrafu ta' qabel jekk dak l-introjtu u l-*allowance*flimkien jaqbżu r-remunerazzjoni totali l-aħħar riċevut mill-uffiċjal maħdum b'riferenza għat-tabella tal-pagi applikabbli fl-ewwel ġurnata tax-xahar li għalih qed jitħallas l-*allowance*.

▼M112

Il-persuna kkonċernata għandha tkun meħtieġa tipprovdi, meta mitluba, evidenza bl-miktub u li tavħa l-istituzzjoni tiegħu jew tagħha b'kull fattur li jista' jaffettwa l-intitolament għall-benefiċċju.

Il-benefiċċju għandu jkun suġġett għal koeffiċjent tal-korrezzjoni.

L-Artikolu 45, it-tielet, ir-raba' u l-ħames paragrafi, ta' l-Anness VIII għandhom japplika b'analoġija.

▼B

Meta l-intitolament ta' l-uffiċjal għall-*allowance*jieqaf, huwa għandu, sakemm għalaq ►M131 it-tmienja u ħamsin ◄ sena, jkun intitolat li jirċievi pagament tal-pensjoni, l-ebda tnaqqis taħt l-Artikolu 9 ta' l-Anness VIII ma jsir.

Taqsima 4

▼M112

PROĊEDURI F'KAŻ TA' INKOMPETENZA

▼M131

Artikolu 51

1. L-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għandha tiddefinixxi l-proċeduri biex ikunu identifikati, jieħdu ħsieb u jirmedjaw każijiet ta' inkompetenza b'mod fil-ħin u xieraq.

Meta tadotta dispożizzjonijiet interni, l-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għandha tirrispetta r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) uffiċjal li, fuq il-bażi ta' tliet rapporti konsekuttivi annwali insodisfaċenti kif msemmija fl-Artikolu 43, jibqa' ma juri l-ebda progress fil-kompetenza professjonali tiegħu, dan għandu jitniżżel grad wieħed. Jekk, iż-żewġ rapporti annwali sussegwenti jibqgħu juru prestazzjoni insodisfaċenti, l-uffiċjal għandu jitkeċċa;

(b) kwalunkwe proposta li uffiċjal jintniżżel grad jew li jitkeċċa għandha tippreżenta r-raġunijiet fuq xiex hija bbażata u għandha tkun ikkomunikata lill-uffiċjal ikkonċernat. Il-proposta mill-awtorità tal-ħatra għandha tkun riferuta lill-Kumitat Konġunt ta' Konsulenza previst fl-Artikolu 9(6).

▼**M131**

2. L-uffiċjal għandu d-dritt jikseb il-fajl personali sħiħ tiegħu u jieħu kopja tad-dokumenti kollha dwar il-proċedura. Huwa għandu jkollu mill-anqas 15-il ġurnata, iżda mhux aktar minn 30 ġurnata, mid-data li fiha jkun irċieva l-proposta biex iħejji difiża. Huwa jista' jkun assistit minn persuna tal-għażla tiegħu. L-uffiċjal jista' jressaq kummenti bil-miktub. Huwa għandu jinstema' mill-Kumitat Konġunt ta' Konsulenza. L-uffiċjal jista' jtella' xhieda.

3. L-istituzzjoni għandha tkun irrappreżentata quddiem il-Kumitat Konġunt ta' Konsulenza minn uffiċjal innominat għal dak l-iskop mill-awtorità tal-ħatra. Dak l-uffiċjal għandu jkollu l-istess drittijiet bħal dawk tal-uffiċjal ikkonċernat.

4. Fid-dawl tal-proposta taħt il-punt (b) tal-paragrafu 1 u kwalunkwe dikjarazzjoni miktuba jew orali minn l-uffiċjal ikkonċernat jew mix-xhieda, il-Kumitat Konġunt ta' Konsulenza għandu joħroġ, b'maġġoranza, opinjoni rraġunata li tgħid il-miżura li tikkunsidra xierqa fuq il-bażi tal-fatti stabbiliti f'din it-talba. Din għandha tgħaddi tali opinjoni lill-awtorità tal-ħatra u lill-uffiċjal ikkonċernat fi żmien xahrejn mid-data meta l-kwistjoni kienet riferuta lilha. Il-president m'għandux jivvota fuq deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt ta' Konsulenza, għajr fi kwistjonijiet ta' proċedura u fejn il-voti huma ndaqs.

5. Uffiċjal imkeċċi fuq inkompetenza għandu, għall-perjodu definit fil-paragrafu 6, ikun intitolat għal allowance tat-tkeċċija fix-xahar daqs is-salarju bażiku fix-xahar ta' uffiċjal fl-ewwel skala tal-grad AST 1. L-uffiċjal għandu wkoll ikun matul l-istess perjodu għall-allowances tal-familja, previsti fl-Artikolu 67. L-allowance tal-familja għandha tinħadem fuq il-bażi tas-salarju bażiku ta' kull xahar ta' uffiċjal fil-grad AST 1 skont l-Artikolu 1 tal-Anness VII.

L-allowance ma għandhiex titħallas jekk l-uffiċjal jirriżenja wara l-bidu tal-proċedura msemmija fil-paragrafi 1, u 2 jew jekk huwa intitolat għall-pagament immedjat ta' pensjoni sħiħa. Jekk huwa intitolat għal benefiċċju tal-qgħad taħt skema nazzjonali tal-qgħad, l-ammont ta' dak il-benefiċċju għandu jitnaqqas mill-allowance msemmija fuq.

6. Il-perjodu li matulu l-pagamenti li saret referenza għalihom fil-paragrafu 5 għandhom isiru, ikun ta':

(a) tliet xhur meta l-uffiċjal ta anqas minn ħames snin servizz fid-data meta d-deċiżjoni tat-tkeċċija tittieħed;

(b) sitt xhur meta l-uffiċjal ta mill-anqas ħames snin servizz, iżda anqas minn 10;

(c) disa' xhur meta l-uffiċjal ta mill-anqas għaxar snin servizz, iżda anqas minn għoxrin;

(d) 12-il xahar meta l-uffiċjal ikun ta mhux inqas minn 20 sena servizz.

7. L-uffiċjali li jitniżżlu fil-grad għal raġunijiet ta' inkompetenza jistgħu, wara perjodu ta' sitt snin, jitolbu li r-referenzi kollha għal dik il-miżura jitħassru mill-fajl personali tagħhom.

▼M131

8. L-uffiċjali għandhom ikunu intitolati għal rifużjoni ta' spejjeż raġonevoli li ntefqu fuq l-inizjattiva tagħhom waqt il-proċedimenti, inklużi l-onorarji li jitħallsu lill-konsulent tad-difiża li ma jagħmilx parti mill-istituzzjoni, meta l-proċedimenti previsti f'dan l-Artikolu jispiċċaw mingħajr ma tittieħed ebda deċiżjoni dwar li jitkeċċa jew li jitniżżillu l-grad.

▼B

Taqsima 5

IRTIRAR

▼M131

Artikolu 52

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 50, uffiċjal għandu jirtira:

(a) jew awtomatikament fl-aħħar ġurnata tax-xahar li fih jilħaq l-eta' ta' 66 sena, jew

(b) fuq it-talba tiegħu stess fl-aħħar jum tax-xahar li għalih intefgħet it-talba fejn ikun laħaq l-età pensjonabbli jew fejn għandu bejn 58 u l-età pensjonabbli u jissodisfa r-rekwiżiti għal ħlas immedjat tal-pensjoni skont l-Artikolu 9 tal-Anness VIII. It-tieni sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 48 għandha tapplika bl-istess mod.

Madanakollu, uffiċjal jista', fuq it-talba tiegħu stess u fil-każ li l-awtorità tal-ħatra tikkunsidraha ġġustifikata fl-interessi tas-servizz, ikompli jaħdem sal-età ta' 67, jew eċċezzjonalment sal-età ta' 70, f'liema każ huwa għandu jirtira awtomatikament fl-aħħar jum tax-xahar li fih jagħlaq dak iż-żmien.

Fejn l-awtorità tal-ħatra tiddeċiedi li tawtorizza uffiċjal sabiex jibqa' fis-servizz lil hinn mill-età ta' 66 sena, dik l-awtorizzazzjoni għandha tingħata għal tul massimu ta' sena. Tista' tiġġedded fuq it-talba tal-uffiċjal.

▼B

Artikolu 53

Uffiċal li l-Kumitat ta' Invalidità ssib li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 78 japplikaw għalih ►M62 għandu awtomatikament ikun irtirat fl-aħħar ġurnata tax-xahar li fih l-awtorità li taħtar tirrikonoxxi l-inkapaċita' permanenti tiegħu biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu. ◄

Taqsima 6

GRAD ONORARJU

Artikolu 54

Mat-tmiem tas-servizz uffiċjal jista' jingħata grad onorarju ►M112 grad jew il-grad ogħla li jmiss ◄, b'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra.

L-ebda benefiċċji ta' flus m'għandhom ikunu marbutin mat-tali grad onorarju.

▼B

IT-TITOLU IV

KONDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL TA' L-UFFIĊJALI

IL-KAPITOLU 1

Sieġħat ta' xogħol

Artikolu 55

►M131 1. ◄ Uffiċjali f'impieg attiv għandhom f'kull ħin ikunu għad-disposizzjoni ta' l-istituzzjoni tagħhom.

►M131 2. ◄ ►M131 Il-ġimgħa tax-xogħol normali għandha tkun ta' bejn 40 u 42 siegħa, is-sigħat tal-jum tax-xogħol għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità tal-ħatra. ◄ Taħt l-istess limiti, l-awtorità tal-ħatra għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat tal-Persunal, tistabbilixxi s-sieġħat li għandhom jinħadmu minn ċerti gruppi ta' uffiċjali imqabbda biex jaħdmu fuq dmirijiet partikolari.

►M131 3. ◄ ►M22 Uffiċjal ►M31 ———— ◄ jista', barra minn ħekk, ikun meħtieġ minħabba l-esiġenzi tas-servizz jew ir-regoli ta' sigurtà li jibqa' fuq dmirijiet ta' riserva fuq il-post tax-xogħol jew iddar barra s-sieġħat normali ta' xogħol. ►M131 L-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu wara li tikkonsulta mal-Kumitat tal-Persunal. ◄ ◄

▼M131

4. L-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni tista' tintroduċi arranġamenti ta' ħin flessibbli ta' xogħol. Skont dawk l-arranġamenti, ma għandhomx jingħataw ġranet sħaħ ta' xogħol għal uffiċjali fil-grad AD/AST9 jew ogħla. Dawk l-arranġamenti ma għandhomx ikunu applikabbli għall-uffiċjali li fil-konfront tagħhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 44. Dawk l-uffiċjali għandhom jamministraw il-ħin tax-xogħol tagħhom bi qbil mas-superjuri tagħhom.

▼M112

L-Artikolu 55a

1. Uffiċjal jista' jitlob awtorizzazzjoni biex jaħdem *part-time.*

L-Awtorità tal-Ħatra tista' tagħti t-tali awtorizzazzjoni jekk din hija kompatibbli ma' l-interessi tas-servizz.

▼M131

2. L-uffiċjal għandu jkun intitolat għall-awtorizzazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) biex jieħu ħsieb tifel/tifla dipendenti taħt id-disa' snin,

(b) biex jieħu tifel/tifla dipendenti bejn id-9 u t-12-il sena, jekk it-tnaqqis fil-ħin ta' xogħol ma jkunx aktar minn 20 % tal-ħin normali tax-xogħol,

(c) biex jieħu ħsieb tifel/tifla dipendenti meta dawn jagħlqu l-età ta' 14-il sena meta l-uffiċjal ikun ġenitur waħdu'

(d) f'każijiet ta' sitwazzjoni serja, biex jieħu ħsieb tifel/tifla dipendenti sakemm jilħqu l-età ta' 14-il sena jekk it-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol ma jkunx aktar minn 5 % tal-ħin normali tax-xogħol, F'dan il-każ, l-ewwel żewġ paragrafi tal-Artikolu 3 tal-Anness IVa ma għandhomx japplikaw. Fejn iż-żewġ ġenituri huma impjegati fis-servizz tal-Unjoni, huwa wieħed biss li hu intitolat għal tali tnaqqis,

▼**M131**

(e) biex jieħu ħsieb il-konjuġi li marid(a) serjament jew diżabbli, qraba axxendenti, qraba dixxendenti, ħu jew oħt,

(f) biex jieħu sehem f'aktar taħriġ, jew

(g) mill-età ta' 58 matul l-aħħar tliet snin qabel ma jilħaq l-età pensjonabbli.

Fejn part-time jintalab sabiex jieħu sehem f'aktar taħriġ, jew matul l-aħħar tliet snin qabel ma jilħaq l-età pensjonabbli, iżda mhux qabel l-età ta' 58, l-awtorità tal-ħatra tista' tirrifjuta l-awtorizzazzjoni jew tipposponi d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha biss f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni u biex taqbeż raġunijiet relatati mas-servizz.

Meta t-tali intitolament għall-awtorizzazzjoni ikun eżerċitat biex jieħu ħsieb il-konjuġi li marid(a) serjament jew diżabbli, qraba axxendenti, qraba dixxendenti, ħu jew oħt, jew biex jieħu sehem f'aktar taħriġ, it-total tat-tali perjodi kollha ma għandux jaqbeż ħames snin tul il-karriera tal-uffiċjal.

▼**M112**

3. L-Awtorità tal-Ħatra għandha twieġeb għat-talba ta' l-uffiċjal fi żmien 60 ġurnata.

4. Il-regoli li jirregolaw ix-xogħol *part-time* u l-proċedura biex tingħata l-awtorizzazzjoni, għandhom jitniżżlu fl-Anness IVa.

L-Artikolu 55b

Uffiċjal jista' jitlob l-awtorizzazzjoni biex jaħdem *half-time* f'forma ta' *job-sharing* f'posizzjoni identifikata mill-Awtorità tal-Ħatra, bħala xieraq għal dak l-iskop. L-awtorizzazzjoni biex jinħadem il-*half-time* permezz *job-sharing* m'għandux ikun limitat bil-ħin. Tista', iżda, tkun irtirata mill-Awtorità tal-Ħatra fl-interessi tas-servizz, wara li tagħti n-notifika uffiċjali ta' sitt xhur. Bl-istess mod, l-Awtorità tal-Ħatra tista', ma' l-applikazzjoni ta' l-uffiċjal ikkonċernat u wara li tagħti notifika ta' mill-anqas sitt xhur, tirtira l-awtorizzazzjoni. F'dan il-każ, l-uffiċjal jista' tkun ittrasferit għal posizzjoni differenti.

L-Artikolu 59a u, għajr għat-tielet sentenza tal-paragrafu 2, l-Artikolu 3 ta' l-Anness IVa għandu jgħodd.

L-Awtorità tal-Ħatra tista' tniżżel ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

▼**B**

Artikolu 56

Uffiċjal ma jistax ikun meħtieġ jaħdem sahra ħlief f'każijiet ta' urġenza jew pressjoni eċċezzjonali ta' xogħol; xogħol bil-lejl u kull xogħol fil-Ħdud jew vakanzi pubbliċi jista' jkun awtorizzat biss skond il-proċedura mniżżla mill-awtorità tal-ħatra. ►**M23** Is-sahra totali li uffiċjal jista' jintalab jaħdem m'għandhiex taqbeż 150 siegħa f'kull sitt xhur. ◄

Sahra maħduma minn uffiċjali fil-►**M112** grupp tal-funzjoni ta' l-AD, u fil-grupp tal-funzjoni ta' l-AST 5 sa 11. ◄ ma ġġorr l-ebda dritt għal kumpens jew remunerazzjoni.

▼M131

Kif stabbilit fl-Anness VI, is-sahra maħduma mill-uffiċjali fil-gradi tal-Kategoriji SC 1 sa SC 6 jew il-gradi AST 1 sa AST 4 għandha tintitolahom jew għal leave kumpensatorju jew għal remunerazzjoni fejn il-ħtiġijiet tas-servizz ma jippermettux leave kumpensatorju matul ix-xahrejn ta' wara dak li fih tkun inħadmet is-sahra.

▼M22

Artikolu 56a

Uffiċjal ►M30 ——————— ◄ li huwa mistenni jaħdem regolarment bil-lejl, is-Sibtijiet, il-Ħdud jew fil-vakanzi pubbliċi għandu jkun intitolat għal *allowances* speċjali meta jinħadem xogħol bix-*shift* li huwa meħtieġ mill-istituzzjoni minħabba l-esiġenzi tas-servizz jew ir-regoli tas-sigurtà u li huwa meqjus minnha bħala karatteristika regolari u permanenti.

▼M131

Wara li jiġi kkonsultat il-Kumitat dwar ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 111 u 112, il-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għal tali allowances, il-kondizzjonijiet għall-għoti tal-allowances u r-rati tagħhom.

▼M22

Is-siegħat normali tax-xogħol ta' uffiċjal fuq xogħol ta' *shift* m'għandhomx jaqbżu t-total tas-sena tas-siegħat normali tax-xogħol.

Artikolu 56b

▼C7

Uffiċjal għandu jkun intitolat għal *allowance* speċjali meta regolarment ikun meħtieġ skond deċiżjoni meħuda mill-awtorità tal-ħatra minħabba l-esiġenzi tas-servizz jew ir-regoli ta' sigurtà li jibqa' fuq dmirijiet ta' riserva fuq il-post tax-xogħol jew id-dar barra s-siegħat normali ta' xogħol.

▼M131

Wara li jiġi kkonsultat il-Kumitat dwar ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 111 u 112, sabiex jiġu determinati l-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għall-tali allowances, il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' dawn l-allowances u r-rati tagħhom.

▼M112

L-Artikolu 56c

Benefiċċji speċjali jistgħu jingħataw lil ċerti uffiċjali bħala kumpens għal kondizzjonijiet partikolarment diffiċili ta' xogħol.

▼M131

Wara li jiġi kkonsultat il-Kumitat dwar ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 111 u 112, sabiex jiġu determinati l-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għall-allowances speċjali, il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' dawn l-allowances u r-rati tagħhom.

▼B

IL-KAPITOLU 2

leave

Artikolu 57

L-uffiċjali għandhom ikunu intitolati għal *leave*fis-sena ta' mhux anqas minn 24 jiem utli lanqas aktar minn 30 jiem utli għal kull sena kalendarja, skond ir-regoli mniżżla bil-ftehim komuni ►**M131** tal-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet ◄ ►**M128** tal-Unjoni, ◄ wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal.

Barra dan il-*leave*kull sena uffiċjal, jista', bħala eċċezzjoni b'applikazzjoni, jingħata *leave*speċjali. Ir-regoli dwar it-tali *leave*huma mniżżla fl-Anness V.

▼M131

Artikolu 58

Nisa tqal għandhom, barra l-leave previst fl-Artikolu 57, ikunu intitolati mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat mediku għal 20 ġimgħa ta' leave. Il-leave ma jibdiex qabel sitt ġimgħat mid-data mistennija tal-ħlas muri fuq iċ-ċertifikat, u jintemm mhux qabel minn 14-il ġimgħa wara d-data tal-ħlas. Fil-każ ta' twelid multiplu, jew qabel iż-żmien, jew ta' twelid ta' tarbija b'diżabilità jew b'mard serju, iż-żmien ikun ta' 24 ġimgħa. Twelid qabel iż-żmien, għall-iskopijiet ta' din id-dispożizzjoni, huwa twelid li jseħħ qabel it-tmiem tal-34 ġimgħa tat-tqala.

▼B

Artikolu 59

▼M112

1. Uffiċjal li jipprovdi evidenza li mhux kapaċi jwettaq id-dmirijiet tiegħu minħabba mard, jew inċident għandu, awtomatikament ikun intitolat għall-vaganzi tal-mard.

L-uffiċjal ikkonċernat għandu jinnotifika l-istituzzjoni tiegħu bl-inkapaċità tiegħu, mill-aktar fis possibbli u fl-istess ġin jiddikjara l-indirizz kurrenti tiegħu. Huwa għandu jipproduċi ċertifikat mediku jekk huwa assenti għal aktar minn tlett ijiem. Dan iċ-ċertifikat irid jintbagħat fil-ħames ġurnata ta' l-assenza l-aktar tard, kif huwa ppruvat mid-data tat-timbru tal-posta. Fin-nuqqas ta' dan, u sakemm jonqos li jibgħat iċ-ċertifikat minħabba raġunijiet barra l-kontroll tiegħu, l-assenza ta' l-uffiċjal għandha tkun ikkunsidrata mhux awtorizzata.

L-uffiċjal, f'kull ħin, jista' jkun meħtieġ li jagħmel eżami mediku rranġat mill-istituzzjoni. Jekk l-eżami ma jistax isir minħabba raġunijiet attribwiti lill-uffiċjal, l-assenza tiegħu titqies mhux awtorizzata mid-data meta l-eżami għandu jsir.

Jekk jinstab fl-eżami li l-uffiċjal kapaċi jwettaq id-dmirijiet tiegħu, l-assenza tiegħu, suġġetta għas-subparagrafu li ġej, għadha titqies li mhux ġustifikata mid-data ta' l-eżami.

Jekk l-uffiċjal jikkunsidra li l-konklużjonijiet ta' l-eżami mediku rranġat mill-Awtorità tal-Ħatra m'humiex iġġustifikati fuq raġunijiet mediċi, huwa jew tabib li jaġixxi f'ismu, jista' fi żmien jumejn jibgħat lill-istituzzjoni talba li l-kwestjoni tkun riferuta lil tabib indipendenti għal opinjoni.

▼**M112**

L-istituzzjoni għandha minnufih titrasmetti t-talba għand tabib ieħor, li ftehmu dwaru t-tabib ta' l-uffiċjal u l-uffiċjal mediku ta' l-istituzzjoni. Fin-nuqqas tat-tali ftehim fi żmien ħamest ijiem mit-talba, l-istituzzjoni għandha tagħżel persuna minn lista ta' tobba indipendenti, li tkun stabbilita għal dan l-iskop kull sena bil-kunsens komuni ta' l-Awtorità tal-Ħatra u l-Kumitat tal-Persunal. L-uffiċjal jista' fi żmien jumejn utli joġġezzjona għall-għażla ta' l-istituzzjoni, li minn hemm l-istituzzjoni għandha tagħżel persuna oħra minn fuq il-lista, liema għażla tkun finali.

L-opinjoni tat-tabib indipendenti li tingħata wara konsultazzjoni mat-tabib ta' l-uffiċjal u l-uffiċjal mediku ta' l-istituzzjoni, għandha tkun vinkolanti. Fejn l-opinjoni tat-tabib indipendenti tikkonferma l-konklużjonijiet ta' l-eżami rranġat mill-istituzzjoni, l-assenza titqies li mhux iġġustifikata mid-data ta' dak l-eżami. Fejn l-opinjoni tat-tabib indipendenti ma tikkonfermax il-konklużjonijiet ta' dak l-eżami, l-assenza titqies għall-iskopijiet kollha li ma kenitx iġġustifikata

►**C8** 2. Jekk, fuq perjodu ta' 12-il xahar, uffiċjal huwa assenti mingħajr ċertifikat mediku sa tlett ijiem minħabba mard għal total ta' aktar minn 12-il ġurnata, ◄ huwa għandu jipproduċi ċertifikat mediku għal kull assenza oħra minħabba mard. L-assenza tiegħu titqies mhux iġġustifikati mit-tlettax-il ġurnata ta' assenza fuq bażi ta' mard, mingħajr ċertifikat mediku.

3. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar proċeduri dixxiplinari, fejn ikun il-każ, kull assenza li titqies mhux iġġustifikata taħt il-paragrafi 1 u 2, għandha titnaqqas mill-vakanzi tas-sena ta' l-uffiċjal ikkonċernat. Fil-każ li l-uffiċjal ma baqalux intitolament għal vakanzi, għandu jitlef il-benefiċċju tar-remunerazzjoni għall-perjodu li jikkorrospondi.

4. L-Awtorità tal-Ħatra tista' tirreferi lill-Kumitat ta' l-Invaliditá, il-każ ta' kull uffiċjal li l-vakanzi tal-mard tiegħu jammontaw għal aktar minn 12-il xahar f'kull perjodu ta' tlett snin.

5. Uffiċjal jista' jkun meħtieġ jieħu l-vakanzi wara eżami mill-uffiċjal mediku ta' l-istituzzjoni jekk l-istat ta' saħħa tiegħu titlob hekk, jew jekk membru mill-familja tad-dar tiegħu qed isofri minn marda li tittieħed.

Fil-każ ta' tilwima, il-proċedura mniżżla fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1 għandha tapplika.

6. L-uffiċjali għandhom jagħmlu eżami mediku kull sena jew għand l-uffiċjal mediku ta' l-istituzzjoni jew għand tabib mediku magħżul minnhom.

Fil-każ ta' l-aħħar, l-ispejjeż tat-tabib għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni sa ammont massimu stabbilit għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin mill-Awtorità tl-Ħatra, wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-Artikolu 59a

Il-vakanzi ta' kull sena ta' uffiċjal li huwa awtorizzat li jaħdem *part-time* għandu, sakemm jibqa' awtorizzat hekk, jitnaqqsu proporzjonalment.

▼B

Artikolu 60

Ħlief fil-każ ta' mard jew inċident, uffiċjal ma jistax ikun assenti mingħajr permess minn qabel tas-superjur tiegħu dirett fuqu. Mingħajr preġudizzju għal xi miżuri dixxiplinari li jistgħu japplikaw, kull assenza mhux awtorizzata li hija stabbilita sew għandha titnaqqas mill-*leave*ta' kull sena ta' l-uffiċjal konċernat. Jekk uża l-*leave*ta' xogħol tiegħu, għandu jitlef ir-remunerazzjoni tiegħu għal perjodu ekwivalenti.

Jekk uffiċjal jixtieq iqatta' l-*leave*x'imkien ieħor barra l-post fejn huwa mpjegat għandu jikseb il-permess minn qabel ta' l-awtorità tal-ħatra.

IL-KAPITOLU 3

Vakanzi pubbliċi

▼M131

Artikolu 61

Il-listi tal-vakanzi pubbliċi għandhom jitfasslu bi ftehim bejn 'l-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni wara li jiġi kkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal

▼B

IT-TITOLU V

EMOLUMENTI U BENEFIĊĊJI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI TA' L-UFFIĊJALI

IL-KAPITOLU 1

Remunerazzjoni u spejjeż

Taqima 1

REMUNERAZZJONI

Artikolu 62

Skond l-Anness VII u ħlief kif espressament provdut mod ieħor, uffiċjal li għadu kif jinħatar għandu jkun intitolat għar-remunerazzjoni marbuta mal-grad u l-iskala tiegħu.

Uffiċjal ma jistax ineħħi l-intitolment tiegħu għar-remunerazzjoni.

Ir-remunerazzjoni għandha tkun magħmula mill-paga bażika, *allowances*tal-familja u *allowances*oħra.

▼M131

Artikolu 63

Ir-remunerazzjoni tal-uffiċjal għandha tkun espressa f'euro. Għandha titħallas fil-valuta tal-pajjiż li fih l-uffiċjal iwettaq dmirijietu jew f'euro.

Ir-remunerazzjoni mħallsa b'valuta li mhijiex l-euro għandha tiġi kkakulata abbażi tar-rati tal-kambju li jintużaw fl-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju ta' dik is-sena.

Kull sena r-rati tal-kambju għandhom jiġu aġġornati retroattivament meta jsir l-aġġornament annwali tar-remunerazzjoni previst fl-Artikolu 65.

▼**M131**

Artikolu 64

'Ir-remunerazzjoni ta' uffiċjal espressa f'euro għandha, wara li jsir it-tnaqqis obbligatorju stabbilit f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal jew fi kwalunkwe regolamenti ta' implimentazzjoni, titkejjel b'rata ogħla, anqas jew ugwali għal 100 %, skont il-kondizzjonijiet tal-għajxien fil-postijiet varji tax-xogħol.

Il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni għandhom jinħolqu jew jiġu rtirati kif ukoll jiġu aġġornati kull sena f'konformità mal-Anness XI. Fir-rigward tal-aġġornament, il-valuri kollha għandhom jiġu mifhuma bħala valuri ta' referenza. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-valuri aġġornati fi żmien ġimagħtejn wara l-aġġornament fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għall-finijiet informattivi.

L-ebda koeffiċjenti ta' korrezzjoni ma għandu jkun applikabbli fil-Belġju u fil-Lussemburgu fir-rigward tar-rwol speċjali bħala referenzjali ta' dawk il-postijiet ta' impjieg bħala sedi prinċipali u oriġinali tal-maġġoranza tal-istituzzjonijiet.

Artikolu 65

1. Ir-remunerazzjoni tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi aġġornata kull sena billi tqis il-politika ekonomika u politika tal-Unjoni. Kunsiderazzjoni partikolari għandha tingħata għal xi żidiet fil-pagi tas-servizz pubbliku tal-Istati Membri u l-ħtiġiet tar-reklutaġġ. L-aġġornament tar-remunerazzjoni għandu jkun implimentat f'konformità mal-Anness XI. Dan l-aġġornament għandu jseħħ qabel tmiem kull sena fid-dawl ta' rapport konġunt mill-Kummissjoni bbażat fuq dejta statistika mħejjija mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea bi qbil mal-uffiċċji nazzjonali tal-Istatistika tal-Istati Membri; id-dejta statistika għandha tirrefletti s-sitwazzjoni mill-1 ta' Lulju f'kull wieħed mill-Istati Membri. Dak ir-rapport għandu jinkludi dejta li tapplika għall-impatt tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Unjoni. Għandu jiġi trażmess lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

L-ammonti msemmija fit-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 42a, l-Artikoli 66 u 69, l-Artikoli 1(1), 2(1), 3(1) u (2), 4(1), 7(2), 8(2), 10(1) tal-Anness VII u l-Artikolu 8(2) tal-Anness XIII, u fl-Artikolu 4a preċedenti tal-Anness VII għandhom jiġu aġġornati skont l-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII, l-ammonti msemmija fl-Artikolu 24(3), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28a(3), l-Artikoli 28a(7), 93, 94, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 96(3) u l-Artikoli 96(7), 133, 134 u 136 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra, l-ammonti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 ([1]) u l-koeffiċjent tal-ammonti msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 260/68 ([2]) għandhom jiġu aġġornati kull sena f'konformità mal-Anness XI. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ammonti aġġornati fi żmien ġimagħtejn wara l-aġġornament fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għall-finijiet informattivi.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976 li jiddetermina l-kategoriji tal-uffiċjali li jieħdu l-allowances għal xogħol bix-xift, u r-rati u l-kondizzjonijiet ta' dawn (ĠU L 38, 13.2.1976, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8. Edizzjoni Speċjali bl-Ingliż: Serje I, Volum 1968(I) p. 37).

▼**M131**

2. Fil-każ ta' tibdil sostanzjali fil-kost tal-għajxien, l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 u l-kejl imsemmi fl-Artikolu 64 għandhom jiġu aġġornati f'konformità mal-Anness XI. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ammonti u l-kejl aġġornati fi żmien ġimagħtejn wara l-aġġornament fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għall-finijiet informattivi.

3. L-ammonti msemmija fil-paragrafi 1 u l-kejl msemmi fl-Artikolu 64 għandhom ikunu mifhuma bħala ammonti u kejl li l-valur attwali tagħhom f'ċertu żmien ikun suġġett għal aġġornament mingħajr intervent ta' att ġuridiku ieħor.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(5) u (6) tal-Anness XI, m'għandu jsir l-ebda aġġornament previst skont il-paragrafi 1 u 2 fis-snin 2013 u 2014.

▼**M78**

Artikolu 65a

Ir-regoli biex ikunu mplimentati l-Artikoli 64 u 65 huma ppreżentati fl-Anness XI.

▼**M3**

Artikolu 66

▼**M131**

Is-salarji bażiċi ta' kull xahar għal kull grad u skala fil-gruppi ta' funzjoni AD u AST kif previst fit-tabella li ġejja:

▼**M151**

1.1.2022	SKALI				
GRADI	1.	2.	3.	4.	5.
16.	19 958,49	20 797,17	21 671,09		
15	17 639,97	18 381,23	19 153,62	19 686,51	19 958,49
14.	15 590,76	16 245,92	16 928,59	17 399,57	17 639,97
13.	13 779,65	14 358,68	14 962,04	15 378,33	15 590,76
12	12 178,90	12 690,67	13 223,96	13 591,86	13 779,65
11	10 764,11	11 216,42	11 687,75	12 012,93	12 178,90
10	9 513,69	9 913,45	10 330,05	10 617,43	10 764,11
9	8 408,50	8 761,84	9 130,04	9 384,03	9 513,69
8	7 431,71	7 744,00	8 069,41	8 293,92	8 408,50
7	6 568,39	6 844,41	7 132,01	7 330,44	7 431,71
6	5 805,35	6 049,31	6 303,50	6 478,88	6 568,39

▼**M151**

1.1.2022	SKALI				
GRADI	1.	2.	3.	4.	5.
5	5 130,98	5 346,58	5 571,25	5 726,26	5 805,35
4	4 534,93	4 725,47	4 924,05	5 061,05	5 130,98
3	4 008,09	4 176,54	4 352,05	4 473,11	4 534,93
2	3 542,50	3 691,35	3 846,47	3 953,49	4 008,09
1	3 130,98	3 262,54	3 399,63	3 494,24	3 542,50

▼**M131**

Is-salarji bażiċi ta' kull xahar għal kull grad u skala fil-gruppi ta' funzjoni AST/SC kif previst fit-tabella li ġejja:

▼**M151**

1.1.2022	SKALI				
GRADI	1	2	3	4	5
6	5 090,25	5 304,16	5 527,04	5 680,79	5 759,29
5	4 498,93	4 687,98	4 885,67	5 020,88	5 090,25
4	3 976,31	4 143,39	4 317,51	4 437,63	4 498,93
3	3 514,38	3 662,06	3 815,97	3 922,11	3 976,31
2	3 106,12	3 236,66	3 372,68	3 466,50	3 514,38
1	2 745,30	2 860,67	2 980,88	3 063,79	3 106,12

▼**M131**

Artikolu 66a

1. B'mod ta' deroga mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 u biex tiġi kkunsidrata, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 65(3), l-applikazzjoni tal-metodu għall-aġġornament tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali, mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2023 għandha tiġi applikata miżura temporanja dwar ir-remunerazzjoni mħallsa mill-Unjoni lill-persunal fuq impjieg attiv, li għandha tkun magħrufa bħala l-"imposta ta' solidarjetà".

2. Ir-rata tal-imposta ta' solidarjetà, li għandha tiġi applikata għall-bażi definita fil-paragrafu 3, għandha tkun ta' 6 %'; Ir-rata għandha, madankollu, tkun 7 % għal uffiċjali fi grad AD 15, skala 2 u ogħla.

3. (a) Il-bażi tal-imposta ta' solidarjetà għandha tkun is-salarju bażiku użat biex tinħadem ir-remunerazzjoni, bit-tnaqqis ta':

(i) il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tal-pensjonijiet, u t-taxxa, qabel l-imposta speċjali, imħallsa minn uffiċjal fl-istess grad u skala mingħajr dipendenti, fis-sens tal-Artikolu 2 tal-Anness VII, u

▼M131

(ii) ammont daqs is-salarju bażiku ta' uffiċjal fil-grad AST 1, skala 1.

(b) Il-komponenti użati biex tkun stabbilita l-bażi tal-imposta ta' solidarjetà għandhom ikunu espressi f'euro u pożati għal 100.

4. L-imposta ta' solidarjetà għandha titnaqqas fix-xahar minn ras il-għajn; il-qligħ għandu jiddaħħal bħala dħul fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

▼B

Artikolu 67

▼M16

1. L-*allowances*tal-familja għandhom ikunu magħmula minn:

▼M56

(a) *allowance*ta' numru ta' nies id-dar;

(b) *allowance*għal tfal dipendenti;

▼M16

(ċ) *allowance*għall-edukazzjoni.

▼M23

2. L-uffiċjali li jirċievu *allowance*tal-familja speċifikati f'dan l-Artikolu għandhom jiddikjaraw il-benefiċċji ta' l-istess natura mħallsa minn sorsi oħra; it-tali *allowance*ta' l-aħħar għandhom jitnaqqsu minn dawk imħallsa taħt l-Artikoli 1, 2 u 3 ta' l-Anness VII.

▼M131

3. L-allowance tat-tfal tista' tkun iruppjata b'deċiżjoni raġunata speċjali tal-awtorità tal-ħatra bbażata fuq dokumenti mediċi li jistabbilixxu li t-tifel/tifla kkonċernat/a għand(u)/(ha) diżabilità jew mard fit-tul li jinvolvi piż finanzjarju kbir għall-uffiċjal.

▼M56

4. ►M95 Fejn, bis-saħħa ta' l-Artikoli 1, 2 u 3 ta' l-Anness VII, it-tali *allowances*tal-familja jitħallsu lil persuna barra l-uffiċjal, dawn l-*allowances*għandhom jitħallsu fil-munita tal-pajjiż li fih dik il-persuna hija resident, maħdum fejn aplikabbli fuq il-bażi tar-rati tal-kambju imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 63. Huma għadhom ikunu suġġetti għall-pożati tal-pajjiż in kwistjoni jekk qiegħed ġewwa ►M128 l-Unjoni ◄ jew għal pożati daqs 100 jekk il-pajjiż tar-residenza huwa barra ►M128 l-Unjoni. ◄ ◄

Il-paragrafi 2 u 3 għandhom japplikaw meta *allowances*tal-familja jitħallsu lil tali persuna.

▼B

Artikolu 68

▼M23

*L-allowances*tal-familja speċifikati fl-Artikolu 67(1) għandhom ikomplu jkunu pagabbli meta l-uffiċjal huwa intitolat għal *allowance*taħt l-Artikolu 41 jew taħt l-Artikoli 34 jew 42 tar-Regolamenti ta' qabel tal-Persunal tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u ta' l-Azzar.

Il-persuna kkonċernata għandha tiddikjara l-*allowance*ta' l-istess natura li tirċievi minn sorsi oħra għall-istess tifel; it-tali *allowances*għandhom jitnaqqsu minn dawk imħallsa taħt l-Artikoli 1, 2 u 3 ta' l-Anness VII.

▼M112

L-Artikolu 68a

Uffiċjal li huwa awtorizzat jaħdem *part-time* għandu jkun intitolat għal remunerazzjoni, maħduma kif provdut fl-Anness IVa.

▼B

Artikolu 69

▼M16

L-*allowance*ta' l-espatrijazzjoni għandu jkun daqs 16 % tat-total tas-salarju bażiku, ►M25 l-*allowance*tal-familja ◄, u l-*allowance*tat-tfal dipendenti li għalihom huwa intitolat l-uffiċjal. L-*allowance*ta' l-espatrijazzjoni m'għandux ikun anqas minn ►M151 EUR 596,18 ◄ kull xahar.

▼M112

L-Artikolu 70

Fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal, is-sieħba u t-tfal dipendenti li jibqgħu ħajjin, għandhom jirċievu r-remunerazzjoni sħiħa tal-mejjet sa l-aħħar tat-tielet xahar ta' wara x-xahar li fih tiġri l-mewt.

Fil-każ tal-mewt ta' persuna intitolata għal pensjoni jew benefiċċju ta' l-invaliditá, id-disposizzjonijiet t'hawn fuq għandhom japplikaw dwar il-pensjoni jew il-benefiċċju tal-mejjet.

———————

▼B

Taqsima 2

L-ISPEJJEŻ

Artikolu 71

Uffiċjal għandu jkun intitolat, kif ipprovdut fl-Anness VII, għal Rimborsar ta' l-ispejjeż li ħallas malli jieħu l-ħatra, it-trasferiment jew meta jħalli s-servizz, u wkoll għal Rimborsar ta' l-ispejjeż li ħallas matul u f'konnessjoni mal-qadi tad-dmirijiet tiegħu.

▼B

IL-KAPITOLU 2

Benefiċċji tas-sigurtà soċjali

Artikolu 72

▼M56

1. Uffiċjal, il-konsorti tiegħu, fejn it-tali konsorti mhux eliġibbli għall-benefiċċji ta' l-istess natura u fuq l-istess livell bis-saħħa ta' xi disposizzjoni jew regolament ieħor, it-tfal tiegħu u dipendenti oħra fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII huma assigurati kontra l-mard sa 80 % ta' l-ispejjeż imħallsa, suġġetti għar-regoli mħejjija mill-ftehim bejn ►M131 l-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet ◄ ►M128 tal-Unjoni ◄ wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal. Din ir-rata għandha tiżdied għal 85 % tas-servizzi li ġejjin: konsulenza u viżiti, operazzjonijiet kirurġiċi, ammissjoni fl-isptar, prodotti farmaċewtiċi, radjoloġija, analiżi, testijiet tal-laboratorju, u protesi fuq preskrizzjoni bl-eċċezzjoni ta' protesi dentali. Tiżdied għal 100 % fil-każijiet ta' tuberkuloži, poljomelite, kankru, mard mentali, u mard ieħor rikonoxxut mill-awtorità tal-ħatra bħala ta' serjetà komparabbli, u għal eżami biex jinstab il-mard mill-ewwel u fil-każijiet ta' għeluq. Madankollu, ir-rimburżar ta' 100 % ma japplikax fil-każ ta' mard jew aċċident fuq il-post tax-xogħol li daħħal fis-seħħ l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 73.

▼M112

Is-sieħeb mhux miżżewweġ ta' uffiċjal għandu jitqies bħala miżżewweġ taħt l-iskema ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard, fejn l-ewwel tliet kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(2)(ċ) ta' l-Anness VII jitħarsu.

►M131 L-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet ◄ jistgħu, taħt ir-regoli riferuti fl-ewwel subparagrafu, jagħtu lil wieħed min-numru tagħhom, is-setgħa li jniżżel ir-regoli li jirregolaw r-rimborżar ta' l-ispejjeż, skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 110.

▼M56

Terz mill-kontribuzzjoni meħtieġa biex tagħmel tajjeb għat-tali kopertura ta' l-assigurazzjoni titħallas mill-uffiċjal iżda sakemm l-ammont li jħallas ma jaqbiżx it-2 % tas-salarju bażiku tiegħu.

▼M23

1a. Uffiċjali li jispiċċa s-servizz tiegħu u li jiprovdi evidenza li ►M112 mhux f'impjieg bil-qligħ ◄, jista' mhux aktar minn xahar wara dak li fih jispiċċa s-servizz tiegħu japplika biex, għal massimu ta' sitt xhur wara li jispiċċa s-servizz, ikompli jkun assigurat kif provdut fil-paragrafu 1. Il-kontribuzzjoni imsemmija fil-paragrafu ta' qabel għandha tinħadem b'riferenza għall-aħħar salarju bażiku li rċieva l-uffiċjal, nofs il-kontribuzzjoni tkun fuqu.

B'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra li tittieħed wara konsultazzjoni ma' l-uffiċjal mediku ta' l-istituzzjoni, il-perjodu ta' xahar biex issir l-applikazzjoni u l-limitu ta' sitt xhur speċifikat fis-subparagrafu ta' qabel ma japplikawx fejn il-persuna kkonċernata qed issofri minn mard serju jew fit-tul li ttieħed qabel ma telqet mis-servizz u fuq liema kienet innotifikat l-istituzzjoni qabel l-aġġar tal-perjodu ta' sitt xhur speċifikat fil-paragrafu ta' qabel, sakemm il-persuna kkonċernata tagħmel eżami mediku rranġat mill-istituzzjoni.

▼M56

1b. Meta dik li kienet konsorti ta' l-uffiċjal, tifel li ma jibqax dipendenti ta' l-uffiċjal jew persuna li tibqax ittrattata bħala tfal dipendenti fissens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tista' tipprovdi evidenza li ►M112 huwa jew hija m'hijiex f'impjieg bil-qligħ ◄, hu jew hija tista' tkompli għal massimu ta' sena li tkun assigurata kontra l-mard kif ipprovdut fil-paragrafu 1, fil-kapaċità tiegħu jew tagħha bħala persuni assigurati koperti taħt l-assigurazzjoni ta' dak l-uffiċjal: din il-kopertura ma ġġibx sisa fuq il-kontribuzzjoni. Dan il-perjodu ta' sena jibda mid-data tad-digriet assoluta tad-divorzju jew tat-telf ta' l-istat ta' tifel dipendenti jew ta' persuna ttrattata bħala tifel dipendenti.

▼M112

2. Uffiċjal li baqa' fis-servizz ►M128 tal-Unjoni ◄ ►M131 sal-età pensjonabbli ◄ sena jew li jirċievi benefiċċju ta' l-invaliditá, għandu jkun intitolat għall-benefiċċji pprovduti fil-paragrafu 1 wara li jitlaq mis-servizz. L-ammont tal-kontribuzzjoni għandu jinħadem b'riferenza għall-ammont tal-pensjoni jew tal-benefiċċju.

Dawn il-benefiċċji għandhom japplikaw ukoll għall-persuna intitolata għall-pensjoni ta' l-għajxien, wara l-mewt ta' uffiċjal li kien f'impjieg attiv jew li baqa' fis-servizz ►M128 tal-Unjoni ◄ sa ►M131 sal-età pensjonabbli ◄, jew il-mewt ta' persuna intitolata għal benefiċċju ta' l-invaliditá. L-ammont tal-kontribuzzjoni għandu jinħadem b'riferenza għall-ammont tal-pensjoni ta' l-għajxien.

2a. Li ġej għandhom l-istess ikunu intitolati għall-benefiċċji pprovduti fil-paragrafu 1, bil-kondizzjoni li m'għandhomx impieg bil-qligħ:

(i) dawk li qabel kienu uffiċjali intitolati għall-pensjonijiet ta' l-irtirar, li jitilqu mis-servizz ►M128 tal-Unjoni ◄ qabel ►M131 jilħqu l-età pensjonabbli, ◄

(ii) persuni intitolati għall-pensjoni ta' l-għajxien, bħala riżultat tal-mewt ta' wieħed li qabel kien uffiċjal, li telaq mis-servizz ►M128 tal-Unjoni ◄ qabel ►M131 jilħqu l-età pensjonabbli. ◄

Il-kontribuzzjoni riferuta fil-paragrafu 1 għandha tinħadem b'riferenza għall-pensjoni ta' dak li qabel kien uffiċjal, qabel l-applikazzjoni, fejn ikun xieraq, tal-koeffiċjent tat-tnaqqis ipprovdut fl-Artikolu 9 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Iżda, il-persuni intitolati għall-pensjoni ta' ltim, ma jirċevux il-benefiċċju pprovdut fil-paragrafu 1 jekk ma japplikawx għalih. Il-kontribuzzjoni għandu jinħadem b'riferenza għall-ammont tal-pensjoni ta' l-orfni.

2b. Fil-każ ta' persuni intitolati għal pensjoni ta' l-irtirar jew pensjoni ta' l-għajxien, il-kontribuzzjoni riferuta fil-paragrafi 2 u 2a ma tistax tkun anqas minn dik maħduma b'riferenza għas-salarju bażiku li jikkorrospondi ma' l-ewwel skala ►M131 tal-grad AST 1. ◄.

2c. L-uffiċjali mkeċċija skond l-Artikolu 51 u mhux intitolati għal pensjoni ta' l-irtirar għandhom l-istess ikunu intitolati għall-benefiċċji pprovduti fil-paragrafu 1, bil-kondizzjoni li m'humiex impjegati bil-qligħ u li jħallsu nofs il-kontribuzzjoni, maħduma b'riferenza għall-aħħar salarju bażiku tagħhom.

▼B

3. Fejn l-ispiża totali mhux Rimborsata għal kull perjodu ta' 12-il xahar taqbeż nofs is-salarju bażiku jew il-pensjoni fix-xahar ta' l-uffiċjal, Rimborsar speċjali jkun permess mill-awtorità tal-ħatra, wara li jkunu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi tal-familja tal-persuna kkonċernata, fil-mod ipprovdut fir-regoli imsemmija fil-paragrafu 1.

▼M23

4. ►M56 Il-persuni intitolati għall-benefiċċji għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' kull Rimborsar imħallas jew li jistgħu jitolbu taħt xi skema oħra ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard ipprovduta mill-liġijiet jew ir-regolament għalihom jew għall-persuni koperti mill-assigurazzjoni tagħhom. ◄

▼**M23**

Fejn it-totali li kieku jirċievu b'mod ta' Rimborsar jaqbeż is-somma tar-Rimborsar ipprovdut fil-paragrafu 1, id-differenza għandha titnaqqas mill-ammont li għandu jkun Rimborsat skond il-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni tar-Rimborsar miksub taħt skema supplimentari privata ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard li tkopri dik il-parti ta' l-ispiża li mhux rimborsata mill-iskema ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard ►**M128** tal-Unjoni. ◄

▼**B**

Artikolu 73

1. Uffiċjal huwa assigurat, mid-data ta' meta jibda s-servizz, kontra r-riskju tal-mard minn fuq il-post tax-xogħol u ta' aċċident suġġett għar-regoli mħejjija mill-ftehim komuni ►**M131** tal-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet ◄ ►**M128** tal-Unjoni ◄ wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal. Huwa għandu jikkontribwixxi għan-nefqa ta' l-assigurazzjoni kontra r-riskji mhux tax-xogħol sa 0.1 % tas-salarju tiegħu.

It-tali regoli għandhom jispeċifikaw liema riskji mhux koperti.

2. Il-benefiċċji pagabbli jkunu kif ġej:

(a) fil-każ ta' mewt:

Pagament lill-persuni mniżżla hawn taħt ta' somma f'daqqa daqs ħames darbiet is-salarju bażiku fis-sena tal-mejjet maħduma b'riferenza għall-ammonti fix-xahar tas-salarju riċevut matul it-tnax il-xahar qabel l-aċċident:

— lill-konsorti u t-tfal tal-mejjet skond il-liġi tas-suċċessjoni li tirregola l-proprjetà ta' l-uffiċjal; madankollu, l-ammont pagabbli lill-konsorti m'għandux ikun anqas minn 25 % tas-somma f'daqqa;

— fejn m'hemmx persuni tal-kategorija t'hawn fuq, lid-dixxedenti l-oħra skond il-liġi tas-suċċessjoni li tirregola l-proprjetà ta' l-uffiċjal;

— fejn m'hemmx persuni mill-ebda waħda miż-żewġ kategoriji t'hawn fuq, lill-qraba ta' warajh skond il-liġi tas-suċċessjoni li tirregola l-proprjetà ta' l-uffiċjal;

— fejn m'hemmx persuni fl-ebda waħda mit-tliet kategoriji t'hawn fuq, lill-istituzzjoni.

(b) Fil-każ ta' invalidità totali permanenti:

Pagament lill-uffiċjal ta' somma f'daqqa daqs tmien darbiet is-salarju bażiku fis-sena tiegħu maħdum b'riferenza għall-ammonti fix-xahar tas-salarju riċevut matul it-tnax il-xahar qabel l-aċċident.

(ċ) Fil-każ ta' invalidita parzjali permanenti:

Pagament lill-uffiċjal ta' proporzjon tas-somma pprovduta fis-subparagrafu (b), maħdum b'riferenza għall-iskala mniżżla fir-regoli imsemmija fil-paragrafu 1.

Kif ipprovdut f'dawn r-regoli, annwalità tista' tieħu post il-pagamenti pprovduti fuq.

Il-benefiċċji mniżżla hawn fuq jistgħu jitħallsu bl-addizzjoni tal-benefiċċji pprovduti fil-Kapitolu 3.

▼B

3. Dawn li ġejjin għandhom ikunu koperti wkoll fil-mod ipprovdut fir-regoli imsemmija fil-paragrafu 1: spejjeż mediċi, farmaċewtiċi, ta' l-isptar, kirurġiċi, tal-protesi, tar-radjografija, tal-massaġġi, ortopediċi, kliniċi u tat-trasport u kull spiża simili oħra li tħallset bħala riżultat ta' l-aċċident jew il-mard minn fuq il-post tax-xogħol.

Madankollu, ir-Rimborsar għandu jsir biss fejn l-ammont imħallas lill-uffiċjal taħt l-Artikolu 72 ma jkoprix kompletament l-ispejjeż li tħallsu.

▼M62

_____

▼B

Artikolu 74

▼M39

1. Mat-twelid ta' tarbija ta' uffiċjal, il-persuna li attwalment tieħu ħsieb it-tarbija għandha tirċievi għotja ta' ►M97 198,31 EUR ◄.

L-istess għotja titħallas lill-uffiċjal li jadotta tifel li għandu anqas minn ħames snin u huwa dipendent fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) ta' l-Anness VII.

▼B

2. Din l-għotja titħallas ukoll fil-każ li tintemm tqala wara mhux anqas minn seba' xhur.

▼M39

3. Riċevitur ta' għotja mat-twelid ta' tarbija għandu jiddikjara kull għotja ta' l-istess natura li jirċievi minn sorsi oħra għall-istess tarbija; it-tali għotjiet għandhom jitnaqqsu mis-somma pprovduta hawn fuq. Meta ż-żewġ ġenituri huma uffiċjali ►M128 tal-Unjoni, ◄ l-għotja għandha titħallas darba biss.

▼M56

Artikolu 75

Fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal, il-konsorti jew tifel dipendenti ta' l-uffiċjal, jew kull persuna dipendenti oħra fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII li għex bħala parti mill-familja ta' l-uffiċjal, l-istituzzjoni għandu tirrifondi l-ispejjeż involuti fit-trasport tal-katavru mill-post ta' l-impieg ta' l-uffiċjal sal-post ta' l-oriġini tiegħu.

Madankollu, fil-każ tal-mewt ta' uffiċċjal waqt missjoni, l-istituzzjoni għandha tħallas l-ispejjeż involuti biex jinġarr il-katavru mill-post fejn isir il-mewt għall-post ta' l-oriġini ta' l-uffiċjal.

▼B

Artikolu 76

Rigali, self jew avvanzi jistgħu jsiru lill-uffiċjali, lil dawk li qabel kienu uffiċjali, jew fejn uffiċjal miet, lil dawk intitolati taħtu li huma f'posizzjoni partikolarment diffiċili bħala riżultat inter alia ta' mard serju jew fit-tul ►M112 jew minħabba ◄ ċ-ċirkostanzi tal-familja.

▼M112

L-Artikolu 76a

Is-sieħeb li jibqa' ħaj li għandu mard serju jew fit-tul, jew li huwa inkapaċitat, jista' jirċievi għajnuna finanzjarja li żżidlu l-pensjoni mill-istituzzjoni għat-tul tal-mard jew tad-disabilità, fuq bażi ta' eżami taċ-ċirkostanzi soċjali u mediċi tal-persuna kkonċernata. Ir-regoli li jimplimentaw dan l-Artikolu għandhom ikunu stabbiliti bi qbil komuni bejn ►M131 l-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet, ◄ wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼B

IL-KAPITOLU 3

▼M112

Pensjonijiet u benefiċċju ta' l-invalidità

▼M131

Artikolu 77

Uffiċjal li ta mill-anqas 10 snin servizz għandu jkun intitolat għal pensjoni tal-irtirar. Madankollu, għandu jkun intitolat għat-tali pensjoni jkun xi jkun it-tul tas-servizz jekk jaqbeż l-età pensjonabbli, jekk ma kienx possibbli li jerġa' jingħata pożizzjoni matul perjodu ta' stat mhux attiv jew fil-każ ta' rtirar fl-interessi tas-servizz.

Il-pensjoni massima tal-irtirar għandha tkun 70 % tal-aħħar salarju bażiku marbut mal-aħħar grad li fih l-uffiċjal kien ikklassifikat għal mill-anqas sena. 1,80 % ta' dak is-salarju bażiku finali għandu jitħallas lil uffiċjal għal kull sena ta' servizz maħdum skont l-Artikolu 3 tal-Anness VIII.

Madankollu, f'każ ta' uffiċjali li kienu qed jassistu persuna li għandha kariga li dwarha hemm dispożizzjoni fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-President elett ta' waħda mill-istituzzjonijiet jew organi tal-Unjoni jew il-President elett ta' wieħed mill-gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew, l-intitolament għall-pensjonijiet jikkorrispondu għas-snin ta' servizz pensjonabbli miksub matul il-ħidma f'dik il-kariga għandha tiġi kkalkolata b'referenza għas-salarju bażiku finali riċevut matul dak iż-żmien jekk is-salarju bażiku riċevut jaqbeż dak meħud bħala referenza għall-iskop tat-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu.

L-ammont tal-pensjoni tal-irtirar ma jridx ikun anqas minn 4 % tal-ammont minimu tas-sussistenza għal kull sena ta' servizz.

L-età pensjonabbli għandha tkun 66 sena.

L-età pensjonabbli għandha tiġi eżaminata kull ħames snin mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem, fuq il-bażi ta' rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jeżamina, b'mod partikolari, l-evoluzzjoni tal-età pensjonabbli għall-persunal fis-servizzi pubbliċi tal-Istati Membri u l-evoluzzjoni tal-istennija tat-tul tal-għomor tal-uffiċjali tal-istituzzjonijiet.

Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta li temenda l-età pensjonabbli skont il-konklużjonijiet ta' dak ir-rapport, b'attenzjoni partikolari lill-iżviluppi fl-Istati Membri.

▼M131

Artikolu 78

Uffiċjal ikun intitolat, bil-mod li jiddisponu l-Artikoli 13 sa 16 tal-Anness VIII, għal allowance ta' invaliditá fil-każ ta' invaliditá permanenti totali, li ma tħallihx jaqdi dmirijietu li jkun jikkorrispondu għal pożizzjoni fil-grupp tal-funzjoni tiegħu.

L-Artikolu 52 japplika b'analoġija ma' dawk li jibbenefikaw minn allowance tal-invaliditá. Jekk min jibbenefika minn allowance tal-invaliditá, jirtira qabel ma jagħlaq 66 sena, mingħajr ma rċieva l-intitolament massimu tal-pensjoni, għandhom japplikaw ir-regoli ġenerali dwar il-pensjonijiet tal-irtirar. L-ammont tal-pensjoni tal-irtirar għandu jkun ibbażat fuq is-salarju tal-grad u l-iskala okkupati mill-uffiċjal meta jkun sar invalidu.

L-allowance tal-invaliditá tkun daqs 70 % tal-aħħar salarju bażiku tal-uffiċjal. Madankollu, ma tistax tkun anqas mill-ammont minimu ta' sussistenza.

L-allowance tal-invaliditá għandha tkun suġġetta għall-kontribuzzjonijiet magħmulin għall-iskema tal-pensjoni, ikkalkolata fuq il-bażi ta' dik l-allowance.

Meta l-invaliditá tinħoloq minn aċċident matul jew f'allowance mal-qadi tad-dmirijiet tal-uffiċjal, minn mard ikkaġunat mix-xogħol, minn att ta' spirtu pubbliku jew meta jipperikola ħajtu biex isalva bniedem ieħor, l-allowance tal-invaliditá ma tistax tkun anqas minn 120 % tal-ammont minimu tas-sussistenza. Fit-tali każijiet, barra minn hekk, il-kontribuzzjonijiet tal-iskema tal-pensjoni għandhom jitħallsu kompletament mill-baġit tal-istituzzjoni jew il-korp riferut fl-Artikolu 1b.

▼B

Artikolu 79

►M112 Is-sieħba li tibqa' ħajja ◄ ta' uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal għandha tkun intitolata, fil-mod ipprovdut fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness VIII, għal pensjoni għal min jibqa' ħaj daqs ►M5 60 % ◄ ►M112 tal-pensjoni ta' l-irtirar jew il-benefiċċju ta' l-invaliditá ◄ li kienet titħallas lil żewġha, jew li, jkun xi jkun it-tul tas-servizz ►M62 jew ta' l-età ◄, kieku kieket titħallas lilu li kieku kkwalifika għaliha ►M112 meta miet ◄.

L-ammont tal-pensjoni għal min jibqa' ħaj pagabbli ►M112 is-sieħba li tibqa' ħajja ◄ ta' l-uffiċjal li miet waqt li kien f'wieħed mill-istati amministrattivi speċifikati fl-Artikolu 35, ►M62 ———— ◄ la għandu jkun anqas mill-figura minima tas-sussistenza u la anqas minn ►M23 35 % ◄ ta' l-aħħar salarju bażiku li rċieva l-uffiċjal.

▼M62

Dan l-ammont m'għandux ikun anqas minn 42 % ta' l-aħħar salarju bażiku li rċieva l-uffiċjal meta l-mewt hija dovuta għal waħda miċ-ċirkostanzi ppreżentati ►M112 il-ħames paragrafu ta' l-Artikolu 78 ◄.

▼M112

————

▼B

Artikolu 80

▼M112

Meta uffiċjal jew persuna hija intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar jew benefiċċju ta' l-invaliditá, imut u ma jħalli l-ebda sieħba intitolata għall-pensjoni ta' l-għajxien, it-tfal dipendenti mill-mejjet fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII, fil-mument tal-mewt tiegħu għandhom ikunu intitolati għal pensjoni ta' l-orfni skond l-Artikolu 21 ta' l-Anness VIII.

▼B

L-istess intitolment għall-pensjoni għandu japplika għat-tfal li jħarsu l-kondizzjonijiet t'hawn fuq fil-każ tal-mewt jew iż-żwieġ mill-ġdid ►M62 tal-konsorti li jirċievi ◄ pensjoni għal min jibqa' ħaj.

▼M23

Meta jmut uffiċjal jew persuna intitolata għal ►M112 il-pensjoni ta' l-irtirar jew il-benefiċċju ta' l-invaliditá ◄, iżda l-kondizzjonijiet ippreżentati fl-ewwel paragrafu ma jitħarsux, it-tfal dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII għandhom ikunu intitolati għall-pensjoni ta' l-orfni skond l-Artikolu 21 ta' l-Anness VIII; madankollu, il-pensjoni għandha tkun daqs nofs il-pensjoni maħduma skond dak l-Artikolu.

▼M112

Għall-persuni ttrattati bħala tfal dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2(4) ta' l-Anness VII, il-pensjoni ta' l-orfni ma jistax jaqbeż ammont daqs id-doppju tal-benefiċċju tat-tfal dipendenti.

Fejn tfal kienu adottati, il-mewt tal-ġenitur naturali li nbidel bil-ġenitur adottativ ma jfissirx pagament tal-pensjoni ta' l-orfni.

▼M131

L-intitolament skont kif jiddisponu l-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafi għandu japplika fil-każ tal-mewt ta' min qabel kien uffiċjal intitolat għal allowance skont it-termini tal-Artikolu 50 tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2530/72 ([2]) jew l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1543/73 ([3]) u fil-każ tal-mewt ta' min qabel kien uffiċjal li telaq mis-servizz qabel l-età pensjonabbli u talab li l-pensjoni tiegħu tal-irtirar tkun posposta sal-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih ikun għalaq l-età pensjonabbli.

▼M112

Il-persuni li jirċievu pensjoni ta' l-orfni ma jistgħux jirċievu aktar minn waħda tali pensjoni mingħand ►M128 l-Unjoni. ◄ Meta tifel/tifla li jibqa' ħaj, huw intitolt għal aktar minn pensjoni waħda ►M128 tal-Unjoni, ◄ għandu jirċievi l-pensjoni li tipprovdi l-ogħla jew l-aktar ammont għoli.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Edizzjoni Speċjali bl-Ingliż: Serje I, Volum 1968(I) p. 30).

([2]) Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2530/72 tal-4 ta' Diċembru 1972 li jintroduċi miżuri speċjali u temporanji applikabbli għar-reklutaġġ ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej b'konsegwenza tal-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda, u għat-terminazzjoni ta' servizz ta' uffiċjali ta' dawk il-Komunitajiet (ĠU L 272, 5.12. 1972, p. 1. Edizzjoni Speċjali bl-Ingliż: Serje I, Volum 1972(1-8.12), p. 11).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1543/73 tal-4 ta' Ġunju 1973 li jintroduċi miżuri temporanji speċjali applikabbli għal uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mħallsa minn fondi tar-riċerka u l-investiment (ĠU L 155, 11.6.1973, p. 1).

▼B

Artikolu 81

▼M112

Persuna intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar, jew għall-benefiċċju ta' l-invaliditá, jew għall-pensjoni ta' l-għajxien, għandha tkun intitolata, taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness VII, għall-benefiċċji tal-familja speċifikati fl-Artikolu 67; il-benefiċċju tal-familja għandu jinħadem b'riferenza għall-pensjoni jew il-benefiċċju tar-riċevitur. Dawn il-benefiċċji għandhom jitħallsu lir-riċevituri tal-pensjoni ta' l-għajxien biss dwar it-tfal dipendenti fuq l-uffiċjal mejjet jew dak li qabel kien uffiċjal fil-mument tal-mewt tiegħu.

▼M23

L-ammont tal-*allowance*tat-tfal dipendenti pagabbli lil persuna intitolata għal pensjoni għal min jibqa' ħaj għandu, madankollu, jkun id-doppju tal-*allowance*pprovduta fl-Artikolu 67(1)(b).

▼M62

Artikolu 81a

1. Minkejja kull disposizzjoni oħra, l-aktar dawk dwar l-ammonti minimi pagabbli lil persuni intitolati għal pensjoni għal min jibqa' ħaj, l-ammont totali pagabbli f'pensjoni għal min jibqa' ħaj bl-addizzjoni tal-*allowance*tal-familja bit-taxxa mnaqqsa u tnaqqis mandatarju ieħor lill-armla u lil persuni intitolati oħra ma jistgħux jaqbżu dan li ġej:

(a) fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal li għandu wieħed mill-istati amministrattivi ppreżentati fl-Artikolu 35, l-ammont tar-remunerazzjoni li l-uffiċjali kien jirċievi fl-istess grad u skala li kieku kien għadu fis-servizz, bl-addizzjoni ta' kull *allowance*tal-familja li jirċievi f'dak il-każ u bit-taxxa mnaqqsa u tnaqqis mandatarju ieħor;

(b) għall-perjodu ta' wara d-data meta l-uffiċjal imsemmi f'(a) hawn fuq kien jagħlaq ►M131 66 sena, ◄ l-ammont tal-pensjoni ta' l-irtirar li jkun intitolat għaliħ minn hemm ‘il quddiem, li kieku baqa' ħaj, ibbażata fuq l-istess grad u skala ta' meta miet, bl-addizzjoni ta' kull *allowance*tal-familja li kien jirċievi, bit-taxxa mnaqqsa u tnaqqis mandatarju ieħor;

(ċ) fil-każ tal-mewt ta' dak li qabel kien uffiċjal intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar jew għal ►M112 benefiċċju ta' l-invaliditá ◄, l-ammont tal-pensjoni li kien ikun intitolat, li kieku baqa' ħaj, suġġett għall-*allowances*u t-tnaqqis imsemmi f'(b);

▼M131

(d) fil-każ tal-mewt ta' min qabel kien uffiċjal li ħalla s-servizz qabel l-età pensjonabbli u li talab li l-pensjoni tiegħu tal-irtirar tkun posposta sal-ewwel jum tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih għalaq l-età pensjonabbli, l-ammont tal-pensjoni tal-irtirar li jkun intitolat għaliħ meta jagħlaq l-età pensjonabbli kieku kien għadu ħaj, suġġett għall-allowance u t-tnaqqis f'punt(b);

▼M62

(e) fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal intitolat, fil-ġurnata tal-mewt tiegħu, għal ►M131 *allowance* skont it-termini tal-Artikolu 41, 42c jew 50 ◄ ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, l-Artikolu 3 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 2530/72, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1543/73, l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2150/82 jew l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1679/85, l-ammont tal-*allowance*li kieku jkun intitolat għalih, li kieku kien ħaj, suġġett għall-*allowance*u t-tnaqqis ippreżentati f'(b);

(f) għall-perjodu ta' wara d-data li fiha dak li qabel kien uffiċjal irreferut f'(e) kien jieqaf li jkun f'dik id-data, li kieku kien għadu ħaj u kien iħares il-ħtiġiet relevanti ta' l-età għall-għoti tad-drittijiet tal-pensjoni, suġġett għall-*allowances*u t-tnaqqis ippreżentati f'(b).

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, il-peżati m'għandhomx ikunu kkunsidrati, li jistgħu jaffettwaw l-ammonti varji in kwistjoni.

3. L-ammont massimu kif definit fis-subparagrafi (a) sa (f) t'hawn fuq għandu jitqassam fost il-persuni intitolati għal pensjoni għal min jibqa' ħaj fil-proporzjon ta' l-intitolamenti rispettivi tagħhom, il-paragrafu wieħed ma jkunx ikkunsidrat għal dan l-iskop.

It-tieni, ►M112 u t-tielet ◄ subparagrafi ta' l-Artikolu 82(1) għandhom japplikaw għall-ammonti mqassma hekk.

▼M112

L-Artikolu 82

1. Il-pensjonijiet ipprovduti hawn fuq m'għandhomx jinħadmu b'riferenza għall-iskali tas-salarju fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar li fih jibda l-intitolament.

L-ebda koeffiċjent tal-korrezzjoni m'huwa applikabbli għall-pensjonijiet.

Il-pensjonijiet espressi f'euro għandhom jitħallsu f'waħda mill-muniti riferuti fl-Artikolu 45 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M131

2. Fejn ir-remunerazzjoni tiġi aġġornata f'konformità mal-Artikolu 65(1), l-istess aġġornament għandu japplika għall-pensjonijiet.

▼M112

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw b'analoġija għar-riċevituri tal-benefiċċju ta' l-invaliditá.

▼B

Artikolu 83

1. Il-benefiċċji mħallsa taħt din l-iskema tal-pensjonijiet għandhom jitħallsu mill-estimi ►M128 tal-Unjoni. ◄ L-Istati Membri għandhom flimkien jiggarantixxu l-pagament tat-tali benefiċċji skond l-iskala mniżżla għall-iffinanzjar tat-tali spejjeż.

▼M131

_____

▼B

2. L-uffiċjali għandhom jikkontribwixxu terz ta' l-ispiża biex tkun iffinanzjat din l-iskema tal-pensjoni. Il-kontribuzzjoni tkun ta' ►M149 10,1 % ◄ tas-salarju bażiku ta' l-uffiċjal, il-pożati pprovduti fl-Artikolu 64 ma jkunux ikkunsidrati. Titnaqqas kull xahar mis-salarji ta' l-uffiċjali. ►M112 Il-kontribuzzjoni għandha tkun aġġustata skond ir-regoli mniżżlin fl-Anness XII. ◄

3. Il-proċedura biex jinħadmu l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali li qattgħu parti mis-servizz tagħhom mal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar jew li jappartjenu lill-istituzzjonijiet jew organi komuni ►M128 għall-Unjoni, ◄ u t-tqassim ta' l-ispiża biex tingħata t-tali għotja bejn il-fond tal-pensjoni tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-estimi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika isir b'Regolament magħmul bil-ftehim bejn il-Kunsill u l-Kumitat tal-Presidenti tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u ta' l-Azzar wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M112

_____

L-Artikolu 83a

1. L-iskema għandha tinżamm ibbilanċata skond ir-regoli dettaljati ppreżentati fl-Anness XII.

▼M131

2. L-aġenziji li ma jirċevux sussidju mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għandhom iħallsu l-ammont sħiħ tal-kontribuzzjonijiet meħtieġa f'dak il-baġit għall-finanzjament ta' dik l-iskema. Mill-1 ta' Jannar 2016, l-aġenziji li huma parzjalment iffinanzjati minn dak il-baġit iħallsu l-parti tal-kontribuzzjonijiet tal-impjegaturi li tikkorrispondi għall-proporzjon bejn id-dħul tal-aġenzija mingħajr is-sussidju mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u d-dħul totali tagħha.

3. Il-bilanċ tal-iskema tal-pensjoni hu żgurat mal-età pensjonabbli u r-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema. Meta jkun hemm l-eżami attwarjali ta' kull ħames snin skont it-termini tal-Anness XII, ir-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjoni tkun aġġornata biex tiżgura l-bilanċ tal-iskema.

4. Kull sena l-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kummissjoni verżjoni aġġornata tal-istima attwarjali li hemm riferiment għaliha fil-paragrafu 3, skont l-Artikolu 1(2) tal-Anness XII. Fejn jintwera li hemm qabża ta' mill-anqas 0,25 punti bejn ir-rata tal-kontribuzzjoni applikata bħalissa u r-rata meħtieġa biex jinżamm il-bilanċ attwarjali, ir-rata tkun aġġornata, skont l-arranġamenti preskritti fl-Anness XII.

5. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, iċ-ċifra ta' riferiment stabbilita fl-Artikolu 83(2) tkun aġġornata. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rata aġġornata riżultanti tal-kontribuzzjoni fi żmien ġimagħtejn mill-aġġornament fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għal finijiet informattivi.

▼B

Artikolu 84

Regoli dettaljati li jirregolaw l-iskema t'hawn fuq tal-pensjoni qegħdin fl-Anness VIII.

▼B

IL-KAPITOLU 4

Rkuprar ta' pagament mhux dovut

Artikolu 85

▼M23

Kull somma li tħallset żejda għandha tkun irkuprata jekk ir-riċevitur ma kienx jaf li ma kien hemm l-ebda raġuna dovuta għall-pagament jew jekk il-fatt tal-ħlas żejjed kien tali evidenti li ma setax jinduna bih.

▼M112

It-talba għall-irkuprar trid issir mhux aktar tard minn ħames snin mid-data meta s-somma tħallset. Fejn l-Awtorità tal-Ħatra kapaċi tistabbilixxi li r-riċevitur deliberatament ta informazzjoni ħażina lill-amministrazzjoni bil-ħsieb li jikseb is-somma kkonċernata, it-talba għall-irkuprar ma tkunx invalidata jekk dan il-perjodu jkun skada.

▼M62

IL-KAPITOLU 5

Subrogazzjoni favur ►M128 l-Unjoni ◄

L-Artikolu 85a

1. Meta l-mewt, weġgħa b'inċident jew mard tal-persuna koperta minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal huwa kkważat minn terza persuna, rigward l-obbligi li għandhom taħt ir-Regolamenti tal-Persunal wara li jiġru t-tali mewt, weġgħa jew mard, ►M128 l-Unjoni hija subrogata ◄ għad-drittijiet, inklużi d-drittijiet għall-azzjoni, tal-vittma jew ta' dawk intitolati taħtu kontra t-terza persuna.

2. Is-subrogazzjoni pprovduta fil-paragrafu 1 għandha testendi *inter alia* għal dan li ġej:

— pagament kontinwu tar-remunerazzjoni skond l-Artikolu 59 lill-uffiċjal matul il-perjodu meta temporanjament mhux tajjeb għax-xogħol,

— pagamenti effettwati skond l-Artikolu 70 wara l-mewt ta' l-uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal intitolat għal pensjoni,

— benefiċċju mħallsa taħt l-Artikolu 72 u 73 u r-regoli ta' impliment-azzjoni tagħhom, relatati ma' l-assigurazzjoni kontra l-mard u aċċi-denti,

— pagament ta' l-ispejjeż involuti biex jinġarr il-katavru, kif imsemmi fl-Artikolu 75,

— *allowances* supplimentari tal-familja mħallsa skond l-Artikolu 67(3) u skond l-Artikolu 2(3) u (5) ta' l-Anness VII dwar tfal dipendenti li jbatu minn mard serju, debbulezza jew mankament,

— ►M112 pensjonijiet għall-invalidità ◄ mħallsa fil-każ ta' aċċident jew mard li jirriżulta f'invalidità permanenti li ma tħallix l-uffiċjal iwettaq id-dmirijiet tiegħu,

— pensjonijiet għal min jibqa' ħaj fil-kż tal-mewt ta' uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal, jew il-mewt ta' mart uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal intitolat għal pensjoni, meta l-konsorti m'hijiex uffiċjal u lanqas membru tal-persunal temporanju,

▼M62

— pensjoni għall-orfni mħallsa mingħajr kas ta' l-età tat-tifel ta' uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal fejn minħabba mard serju, debbulezza jew mankament, dak it-tifel ma jistax jaqla' x'jiekol wara l-mewt tal-persuna li huwa dipendenti fuqha.

3. Madankollu, ►M128 l-Unjoni m'għandhiex tkun subrogata għaddrittijiet tal-kumpens ◄ dwar ħsara purament personali bħal ħsara mhux materjali, ħsara għal uġiegħ u sofferenza jew kumpens għal sfigurament u telf ta' kumditajiet aktar mill-*allowances*mogħtija għal dawk l-intestaturi taħt l-Artikolu 73.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 ma jistgħux ikunu ta' tfixkil għall-azzjoni diretta ►M128 mill-Unjoni. ◄

▼B

IT-TITOLU VI

MIŻURI DIXXIPLINARI

Artikolu 86

1. Kull nuqqas minn uffiċjal jew minn dak li qabel kien uffiċjal biex iħares l-obbligi tiegħu taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, kemm jekk intenzjonalment jew b'negliġenza min-naħa tiegħu, tista' tittieħed azzjoni kontrih.

▼M112

2. Fejn l-Awtorità tal-Ħatra jew OLAF isiru jafu b'evidenza ta' nuqqas fis-sens tal-paragrafu 1, jistgħu jibdew investigazzjonijiet amministrattivi biex jivverifikaw jekk it-tali nuqqas sarx.

3. Regoli, proċeduri u miżuri dixxiplinarji, u r-regoli u l-proċeduri li jkopru l-investigazzjonijiet amministrattivi mniżżla fl-Anness IX.

———————

▼B

IT-TITOLU VII

APPELLI

Artikolu 90

▼M23

1. Kull persuna li għaliha japplikaw dawn ir-Regolament tal-Persunal tista' tibgħat talba lill-awtorità tal-ħatra biex tieħu deċiżjoni dwaru. L-awtorità għandha tavża l-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni rraġunata tagħha fi żmien erbgħa xhur mid-data ta' meta ssir it-talba. Jekk fl-aħħar ta' dak il-perjodu, ma tasal l-ebda tweġiba għat-talba, din titqies li tikkostitwixxi deċiżjoni taċita li ma kenitx aċċettata, li kontriha ilment jista' jsir skond il-paragrafu li ġej.

2. Kull persuna li japplikaw għaliha dawn ir-Regolamenti tal-Persunal tista' tibgħat ilment lill-awtorità tal-ħatra kontra att li taffettwah ħażin, kemm jekk l-imsemmi awtorità ħadet deċiżjoni, jew fejn naqset li tadotta miżura preskritta mir-Regolamenti tal-Persunal. L-ilment irid isir fi żmien tliet xhur. Il-perjodu jibda:

— fid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-att jekk huwa miżura ta' natura ġenerali;

▼M23

— fid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-persuna kkonċernata, iżda fl-ebda każ mhux aktar tard mid-data meta ta' dan ta' l-aħħar irċieva t-tali notifika, jekk il-miżura taffettwa persuna speċifika; madankollu, jekk att li jaffettwa persuna speċifikata wkoll fih ilment kontra persuna oħra, il-perjodu jibda dwar dik il-persuna l-oħra fid-data meta tirċievi n-notifika tagħha iżda fl-ebda każ mhux aktar tar mid-data tal-pubblikazzjoni;

— fid-data meta jiskadi l-perjodu preskritt għat-tweġiba fejn l-ilment tikkonċerna deċiżjoni taċita li ma tilqax talba kif ipprovdut fil-paragrafu 1.

L-awtorità għandha tavża l-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni rraġunata tagħha fi żmien erbgħa xhur mid-data ta' meta jsir l-ilment. Jekk fl-aħħar ta' dak il-perjodu ma tasal l-ebda tweġiba għall-ilment, din titqies li tikkostitwixxi deċiżjoni taċita li ma taċċettahiex, li kontriha jista' jsir appell taħt l-Artikolu 91.

▼M112

_____

L-Artikolu 90a

Kull persuna li għaliha japplikaw dawn r-Regolamenti tal-Persunal, tista' tibgħat lid-Direttur ta' l-OLAF talba fis-sens ta' l-Artikolu 90(1), fejn jitolbu lid-Direttur biex jieħu deċiżjoni dwaru b'konnessjoni ma' l-investigazzjoni mill-OLAF. It-tali persuna tista' wkoll tibgħat lid-Direttur ta' l-OLAF, ilment fis-sens ta' l-Artikolu 90(2) kontra att li se jaffettwaha ħażin f'konnessjoni ma' investigazzjonijiet mill-OLAF.

Artikolu 90b

Kull persuna li għaliha japplikaw dawn ir-Regolamenti tal-Persunal tista' tibgħat lis-Superviżur Ewropew tal-Protezzjoni tad-*Data,* talba jew ilment fis-sens ta' l-Artikolu 90(1) u (2), fl-isferu tal-kompetenza tiegħu.

Artikolu 90c

It-talbiet u l-ilmenti dwar l-oqsma li għalihom kien applikat l-Artikolu 2(2), għandhom ikunu depożitati ma' l-Awtorità tal-Ħatra fdata bl-eserċiżżju tas-setgħat.

▼B

Artikolu 91

▼M23

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja ►M128 tal-Unjoni Ewropea ◄ għandu jkollu ġurisdizzjoni f'kull tilwima bejn ►M128 l-Unjoni ◄ u kull persuna li għaliha japplikaw dawn ir-Regolamenti tal-Persunal dwar il-legalità ta' att li jaffettwa ħażin lit-tali persuna fis-sens ta' l-Artikolu 90(2). F'tilwim ta' karattru finanzjarju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollu ġurisdizzjoni mingħajr limitu.

2. Appell lill-Qorti tal-Ġustizzja ►M128 tal-Unjoni Ewropea ◄ jintlaqa' biss jekk:

— l-awtorità tal-ħatra qabel kienet irċevit ilment mitfugħ skond l-Artikolu 90(2) fil-perjodu preskritt fih, u

— l-ilment ma kienx aċċettat b'deċiżjonijiet espressi jew b'deċiżjoni taċita.

▼**M23**

3. L-appelli taħt il-paragrafu 2 għandom isiru fi żmien tliet xhur. Il-perjodu għandu jibda:

— fid-data tan-notifika tad-deċiżjoni li tittieħed bħala tweġiba għall-ilment;

— fid-data meta jiskadi l-perjdu preskritt għat-tweġiba meta l-appell huwa kontra deċiżjoni taċita li ma taċċettax ilment li sar skond l-Artikolu 90(2); minkejja dan, fejn ilment mhux aċċettat b'deċiżjoni espressa wara li ma jkunx aċċettat b'deċiżjoni taċita iżda qabel jiskadi l-perjodu li fih jista' jsir appell, il-perjodu li fih jista' jsir appell jerġa' jibda mill-ġdid.

4. B'mod ta' deroga mill-paragrafu 2, wara li tressaq ilment lill-awtorità tal-ħatra skond l-Artikolu 90(2), il-persuna kkonċernata tista' mill-ewwel tagħmel appell lill-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm it-tali appell ikun akkumpanjat minn applikazzjoni jew biex tinżamm l-esekuzzjoni ta' l-att ikkontestat jew ta' l-adozzjoni ta' miżuri temporanji. Il-proċeduri fl-azzjoni ewlenija quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad ikunu sospiżi sa dak iż-żmien meta tittieħed deċiżjoni espressa jew taċita li ma taċċttax l-ilment.

5. L-appelli taħt dan l-Artikolu jkunu investigati u jinstemgħu kif ippruvdut fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ►**M128** tal-Unjoni Ewropea. ◄

▼**M112**

L-Artikolu 91a

Kull appell li għandu x'jaqsam ma' l-oqsma li għalih kien applikat l-Artikolu 2(2), għandu jsir ma' l-assoċjazzjoni li twieġeb għalija l-Awtorità tal-Ħatra fdata bl-eserċiżżju tas-setgħat.

▼**M131**

———————

▼**M128**

TITOLU VIIIA

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI APPLIKABBLI GĦAS-SEAE

Artikolu 95

1. Is-setgħat mogħtija minn dawn ir-Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra għandhom jiġu eżerċitati mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (minn hawn "il quddiem imsejjaħ r-Rappreżentant Għoli") fir-rigward tal-persunal tas-SEAE. Ir-Rappreżentant Għoli jista' jiddetermina min, fi ħdan is-SEAE, għandu jeżerċita dawn is-setgħat. L-Artikolu 2(2) għandu japplika.

2. Fir-rigward tal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet, is-setgħat li jikkonċernaw il-ħatriet għandhom ikunu eżerċitati bl-użu ta' proċedura ta' għażla bir-reqqa bbażata fuq il-mertu u wara li jitqies il-bilanċ bejn is-sessi u dak ġeografiku, abbażi ta' lista' ta' kandidati li dwarhom tkun qablet il-Kummissjoni fi ħdan il-qafas tas-setgħat mogħtija lilha mit-Trattati. Dan għandu japplika mutatis mutandis għal trasferimenti fl-interess tas-servizz magħmula f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għal perijodu temporanju definit għal post ta' Kap tad-Delegazzjoni.

▼**M128**

3. Fir-rigward ta' Kapijiet tad-Delegazzjoni, f'każijiet fejn dawn għandhom iwettqu kompiti għall-Kummissjoni bħala parti minn dmirijiethom, l-Awtorità tal-Ħatra għandha tibda inkjesti amministrattivi u proċedimenti dixxiplinarji kif imsemmi fl-Artikoli 22 u 86 tal-Anness IX jekk il-Kummissjoni titlob dan.

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 43 il-Kummissjoni għandha tiġi kkonsultata.

Artikolu 96

Minkejja l-Artikolu 11, uffiċjal tal-Kummissjoni li jaħdem f'delegazzjoni tal-Unjoni għandu jieħu istruzzjonijiet mill-Kap tad-Delegazzjoni, skont ir-rwol ta' dan tal-aħħar kif previst fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ([1]).

Uffiċjal tas-SEAE li għandu jwettaq kompiti għall-Kummissjoni bħala parti mid-dmirijiet tiegħu għandu jieħu istruzzjonijiet mill-Kummissjoni fir-rigward ta' dawn il-kompiti, skont l-Artikolu 221(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-arranġamenti dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu maqbula bejn il-Kummissjoni u s-SEAE.

Artikolu 97

Sat-30 ta' Ġunju 2014, fir-rigward ta' dawk l-uffiċjali li kienu ttrasferiti għas-SEAE skont id-Deċiżjoni 2010/427/UE, b'deroga mill-Artikoli 4 u 29 ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tagħhom, l-Awtoritajiet tal-Ħatra tal-istituzzjonijiet ikkonċernati jistgħu f'każijiet eċċezzjonali, filwaqt li jaġixxu bi qbil komuni u unikament fl-interess tas-servizz, wara li jkunu semgħu lill-uffiċjal ikkonċernat, jitrasferixxu tali uffiċjal tas-SEAE mis-SEAE għall-post vakanti fl-istess grad mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jew fil-Kummissjoni mingħajr ma jinnotifikaw lill-persunal dwar il-post vakanti.

Artikolu 98

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 29(1)(a), meta jkun qed jimtela post vakanti fis-SEAE, l-Awtorità tal-Ħatra għandha tikkunsidra l-applikazzjonijiet ta' uffiċjali tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE, ta' persunal temporanju li għalih japplika l-Artikolu 2(e) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra u ta' persunal minn servizzi diplomatiċi nazzjonali tal-Istati Membri mingħajr ma tingħata prijorità lill kwalunkwe waħda minn dawk il-kategoriji. Sat-30 ta' Ġunju 2013, b'deroga mill-Artikolu 29, għar-reklutaġġ minn barra l-istituzzjoni, is-SEAE għandu jirrekluta esklużivament uffiċjali mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u mill-Kummissjoni kif ukoll persunal mis-servizzi diplomatiċi tal-Istati Membri.

([1]) ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30.

▼**M128**

Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali u wara li tkun eżawriet il-possibilitajiet li tirrekluta skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-Awtorità tal-Ħatra tista' tiddeċiedi li tirrekluta minn barra s-sorsi msemmija fl-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu persunal ta' appoġġ tekniku fil-livell AD meħtieġ għall-funzjonament tajjeb tas-SEAE, bħal speċjalisti fl-oqsma tal-maniġġar ta' kriżijiet, tas-sigurtà u tal-IT.

Mill-1 ta' Lulju 2013, l-Awtorità tal-Ħatra għandha tikkunsidra wkoll l-applikazzjonijiet ta' uffiċjali minn istituzzjonijiet oħra minbarra dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu mingħajr ma tingħata prijorità lil kwalunkwe waħda minn dawk il-kategoriji.

2. Għall-finijiet tal-Arikolu 29(1)(a) u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 97, l-Awtorità tal-Ħatra ta' istituzzjonijiet għajr is-SEAE għandha, meta tkun qed timla post vakanti tikkunsidra applikazzjonijiet mill-kandidati interni u uffiċjali tas-SEAE li kienu uffiċjali tal-istituzzjoni kkonċernata sakemm saru uffiċjali tas-SEAE mingħajr ma tingħata prijorità lil kwalunkwe minn dawk il-kategoriji.

Artikolu 99

1. Sakemm ir-Rappreżentant Għoli jiddeċiedi li jistabbilixxi Bord Dixxiplinari għas-SEAE, il-Bord Dixxiplinari tal-Kummissjoni għandu jservi wkoll bħala Bord Dixxiplinari għas-SEAE. Id-deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli għandha tittieħed mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011.

Sakemm jiġi stabbilit Bord Dixxipplinari għas-SEAE, iż-żewġ membri addizzjonali msemmija fl-Artikolu 5(2) tal-Anness IX għandhom jinħatru minn fost l-uffiċjali tas-SEAE. L-Awtorità tal-Ħatra u l-Kumitat tal-Persunal imsemmi fl-Artikoli 5(5) u 6(4) tal-Anness IX għandhom ikunu dawk tas-SEAE.

2. Sakemm jitwaqqaf Kumitat tal-Persunal fi ħdan is-SEAE skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 9(1)(a), li m'għandux ikun aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, u b'deroga mid-dispożizzjoni li tinsab f'dak l-inċiż, il-Kumitat tal-Persunal tal-Kummissjoni għandu jirrappreżenta wkoll uffiċjali u aġenti oħra tas-SEAE.

IT-TITOLU VIIIB

▼**M67**

DISPOSIZZJONIJIET SPEĊJALI U EĊĊEZZJONALI APPLIKABBLI GĦALL-UFFIĊJALI LI JSERVU F'PAJJIŻ TERZ

Artikolu 101a

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Anness X iniżżel id-disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-uffiċjali li jservi f'pajjiż terz

▼B

IT-TITOLU IX

DISPOSIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI

IL-KAPITOLU 1

Disposizzjonijiet transitorji

▼M112

_____

▼M23

_____

▼M62

_____

▼M112

_____

L-Artikolu 107a

Id-disposizzjonijiet provviżorji huma ppreżentati fl-Anness XIII.

▼M23

_____

▼B

IL-KAPITOLU 2

Disposizzjonijiet finali

▼M131

Artikolu 110

1. Id-dispożizzjonijiet ġenerali li jimplimentaw dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandhom jiġu adottati mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal u mal-Kumitat dwar ir-Regolamenti tal-Persunal.

2. Ir-regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni biex jiddaħħlu fis-seħħ dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, fosthom id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, għandhom japplikaw ukoll għall-aġenziji. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-aġenziji bi kwalunkwe regola ta' implimentazzjoni minnufih wara l-adozzjoni.

Dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni għandhom jidħlu fis-seħħ għall-aġenziji disa' xhur wara li jidħlu fis-seħħ għall-Kummissjoni jew disa' xhur wara d-data meta l-Kummissjoni tinforma lill-aġenziji dwar l-adozzjoni tar-regola ta' implimentazzjni rispettiva tagħhom, liema waħda tkun l-aktar tard. Minkejja dan li għadu kif issemma, aġenzija tista' wkoll tiddeċiedi li tali regoli ta' implimentazzjoni għandhom jidħlu fis-seħħ f'data qabel.

Permezz ta' deroga, qabel ma jiskadi l-perjodu ta' disa' xhur imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu u wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal tagħha, aġenzija tista' tressaq regoli ta' implimentazzjoni differenti minn dawk adottati mill-Kummissjoni sabiex din tal-aħħar tkun tista' tapprovahom. Bl-istess kondizzjonijiet, aġenzija tista' titlob il-ftehim tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni. F'dan il-każ, minflok ma taċċetta jew tirrifjuta t-talba, il-Kummissjoni tista' titlob lill-aġenzija tressaq għall-approvazzjoni tagħha regoli ta' implimentazzjoni li jkunu differenti minn dawk adottati mill-Kummissjoni.

▼**M131**

Il-perjodu ta' disa' xhur imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu sospiżi mid-data minn meta l-aġenzija titlob il-ftehim tal-Kummissjoni sad-data meta l-Kummissjoni tesprimi l-pożizzjoni tagħha.

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal, aġenzija tista' tressaq għall-ftehim tal-Kummissjoni r-regoli ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw suġġetti oħrajn u mhux ir-regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni.

Għall-finijiet tal-adozzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni, l-aġenziji għandhom jiġu rrappreżentati mill-bord amministrattiv jew minn korp ekwivalenti msemmi fl-att tal-Unjoni dwar it-twaqqif tagħhom.

3. Għall-finijiet tal-adozzjoni tar-regoli bil-ftehim bejn l-istituzzjonijiet, l-aġenziji m'għandhomx jitqiesu bħala istituzzjonijiet. Madanakollu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-aġenziji qabel l-adozzjoni ta' dawk ir-regoli.

4. Ir-regoli jdaħħlu fis-seħħ dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, inklużi d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, u r-regoli adottati permezz tal-ftehim bejn l-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet għandhom jitressqu għall-informazzjoni tal-persunal.

5. Id-dipartimenti amministattivi tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji għandhom jikkonsultaw ma' xulxin regolarment dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal. F'dawk il-konsultazzjonijiet l-aġenziji għandhom ikunu rrappreżentati b'mod konġunt, skont ir-regoli li għandhom ikunu stabbiliti bejniethom.

6. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tamministra reġistru tar-regoli adottati mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, u dawk ir-regoli adottati mill-aġenziji safejn jidderogaw mir-regoli adottati mill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura prevista fil-paragrafu 2, inkluża kwalunkwe emenda għal dawn. L-istituzzjonijiet u l-aġenziji jkollhom aċċess dirett għal dak ir-reġistru u d-dritt sħiħ li jemendaw ir-regoli tagħhom stess. L-Istati Membri għandu jkollhom aċċess dirett għalih. Barra minn hekk, kull tliet snin, il-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-regoli adottati mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 111

Il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 112 dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u ċerti aspetti tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż u l-iskema tas-sigurtà soċjali.

Artikolu 112

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati hija b'dan mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 56a, 56b u 56c, 83a tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Artikolu 13(3) tal-Anness VII u l-Artikolu 9tal-Anness XI tiegħu u l-Artikoli 28a(11) u 96(11) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat li jibda mill-1 ta' Jannar 2014.

▼**M131**

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 56a, 56b, 56c, 83a tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Artikolu 13(3) tal-Anness VII u l-Artikolu 9 tal-Anness XI tiegħuu l-Artikoli 28a(11) u 96(11) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard li tkun speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 56a, 56b, 56c tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Artikolu 13(3) tal-Anness VII jew l-Artikolu 9 tal-Anness XI tiegħujew l-Artikoli 28a(11) jew 96(11) tal-Kondizzjoni tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 113

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jkun jivvaluta l-funzjonament ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

▼**M112**

ANNESS I

▼**M131**

A. **Tipi ta' pożizzjonijiet f'kull grupp ta' funzjoni, kif previst fl-Artikolu 5(4)**

1. Grupp ta' funzjoni AD

Direttur Ġenerali	AD 15 - AD 16
Direttur	AD 14 - AD 15
Konsulent jew ekwivalenti	AD 13- AD 14
Kap tal-unità jew ekwivalenti	AD 9 - AD 14
Amministratur	AD 5 - AD 12

2. Grupp ta' funzjoni AST

Assistent f'livell għoli Li jwettaq attivitajiet amministrattivi, tekniċi jew ta' taħriġ li jirrikjedu livell għoli ta' awtonomija u li jwettaq responsabbiltajiet sinifikanti f'termini ta' ġestjoni ta' persunal, implimentazzjoni tal-baġit jew koordinazzjoni politika	AST 10 – AST 11
Assistent Li jwettaq attivitajiet amministrattivi, tekniċi jew ta' taħriġ li jirrikjedu ċertu livell ta' awtonomija, partikolarment fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' regoli u regolamenti jew struzzjonijiet ġenerali jew bħala assistent personali ta' Membru ta' istituzzjoni, tal-Kap tal-uffiċċju privat ta' Membru jew ta' (Viċi) Direttur Ġenerali jew maniġer ta' livell għoli ekwivalenti	AST 1 – AST 9

3. Grupp ta' funzjoni AST/SC

Segretarju/Skrivan Li jwettaq kompiti klerikali u segretarjali, ġestjoni tal-uffiċċju u kompiti ekwivalenti oħrajn li jirrikjedu livell ta' awtonomija (*)	SC 1 – SC 6

(*) L-għadd ta' postijiet ta' uxxieri (ushers) parlamentari fil-Parlament Ewropew ma jaqbiżx il-85.

B. **Ir-rati ta' multiplikazzjoni bħala gwida għall-ekwivalenza medja**

1. Ir-rati ta' multiplikazzjoni bħala gwida għall-ekwivalenza medja tal-karriera fil-gruppi ta' funzjoni AST u AD:

Grad	Assistent	Amministratur
13	—	15 %
12	—	15 %
11	—	25 %

▼**M131**

Grad	Assistent	Amministratur
10	20 %	25 %
9	8 %	25 %
8	25 %	33 %
7	25 %	36 %
6	25 %	36 %
5	25 %	36 %
4	33 %	—
3	33 %	—
2	33 %	—
1	33 %	—

2. Ir-rati ta' multiplikazzjoni bħala gwida għall-ekwivalenza medja tal-karriera fil-grupp ta' funzjoni AST/SC:

Grad	Segretarji / Skrivani
SC 6	—
SC 5	12 %
SC 4	15 %
SC 3	17 %
SC 2	20 %
SC 1	25 %

▼B

ANNESS II

Komposizzjoni u proċedura tal-korpi pprovduti fl-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal

LISTA TAL-KONTENUT

Taqsima 1:	Kumitat tal-persunal Artikolu 1
Taqsima 2:	Il-kumitat konġunt 2 – 3a
Taqsima 3:	Kumitat ta' invalidità 7 – 9
Taqsima 4:	Il-kumitat tar-rapporti 10 – 11
Taqsima 5:	Il-kumitat konġunt tal-konsulenza għall-inkompetenza professjonali 12

Taqsima 1

KUMITAT TAL-PERSUNAL

Artikolu 1

▼M91

Il-Kumitat tal-Persunal ikun magħmul mill-membri tiegħu, flimkien mas-sostituti tagħhom jekk ikun hemm, li l-perjodu ta' l-uffiċċju tagħhom ikun tliet snin. Madankollu, ►M131 l-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni ◄ tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi perjodu iqsar ta' l-uffiċċju, li ma jistax ikun anqas minn sena. Kull uffiċjal ta' l-istituzzjoni jkun intitolat biex jivvota u jikkontesta għal elezzjoni.

▼M23

Il-kondizzjonijiet għall-elezzjoni tal-Kumitat tal-Persunal jekk ma jkunx organizzat f'taqsimiet lokali jew għat-taqsima lokali, jekk il-Kumitat tal-Persunal huwa organizzat f'taqsimiet lokali, jitniżżlu mill-laqgħa ġenerali ta' l-istituzzjoni fis-servizz fil-post relevanti ta' l-impieg. ►M131 Madankollu l-awtorita' tal-ħatra ta' kull istituzzjoni tista' tiddeċiedi li l-kondizzjonijiet għall-elezzjoni għandhom jiġu determinati skont il-preferenza tal-persunal tal-istituzzjoni kif espressa f'referendum. ◄ L-elezzjoni tkun b'polza sigriet.

Jekk il-Kumitat tal-Persunal ikun organizzat f'taqsimiet lokali, il-mod li fiha l-membri tal-Kumitat Ċentrali jinħatru għal kull post ta' impieg, jitniżżel mill-laqgħa ġenerali ta' l-uffiċjali ta' l-istituzzjoni fis-servizz tal-post relevanti ta' l-impieg. Il-membri tat-taqsima lokali kkonċernata biss jistgħu jinħatru membri tal-Kumitat Ċentrali.

Is-sħubija tal-Kumitat tal-Persunal jekk ma jkunx organizzat f'taqsimiet lokali, jew għat-taqsima lokali, jekk il-Kumitat tal-Persunal huwa organizzat f'taqsimiet lokali, ikunu tali sabiex jiżguraw ir-rappreżentanza ►M112 ►M131 it-tliet ◄ gruppi tal-funzjoni ◄ pprovduti fl-Artikolu 5 tar-Regolamenti tal-Persunal u wkoll tal-ħaddiema imsemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 7 tal-Kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' ħaddiema oħra ►M128 tal-Unjoni. ◄ Il-Kumitat Ċentrali ta' Kumitat tal-Persunal organizzat f'taqsimiet lokali għandu jkun kostitwit validament mal-ħatra ta' maġġoranza tal-membri tiegħu.

L-elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Persunal jekk ma jkunx organizzat f'taqsimiet lokali, jew għat-taqsima lokali jekk il-Kumitat tal-Persunal huwa organizzat f'taqsimiet lokali, ikunu validi biss jekk żewġ terzi ta' l-uffiċjali intitolati biex jivvutaw jieħdu sehem. Madankollu, jekk dan il-proporzjon ma jintlaħaqx, it-tieni vot ikun validu jekk il-maġġoranza ta' dawk intitolati jieħdu sehem.

▼M23

Id-dmirijiet li jieħdu l-membri tal-Kumitat tal-Persunal u l-uffiċjali maħtura mill-Kumitat ta' organi stabbiliti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal jew mill-istituzzjoni jitqiesu parti mi-servizz normali tagħhom fl-istituzzjoni tagħhom. Il-fatt li jitwettqu t-tali dmirijiet bl-ebda mod ikun ta' preġudizzju għall-persuna kkonċernata.

▼B

Taqsima 2

IL-KUMITAT KONĠUNT

▼M85

Artikolu 2

Il-Kumitat jew Kumitati Konġunti ta' istituzzjoni jkunu magħmula minn:

— president maħtur kull sena mill-awtorità tal-ħatra,

— membri u sostituti maħtur fl-istess ħi f'numri ndaqs mill-awtorità tal-ħatra u mill-Kumitat tal-Persunal.

Il-Kumitat Konġunt komuni għal żewġ istituzzjonijiet jew aktar ikun magħmul minn:

— president maħtur mill-awtorità tal-ħatra imsemmi ►M131 ———— ◄ fl-Artikolu 2 tar-Regolamenti tal-Persunal,

— membri u sostituti maħtura f'numri ndaqs mill-awtoritajiet tal-ħatra ta' l-istituzzjonijiet irrappreżentati mill-Kumitat Konġunt komuni u ►M128 mill-Unjoni ◄ tal-Persunal.

Il-proċeduri għall-istituzzjoni tal-Kumitat Konġunt Komuni għandhom ikunu adottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet irrappreżentati fuq il-Kumitat Konġunt komuni, wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tal-Persunal tagħhom.

Sostitut jivvota biss fl-assenza ta' membru.

▼B

Artikolu 3

Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' meta msejjaħ mill-awtorità tal-ħatra jew fuq talba tal-Kumitat tal-Persunal.

Il-proċeduri tal-Kumitat ikunu validi biss jekk il-membri kollha jew, fl-assenza tagħhom, is-sostituti tagħhom huma preżenti.

Il-president tal-Kumitat m'għandux jivvota għajr dwar kwistjonijiet ta' proċedura.

▼M23

————————

▼B

►M23 L-opinjoni tal-Kumitat ◄ għandha tkun ikkomunikata bil-miktub lill-awtorità tal-ħatra u lill-Kumitat tal-Persunal fi żmien ħamest ijiem mill-adozzjoni tagħha.

▼B

Kull membru tal-Kumitat jista' jeħtieġ li l-opinjonijiet tiegħu jkunu rreġistrati fl-opinjoni tal-Kumitat.

▼M85

Artikolu 3a

Il-Kumitat Konġunt komuni għadu jiltaqa' fuq it-talba jew ta' l-awtorità tal-ħatra imsemmija ►M112 L-Artikolu 2(2) ◄ tar-Regolamenti tal-Persunal, jew ta' l-awtorità tal-ħatra jew ta' Kumitat tal-Persunal ta' waħda mill-istituzzjonijiet irrappreżentati fuq dak il-Kumitat Konġunt.

Il-proċeduri tal-Kumitat Konġunt komuni jkunu validi biss jekk il-membri kollha jew is-sostituti tagħhom huma preżenti.

Il-President tal-Kumitat Konġunt komuni m'għandux jivvota għajr dwar kwistjonijiet ta' proċedura.

L-opinjoni tal-Kumitat Konġunt komuni għandha tkun ikkomunikata bil-miktub lill-awtorità tal-ħatra fis-sens ►M112 L-Artikolu 2(2) ◄ tar-Regolamenti tal-Persunal, lill-awtoritajiet l-oħra tal-ħatra u lill-Kumitati tal-Persunal tagħhom fi żmien ħamest ijiem mill-adozzjoni tagħha.

Kull membru tal-Kumitat Konġunt komuni jista' jeħtieġ li l-opinjonijiet tiegħu jkunu rreġistrati fl-opinjoni tal-Kumitat Konġunt.

▼M112

Taqsima 3

▼B

KUMITAT TA' INVALIDITÀ

Artikolu 7

▼M23

Il-Kumitat ta' l-Invalidità għandu jkun magħmul minn tliet tobba:

— wieħed maħtur mill-istituzzjoni li magħha jagħmel l-uffiċjal ikkonċernat;

— wieħed maħtur mill-uffiċjal ikkonċernat; u

— wieħed maħtur bi ftehim bejn l-ewwel żewġ tobba.

Jekk l-uffiċjal ikkonċernat jonqos li jaħtar tabib, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ►M128 tal-Unjoni Ewropea ◄ għandu jaħtar wieħed.

▼M39

Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim fuq il-ħatra tat-tielet tabib fi żmien xahrejn mill-ħatra tat-tieni tabib, it-tielet jinħatar mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fuq it-talba ta' wieħed mill-partijiet ikkonċernati.

▼B

Artikolu 8

L-ispejjeż imħallsa li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri tal-Kumitat ta' l-Invaliditá għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni li qiegħed magħha l-uffiċjal ikkonċernat.

Meta t-tabib maħtur mill-uffiċjal ikkonċernat huwa residenti x'imkien ieħor minbarra l-post fejn impjegat l-uffiċjal, l-uffiċjal għandu jħallas l-ispiża tal-miżati addizzjonali li għandhom x'jaqsmu, bl-eċċezzjoni ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar fl-ogħla klassi, li jitħallsu lura mill-istituzzjoni.

Artikolu 9

L-uffiċjal jista' jibgħat lill-Kumitat ta' l-Invaliditá kull rapport jew ċertifikat mit-tabib regolari tiegħu jew minn kull tabib mediku li seta' kkonsulta.

Il-konklużjonijiet tal-Kumitat ta' l-Invaliditá għandhom ikunu kkomunikati lill-awtorità tl-ħatra u lill-uffiċjal ikkonċernat.

Il-proċeduri tal-Kumitat għandhom ikunu sigrieti.

▼M112

Taqsima 4

▼B

IL-KUMITAT TAR-RAPPORTI

▼M112

L-Artikolu 10

Il-Membri tal-Kumitat tar-Rapporti għandhom jinħatru kull sena mill-Awtorità tal-Ħatra u l-Kumitat tal-Persunal, kull wieħed jaħtar l-istess numru minn fost l-uffiċjali ta' l-istituzzjoni fil-grupp tal-funzjoni ta' l-AD. Il-Kumitat għandu jtella' l-President tiegħu. Il-membri tal-Kumitat Konġunt m'għandhomx ikunu membri tal-Kumitat tar-Rapporti.

Meta l-Kumitat tar-Rapporti huwa mgħajjat biex jagħti rakkomandazzjoni dwar uffiċjal li s–superjur ta' fuqu huwa membru tal-Kumitat, dak il-membru m'għandux jieħu sehem fil-kunsiderazzjoni tal-każ tiegħu.

▼B

Artikolu 11

Il-proċeduri tal-Kumitat tar-Rapporti għandhom ikunu sigrieti.

▼M112

Taqsima 5

IL-KUMITAT KONĠUNT TAL-KONSULENZA GĦALL-INKOMPETENZA PROFESSJONALI

Artikolu 12

Il-Kumitat Konġunt tal-Konsulenza għall-inkompetenza professjonali għandu jkun magħmul minn president u mill-anqas żewġ membri, li għandhom ikunu uffiċjali tal-grad AD 14 mill-anqas. Il-president u l-membri għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet snin. Nofs il-membri għandhom ikunu nnominati mill-Kumitat tal-Persunal, u nofs mill-Awtorità tal-Ħatra. Il-president għandu jinħatar mill-Awtorità tal-Ħatra minn lista ta' kandidati mħejjija flimkien mal-Kumitat tal-Persunal.

▼**M112**

Meta l-każ ikun dwar uffiċjal fil-grad ta' AD 14 jew anqas, il-Kumitat Konġunt tal-Konsulenza għandu jinkludi żewġ membri oħra mill-istess grupp tal-funzjoni, u ta' l-itess grad bħall-uffiċjal in kwestjoni, innominati bl-istess mod bħall-membri permanenti.

Meta l-Kumitat Konġunt tal-Konsulenza jissejjaħ biex jeżamina l-każ ta' uffiċjal anzjan ta' l-amministrazzjoni, fis-sens ta' l-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, Kumitat Konġunt speċjali tal-Konsulenza *ad hoc* għandu jitwaqqaf, magħmul minn żewġ membri maħtura mill-Kumitat tal-Persunal u żewġ membri maħtura mill-Awtorità tal-Ħatra, li jkun fi grad ta' mill-anqas daqs dak ta' l-uffiċjal ikkonċernat.

L-Awtorità tal-Ħatra u l-Kumitat tal-Persunal għandhom jiftehmu fuq proċedura ad hoc biex ikunu nnominati aktar membri riferuti fit-tieni paragrafu, li għandhom joqgħodu għal każijiet li jinvolvu uffiċjal li tqiegħed f'pajjiż barra l-Unjoni jew membru tal-persunal bil-kuntratt.

▼B

ANNESS III

Kompetizzjonijiet

Artikolu 1

1. ►M23 L-avviż tal-kompetizzjonijiet jitħejja mill-awtorità tal-ħatra wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat Konġunt. ◄

Irid jispeċifika:

▼M23

(a) l-għamla tal-kompetizzjoni (kompetizzjoni interna għall-istituzzjoni, kompetizzjoni interna għall-istituzzjonijiet, kompetizzjoni miftuħa, ►M85 fejn ikun il-każ, komuni għal żewġ istituzzjonijiet jew aktar ◄);

▼B

(b) it-tip ta' kompetizzjoni (jekk mhux fuq bażi ta' jew il-kwalifiki jew l-eżamijiet, jew ta' kemm il-kwalifiki kif ukoll l-eżamijiet);

(ċ) it-tip ta' dmirijiet u l-kompiti involuti fil-posizzjoni li għandha timtela ►M112 u l-grupp tal-funzjoni u l-grad offrut ◄;

(d) ►M112 skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, ◄ id-diplomi u evidenza oħra ta' kwalifiki formali jew il-livell ta' esperjenza meħtieġa għall-posizzjonijiet li għandhom jimtlew;

(e) meta l-kompetizzjoni hija fuq bażi ta' eżamijiet, x'tip ikunu u kif ikunu mmarkati;

(f) fejn applikabbli, l-għarfien tal-lingwi meħtieġa minħabba n-natura speċjali tal-posizzjonijiet li għandhom jimtlew;

▼M23

(g) fejn ikun il-każ, il-limitu taż-żmien u xi estensjoni tal-limitu taż-żmien fil-każ tal-ħaddiema ►M128 tal-Unjoni ◄ li taw mhux anqas minn sena servizz;

▼B

(h) id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet;

(i) kull eċċezzjoni skond l-Artikolu 28(a) tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M85

L-avviż tal-kompetizzjonijiet miftuħa komuni għal żewġ istituzzjonijiet jew aktar jitħejja mill-awtorità tal-ħatra imsemmija ►M112 l-Artikolu 2(2) ◄ tar-Regolamenti tal-Persunal, wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat Konġunt komuni.

▼B

2. L-avviż tal-kompetizzjonijiet miftuħa jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali* ►M128 *tal-Unjoni Ewropea* ◄ mhux anqas minn xahar qabel id-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet u, fejn ikun il-każ, mhux anqas minn xahrejn qabel id-data ta' l-eżamijiet.

3. Il-kompetizzjonijiet kollha jkunu rreklamati ġewwa l-istituzzjonijiet ►M128 tal-Unjoni Ewropea, ◄ jitħarsu l-istess limiti ta' żmien.

▼B

Artikolu 2

Il-kandidati għandhom jimlew formola preskritta mill-awtorità tal-ħatra.

Jistgħu jkunu meħtieġa jipprovdu dokumenti jew informazzjoni addizzjonali.

Artikolu 3

▼M112

Il-Bord ta' l-Għażla għandu jkun magħmul minn president innominat mill-Awtorità tal-Ħatra u minn membri nnominati mill-Awtorità tal-Ħatra u l-Kumitat tal-Persunal, kull wieħed jinnomina l-istess numru.

▼M85

Għall-kompetizzjonijiet miftuħa komuni għal żewġ istituzzjonijiet jew aktar, il-Bord ta' l-Għażla jkun magħmul minn president maħtur mill-awtorità tal-ħatra imsemmija ►M112 l-Artikolu 2(2) ◄ tar-Regolamenti tal-Persunal u mill-membri maħtura mill-awtorità tal-ħatra imsemmija ►M112 l-Artikolu 2(2) ◄ tar-Regolamenti tal-Persunal fuq proposta mill-istituzzjonijiet, kif ukoll mill-membri maħtura bi ftehim bejn il-Kumitati tal-Persunal ta' l-istituzzjonijiet, b'tali mod li jiżguraw rappreżentanza ndaqs.

▼B

Għal ċerti eżamijiet, il-Bord ta' l-Għażla jista' jkun assistit minn eżaminatur wieħed jew aktar li jservi f'kapaċità ta' konsulenza.

Il-membri tal-Bord ta' l-Għażla għandhom jintgħażlu mill-uffiċjali li ►M112 grupp tal-funzjoni u ◄ l-grad tagħhom huw mill-anqas daqs dak tal-posizzjoni li għandha timtela.

▼M112

Jekk il-bord ta' l-għażla jikkonsiti minn aktar minn erba' membri, ikun magħmul minn mill-anqas żewġ membri ta' kull sess

▼B

Artikolu 4

L-awtorità tal-ħatra għandha tħejji lista tal-kanndidati li jaqgħu taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 28(a), (b) u (ċ) tar-Regolament tal-Persunal u għandha tibgħatha, flimkien mal-fajlstal-kandidati, lill-president tal-Bord ta' l-Għażla.

Artikolu 5

Wara li teżamina dawn il-fajls, il-Bord ta' l-Għażla għandha tħejji lista ta' kandidati, li jħarsu l-ħtiġiet ippreżentati fl-avviż tal-kompetizzjoni.

Meta l-kompetizzjonijiet huma fuq il-bażi ta' l-eżamijiet, il-kandidati kollha fuq il-lista jkunu ammessi għall-eżamijiet.

Meta l-kompetizzjoni hija bbażata fuq il-kwalifiki, wara li jistabbilixxi kif il-kwalifiki tal-kandidati għandu jkunu valutati, il-Bord ta' l-Għażla għandu jikkunidra l-kwalifiki tal-kandidati li jidhru fuq il-lista pprovduta fl-ewwel paragrafu.

Meta l-kompetizzjonijiet huma bbażati kemm fuq l-eżamijiet kif ukoll fuq il-kwalifiki, il-Bord ta' l-Għażla għandu jgħid min mill-kandidati fuq il-lista se jkunu ammessi għall-eżamijiet.

▼B

Meta jkunu lesti l-proċeduri tagħha, il-Bord ta' l-Għażla għndha tħejji lista ta' kandidati xierqa pprovduti fl-Artikolu 30 tar-Regolamenti tal-Persunal; kulmeta possibbli l-lista għandu jkun fiha mill-anqas ismijiet id-doppju tan-numru tal-posizzjonijiet li għandhom jimtlew.

Il-Bord ta' l-Għażla għandha tgħaddi din il-lista lill-awtorità tal-ħatra, flimkien ma' rapport bir-raġunijiet mill-Bord ta' l-Għażla, inklużi xi kummenti li l-membri tagħha jitgħu jixtieq jagħmlu.

Artikolu 6

Il-proċeduri tal-Bord ta' l-Għażla għandhom ikunu sigrieti.

▼M112

L-Artikolu 7

1. L-istituzzjoniet għandhom, wara konsultazzjonijiet mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal, jafdaw ►M128 ►C4 lill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal ◄ ◄ (minn issa 'l-quddiem "l-Uffiċċju";) bir-responsabbiltà biex jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li standards uniformi huma applikati fil-proċeduri ta' l-għażla ta' l-uffiċjali ►M128 tal-Unjoni, ◄ u fl-istima u fil-proċeduri ta' l-eżami, riferuti fl-Artikoli 45 u 45a tar-Regolamenti tal-Persunal.

2. Il-kompitu ta' l-Uffiċċju jkun li

(a) jorganizza, fuq talba ta' l-istituzzjonijiet individwali, kompetizzjonijiet individwali;

(b) jipprovdi, fuq it-talba ta' l-istituzzjonijiet individwali, appoġġ tekniku għall-kompetizzjonijiet interni, organizzati minnhom;

(ċ) jistabbilixxi l-kontenut ta' l-eżamijiet kollha, organizzati mill-istituzzjonijiet sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 45a (1)(ċ) tar-Regolamenti tal-Persunal jitħarsu b'mod armoniżżat u konsistenti.

(d) jassumi responsabbiltà ġenerali għad-definizzjoni u l-organizzazzjoni ta' l-istima ta' l-abiltà lingwista, sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jitħarsu b'mod armoniżżat u konsistenti.

3. L-Uffiċċju jista', fuq it-talba ta' istituzzjonijiet individwali, iwettaq kompiti oħra konnessi ma' l-għażla ta' l-uffiċjali.

4. L-Uffiċċju għandu, fuq it-talba tagħhom, jipprovdi assistenza lill-istituzzjonijiet differenti bil-għan li jintgħażel persunal temporanju u persunal bil-kuntratt, partikolarment billi jkun definit il-kontenut ta' l-eżami u li jkunu organizzati l-proċedura ta' l-għażla fil-qafas ta' l-Artikoli 12 u 82 tal-Kondizzjonijiet ta' ħaddiema oħra;

▼B

ANNESS IV

Allowances taħt l-Artikoli 41 u 50 tar-Regolamenti tal-Persunal

Artikolu Waħdieni

1. Uffiċjal li fuqu jkun applikat l-Artikolu 41 jew 50 tar-Regolamenti tal-Persunal ikun intitolat:

(a) għal tliet xhur, għal *allowance*fix-xahar daqs is-salarju bażiku tiegħu;

(b) għal perjodu li jvarja skond iż-żmien u t-tul tas-servizz skond it-tabella li tidher fil-paragrafu 3, għal *allowance*fix-xahar daqs:

— 85 % tas-salarju bażiku tiegħu mir-raba' sas-sitt xahar;

— 70 % ta-salarju bażiku tiegħu għall-ħames snin li jmiss;

— 60 % tas-salarju bażiku tiegħu minn hemm 'l quddiem.

L-*allowance*għandha tieqaf mill-ġurnata meta l-uffiċjal jagħlaq ►**M131** 66 sena. ◄

▼**M131**

_____

▼**M23**

Is-salarju bażiku għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu jkunu dawk li jidhru fit-tabella fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal li huwa fis-seħħ fix-xahar li fih l-*allowance*għandu jitħallas.

▼B

2. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness għandhom ikunu riveduti wara li r-Regolamenti tal-Perunal jidħlu fis-seħħ.

3. Il-perjodu li għalih l-uffiċjal għadu jirċievu l-*allowance*pprovdut fl-Artikolu 41 jew 50 tar-Regolamenti tal-Persunal ikun stabbilit billi t-tul tas-servizz tiegħu jkun immoltiplikat bil-persentaġġ xieraq għall-età tiegħu kif jidher fit-tabella li ġejja; dan il-perjodu, meta meħtieġ, għandu jkun imdawwar għax-xahar li jmiss taħtu.

Età	%
20	18
21	19,5
22	21
23	22,5
24	24
25	25,5
26	27
27	28,5
28	30
29	31,5
30	33
31	34,5
32	36

▼**B**

Età	%
33	37,5
34	39
35	40,5
36	42
37	43,5
38	45
39	46,5
40	48
41	49,5
42	51
43	52,5
44	54
45	55,5
46	57
47	58,5
48	60
49	61,5
50	63
51	64,5
52	66
53	67,5
54	69
55	70,5
56	72
57	73,5
58	75
►**M131** 59-65 ◄	►**M23** 76,5 ◄

▼**M112**

4. Matul il-perjodu ta' l-intitolament għall-benefiċċji, u għall-ewwel sitt xhur ta' wara, l-uffiċjal riferut fl-Artikoli 41 u 50 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun intitolat, fuqu u fuq il-persuni koperti bl-assigurazzjoi tiegħu, għal benefiċċji taħt l-iskema ta' l-assigurazzjoni tal-mard, ipprovduti fl-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, bil-kondizzjoni li l-uffiċjal iħallas il-kontribuzzjoni xierqa, maħduma b'riferenza, skond il-każ, jew fuq il-paga bażika tiegħu jew fuq persentaġġ tagħha speċifikat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u li mhux impjegat bil-qligħ.

▼**M39**

Fl-aħħar tal-perjodu imsemmi fl-ewwel subparagrafu u bil-kondizzjonijiet imniżżla fih, l-uffiċjal ikkonċernat jista', fuq it-talba tiegħu, ikompli jirċievi l-benefiċċji taħt l-imsemmija skema ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard bil-kondizzjoni li jħallas sħiħa l-kontribuzzjoni imsemmija fl-Artikolu 72(1) tar-Regolmenti tal-Persunal.

Meta l-intitolament ta' l-uffiċjal għall-*allowance*jieqaf, il-kontribuzzjoni għandha tinħadem b'riferenza għall-*allowance*fix-xahar li rċieva l-aħħar.

Meta uffiċjal jibda jieħu pensjoni taħt l-iskema tal-pensjoni pprovduta fir-Regolamenti tal-Persunal, għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, huwa għandu jkun ittrattat bl-istess mod bħal uffiċjal li baqa' fis-servizz sa l-età ta' ►**M131** 66 sena. ◄

▼**M112**

ANNESS IVa

Xogħol part-time

Artikolu 1

It-talba għall-awtorizzazzjoni biex jinħadem il-*part-time* għandha tintefa' mill-uffiċjal u tgħaddi mis-superjur ta' fuqu mill-anqas xahrejn qabel id-data mitluba, għajr f'każijiet urġenti li mhux veru ġġustifikati.

L-awtorizzazzjoni tista' tingħata għal minimu ta' xahar u massimu ta' tliet snin, mingħajr preġudizzju għall-każijiet riferuti fl-Artikolu 15 u ►**M131** l-punt (g) tal-Artikolu 55a(2). ◄

L-awtorizzazzjoni tista' tiġġedded bl-istess kondizzjonijiet. L-applikazzjonijiet għat-tiġdid għandhom isiru mill-uffiċjal ikkonċernat mill-anqas xahrejn qabel jiskadi l-perjodu li għalih ingħatat l-awtorizzazzjoni. Ix-xogħol *part-time* ma jistax ikun anqas minn nofs il-ħin normali tax-xogħol.

Perjodu ta' xogħol *part-time* għandu jibda fl-ewwel ġurnata tax-xahar, għajr f'każijiet li huma veru ġġustifikati.

Artikolu 2

L-Awtorità tal-Ħatra tista' fuq it-talba ta' l-uffiċjal ikkonċernat, tirtira l-awtorizzazzjoni qabel jiskadi l-perjodu li ngħatat għalih. Id-data ta' l-irtirar ma tistax tkun aktar minn xahrejn wara d-data proposta mill-uffiċjal, jew erba' xhur wara dik id-data jekk ix-xogħol *part-time* kien awtorizzat għal aktar minn sena.

L-Awtorità tal-Ħatra tista' fuq, f'każijiet ta' eċċezzjoni u fl-interessi tas-servizz, tirtira l-awtorizzazzjoni qabel jiskadi l-perjodu li ngħatat għalih, wara li tagħti avviż ta' xahrejn lill-uffiċjal.

Artikolu 3

Uffiċjal għandu jkun intitolat, matul il-perjodu li għalih kien awtorizzat x-xogħol *part-time*, għal persentaġġ fuq ir-remunerazzjoni tiegħu li jikkorrospondi għall-ħin normali li nħadem. Iżda, il-persentaġġ m'għandux ikun applikat għall-benefiċċju tat-tfal dipendenti, l-ammont bażiku tal-benefiċċju tal-familja jew il-benefiċċju ta' l-edukazzjoni.

Il-kontribuzzjonijiet għall-iskema ta' l-assigurazzjoni tal-mard għandhom jinħadmu b'riferenza għas-salarju bażiku pagabbli lil uffiċjal li jaħdem *full-time.* ►**C1** Il-kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni jinħadmu b'riferenza għas-salarju bażiku riċevut minn uffiċjal li jaħdem *part-time.* ◄ L-uffiċjal jista' jitlob ukoll li l-kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni jinħadmu b'riferenza għas-salarju bażiku pagabbli lil uffiċjal li jaħdem *full-time*, skond l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal. Id-drittijiet miksuba tal-pensjoni, għall-iskopijiet ta' l-Artikoli 2, 3, u 5 ta' l-Annness VIII, għandhom jinħadmu fi proporzjon mal-persentaġġ tal-kontribuzzjonijiet imħallsa.

Matul il-perjodu tax-xogħol *part-time,* l-uffiċjal ma jistax jagħmel sahra jew jingaġġa ruħu f'xi attività bil-qligħ, għajr attività skond l-Artikolu 15 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 4

Minkejja l-ewwel sentenza ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 3, ►**M131** uffiċjali awtorizzati, skont l-Artikolu 55a(2)e tar-Regolament tal-Persunal, li jaħdmu nofs il-ħin, ◄ għandhom jirċievu salarju bażiku mnaqqas, daqs l-ogħla taż-żewġ ammonti bl-applikazzjoni tal-persentaġġi li ġejjin fuq is-salarju bażiku *full-time*:

(a) jew 60 %

▼**M112**

(b) jew il-persentaġġ li jikkorrospondi għas-snin tas-servizz, fis-sens ta' l-Artikoli 2, 3, 4, 5, 9 u 9a ta' l-Anness VIII fil-bidu tal-perjodu tax-xogħol ta' nofs il-ħin, bl-addizzjoni ta' 10 %.

L-uffiċjali li jagħmlu applikazzjoni taħt dan l-Artikolu huma meħtieġa, meta jieqfu mix-xogħol fuq nofs il-ħin, jew li jirtiraw jew li jħallsu l-ammont li jaqbeż il-50 % tas-salarju bażiku li rċevew matul il-perjodu tax-xogħol fuq nofs il-ħin.

Artikolu 5

L-Awtorità tal-Ħatra tista' tniżżel ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet.

▼B

ANNESS V

Leave

LISTA TAL-KONTENUT

Taqsima 1:	*Leave*fis-sena	1 – 5
Taqsima 2:	Leave speċjali	6
Taqsima 3:	Ħin ta' l-ivvjaġġar	7

Taqsima 1

***LEAVE*FIS-SENA**

Artikolu 1

Fis-sena li fiha l-uffiċjal jidħol jew jitlaq mis-servizz, għandu jkun intitolat għal *leave*daqs jumejn xogħol għal kull xahar sħiħ ta' servizz, għal jumejn xogħol għal xahar mhux komplut li jikkonsisti f'aktar minn 15-il ġurnata u għal ġurnata xogħol għal xahar mhux komplut ta' 15-il ġurnata jew anqas.

Artikolu 2

*Leave*fis-sena jistgħu jittieħdu f'daqqa jew fuq ħafna perjodi kif mixtieq mill-uffiċjal u skond il-ħtiġiet tas-servizz. Madankollu, għandhom jinkludu mill-anqas perjodu wieħed ta' ġimgħatejn konsekuttivi. Uffiċjal li jibda s-servizz għandu jingħata *leave*tas-sajf biss wara li jagħmel daqs tliet xhur xogħol; *leave*jistgħu jkunu approvati qabel dan f'każijiet ta' eċċezzjoni għal raġunijiet sostanzjati tajjeb.

Artikolu 3

Jekk, matul il-*leave*, uffiċjal ilaqqat marda li kieku ma kenitx tħallih jattedi għax-xogħol kieku ma kienx bil-*leave*, il-*leave*fis-sena tiegħu jittawwlu bil-perjodu ta' l-inkapaċità tiegħu, suġġetta għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat mediku.

Artikolu 4

Meta uffiċjal, għal raġunijiet barra l-ħtiġiet tas-servizz, m'użax il-*leave*kollha tas-sena tiegħu qabel l-aħħar tas-sena kalendarja kurrenti, l-ammont ta' *leave*li jista' jinġarr għas-sena ta' wara m'għandux jaqbeż it-12-il ġurnata.

Meta uffiċjal fil-mument li jitlaq mis-servizz m'użax il-*leave*tas-sena kollha tiegħu, għandu jitħallas kumpens daqs wieħed minn tletin tar-remunerazzjoni fix-xahar tiegħu fil-mument li jitlaq mis-servizz għal kull ġurnata ta' *leave*dovuta lilu.

Somma maħduma fil-mod ipprovdut fil-paragrafu ta' qabel għandha titnaqqas mill-pagament dovut lil uffiċjal li fil-mument meta jitlaq mis-servizz ħa *leave*tas-sena aktar mill-intitolament tiegħu sa dik id-data.

Artikolu 5

Meta uffiċjal jissejjaħ lura għax-xogħol għal raġunijiet tas-servizz meta jkun fuq *leave*tas-sena jew kellu l-*leave*tiegħu kkanċellati, kull spiża li jonfoq għandha tkun timborżata, suġġetta għall-preżentazzjoni ta' l-evidenza xierqa, u ż-żmien ta' l-ivvjaġġar għandu jingħata mill-ġdid.

▼B

Taqsima 2

LEAVE SPEĊJALI

▼M131

Artikolu 6

Barra dan il-leave fis-sena, uffiċjal jista', b'applikazzjoni, jingħata leave speċjali. B'mod partikolari, fil-każijiet li ġejjin, leave speċjali jingħata kif muri:

— żwieġ tal-uffiċjal: erbat ijiem;

— bidla fir-residenza tal-uffiċjal: mhux aktar minn jumejn;

— mard serju tal-konjuġi: mhux aktar minn tlett ijiem;

— mewt tal-konjuġi: erbat ijiem;

— mard serju ta' qraba axxendenti: mhux aktar minn jumejn;

— mewt ta' qraba axxendenti: jumejn;

— żwieġ ta' wild: jumejn;

— twelid ta' wild: għaxart ijiem, li jittieħdu matul l-14-il ġimgħa wara t-twelid;

— twelid ta' wild b'diżabilità jew serjament marid: 20 jum, li jittieħdu matul l-14-il ġimgħa ta' wara t-twelid;

— mewt tal-mara waqt il-leave tal-maternità: għadd ta' jiem li jkun jikkorrispondi mal-leave tal-maternità rimanenti; jekk il-mara deċeduta ma tkunx uffiċjal, il-leave tal-maternità rimanenti jkun stabbilit bl-applikazzjoni b'analoġija tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 58 tar-Regolamenti tal-Persunal;

— mard serju ta' wild: mhux aktar minn jumejn;

— mard gravi ħafna ta' wild, kif iċċertifikat minn tabib, rikoveru l-isptar ta' wild ta' 12-il sena jew iżgħar: mhux aktar minn ħamest ijiem;

— mewt ta' wild: erbat ijiem;

— adozzjoni ta' wild: 20 ġimgħa, li jitilgħu għal 24 ġimgħa fil-każ tal-adozzjoni ta' wild diżabbli:

Kull wild adottat iġib intitolament għal perjodu wieħed biss ta' leave speċjali li jkun jista' jiġi kondiviż bejn il-ġenituri adottivi jekk it-tnejn ikunu uffiċjali. Jingħata biss jekk mart l-uffiċjal tkun ingaġġata f'attività bi qligħ li tkun ta' mill-anqas nofs il-ħin. Jekk il-konjuġi jkun jaħdem barra mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u jibbenefika minn leave paragunabbli, għadd ta' jiem korrispondenti jitnaqqas mill-intitolament tal-uffiċjal.

L-awtorità tal-ħatra tista', f'każijiet ta' bżonn, tagħti leave speċjali addizzjonali meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż li fih issir il-proċedura tal-adozzjoni u li ma tkunx il-pajjiż tal-impjieg tal-uffiċjal adottiv, tkun tirrikjedi mawra hemmhekk miż-żewġ ġenituri adottivi, jew minn wieħed minnhom.

Il-leave speċjali ta' 10 ijiem jingħata jekk l-uffiċjal ma jkunx jibbenefika mill-leave speċjali sħiħ ta' 20 jew 40 ġimgħa minħabba fl-ewwel sentenza ta' dan l-inċiż; dak il-leave speċjali addizzjonali jingħata darba waħda biss għal kull wild adottat.

L-istituzzjoni tista' wkoll tagħti leave speċjali fil-każ ta' aktar taħriġ u tagħlim, fil-limiti preskritti fil-programm għal aktar taħriġ u tagħlim imfassal mill-istituzzjoni skont l-Artikolu 24a tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M131

Il-leave speċjali jista' jingħata barra minn ħekk lil uffiċjali fuq bażi eċċezzjonali fil-każ ta' xogħol eċċezzjonali li jmur lil hinn mill-obbligi normali ta' uffiċjal. Tali leave speċjali jingħata mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-awtorità tal-ħatra tkun ħadet id-deċiżjoni dwar il-karattru eċċezzjonali tax-xogħol tal-uffiċjal.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, is-sieħeb/sieħba mhux miżżewweġ/miżżewġa ta' uffiċjal jiġi ttrattat bħala miżżewweġ/miżżewġa, fejn l-ewwel tliet kondizzjonijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 1(2) tal-Anness VII jiġu sodisfatti.

Meta jingħata leave speċjali skont din it-taqsima, kull ħin ta' vjaġġar jiġi ffissat b'deċiżjoni speċjali li tikkunsidra l-ħtiġiet partikolari.

▼B

Taqsima 3

HIN TA' L-IVVJAĠĠAR

▼M131

Artikolu 7

L-uffiċjali li huma intitolati għall-allowance tal-espatrijazzjoni jew tar-residenza barranija jkunu intitolati għal leave supplimentari ta' jumejn u nofs kull sena, għall-fini li jżuru l-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

L-ewwel paragrafu japplika għall-uffiċjali li l-post tax-xogħol tagħhom ikun qiegħed fit-territorji tal-Istati Membri. Jekk il-post tal-impjieg qiegħed barra minn dawn it-territorji, it-tul tal-leave fil-pajjiż tal-oriġini jkun stabbilit b'deċiżjoni speċjali, li tikkunsidra l-ħtiġijiet partikolari.

▼B

ANNESS VI

leave ta' kumpens u remunerazzjoni ta' sahra

▼M131

Artikolu 1

Sal-limiti stipulati fl-Artikolu 56 tar-Regolamenti tal-Persunal, is-sahra li tinħadem minn uffiċjali fi grad SC 1 sa SC 6 jew fi grad AST I sa AST 4 tintitolah għal leave kumpensatorju jeq għal remunerazzjoni kif ġej:

(a) għal kull siegħa ta' sahra, ikun intitolat għal siegħa u nofs frank bħala leave kumpensatorju; jekk is-siegħa ta' sahra tinħadem bejn l-22:00 u s-07:00 jew fil-Ħdud jew fi btala pubblika, l-intitolament għal-leave b'kumpens ikun ta' siegħa u nofs; fil-għoti ta' leave kumpensatorju, jitqiesu l-eżiġenzi tas-servizz u tal-preferenza tal-uffiċjal ikkonċernat;

(b) meta l-eżiġenzi tas-servizz ma jkunux jippermettu li jittieħed leave kumpensatorju matul ix-xahrejn ta' wara dak li fih tkun inħadmet is-sahra, l-awtorità tal-ħatra tawtorizza remunerazzjoni għal sigħat mhux kumpensati ta' sahra bir-rata ta' 0.56 % tas-salarju bażiku fix-xahar għal kull siegħa ta' sahra fuq il-bażi ppreżentat fil-punt (a);

(c) biex jikkwalifika għal leave kumpensatorju jew remunerazzjoni għal siegħa sahra, il-ħin li nħadem żejjed irid ikun aktar minn 30 minuta.

▼B

Artikolu 2

Jekk uffiċjal qed jivvjaġġa fuq missjoni, il-ħin li jieħu biex jilħaq il-post ta' l-inkarigu ma jitqisx bħala sahra għall-iskopijiet ta' dan l-Anness. Dwar il-ħiniet li nħadmu fil-post ta' l-inkarigu iżjed min-numru normali tas-siegħat tax-xogħol, *leave*ta' kumpen jew remunerazzjoni, skond xi jkun il-każ, jistgħu jitħallew b'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra.

▼M131

Artikolu 3

Minkejja d-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan l-Anness, ir-remunerazzjoni għal sahra maħduma minn ċerti gruppi ta' uffiċjali fil-gradi SC 1 sa SC 6 u fil-gradi AST 1 sa AST 4 f'kondizzjonijiet speċjali tista' titħallas fis-sura ta' allowance fissa li l-ammont u t-termini tagħha jiġu ddeterminati mill-awtorità tal-ħatra wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konġunt.

▼B

ANNESS VII

Ir-remunerazzjoni u r-Rimborsar ta' spejjeż

LISTA TAL-KONTENUT

Taqsima 1:	*L-allowance* tal-familja 1 – 3
Taqsima 2:	*Allowance* ta' l-espatrijazzjoni 4
Taqsima 3:	Rimbors ta' l-ispejjeż
A —	*Allowance*ta' l-istallazzjoni 5
B —	*Allowance*ta' rinstallazzjoni 6
Ċ —	Spejjeż ta' l-ivvjaġġar 7 – 8
D —	Spejjeż tat-tneħħija 9
E —	*Allowance*tas-sussistenza ta' kuljum 10
F —	Spejjeż tal-missjoni 11 – 13a
G —	Rimborsar fiss ta' l-ispejjeż 14 – 15
Taqsima 4:	Ħlas ta' somom dovuti 16 – 17

Taqsima 1

***L-ALLOWANCE*TAL-FAMILJA**

Artikolu 1

▼M112

1. Il-benefiċċju tal-familja għandu jkun stabbilit bħala ammont bażiku ta' ►M151 EUR 201,15 ◄, bl-addizzjoni ta' 2 % tas-salarju bażiku ta' uffiċjal.

▼M25

2. L-*allowance*tal-familja għandu jingħata lil:

(a) uffiċjal miżżewweġ;

(b) uffiċjal li huwa armel, iddivorzjat, separat legalment, jew mhux miżżewweġ u għandu tifel dipendenti wieħed jew aktar fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) jew (3) t'hawn taħt;

▼M112

(ċ) uffiċjal li huwa rreġistrat bħala sieħeb stabbli, mhux miżżewweġ, sakemm:

(i) il-koppja tipproduċi dokument legali, rikonoxxut bħal tali minn Stat Membru, jew kull awtorità kompetenti ta' Stat Membri, li tirrikonoxxi l-istat tagħhom bħala sħab mhux miżżewġa;

▼M112

(ii) l-ebda sieħeb m'hu qiegħed f'relazzjoni maritali, jew f'xi relazzjoni oħra mhux maritali,

(iii) l-imsieħba ma jiġux min xulxin b'xi mod li ġej: ġenitur, iben/bint, nannu/nanna, neputi tan-nanniet, ħu, oħt, ziju, ziju, neputi, neputija, ħaten, ħtint;

(iv) il-koppja m'għandhiex aċċess għal żwieġ legali fi Stat Membru, il-koppja għandha titqies li għandha aċċess għal żwieġ legali għall-sikopijiet ta' dan il-punt biss fejn il-membri tal-koppja jħarsu l-kondizzjonijiet kollha mniżżla mill-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li jippermetti ż-żwieġ tat-tali koppja;

▼M25

►M112 (d) ◄ b'deċiżjoni raġunata speċjali ta' l-awtorità tal-ħatra bbażata fuq dokumenti ta' appoġġ, uffiċjal li, għalkemm ma jaqax taħt il-kondizzjonijiet ►M112 imniżżel f'(a), (b) u (ċ) ◄, xorta waħda attwalment jassumi responsabbiltajiet tal-familja.

3. Jekk il-konsorti ta' l-uffiċjal taħdem bi qligħ, bi dħul fis-sena qabel it-tnaqqis ta' taxxa, ta' aktar mis-salarju bażiku fis-sena ta' uffiċjal ►M39 ►M112 it-tieni ◄ skala ►M131 tal-grad AST 3 ◄ ◄, peżat bir-rata tal-pajjiż fejn il- konsorti twettaq l-okkupazzjoni tagħha, l-uffiċjal intitolat għall-*allowance*tal-familja ma jirċevix din l-*allowance*ħlief b'deċiżjoni speċjali ta' l-awtorità tal-ħatra. Madankollu, l-uffiċjal għandu jkun intitolat għal *allowance*fejn il-koppja miżżewġa għandhom tifel dipendenti wieħed jew aktar.

4. Fil-każijiet fejn, taħt id-diposizzjonijiet ta' qabel, ir-raġel u l-konsorti li huma impjegati fis-servizz ►M128 tal-Unjoni, ◄ huma t-tnejn intitolati għall-*allowance*tal-familja, dan għandu jitħallas biss lill-persuna bl-ogħla salarju bażiku.

▼M56

5. Jekk l-uffiċjal huwa intitolat għall-*allowance*tal-familja biss bis-saħħa tal-paragrafu 2(b) u persuna oħra minbarra l-uffiċjal ingħatat bil-liġi jew b'ordni mill-qorti jew mill-awtorità amministrattiva kompetenti, kustodja tat-tfal dipendenti kollha tiegħu fis-sens ta' l-Artikoli 2(2) u (3) t'hawn taħt, l-*allowance*tal-familja għandu jitħallas lil dik il-persuna l-oħra f'isem u għan-nom ta' l-uffiċjal. Din il-kondizzjonijiet titqies li tħarset fil-każ tat-tfal dipendenti li saru maġġorenni jekk it-tali tfal għandhom ir-residenza normali tagħhom mal-ġenitur l-ieħor.

Madankollu, jekk it-tfal ta' l-uffiċjali qed jieħdu ħsiebhom bosta persuni differenti, l-*allowance*tal-familja għandu jinqasam bejniethom skond in-numru ta' tfal li qed jieħdu ħsieb.

Jekk il-persuna eliġibbli bis-saħħa ta' dan t'hawn fuq li tirċievi l-*allowance*tal-familja mħallas f'isem l-uffiċjal hija wkoll eliġibbli li tirċievi din l-*allowance*-minħabba l-istat tiegħu jew tagħha bħala uffiċjal jew membri ieħor tal-persunal, dik il-persuna għandha tirċievi biss l-ogħla taż-żewġ *allowances*.

▼B

Artikolu 2

▼M16

1. Skond il-paragrafi 2 u 3 t'hawn taħt, uffiċjal li għandu tifel dipendenti wieħed jew aktar għandu jirċievi *allowance*ta' ►M151 EUR 439,54 ◄ fix-xahar għal kull tifel dipendenti.

▼M16

2. “Tifel dipendenti” ifisser it-tifel leġittimu, naturali jew adottat ta' uffiċjal, jew tal-konsorti tiegħu li attwalment mantnut mill-uffiċjal.

L-istess għandu japplika għal tifel li għalih saret applikazzjoni għall-adozzjoni u nbdiet il-proċedura ta' l-adozzjoni.

▼M112

Kull tifel li l-uffiċjal għandu r-responabbiltà li jmantni taħt deċiżjoni ġudizzjarja bbażata fuq il-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri dwar il-ħarsien tal-minuri, għandu jitqies bħala tifel dipendenti.

▼M16

3. Il-benefiċċju għandu jkun jingħata:

(a) awtomatikament lit-tfal taħt it-18-il sena;

(b) bl-evidenza ta' appoġġ, ma' l-applikazzjoni mill-uffiċjal għat-tfal bejn it-18 u s-26 sena li jirċievu taħriġ edukazzjonali jew vokazzjonali.

▼B

4. Kull persuna li l-uffiċjal għandu reponsabbiltà legali li jżomm u li l-manteniment tagħha jinvolvi spejjeż kbar tista', bħala eċċezzjoni, titqies li hija tifel indipendenti b'deċiżjoni raġunati speċjali ta' l-awtorità tal-ħatra, ibbażata fuq dokumenti ta' appoġġ.

5. Il-pagament tal-*allowance*dwar tifel li ma jitħallix minħabba mard serju jew invaliditá milli jaqla' biex jgħix, għandu jkompli matul il-perjodu ta' dak il-mard jew invliditá, tjkun xi tkun l-età.

6. Mhux aktar minn *allowance*waħda għat-tfal dipendenti ma jitħallas għal kull tifel dipendenti fis-sens ta' dan l-Artikolu, anki meta l-ġenituri qegħdin fis-servizz ta' żewġ istituzzjonijiet differenti ►**M128** tal-Unjoni Ewropea. ◄

▼M56

7. Jekk il-kustodja tat-tifel dipendenti fis-sens tal-paragrafi 2 u 3 kienet fdata mill-liġi jew minn ordni tal-qorti jew ta' l-awtorità amministrattiva kompetenti lil persuna oħra, l-*allowance*tat-tifel dipendenti jitħallas lil dik il-persuna f'isem u għan-nom ta' l-uffiċjal.

▼B

Artikolu 3

▼M112

1. Suġġett għall-kondizzjonijiet imniżżla fid-disposizzjonijiet ġenerali ta' l-implimentazzjoni, uffiċjal għandu jirċievi benefiċċju ta' l-edukazzjoni daqs l-ispejjeż vera li ħallas, sa massimu ta' ►**M151** EUR 298,23 ◄ kull xahar għal kull tifel dipendenti, fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) ta' dan l-Anness, li jkollu mill-anqas ħames snin u jkun jattendi *full-time* u regolarment skola primarja jew sekondarja li tieħu l-miżati, jew stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla. Il-ħtieġa għall-attendenza fi skola li tieħu l-miżati, ma tapplikax għar-rimborżar ta' l-ispiża tat-trasport ta' l-iskola.

▼M131

L-intitolament għal dik l-*allowance* jibda fl-ewwel ġurnata tax-xahar li fiha l-wild jibda jattendi stabbiliment ta' edukazzjoni primarja u jieqaf fl-aħħar tax-xahar li fih il-wild itemm l-edukazzjoni tiegħu jew fl-aħħar tax-xahar li fih il-wild jagħlaq 26 sena, skont liema jiġi l-ewwel.

▼M112

Il-benefiċċju mħallas għandu jkun suġġett għal-limitu tad-doppju tal-massimu preskritt fl-ewwel subparagrafu għal:

▼M39

— uffiċjal li l-post ta' l-impieg huwa mill-anqas 50 km minn, jew:

— skola Ewropea, jew

— stabbiliment edukazzjonali li jaħdem fil-lingwa tiegħu li t-tifel jattendi għal raġunijiet edukazzjonali importanti appoġġati sew b'evidenza;

▼M29

— uffiċjal li l-post ta' l-impieg tiegħu huwa mill-anqas 50 km minn stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla fil-pajjiż li fih huwa ċittadin jew jaħdem fil-lingwa tiegħu, sakemm it-tifel attwalment jattendi stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla ta' mill-anqas 50 km mill-post ta' l-impieg u l-uffiċjal huwa intitolat għall-*allowance*ta' l-espatrijazzjoni; il-kondizzjoni ta' l-aġġar m'għandhiex tapplika jekk m'hemmx it-tali stabbiliment fil-pajjiż li l-uffiċjal huwa ċittadin tiegħu ►M112 jew fejn it-tifel jattendi stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla, f'pajjiż barra l-post ta' l-impieg ta' l-uffiċjal ◄;

▼M112

— bl-istess kondizzjonijiet taż-żewġ inċiżi ta' qabel, il-persuni intitolati għall-benefiċċju, li m'humiex f'servizz attiv, wara li jkun ikkunsidrat il-post tar-residenza minflok il-post tax-xogħol.

Il-ħtieġa għall-attendenza fi skola li tieħu l-miżati, ma tapplikax għall-pagamenti ta' taħt it-tielet subparagrafu.

▼M56

Jekk il-kustodja tat-tifel li fuqu jitħallas l-*allowance*ta' l-edukazzjoni kienet fdata mill-liġi jew minn ordni tal-qorti jew ta' l-awtorità amministrattiva kompetenti lil persuna oħra, l-*allowance*ta' l-edukazzjoni titħallas lil dik il-persuna f'isem u għan-nom ta' l-uffiċjal. Fit-tali każ, id-distanza ta' mill-anqas 50 km imsemmija fil-paragrafu ta' qabel għandha tinħadem mill-post tar-residenza tal-persuna li għandha l-kustodja tat-tifel.

▼M112

2. Għal kull tifel dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) ta' dan l-Anness, li għandu anqas minn ħames snin u għadu mhux jattendi regolarment *full-time* fi skola primarja jew sekondarja, l-ammont ta' dan il-benefiċċju huwa stabbilit bħala ►M151 EUR 107,38 ◄ fix-xahar. L-ewwel sentenza ta' l-aħħar subparagrafu tal-paragrafu 1 għandu japplika.

▼B

Taqsima 2

***ALLOWANCE*TA' L-ESPATRIJAZZJONI**

Artikolu 4

▼M9

►M39 1. ◄ L-*allowance*ta' l-espatrijazzjoni għandu jitħallas, daqs 16 % ta' l-ammont totali tas-salarju bażiku, bl-addizzjoni ►M25 tal-*allowance*tal-familja ◄, u l-benefiċċju tat-tfal ►M25 dipendenti mħallsa lill-uffiċjal ◄:

▼B

(a) lill-uffiċjali:

— li m'humiex u qatt ma kienu ċittadini ta' l-Istat ►M39 ———— ◄ li fih territorju tiegħu qiegħed il-post fejn huma impjegati, u

▼B

— li matul il-ħames snin li jispiċċaw sitt xhur qabel daħlu fis-servizz ma kienux jgħixu jew iwettqu l-okkupazzjoni ewlenija tagħhom ġewwa t-territorju Ewropej ta' dak l-Istat. Għall-iskopijiet ta' din id-disposizzjoni, iċ-ċirkostanzi li jinħolqu minn xogħol li sar fi Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali ma jkunux ikkunsidrati;

(b) għall-uffiċjali li huma jew kienu ċittadini ta' l-Istat li fit-territorju jinsab il-post fejn huma impjegati iżda li matul l-għaxar snin li jispiċċaw fid-data ta' meta daħlu fis-servizz jgħixu barra t-territorju Ewropew ta' dak l-Istat għal raġunijiet minbarra l-qadi tad-dmirijiet fis-servizz ta' Stat jew ta' organizzazzjoni internazzjonali.

▼M16

L-*allowance*ta' l-espatrijazzjoni m'għandux ikun anqas minn ►M151 596,18 ◄ kull xahar.

▼M25

_____

▼M39

2. Uffiċjal li m'huwiex u qatt ma kien ċittadin ta' l-Istat li huwa impjegat fit-territorju tiegħu u ma jħarisx il-kondizzjonijiet imniżżla fil-pragrafu 1 ikun intitolat għal benefiċċju ta' residenza barranija daqs kwart ta' l-*allowance*ta' l-espatrijazzjoni.

3. Għall-iskopijiet tal-paragrafi 1 u 2, uffiċjal li, biż-żwieġ, awtomatikament akkwista, mingħajr il-possibbiltà li jirrinunzja, iċ-ċittadinanza fl-Istat li fit-territorju tiegħu jinsab il-post ta' l-impieg tiegħu jew tagħha, ikun ittrattat bl-istess mod bħall-uffiċjal kopert mill-ewwel inċiż tal-paragrafu 1(a).

▼M112

_____

▼B

Taqsima 3

RIMBORS TA' L-ISPEJJEŻ

A. ***Allowance*ta' l-installazzjoni**

Artikolu 5

▼M112

1. Benefiċċju għall-istabbiliment, daqs salarju bażiku ta' xahrejn fil- każ ta' uffiċjal li huwa intitolat għall-benefiċċju tal-familja, u daqs salarju bażiku ta' xahar wieħed f'każijiet oħra, għandu jitħallas lil uffiċjal stabbilit li jipprovdi evidenza li bidla fil-post tar-residenza tiegħu kienet meħtieġa biex jitħarsu l-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M25

Fil-każijiet fejn ir-raġel u l-konsorti, li huma ►M112 jew ħaddiema oħra ◄ uffiċjali ►M128 tal-Unjoni Ewropea, ◄ huma t-tnejn intitolati għall-*allowance*ta' tgħammir, dan għandu jitħallas biss lill-persuna bl-ogħla salarju bażiku.

▼M23

L-*allowance*ta' l-istallazzjoni għandu jkun peżat bir-rata stabbilita għall-post fejn l-uffiċjal huwa impjegat.

▼B

2. L-*allowance*ta' l-installazzjoni ta' l-istess ammont għandu jitħallas lil kull uffiċjal li jkun ittrasferit għal post ġdid ta' impieg u huwa b'hekk obbligat li jbiddel il-post tar-residenza tiegħu sabiex iħares l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal.

3. L-*allowance*ta' l-istallazzjoni għandu jinħadem b'riferenza għall-istat marittali u s-salarju ta' l-uffiċjal jew fuq id-data effettiva ta' l-istabbiliment tiegħu jew fuq id-data tat-trasferiment tiegħu għall-post il-ġdid ta' l-impieg.

L-*allowance*ta' l-istallazzjoni għandu jitħallas mal-preżentazzjoni tad-dokumenti li jistabbilixxu l-fatt li l-uffiċjal, flimkien mal-familja tiegħu huwa intitolat jekk huwa ►**M25** intitolat għal *allowance*tal-familja ◄, stabbilixxa ruħu fil-post fejn huwa impjegat.

4. Uffiċjal li huwa ►**M25** intitolat għal *allowance*tal-familja ◄ u ma jistabbilixxix ruħu mal-familja tiegħu fil-post fejn huwa impjegat, għandu jirċievi biss nofs l-*allowance*li kieku kien ikun intitolat għalih; it-tieni nofs għandu jitħallas meta l-familja tiegħu tiġi toqgħod fil-post fejn hu impjegat, sakemm tagħmel dan matul il-perjodi mniżżla fl-Artikolu 9(3). Meta l-uffiċjal huwa ttrasferit għall-post fejn toqgħod il-familja tiegħu qabel il-familja tiegħu stabbilixxiet ruħha fil-post fejn huwa impjegat, huwa b'hekk m'għandux ikun intitolat għal *allowance*ta' l-istallazzjoni.

5. Uffiċjal stabbilit li rċieva *allowance*ta' l-istallazzjoni u li volontarjament telaq mis-servizz ►**M128** tal-Unjoni ◄ fi żmien sentejn mid-data li jibdih, għandu hekk kif jitlaq mis-servizz, jirrifondi parti mill-*allowance*, fil-proporzjon tal-porzjoni li ma skadietx f'dak il-perjodu ta' sentejn.

▼M23

6. Uffiċjal li jirċievi *allowance*ta' l-istallazzjoni għandu jiddikjara kull *allowance*ta' l-istess natura li jirċievi minn sorsi oħra; it-tali *allowances*ta' l-aħħar għandhom jitnaqqsu mill-*allowance*pprovdut f'dan l-Artikolu.

▼B

B. ***allowance*ta' rinstallazzjoni**

Artikolu 6

1. Uffiċjal stabbilit li jħares ►**M112** li jipprovdi evidenza ta' bidla fir-residenza ◄għandu jkun intitolat meta jieqaf mis-servizz għal *allowance*ta' rinstallazzjoni daqs xahrejn salarju bażiku fil-każ ta' uffiċjal ►**M25** intitolat għal *allowance*tal-familja ◄ jew għal xahar salarju bażiku ►**M25** f'każijiet oħra ◄, sakemm ta erba' snin servizz u ma jirċevix *allowance*simili fl-impieg il-ġdid tiegħu. ►**M25** Fil-każijiet ta' raġel u l-konsorti, li huma uffiċjali ►**M112** jew ħaddiema oħra ◄ ►**M128** tal-Unjoni, ◄ huma t-tnejn intitolati għall-*allowance*ta' rinstallazzjoni, dan għandu jitħallas biss lill-persuna bl-ogħla salarju bażiku. ◄

Għall-iskopijiet biex jinħadem dan is-servizz, għandhom ikunu kkunsidrati s-snin li għamel f'xi stat amministrattiv imniżżel fl-Artikolu 35 tar-Regolamenti tal-Persunal barra l-*leave*għal raġunijiet personali.

Dan il-perjodu minimu ma japplikax fil-każ ta' rtirar fl-interessi tas-servizz.

▼M23

Il-*allowance*ta' rinstallazzjoni għandha tkun peżata bir-rata stabbilita għall-post fejn l-uffiċjal kien impjegat l-aħħar.

▼M25

2. Fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal stabbilit, l-*allowance*ta' rinstallazzjoni għandha titħallas lill-konsorti li għadu ħaj jew, fl-assenza tat-tali persuna, lid-dipendenti fis-ens ta' l-Artikolu 2 t'hawn fuq, anki jew il-ħtiġiet tas-servizz imniżżlin fil-paragrafu 1 mhux imħarsa.

▼B

3. L-*allowance*ta' rinstallazzjoni għandha tinħadem b'riferenza għall-istat marittali u s-salarju ta' l-uffiċjal fid-data meta jitlaq mis-servizz.

4. L-*allowance*ta' rinstallazzjoni titħallas fuq evidenza li l-uffiċjal u l-familja tiegħu, jew, meta l-uffiċjal miet, il-familja tiegħu biss, reċgħu stabbilixxew ruħhom f'post li qiegħed mhux anqas minn 70 km mill-post fejn l-uffiċjal kien impjegat.

Stabbiliment mill-ġdid ta' uffiċjal jew tal-familja ta' uffiċjal li miet għandu jsir fi żmien tliet snin mid-data meta spiċċa mis-servizz.

Dan il-limitu ta' żmien m'għandux japplika kontra persuni intitolati taħtu li jistgħu jippruvaw li ma kienux jafu bid-disposizzjonijiet t'hawn fuq.

Ċ. **Spejjeż ta' l-ivvjaġġar**

▼M131

Artikolu 7

1. Uffiċjal ikun intitolat għal ħlas b'rata fissa li jikkorrispondi għall-kost tal-ivvjaġġar għalih innifsu, il-konjuġi tiegħu u d-dipendenti tiegħu li attwalment jgħixu fl-entità domestika tiegħu:

(a) meta jiġi impjegat, mill-post fejn huwa kien ġie ingaġġat sal-post fejn ikun impjegat;

(b) mat-terminazzjoni tas-servizzi skont it-tifsira tal-Artikolu 47 tar-Regolamenti tal-Persunal, mill-post minn fejn huwa impjegat sal-post tal-oriġini kif definit fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu;

(c) jew kwalunkwe trasferiment li jinvolvi bidla fil-post fejn huwa impjegat.

Fiċ-ċirkostanza tal-mewt ta' uffiċjal, il-konjuġi ħaj(ja) u d-dipendenti jkunu intitolati għal ħlas b'rata fissa skont l-istess kondizzjonijiet.

L-ispejjeż tal-ivvjaġġar ta' tfal ta' anqas minn sentejn matul is-sena kalendarja kollha ma jiġux rimborżati.

2. Il-ħlas b'rata fissa jkun ibbażat fuq allowance għal kull kilometru ta' distanza ġeografika bejn il-postijiet ibbażati fil-paragrafu 1.

L-allowance kilometrika għandha tkun ta':

▼M151

0-200 km:	0,0000
201-1 000 km:	0,2217
1 001-2 000 km:	0,3697
2 001-3 000 km:	0,2217
3 001-4 000 km:	0,0738
4 001-10 000 km:	0,0356
Aktar minn 10 000 km	0,0000

▼M131

Ma' din l-allowance kilometrika jiżdied suppliment b'rata fissa li jammonta għal:

▼M151

— EUR 110,87 jekk id-distanza ġeografika bejn il-postijiet imsemmija fil-paragrafu 1 hija bejn 600 km u 1 200 km,

— EUR 221,74 jekk id-distanza ġeografika bejn il-postijiet imsemmija fil-paragrafu 1 tkun aktar minn 1 200 km.

▼M131

L-allowances kilometriċi msemmija hawn fuq u s-supplimenti b'rata fissa jiġu aġġornati kull sena bl-istess proporzjon bħar-remunerazzjoni.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, l-ispejjeż tal-ivjaġġar li jirrigwardaw trasferiment li jinvolvi bidla bejn il-post tax-xogħol fit-territorji tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-post tax-xogħol 'il barra minn dawk it-territorji jew trasferiment li jinvolvi bidla bejn il-postijiet tax-xogħol 'il barra minn dawk it-territorji għandhom jiġu rrimborżati fis-sura ta' ħlas b'rata fissa bbażat fuq il-kost tal-vjaġġ bl-ajru fil-klassi waħda aħjar mill-klassi ekonomika.

4. Il-post tal-oriġini ta' uffiċjal jiġi ddeterminat mal-ħatra tiegħu, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' minn fejn ikun ġie rreklutat jew, fuq talba ċara u motivata xierqa, iċ-ċentru tal-interessi tiegħu. Il-post tal-oriġini li jkun ġie stabbilit b'dan il-mod jista', b'deċiżjoni speċjali tal-awtorità tal-ħatra, jinbidel waqt li l-membru tal-persunal ikun fis-servizz jew meta jitlaq mis-servizz. Madanakollu, meta jkun fis-servizz, deċiżjoni bħal din tittieħed b'mod eċċezzjonali biss u wara li l-uffiċjal jipprovdi evidenza ta' sostenn xieraq.

Madanakollu, l-effett ta' bidla bħal din ma jkunx tali li ċ-ċentru tal-interessi ta' uffiċjali jkun post 'il barra mit-territorji tal-Istati Membri tal-Unjoni kif ukoll 'il barra mill-pajjiżi u t-territorji mniżżla fl-Anness II tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-territorji tal-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

Artikolu 8

1. L-uffiċjali intitolati għal allowance ta' espatrijazzjoni jew ta' residenza barranija jkunu intitolati, fil-limiti stabbiliti fil-paragrafu 2, għal ħlas b'rata fissa kull sena kalendarja li jkun jikkorrispondi għall-kost tal-ivvjaġġar mill-post tax-xogħol sal-post tal-oriġini kif inhu definit fl-Artikolu 7 għalihom infushom u, jekk ikunu intitolati għal allowance ta' entità domestika, għall-konjuġi u d-dipendenti fit-tifsira tal-Artikolu 2.

Meta ż-żewġ konjuġi jkunu uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, kull wieħed għandu d-dritt għalih u għaliha, u għad-dipendenti, għal ħlas b'rata fissa tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, skont id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq; kull dipendent ikun intitolat għal ħlas wieħed biss. Il-ħlas għat-tfal dipendenti huwa stabbilit fuq it-talba tal-konjuġi, abbażi tal-post ta' oriġini ta' wieħed minnhom.

Meta uffiċjal jiżżewweġ f'sena partikolari, u b'hekk jiġi intitolat għal allowance tal-entità domestika, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar pagabbli mill-mara jinħadmu bil-proporzjon tal-perjodu mid-data taż-żwieġ sal-aħħar tas-sena.

Kwalunkwe bidla fil-bażi tal-kalkolu li tista' tinħoloq minn bidliet fl-istatus tal-familja wara d-data tal-ħlas taċ-ċifri inkwistjoni, ma twassalx li l-uffiċjal ikkonċernat ikun responsabbli għall-ħlas lura.

L-ispejjeż tal-ivvjaġġar ta' tfal ta' anqas minn sentejn matul is-sena kalendarja kollha ma jiġux rimborżati.

2. Il-ħlas b'rata fissa jkun ibbażat fuq allowance għal kull kilometru ta' distanza ġeografika bejn il-post tax-xogħol tal-uffiċjal u l-post tal-oriġini.

▼M131

Fejn il-post tal-oriġini kif definit fl-Artikolu 7 jkun 'il barra mit-territorji tal-Istati Membri tal-Unjoni kif ukoll 'il barra mill-pajjiżi u t-territorji mniżżla fl-Anness II tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-territorji tal-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, il-ħlas b'rata fissa jkun ibbażat fuq allowance għal kull kilometru ta' distanza ġeografika bejn il-post tax-xogħol tal-uffiċjal u l-belt kapitali tal-Istat Membri li jkun ċittadin tiegħu. L-uffiċjali li l-post tal-oriġini tagħhom ikun 'il barra mit-territorji tal-Istati Membri tal-Unjoni kif ukoll 'il barra mill-pajjiżi u territorji elenkati fl-Anness II tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-territorji tal-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, u li ma jkunux ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri, ma jkunux intitolati għall-ħlas b'rata fissa.

L-allowance kilometrika għandha tkun ta':

▼M151

EUR 0 għal kull kilometru minn	0 sa 200 km
EUR 0,4471 għal kull kilometru minn	201 sa 1 000 km
EUR 0,7452 għal kull kilometru minn	1 001 sa 2 000 km
EUR 0,4471 għal kull kilometru minn	2 001 sa 3 000 km
EUR 0,1489 għal kull kilometru minn	3 001 sa 4 000 km
EUR 0,0719 għal kull kilometru minn	4 001 sa 10 000 km
EUR 0 għal kull kilometru addizzjonali	10 000 km

▼M131

Ma' din l-allowance kilometrika jiżdied suppliment b'rata fissa, li jammonta għal:

▼M151

— EUR 223,52 jekk id-distanza ġeografika bejn il-post tax-xogħol u l-post tal-oriġini tkun bejn 600 km u 1 200 km,

— EUR 447,01 jekk id-distanza ġeografika bejn il-post tax-xogħol u l-post tal-oriġini tkun aktar minn 1 200 km

▼M131

L-allowances kilometriċi msemmija hawn fuq u s-supplimenti b'rata fissa jiġu aġġornati kull sena bl-istess proporzjon bħar-remunerazzjoni.

3. Uffiċjal li s-servizz tiegħu jiġi mitmum matul sena kalendarja għal xi raġuni li ma tkunx il-mewt jew li jkun fuq leave bla ħlas għal raġunijiet personali matul parti mis-sena għandu, jekk ikun f'impjieg attiv fis-servizz ta' istituzzjoni tal-Unjoni, għal anqas minn disa' xhur ta' dik is-sena, ikun intitolat biss għal parti mill-ħlas b'rata fissa previst fil-paragrafi 1u 2, ikkalkulat fi proporzjoni taż-żmien li jkun qatta' f'impjieg attiv.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-uffiċjali li l-post tal-impjieg tagħhom ikun fit-territorju tal-Istati Membri. L-uffiċjali li l-post tal-impjieg tagħhom ikun barra mit-territorju tal-Istati Membri jkunu intitolati, għalihom stess u, jekk ikunu intitolati li jirċievu l-allowance ta' entità domestika, għall-konjuġi tagħhom u dipendenti oħra fis-sens tal-Artikolu 2, f'kull sena kalendarja, għal ħlas b'rata fissa għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn il-post tal-oriġini tagħhom, jew għall-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn post ieħor li ma jaqbżux l-ispiża tal-ivvjaġġar lejn il-post tal-oriġini. Madanakollu, jekk il-konjuġi u l-persuni msemmija fl-Artikolu 2(2) ma jkunux jgħixu mal-uffiċjal fil-post tax-xogħol, kull sena kalendarja għandhom ikunu intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar mill-post tal-oriġini lejn il-post tax-xogħol jew lejn post ieħor, li ma jaqbiżx il-kost tal-vjaġġ ta' qabel.

▼M131

Il-ħlas b'rata fissa għandu jkun ibbażat fuq il-prezz tal-vjaġġ bl-ajru bil-klassi ekonomika.

▼B

D. **Spejjeż tat-tneħħija**

▼M131

Artikolu 9

1. Sal-limiti massimi tal-kosti, l-uffiċjali li huma obbligati jibdlu l-post ta' residenza tagħhom sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal, mad-dħul tagħhom fis-servizz jew wara bidla sussegwenti fil-post tax-xogħol waqt li jkunu fis-servizz u li ma jkunux ġew rimborżati fir-rigward tal-istess spejjeż minn sors ieħor, ikunu intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż li jġarrbu fir-rigward tal-ġarr ta' għamara u ta' ħwejjeġ personali, fosthom tal-kost tal-assigurazzjoni għal riskji ordinarji (jiġifieri ksur, serq u ħruq).

Il-limiti massimi jikkunsidraw is-sitwazzjoni tal-familja tal-uffiċjal meta jsir il-ġarr, u l-kostijiet medji tal-ġarr u tal-assigurazzjoni assoċjata miegħu.

L-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni tadotta dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-paragrafu.

2. Fit-tmiem tas-servizz jew mal-mewt ta' uffiċjal, l-ispejjeż li jkunu ġġarrbu fir-rigward tal-ġarr mill-post fejn kien impjegat lejn il-post tal-oriġini tiegħu għandhom jiġu rimborżati fil-limiti ddefiniti fil-paragrafu 1. Fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal li ma jkunx miżżewweġ, l-ispejjeż jiġu rimborżati lil dawk li jkunu intitolati.

3. Fil-każ ta' uffiċjal stabbilit, il-ġarr isir fi żmien sena minn meta jintemm il-perjodu ta' prova. Fit-tmiem tas-servizz, il-ġarr isir fi żmien tliet snin kif stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4). Il-ġarr li jsir wara l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan il-paragrafu jiġu rimborżati biss f'każijiet eċċezzjonali u b'deċiżjoni speċjali tal-awtorità tal-ħatra.

▼B

E. ***Allowance*tas-sussistenza ta' kuljum**

Artikolu 10

▼M112

1. Fejn uffiċjal jipprovdi evidenza li bidla fil-post tar-residenza hija meħtieġa sabiex ikun jista' jimxi ma' l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tali uffiċjal għandu jkun intitolat għal perjodu speċifikat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għal benefiċċju ta' l-għajxien għal kull ġurnata kalendarja kif ġej:

▼M151

— EUR 46,20 għal uffiċjal li għandu dritt għall-allowance tal-unità domestika;

— EUR 37,26 għal uffiċjal li ma jkollux dritt għall-benefiċċju tal-unità domestika.

▼M112

L-iskala t'hawn fuq għandha tkun riveduta kull darba li r-remunerazzjoni hija riveduta skond l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M23

2. Il-perjodu li matulu jingħata l-*allowance*tas-sussistenza ta' kuljum ikun kif ġej:

(a) fil-każ ta' uffiċjal li mhux ►M25 intitolat għall-*allowance*tal-familja ◄: 120 ġurnata;

(b) fil-każ ta' uffiċjal li ►M25 intitolat għall-*allowance*tal-familja ◄: 180 ġurnata jew, jekk l-uffiċjal għadu taħt prova, il-perjodu tal-prova bl-addizzjoni ta' xahar wieħed.

▼M25

Fil-każijiet fejn ir-raġel u l-mara, li huma uffiċjali ►M112 ir-raġel u l-mara li huma uffiċjali ◄ ►M128 tal-Unjoni Ewropea ◄ huma t-tnejn intitolati għall-*allowance*tas-sussistenza ta' kuljum, il-perjodu li matulu jingħata kif imniżżel f'(b) għandu japplika għall-persuna li għandha l-ogħla salarju bażiku. Il-perjodu mniżżel f'(a) għandu japplika għall-persuna l-oħra.

▼M23

Fl-ebda każ il-*allowance*tas-sussistenza ta' kuljum ma jingħata wara d-data ta' l-uffiċjal ineħħi sabiex iħares il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M112

_____

▼B

F. **Spejjeż tal-missjoni**

Artikolu 11

1. Uffiċjal li li jivvjaġġa fuq missjoni u li jżomm ordni xierqa ta' l-ivvjaġġar għandu jkun intitolat għar-Rimborsar ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u għall-*allowance*tas-sussistenza ta' kuljum skond id-disposizzjonijiet li ġejjin.

▼M112

_____

▼B

2. ►M112 L-ordni tal-vjaġġ għandha tindika t-tul probabbli tal-missjoni, li fuq dak il-bażi jinħdem xi avanz li l-uffiċjal jista' jiġbed kontra l-benefiċċju ta' l-għajxien ta' kuljum. ◄ Għajr fejn ittieħdet deċiżjoni speċjali, l-ebda avvanz m'għandu jitħallas fejn il-missjoni mhux mistennija tinvolvi assenza ta' aktar minn 24 siegħa u għandu jsir f'pajjiż li juża l-istess munita bħal dik użata fil-post fejn l-uffiċjal impjegat.

▼M112

3. Għajr f'każijiet speċjali, li għandhom ikunu stabbiliti b'deċiżjoni speċjali u partikolarment fejn l-uffiċjal jissejjaħ biex jidħol lura mill-vakanzi, ir-rimborżar ta' l-ispejjeż għandhom ikunu limitati għall-aktar spiża ekonomika bejn il-post ta' l-impieg u l-post tal-missjoni, li ma tkunx teħtieġ li l-uffiċjal itawwal sinifikament iż-żjara tiegħu.

L-Artikolu 12

1. **Vjaġġar bil-ferrovija**

L-ispejjeż ta' l-ivjaġġar għall-missjonijiet li jsiru bil-ferrovija għandhom ikunu rimborżati mal-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' appoġġ, fuq il-bażi ta' l-ispiża tat-trasport ta' prima klassi bl-iqsar rotta bejn il-post ta' l-impieg u l-post tal-missjoni.

2. **Vjaġġar bl-ajru**

L-uffiċjali għandhom ikunu awtorizzati jivvjaġġaw bl-ajru jekk it-tluq tal-vjaġġ u l-vjaġġ lura bil-ferrovija ikun ta' mill-anqas 800 kilometru.

3. **Vjaġġar bil-baħar**

L-Awtorità tal-Ħatra għandha tawtorizza f'kull każ u fuq il-bażi tat-tul u l-ispiża tal-vjaġġ, il-klasijiet li għandhom jintużaw u s-supplimenti tal-kabini li jistgħu jkunu rimborżati.

4. **Vjaġġar bil-karozza**

L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għandhom ikunu rimborżati f'forma ta' somma f'daqqa, ibbażata fuq l-ispiża tal-linji tal-ferroviji, skond il-punt 1; l-ebda suppliment ieħor m'għandu jitħallas.

▼**M112**

Fil-każ ta' uffiċjal li qed jivvjaġġa fuq missjoni f'ċirkostanzji speċjali, madankollu, l-Awtorità tal-Ħatra tista' tiddeċiedi li tagħti lil dak l-uffiċjal, benefiċċju għal kull kilometru li jagħmel, minflok ir-rimborżar ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar ipprovdut hawn fuq, jekk l-użu tat-trasport pubbliku jkollu vantaġġi ċari.

Artikolu 13

1. Il-benefiċċju ta' l-għajxien ta' kuljum għall-missjoni li fih somma b'rata fissa biex tkopri l-ispejjeż kollha li tħallsu mill-persuna waqt il-missjoni: il-kolazzjon, żewġ ikliet ewlenin, u spejjeż li jistgħu jinqalgħu, inkluż il-vjaġġar lokali. L-ispejjeż ta' l-alloġġ, inklużi t-taxxi lokali, għandhom ikunu rimbrasati sa massimu stabbilit għal kull pajjiż, mal-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' l-appoġġ.

2. (a) L-iskala għall-Istati Membri hija kif ġej:

▼**M139**

Destinazzjoni	Limitu massimu fuq l-ispejjeż tal-lukandi	Gratifika għas-sussistenza għal kull jum
Il-Belġju	148	102
Il-Bulgarija	135	57
Ir-Repubblika Ċeka	124	70
Id-Danimarka	173	124
Il-Ġermanja	128	97
L-Estonja	105	80
L-Irlanda	159	108
Il-Greċja	112	82
Spanja	128	88
Franza	180	102
Il-Kroazja	110	75
L-Italja	148	98
Ċipru	140	88
Il-Latvja	116	73
Il-Litwanja	117	69
Il-Lussemburgu	148	98
L-Ungerija	120	64
Malta	138	88
In-Netherlands	166	103
L-Awstrija	132	102
Il-Polonja	116	67
Il-Portugall	101	83
Ir-Rumanija	136	62
Is-Slovenja	117	84
Ir-Repubblika Slovakka	100	74
Il-Finlandja	142	113
L-Iżvezja	187	117
Ir-Renju Unit	209	125

▼M112

Meta uffiċjal fuq missjoni huwa pprovdut b'ikel jew alloġġ b'xejn jew ikun rimborżat minn wieħed mill-istituzzjonijiet ►M128 tal-Unjoni, ◄ amministrazzjoni jew korp barrani, dan għandu jkun iddikkjarat. Tnaqqis li jikkorrospondi għandu mbagħad isir.

(b) L-iskala għall-missjonijiet fil-pajjiżi barra t-territorju Ewropew ta' l-Istati Membri għandha tkun stabbilita u aġġustata perjodikament mill-Awtorità tal-Ħatra.

▼M131

3. Kull sentejn il-Kummissjoni tirrevedi r-rati ppreżentati fil-punt (a) tal-paragrafu 2. Dik ir-reviżjoni ssir fuq bażi ta' rapport dwar il-prezzijiet tal-lukandi, ir-ristoranti u s-servizzi tal-forniment tal-ikel, wara li jkunu kkunsidrati l-indiċijiet dwar l-evoluzzjoni tat-tali prezzijiet. Għall-finijiet ta' dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni taġixxi permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 111 u 112 tar-Regolamenti tal-Persunal.

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-kostijiet tal-akkomodazzjoni li jiġġarrbu minn uffiċjali fuq missjonijiet lejn il-postijiet tax-xogħol prinċipali tal-istituzzjoni tagħhom kif imsemmi fil-Protokoll Nru 6 mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistgħu jiġu rimborżati abbażi ta' ċifra b'rata fissa li ma taqbiżx il-massimu stabbilit għall-Istat Membru inkwistjoni.

▼M112

L-Artikolu 13a

Ir-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 11,12, u 13 ta' dan l-Anness għandhom jitniżżlu ►M131 mill-awtoritajiet tal-ħatra tad-diversi istituzzjonijiet ◄ taħt id-disposizzjonijiet ġenerali ta' l-implimentazzjoni.

▼B

G. **Rimborsar fiss ta' l-ispejjeż**

Artikolu 14

1. L-uffiċjali li, minħabba d-dmirijiet tagħhom, regolarment jonfqu spejjeż għad-divertiment jistgħu jingħataw benefiċċju b'rata fissa mill-awtorità tal-ħatra, li għandha tistabbilixxi l-ammont tiegħu.

F'każijiet speċjali, l-awtorità tal-ħatra tista' minbarra hekk tiddeċiedi li parti mill-ispiża ta' l-alloġġ għall-uffiċjali kkonċernati titħallas ukoll mill-istituzzjoni.

2. Fil-każ ta' l-uffiċjali li, bħala riżultat ta' istruzzjonijiet speċjali, kultant jonfqu spejjeż ta' divertiment għal skopijiet uffiċjali, l-ammont tal-benefiċċju għad-divertiment ikun stabbilit f'kull istanza fuq il-bażi tad-dokument t'appoġġ u bil-kondizzjonijiet li għandhom jitniżżlu mill-awtorità tal-ħatra.

▼M112

_____

▼B

Artikolu 15

B'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra, ►M112 personal anzjan ta' l-amministrazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ◄ li m'għandhomx karozza uffiċjali għad-disposizzjoni tagħhom jistgħu jirċievu allowance fissa, li ma jaqbiżx ►M97 892,42 EUR ◄ f'sena biex ikopri l-ivvjaġġar normali ġewwa l-fruntieri tar-raħal fejn huma impjegati.

B'deċiżjoni raġunata mill-awtorità tal-ħatra, il-benefiċċju jista' jingħata lill-uffiċjal li d-dmirijiet tiegħu kostantament jeħtieġuh jagħmel il-vjaġġi fejn huwa awtorizzat li juża l-karozza tiegħu stess.

▼B

Taqsima 4

HLAS TA' SOMOM DOVUTI

Artikolu 16

1. Il-ħlas tar-remunerazzjoni lill-uffiċjali għandu jsir fil-15-il ġurnata ta' kull xahar ta' dak ix-xahar li jkun kurrenti. L-ammont tar-remunerazzjoni għandu jiddawwar ‘l fuq għall-eqreb ►M94 ċenteżmu ◄.

2. Fejn ir-remunerazzjoni mhux dovuta għal xahar sħiħ, l-ammont jinqasam fi tletinijiet, u

(a) fejn in-numru attwali tal-ġranet pagabbli huwa 15 jew anqas, in-numru ta' tletinijiet dovuti għandu jkun daqs in-numru attwali ta' ġranet pagabbli;

(b) fejn in-numru attwali tal-ġranet pagabbli huwa aktar minn 15, in-numru ta' tletinijiet dovuti għandu jkun daqs id-differenza bejn in-numru attwali tal-ġranet mhux pagabbli u 30.

3. Meta l-intitolament għall-benefiċċji tal-familja u l-benefiċċji ta' l-espatrijazzjoni jibda wara d-data tad-dħul fis-servizz, l-uffiċjal għandu jirċievi dawn mill-ewwel ġurnata tax-xahar li fih jibda t-tali intitolament. Mal-waqfien tat-tali intitolament, l-uffiċjal għandu jirċievi s-somma dovuta sa l-aħħar ġurnata tax-xahar li fih l-intitolament jieqaf.

▼M43

Artikolu 17

▼M131

1. Kull uffiċjal jitħallas fil-lok u fil-valuta tal-pajjiż fejn ikun qed iwettaq dmirijietu jew, fuq talba tal-uffiċjal, f'euro f'bank fl-Unjoni Ewropea.

▼M112

2. ►M131 Skont l-istess kondizzjonijiet li huma stabbiliti f'regoli preskritti mill-awtoritajiet tal-ħatra ta' kull istituzzjoni b'kunsens komuni wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar ir-Regolamenti tal-Persunal, l-uffiċjali jistgħu japplikaw għal trasferiment regolari speċjali ta' parti mir-remunerazzjoni tagħhom. ◄

Taħt id-disposizzjoni ta' qabel, li ġej jista' jkun ittrasferit, separatament jew flimkien:

(a) għat-tfal li jattendu stabbiliment ta' l-edukazzjoni fi Stat Membru ieħor, ammont massimu għal kull tifel dipendenti daqs l-ammont tal-benefiċċju ta' l-edukazzjoni, attwalment riċevut għal dak it-tifel;

(b) mal-preżentazzjoni tad-dokumenti validi ta' l-appoġġ, pagamenti regolari lill-persuni l-oħra kollha li joqgħodu fil-Membru Stat relevanti, li l-uffiċjal jipprovdilu evidenza li għandu obbligu minħabba deċiżjoni tal-qorti jew ta' l-awtorità amministrattiva kompetenti.

It-trasferimenti riferuti fil-punt (b) ma jistgħux jaqbżu 5 % tas-salarju bażiku ta' l-uffiċjal.

3. It-trasferimenti pprovduti fil-paragrafu 2 għandhom ►M131 isiru fil-valuta tal-Istat Membru relevanti ◄ bir-rata tal-kambju riferuta fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal. L-ammonti ttrasferiti għandhom ikunu mmoltiplikati b'koeffiċjent li jirrappreżenta d-differenza bejn il-koeffiċjent tal-korrezzjoni tal-pajjiż li fih isir it-trasferiment, kif definit fil-punt (b) ta' l-Artikolu 3(5) ta' l-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, u l-koeffiċjent tal-korrezzjoni applikat għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjal (riferut fil-punt (a) ta' l-Artikolu 3(5) ta' l-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal)

▼**M112**

4. Barra t-trasferimenti riferuti fil-paragrafi 1 sa 3, uffiċjal jista' jitlob trasferiment regolari għal Stat Membru ►**M131** ieħor fil-valuta lokali ◄ bir-rata talkambju ta' kull xahar, mingħajr l-applikazzjoni ta' xi koeffiċjent. Dan it-trasferiment m'għandux jaqbeż il-25 % tas-salarju bażiku ta' l-uffiċjal.

▼B

ANNESS VIII

Skema tal-pensjoni

LISTA TAL-KONTENUT

Il-kapitolu 1:	Disposizzjonijiet ġenerali 1
Il-kapitolu 2:	Pensjoni ta' rtirar u għotja għal firda
Taqsima 1:	Pensjoni ta' rtirar u għotja għal firda 2 – 11
Taqsima 2:	Għotja għal firda 12
Il-kapitolu 3:	Benefiċċju ta' Invalidita 13 – 15
Il-kapitolu 4:	Pensjoni għas-Sopravissut 17 – 29
Il-kapitolu 5:	Pensjonijiet provvisorji 30 – 33
Il-kapitolu 6:	Żidiet fil-pensjoni dwar tfal dipendenti 34 – 35
Il-kapitolu 7:	
Taqsima 1:	L-iffinanzjar ta' l-iskema tal-pensjoni 36 – 38
Taqsima 2:	Kalkolu tal-pensjoni 40 – 44
Taqsima 3:	Ħlas ta' benefiċċji 45 a 46
Il-kapitolu 8:	Disposizzjonijiet transitorji 48 – 51

IL-KAPITOLU 1

Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

1. Meta l-eżami mediku li sar qabel l-uffiċjal jibda d-dmirijiet tiegħu, juri li qed isofri minn mard jew invalidità, l-awtorità tal-ħatra, sa fejn jidħlu r-riskji li jinqalgħu mit-tali mard jew invalidità, tista' tiddeċiedi li tagħti lil dak l-uffiċjal benefiċċji garantiti dwar l-invalidità jew mewt biss wara perjodu ta' ħames snin mid-data ta' meta jidħol fis-servizz ►**M128** tal-Unjoni. ◄

L-uffiċjal jista' jappella kontra t-tali deċiżjoni lill-Kumitat ta' l-Invalidità.

2. Uffiċjal fuq *leave*għal servizz militari għandu jieqaf jibbenefika mill-garanziji daw l-invalidità jew il-mewt li jseħħu direttament minn aċċident li ġarraf, jew mard li ħa, minħabba s-servizz militari. Id-disposizzjonijiet fuq imsemmija m'għandhomx jaffettwaw l-intitolament għal min jibqa' ħaj għal pensjoni fuq il-bażi tad-drittijiet akkwistati mill-uffiċjal fid-data meta jitqiegħed fuq *leave*mis-servizz militari.

▼B

IL-KAPITOLU 2

Pensjoni ta' rtirar u għotja għal firda

Taqsima 1

PENSJONI TA'L-IRTIRAR

Artikolu 2

Pensjoni ta' l-irtirar għandu jitħallas fuq il-bażi tan-numru totali ta' snin tas-servizz tal-pensjoni akkwistati mill-uffiċjal. Kull sena tas-servizz maħduma kif ipprovdut fl-Artikolu 3 għandha tintitolah għal sena ta' servizz tal-pensjoni u kull xahar shih għal wieħed minn tnax ta' sena ta' servizz tal-pensjoni.

L-ogħla numru ta' snin ta' servizz tal-pensjoni li jista' jkun ikkunidrat għall-kalkolu tad-drittijiet tal-pensjoni ta' l-irtirar ikun ta' ►**M112** in-numru meħtieġ biex tinkiseb l-ogħla pensjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal ◄.

▼**M112**

L-Artikolu 3

Sakemm il-ħaddiema kkonċernati jħallsu l-parti tagħhom tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni dwar il-perjodi tas-servizzi kkonċernati, li ġejjin għandhom ikunu kkunsidrati biex jinħadmu s-snin tas-servizz pensjonabbli fis-sens ta' l-Artikolu 2.

(a) il-perjodu tas-servizz bħala uffiċjal ta' wieħed mill-istituzzjonijiet f'wieħed mill-istatuti amministrattivi preżentati fl-Artikolu 35(a), (b), (ċ), u (e) u (f) tar-Regolamenti tal-Persunal. Iżda, l-uffiċjali koperti mill-Artikolu 40 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu suġġetti għall-kondizzjonijiet imniżżlin fl-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dawn.

(b) perjodi ta' intitolament tal-benefiċċju ►**M131** skont l-Artikoli 41, 42c u 50 tar-Regolamenti ◄ tal-Persunal, sa massimu ta' ħames snin.

(ċ) perjodi ta' intitolament għall-benefiċċju ta' invalidità;

(d) perjodi tas-servizz f'kapaċitajiet oħra skond il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' ħaddiema oħra. Iżda, fejn il-membri tal-persunal bil-kuntratt fis-sens ta' dawk il-Kondizzjonijiet ta l-Impieg isiru uffiċjali, is-snin tas-servizz pensjonabbli li akkwistaw bħala membri tal-persunal bil-kuntratt għandhom, san-numru ta' snin tas-servizz attwali, ikunu intitolati għal numru ta' snin ta' servizz pensjonabbli bħala uffiċjali, maħduma fuq il-bażi tal-proporzjon bejn l-aħħar salarju bażiku riċevut bħala membru tal-persunal bil-kuntratt u l-ewwel salarju bażiku li rċieva bħala uffiċjal. Il-kontribuzzjonijiet żejda, jekk ikun hemm, li jikkorrospondu mad-differenza bejn in-numru tas-snin pensjonabbli maħduma u n-numru ta' snin ta' servizz attwali, għandhom ikunu rimborżati lill-persuna kkonċernata fuq il-bażi ta' l-aħħar salarju bażiku riċevut bħala membru tal-persunal bil-kuntratt. Din id-disposizzjoni, bil-bidliet kollha meħtieġa, għandha tapplika meta l-uffiċjali jsiru membri tal-persunal bil-kuntratt.

L-Artikolu 4

1. L-uffiċjal li qabel kien lesta perjodu ta' attività fi-servizz ta' waħda mill-istituzzjonijiet jew bħla uffiċjal, bħala membru tal-persunal temporanja, jew bħala membru tal-persunal bil-kuntratt, li jerġa' jkollu mpieg attiv ma' ►**M128** istituzzjoni tal-Unjoni, ◄ għandha jkollu aktar drittijiet għall-pensjoni. Jista' jitlob, skond l-Artikolu 3 ta' dan l-Anness, bil-għan li jinħadmu d-drittijiet tiegħu għall-pensjoni, il-perjodu tas-servizz bħala uffiċjal, membru tal-persunal temporanju jew membru tal-persunal bil-kuntratt, li għalih tħallsu l-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu kkunsidrati, suġġett għal:

▼M112

(a) pagament ta' l-għotja għal-firda, imħallsa taħt l-Artikolu 12, b'imgħax addizzjonali bir-rata komposta ta' ►M145 2,9 % ◄ kull sena. Fejn l-Artikolu 42 jew 112 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' ħaddiema oħra jkun applikat fil-każ ta' l-uffiċjal ikkonċernat, dan ta' l-aħħar ikun meħtieġ ukoll li jħallas lura l-ammont imħallas taħt dak Artikolu, bl-addizzjoni ta' imgħax kompost bir-rata fuq imsemmija;

(b) li jkollu ammont imwarrab għal dak l-iskop, qabel jinħadmu s-snin tal-kontribuzzjonijiet ikkreditati, ipprovdut fl-Artikolu 11(2) u sakemm l-uffiċjal talab u kiseb l-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu wara li jerġa' jibda s-servizz, daqs il-parti ta' l-ammont ittrasferit fl-iskema tal-pensjoni ►M128 tal-Unjoni, ◄ li jikkorrospondi għall-ekwivalenza attwarjali maħduma u ttrasferita fl-iskema ta' l-oriġini, skond l-Artikolu 11(1) jew l-Artikolu 12(1)(b), bl-addizzjoni ta' imgħax kompost bir-rata ta' ►M145 2,9 % ◄ fis-sena.

Fejn l-Artikolu 42 jew 112 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' ħaddiema oħra jkun applikat fil-każ ta' l-uffiċjal ikkonċernat, il-kalkolu ta' l-ammont li għandu jitwarrab għandu jikkunsidra wkoll l-ammont imħallas taħt dawk Artikoli, bl-addizzjoni ta' imgħax ta' ►M145 2,9 % ◄ fis-sena.

Fejn l-ammont ittrasferit fl-iskema ►M128 tal-Unjoni ◄ mhux biżżejjed biex jilħaq id-drittijiet għall-pensjoni li jkopri l-perjodu kollu ta' qabel ta' l-impieg, l-uffiċjal għandu jkun awtorizzat, meta mitlub, biex jagħmel l-ammont sa dak definit fil-punt (b) ta' l-ewwel paragrafu.

2. Ir-rata ta' l-imgħax speċifikata fil-paragrafu 1 tista' tkun riveduta skond ir-regoli mniżżlin fl-Artikolu 10 ta' l-Anness XII.

▼M131

Artikolu 5

Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan l-Anness, l-uffiċjali li jibqgħu fis-servizz wara l-età pensjonabbli jkunu intitolati għal żieda fil-pensjoni tagħhom daqs 1,5 % tas-salarju bażiku meqjus għall-kalkolu tal-pensjoni tagħhom għal kull sena li jkunu ħadmu wara dik l-età, b'dana iżda li t-total tal-pensjoni tagħhom flimkien ma' xi żidiet ma jkunx jaqbeż is-70 % tas-salarju bażiku finali tagħhom, kif hemm riferiment fit-tieni jew fit-tielet paragrafu, skond il-każ, tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Żieda bħal din tkun pagabbli wkoll fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal li baqa' fis-servizz wara l-età pensjonabbli.

▼B

Artikolu 6

▼M23

Is-somma minima tas-sussistenza bil-għan li jinħadmu l-benefiċċji tal-pensjoni għandhom jikkorrospondu mas-salarju bażiku ta' uffiċjal fi ►M112 fl-ewwel skala ►M131 tal-grad AST 1 ◄ ◄.

▼M112

———————

▼**M112**

L-Artikolu 8

Ekwivalenza attwarjali tal-pensjoni ta' l-irtirar tfisser il-valur kapitali tal-benefiċċji dovuti lill-uffiċjal b'riferenza għat-tabella tal-mortalità, riferuta fl-Artikolu 9 ta' l-Anness XII u suġġett għal imgħax ta' ►**M145** 2,9 % ◄ fis-sena, liema rata tista' tkun riveduta skond ir-regoli mniżżla fl-Artikolu 10 ta' l-Anness XII.

▼**M131**

Artikolu 9

Uffiċjal li jitlaq mis-servizz qabel jilħaq l-età pensjonabbli jista' jitlob li l-pensjoni tiegħu tal-irtirar:

(a) tkun differita sal-ewwel jum tax-xahar kalendarju li fih jilħaq l-età pensjonabbli; jew

(b) titħallas minnufih, sakemm jkollux anqas minn 58 sena. F'dak il-każ, il-pensjoni tal-irtirar titnaqqas b'ammont ikkalkolat b'riferiment għall-età tal-uffiċjal meta jibda jieħu l-pensjoni.

Il-pensjoni titnaqqas bi 3,5 % għal kull sena ta' qabel dik li fiha l-uffiċjal isir intitolat għal pensjoni tal-irtirar, skont it-tifsir tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal. Jekk bejn l-età li fiha jinkiseb l-intitolament għal pensjoni tal-irtirar skont it-tifsir tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-età tal-persuna kkonċernata f'dak il-mument, id-differenza taqbeż numru eżatt ta' snin, tiżdied sena żejda mat-tnaqqis.

▼**M112**

L-Artikolu 9a

Bil-għan li tkun stabbilita l-pensjoni mnaqqsa ta' l-uffiċjali li akkwistaw id-drittijiet għall-pensjoni li jaqbżu s-70 % tas-salarju bażiku finali tagħhom u li jitolbu l-pagament minnufih tal-pensjoni ta' l-irtirar tagħhom skond l-Artikolu 9, it-tnaqqis taħt l-Artikolu 9 għandu jkun applikat għal figura nozzjonali li tikkorrospondi mas-snin tas-servizz pensjonabbli minflok ma' ammont sa massimu ta' 70 % tas-salarju bażiku finali. Madankollu, fl-ebda każ, il-pensjoni mnaqqsa maħduma hekk ma tista' taqbeż is-70 % ta' l-aħħar salarju bażiku fis-sens ta' l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼**B**

Artikolu 10

Id-dritt għall-pagament tal-pensjoni ta' l-irtirar jidħol fis-seħħ mill-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih l-uffiċjal, jew awtomatikament jew fuq it-talba tiegħu stess, isir eliġibbli għal dik il-pensjoni; għandu jkompli jirċievi r-remunerazzjoni tiegħu sakemm il-pensjoni tiegħu ssir pagabbli.

▼B

Artikolu 11

▼M83

1. Uffiċjal li jitlaq mis-servizz ►M128 tal-Unjoni ◄ biex:

— jidħol fis-servizz ta' amministrazzjoni tal-gvern jew organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali li kkonkludiet ftehim ►M128 mal-Unjoni; ◄

— biex isegwi attività f'kapaċità ta' impjegat jhew għal rasu, li bis-saħħa tagħha jakkwista d-drittijiet għal pensjoni taħt skema li l-korpi amministrattivi tagħha kkonkludew ftehim ►M128 mal-Unjoni; ◄

għandu jkun intitolat li jkollu l-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni ta' l-irtirar ►M112 aġġornati sad-data attwali tat-trasferiment ◄ tiegħu ►M128 fl-Unjoni ◄ ttrasferiti għal ġol-fond tal-pensjoni ta' dik l-organizzazzjoni jew għal ġol-fond tal-pensjoni li fiha jakkwista d-drittijiet għal pensjoni ta' l-irtirar bis-saħħa ta' l-attività segwita f'kapaċità ta' impjegat jew ta' għal rasu.

2. Uffiċjal li jidħol fis-servizz ►M128 tal-Unjoni ◄ wara:

— li jitlaq mis-servizz ta' amministrazzjoni tal-gvern jew ta' organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali; jew

— li jsegwi attività f'kapaċità ta' impjegat jew ta' għal rasu;

▼M112

għandu jkun intitolat, wara li jkun stabbilit iżda qabel ma jsir eliġibbli għall-pagament ta' pensjoni ta' l-irtirar fis-sens ta' l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, li ħallas ►M128 lill-Unjoni ◄ l-valur kapitali, aġġornat sad-data tat-trasferimenti attwali, tad-drittijiet għall-pensjoni akkwistati bis-saħħa tat-tali servizzi jew attivitajiet.

Fit-tali każ ►M131 l-awtorità tal-ħatra tal-istituzzjoni ◄ li l-uffiċjal iservi fiha, wara li tikkunsidra s-salarju bażiku ta' l-uffiċjal, l-età, u r-rata tal-kambju fid-data ta' l-applikazzjoni tat-trasferiment, għandha tistabbilixxi permezz tad-disposizzjonijiet ġenerali ta' l-implimentazzjoni n-numru ta' snin tas-servizz pensjonabbli li bih huwa jkun ikkreditat taħt l-iskema tal-pensjoni ►M128 tal-Unjoni ◄ dwar il-perjodu ta' qabel tas-servizz, fuq il-bażi tal-kapital ittrasferit, wara li jitnaqqas ammont li jirrappreżenta l-apprezzament tal-kapital bejn id-data ta' l-applikazzjoni għat-trasferiment u d-data attwali tat-trasferiment.

L-uffiċjali jistgħu jagħmlu użu minn dan l-arranġament darba biss għal kull Stat Membru u fond tal-pensjoni kkonċernati

▼M56

3. Il-paragrafu 2 għandu wkoll japplika għal uffiċjal li jerġa jkun stabbilit wara perjodu ta' sekondar taħt it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 37(1)(b) tar-Regolamenti tal-Persunal u għal uffiċjal li jerġa' jkun stabbilit wara li jiskadi perjodu ta' *leave*fuq raġunijiet personali taħt l-Artikolu 40 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼B

Taqsima 2

GĦOTJA GĦAL FIRDA

▼M112

L-Artikolu 12

▼M131

1. Uffiċjal li jkollu anqas mill-età pensjonabbli u li s-servizz tiegħu jintemm b'mod ieħor għajr bil-mewt jew bl-invalidità u li ma jkunx intitolat għal pensjoni immedjata jew differita tal-irtirar, ikun intitolat hekk kif jitlaq mis-servizz:

(a) meta jkun ħadem anqas minn servizz ta' sena waħda u ma jkunx għamel użu mill-arranġament ikkontemplat fl-Artikolu 11(2), għal pagament ta' għotja tal-firda li tkun daqs tliet darbiet l-ammont miżmum mis-salarju bażiku tiegħu dwar il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tiegħu, wara t-tnaqqis ta' xi ammonti mħallsa skont l-Artikoli 42 u 112 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra;

(b) f'każijiet oħra, għall-benefiċċji li hemm dispost dwarhom fl-Artikolu 11(1) jew għall-pagament tal-ekwivalenza attwarjali ta' tali benefiċċi lil kumpanija privata tal-assigurazzjoni, jew il-fond tal-pensjoni tal-għażla tiegħu, bil-kondizzjoni li dik it-tali kumpanija jew fond jiggarantixxu li:

(i) il-kapital ma jitħallasx lura;

(ii) dħul kull xahar jitħallas mill-anqas mill-età ta' 60 sena u mhux aktar tard mill-età ta' 66 sena;

(iii) ikunu inklużi dispożizzjonijiet għar-riverżjoni jew għall-pensjoni tas-superstiti;

(iv) it-trasferiment għal kumpanija oħra tal-assigurazzjoni jew għal fond ieħor ikun awtorizzat biss jekk tali fond ikun jissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti fil-punti (i), (ii), u (iii).

2. Bħala ta' deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 1, l-uffiċjali li ma jkollhomx l-età pensjonabbli u li, wara li jkunu bdew id-dmirijiet tagħhom, sabiex ikunu stabbiliti jew jinżammu d-drittijiet għall-pensjoni, ikunu kkontribwixxew fi skema nazzjonali tal-pensjoni, skema privata tal-assigurazzjoni, jew fond tal-pensjoni tal-għażla tagħhom, li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti elenkati fil-paragrafu 1, u li s-servizz tagħhom ikun intemm minħabba f'raġunijiet li ma jkunux il-mewt jew l-invalidità, mingħajr ma jikkwalifikaw għal pensjoni immedjata jew differita tal-irtirar, ikunu intitolati, malli jitilqu mis-servizz, għal għotja tal-firda li tkun daqs il-valur attwarjali ta' jeddijiethom għal pensjoni li jkunu akkwistaw matul is-servizz fl-istituzzjonijiet. F'dawk il-każijiet, il-pagamenti li jkunu saru sabiex ikunu stabbiliti jew jinżammu jeddijiethom għal pensjoni skont skema nazzjonali tal-pensjoni, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 42 jew tal-Artikolu 112 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra, jitnaqqsu mill-għotja tal-firda.

▼M112

3. Fejn is-servizz ta' uffiċjal jintemm billi jitneħħa mill-posizzjoni tiegħu, l-għotja tal-firda li għandha titħallas jew, skond xi jkun il-każ, l-ekwivalenza attwarjali li għandha tkun ittrasferita, għandha tkun stabbilita b'riferenza għad-deċiżjoni li ttieħdet skond l-Artikolu 7(1)(h) ta' l-Anness IX.

▼B

IL-KAPITOLU 3

▼M112

Benefiċċju ta' Invalidita

▼B

Artikolu 13

►M112 1. ◄ Suġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(1), uffiċjal li għandu anqas minn 65 sena li fi kwalunkwe żmien li fih ikun qed jakkwista drittijiet għal pensjoni ikun rikonoxxut mill-Kumitat ta' l-Invalidita bħala li qed isofri minn invalidita permanenti totali li tiprevenih milli jwettaq id-doveri li jikkorispondu ma post fil-bracket tal-karriera tiegħu, u li jkun obbligat li jispiċċa s-servizz tiegħu ►M128 mal-Unjoni ◄ għal dawn ir-raġunijiet ikun intitolat, sakemm tibqa din l-inkapaċita, ►M23 għal ►M112 benefiċċju ta' l-invaliditá ◄ kif prevista mill-Artikolu 78 tar-Regolamenti tal-Persunal ◄.

▼M112

2. Il-persuni li jirċievu benefiċċju ta' l-invaliditá ma jistgħux jaħdmu f'impieg bi qligħ, mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' l-Awtorità tal-Ħatra. Kull dħul mit-tali mpieg bi qligħ li, flimkien mal-benefiċċju ta' l-invaliditá, jaqbżu r-remunerazzjoni totali riċevuta l-aħħar waqt servizz attiv, kif stabbilita fuq il-bażi ta' l-iskala tas-salarju fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar li fih il-benefiċċju għandu jitħallas, għandu jitnaqqas mill-benefiċċju ta' l-invaliditá.

Ir-riċevitur tal-benefiċċju għandu jkun meħtieġ jipprovdi, meta mitlub, xi evidenza bl-miktub li tista' tintalab, u li javħa l-istituzzjoni tiegħu jew tagħha b'kull fattur li jista' jaffettwa l-intitolament għall-benefiċċju.

▼B

Artikolu 14

▼M62

Id-dritt ta' riċeviment ta' pagament ta' ►M112 benefiċċju ta' l-invaliditá ◄ għandu jieħu effett mill-ewwel jum tax-xahar kalendarju wara l-irtirar ta' l-uffiċjal taħt l-Artikolu 53 tar-Regolamenti tal-persunal.

▼M23

Meta dak li ►M62 kien uffiċjal ◄ jieqaf jissodisfa r-rekwiżiti għall-pagament tal-►M112 benefiċċju ◄ huwa għandu jiġi mdaħħal mill-ġdid fl-ewwel post li jikkorrispondi mal-*bracket*tal-karriera tiegħu li jsir battal fil-kategorija jew servizz tiegħu, sakemm ikun jissodisfa r-rekwiżiti għal dak il-post. Jekk jirrifjuta l-post li jkun offrut lilu, huwa għandu jżomm id-dritt tiegħu ta' dħul mill-ġdid meta titfaċċa l-posizzjoni battala li jkun imiss fil-kategorija jew servizz tiegħu suġġett għall-istess proviso; jekk jirrifjuta għat-tieni darba, jista' jiġi mitlub sabiex jirreżenja; ►M112 ——————— ◄.

Meta dak li kien ►M62 uffiċjal ◄ li kien jirċievi ►M112 benefiċċju ta' l-invaliditá ◄ jmut, l-intitolament għall-►M112 benefiċċju ◄ jieqaf fl-aħħar tax-xahar kalendarju li fih ikun miet.

▼B

Artikolu 15

Waqt li dak li kien ►M62 uffiċjal ◄ li jieħu ►M112 benefiċċju ◄ ta' l-invalidita ikollu anqas ►M131 mill-età pensjonabbli, ◄l-istituzzjoni tista' teżaminah medikalment perjodikament sabiex tiżgura li jkun għadu jissodisfa r-rekwiżiti għall-pagament tal-benefiċċju.

▼M112

———————

▼B

IL-KAPITOLU 4

Pensjoni għas-Sopravissut

Artikolu 17

►M23 Meta uffiċjali imut waqt li jkollu wieħed mill-istatus amministrattivi mniżżla fl-Artikolu 35 tar-Regolament tal-Persunal, ►M112 is-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ għandu jkun intitolat ◄, ►M112 sakemm il-koppja kienu miżżewġin ◄ miegħu għall-anqas sena fil-ħin tal-mewt tiegħu u suġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(1) u 22, għal ►M112 pensjoni tas-sieħeb li għadu ħaj ◄ daqs ►M5 60 % ◄ tal-pensjoni ta' l-irtirar li l-uffiċjali ikun jiġi mħallas kieku kien kwalifikat, irrispettivament mid-dewmien tas-servizz jew ►M62 l-eta ◄, għal tali pensjoni fil-ħin tal-mewt tiegħu.

Id-dewmien taż-żwieġ m' għandhux jittieħed in konsiderazzjoni jekk hemm wild wieħed jew aktar miż-żwieġ jew minn żwieġ ieħor ta' l-uffiċjal sakemm ►M112 is-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ imantni jew kien imantni dawk l-ulied, jew jekk il-mewt ta' l-uffiċjal tirriżulta jew minn disabilta fiżika jew mard li ġie waqt it-twettiq tad-doveri tiegħu jew minn aċċident.

▼M56

Artikolu 17a

Suġġett għal l-Artikoli 1(1) u 22, ►M112 is-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ ta' dak li kien uffiċjal li kien tneħħa mill-post tiegħu jew li s-servizz tiegħi kien terminat skond Regolament (KEE, Euratom, KEE) Nru 259/68, (Euratom, KEE, KEE) Nru 2530/72 jew (KEE, KEE, Euratom) Nru 1543/73 u li miet waqt li kien qed jirċievi *allowance*ta' kull xahar taħt l-Artikolu 50 tar-Regolamenti tal-persunal jew taħt wieħed mir-Regolamenti msemmija għandu jkun intitolat, ►M112 sakemm il-koppja kienet diġà miżżewġa qabel l-uffiċjal telaq mis-servizz ta' l-istituzzjoni u li ż-żwieġ dam għal mill-anqas sena ◄, għal ►M112 il-pensjoni għal min jibqa' ħaj ◄, daqs 60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar li għaliha ►M112 is-sieħeb ◄ kien ikun intitolat li kieku kien jikkwalifika, irrispettivament mit-tul tas-servizz jew eta', għal tali pensjoni fil-ħin tal-mewt tiegħu.

L-ammont ►M112 il-pensjoni għal min jibqa' ħaj ◄ prevista fl-ewwel paragrafu m' għandiex tkun anqas mill-ammont previst fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 79 tar-Regolament tal-Persunal. L-ammont ►M112 il-pensjoni għal min jibqa' ħaj ◄ m' għandiex, fl-ebda każ, taqbeż l-ammont ta' l-ewwel pagament tal-pensjoni ta' l-irtirar li għaliha dak li kien uffiċjal kien ikun intitolat bis-supposizzjoni li, kieku baqa' ħaj u uża d-drittijiet kollha tiegħu għal wieħed jew ieħor mill-benefiċċji fuq imsemmija, kien ikun intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar.

It-tul taż-żwieġ speċifikat fl-ewwel paragrafu m'għandux ikun ikkunsidrat jekk hemm tifel wieħed jew aktar minn żwieġ ikkuntrattat mill-uffiċjal qabel telaq mis-servizz, sakemm ►M112 is-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ tmantni jew mantniet it-tali tfal dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2(2) ta' l-Anness VII.

Lanqas m'għandu jkun ikkunsidrat iż-żwieġ jekk il-mewt ta' l-uffiċjal ta' qabel jiġri f'waħda miċ-ċirkostanzi deskritti fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 17.

▼**M112**

L-Artikolu 18

Meta wieħed li qabel kien uffiċjal rċieva pensjoni ta' l-irtirar, is-sieħeb li jibqa' ħaj għandu jkun intitolat, sakemm il-koppja kienet diġà miżżewġa qabel l-uffiċjal telaq mis-servizz ta' l-istituzzjoni u li ż-żwieġ dam għal mill-anqas sena, u suġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22, għal pensjoni ta' min jibqa' ħaj daqs 60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar li kien jirċievi qabel miet. L-anqas pensjoni għal min jibqa' ħaj għandha tkun 35 % ta' l-aħħar salarju bażiku; l-ammont tal-pensjoni għal min jibqa' ħaj m'għandu, iżda, fl-ebda każ, jaqbeż l-ammont tal-pensjoni ta' l-irtirar li s-sieħeb kien jirċievi qabel miet.

It-tul taż-żwieġ m'għandux ikun ikkunsidrat jekk hemm tifel wieħed jew aktar minn żwieġ ikkuntrattat mill-uffiċjal qabel telaq mis-servizz, sakemm is-sieħeb li jibqa' ħaj imantni jew mantna dawk it-tfal.

▼**M23**

Artikolu 18a

►**M112** Is-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ ta' dak li qabel kien uffiċjal li telaq mis-servizz qabel laħaq ►**M131** l-età pensjonabbli ◄ u talab li l-pensjoni ta' l-irtirar ikun pospost sa l-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih laħaq ►**M131** l-età pensjonabbli ◄ għandu jkun intitolat, ►**M112** sakemm il-koppja kienet diġà miżżewġa qabel l-uffiċjal telaq mis-servizz ta' l-istituzzjoni u li ż-żwieġ dam għal mill-anqas sena. ◄, u suġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22, għal ►**M112** il-pensjoni tas-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ daqs 60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar li kien ikun pagabbli ►**M112** is-sieħeb ◄ fl-età ta' ►**M112** 63 ◄ sena. ►**M112** il-pensjoni tas-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ għandha tkun 35 % ta' l-aħħar salarju bażiku; l-ammont ►**M112** il-pensjoni tas-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ fl-ebda każ, madankollu, m'għandha taqbeż l-ammont tal-pensjoni ta' l-irtirar li għaliha kien ikun intitolat l-uffiċjal fl-età ta' ►**M112** 63 ◄ sena.

It-tul taż-żwieġ m'għandux ikun ikkunsidrat jekk hemm tifel wieħed jew aktar minn żwieġ ikkuntrattat minn dak li qabel kien ►**M62** uffiċjal ◄ qabel telaq mis-servizz, sakemm ►**M112** is-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ tmantni jew mantniet dawk it-tfal.

▼**M112**

L-Artikolu 19

Meta wieħed li qabel kien uffiċjal rċieva pensjoni ta' l-invaliditá, is-sieħeb li jibqa' ħaj għandu jkun intitolat, suġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22 ta' dan l-Anness, sakemm il-koppja kienet miżżewġa qabel l-uffiċjal sar eliġibbli għall-benedfiċċju, għal pensjoni ta' min jibqa' ħaj daqs 60 % tal-pensjoni ta' l-invaliditá li s-sieħeb kien jirċievi fil-mument qabel miet.

L-anqas pensjoni għal min jibqa' ħaj għandha tkun 35 % ta' l-aħħar salarju bażiku; l-ammont tal-pensjoni għal min jibqa' ħaj m'għandu, iżda, fl-ebda każ, jaqbeż l-ammont tal-benefiċċju ta' l-invaliditá li s-sieħeb kien jirċievi qabel miet.

▼**B**

Artikolu 20

Għall-iskopijiet ta' ►**M62** l-Artikoli 17a, 18, 18a u 19 ◄, it-tul taż-żwieġ ma jkunx ikkunsidrat meta ż-żwieġ, għalkemm ikkuntrattat wara li jintemm is-servizz ta' l-uffiċjal, dam għal mill-anqas ħames snin.

Artikolu 21

1. Il-pensjoni ta' l-orfni pprovduta fl-Artikolu 80, ►**M62** l-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafi ◄ tar-Regolamenti tal-Persunal għandha għall-ewwel orfni tkun daqs tmienja minn għaxra tal-pensjoni għal min jibqa' ħaj li ►**M112** is-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ ta' uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal li jirċievi ►**M112** pensjoni ta' l-irtirar jew benefiċċju ta' l-invaliditá ◄ kienet tkun intitolata għaliha, mingħajr kas tat-tnaqqis ippreżentati fl-Artikolu 25.

▼M23

M'għandhiex tkun anqas mis-somma minima tas-sussistenza, suġġetta għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22.

▼B

2. Il-pensjoni għandha tiżdied, għal kull tifel wara l-ewwel, b'ammont id-doppju tal-benefiċċju tat-tifel dipendenti.

▼M23

L-orfni għandhom ikunu intitolati għal benefiċċju ta' l-edukazzjoni skond l-Artikolu 3 ta' l-Anness VII.

▼B

3. L-ammont totali tal-pensjoni u l-benefiċċju maħdum b'dan il-mod għandu jkun diviż indaqs fost l-orfni intitolati.

Artikolu 22

Meta uffiċjal jitlaq ►M112 is-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ u wkoll orfni ta' żwieġ ta' qabel jew persuni oħra intitolati taħtu, il-pensjoni totali, maħduma daqs li kieku ►M112 is-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ jkollha dawn il-persuni kollha dipendenti fuqha, għandha tinqasam fost il-persuni varji kkonċernati fil-proporzjon tal-pensjonijiet li kienu jkunu pagabbli f'kull kategorija tagħhom kieku ttrattati separatament.

Meta uffiċjal jitlaq orfni ta' żwieġijiet differenti, il-pensjoni totali, maħduma daqs li kieku t-tfal kollha kienu mill-istess żwieġ,għandha tinqasam fost il-persuni varji kkonċernati fil-proporzjon tal-pensjonijiet li kienu jkunu pagabbli f'kull kategorija tagħhom kieku ttrattati separatament.

Għall-iskopijiet biex jinħadem dan it-tqassim, tfal minn żwieġ ta' qabel ta' wieħed mill-isħab, li ma rikonoxxuti bħala dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu nklużi fil-kategorija tat-tfal tal-żwieġ ta' l-uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal li jirċievi ►M112 il-pensjoni ta' l-irtirar jew il-benefiċċju ta' l-invaliditá ◄.

Fil-każ mistenni mit-tieni paragrafu, axxendenti li huma rikonoxxuti bħala dipendenti kif ipprovdut fl-Artikolu 2 ta' l-Anness VII tar-Regolament tal-Persunal għandhom ikunu ttrattati bl-istess mod bħala tfal dipendenti u, għall-iskopijiet biex jinħadem it-tqassim, inklużi fil-kategorija tad-dixxendenti.

▼M62

———————

▼B

Artikolu 24

Id-dritt li jittieħed pagament għal min jibqa' ħaj għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih miet l-uffiċjal jew dak li ►M62 kien uffiċjal li jirċievi ►M112 il-pensjoni ta' l-irtirar jew il-benefiċċju ta' l-invaliditá ◄ ◄. ►M23 Madankollu, meta l-pagament ipprovdut fl-Artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Persunal isir mal-mewt ta' l-uffiċjal jew tal-persuna intitolata għal pensjoni, it-tali dritt għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tar-raba' xahar ta' wara dak li fih il-mewtseħħet. ◄

Id-dritt li jittieħed pagament għal min jibqa' ħaj għandu jispiċċa fl-aħħar ġurnata tax-xahar kalendarju li fih imut min jirċievi l-pensjonijiet jew ma jibqax jimxi mal-ħtiġiet tal-pagament tal-pensjoni. ►M112 Bl-istess mod, id-dritt għall-pensjoni ta' l-orfni għandu jieqaf jekk ir-riċevitur ma jibqax jitqies tifel dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII. ◄

▼B

Artikolu 25

Meta d-differenza fiż-żmien bejn l-uffiċjal li miet jew dak li qabel ►M62 kien uffiċjal li jirċievi ►M112 il-pensjoni ta' l-irtirar jew il-benefiċċju ta' l-invaliditàMISSING_CHAR u l-konsorti tiegħu li għadha ħajja, bit-tnaqqis tat-tul ta' żmien li ilhom miżżewġin, hija aktar minn għaxar snin, il-pensjoni għal min jibqa' ħaj, maħduma skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, għandha tkun suġġetta għal tnaqqis, għal kull sena sħiħa ta' differenza, li tammonta għal:

— 1 % għas-snin bejn l-10 u l-20;

— 2 % għas-snin 20 'il fuq sa iżda ma tinkludix il-25;

— 3 % għas-snin 25 'il fuq sa iżda ma tinkludix it-30;

— 4 % għas-snin 30 'il fuq sa iżda ma tinkludix il-35;

— 5 % għas-snin minn 35 'il fuq.

Artikolu 26

L-intitolament ta' ►M112 Is-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ għal penjoni għal min jibqa' ħaj għandu jieqaf maż-żwieġ mill-ġdid. ►M112 Huwa jew hija għandhom ikunu intitolati ◄ għall-pagament immedjat ta' soma kapitali daqs id-doppju ta' l-ammont fis-sena tal-pensjoni għall-għajxien tagħha, sakemm it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal ma japplikax.

▼M112

L-Artikolu 27

Is-sieħba ddivorzjata ta' uffiċjal jew ta' wieħed li qabel kien uffiċjal, għandha tkun intitolata għall-pensjoni għal min għadu ħaj, kif definit f'dan il-Kapitolu, sakemm, mal-mewt tas-sieħeb ta' qabel, huwa/hija tist' tiġġustifika l-intitolament lejh/lejha li tirċievi manteniment mingħandu bis-saħħa ta' ordni mill-qorti jew bħala riżultat ta' ftehim uffiċjali rreġistrat bejnu/bejnha u s-sieħeb tiegħu/tagħha ta' qabel.

Il-pensjoni għal min għadu ħaj ma tistax, madankollu, taqbeż l-ammont ta' manteniment imħallas mal-mewt tas-sieħeb ta' qabel, l-ammont kien ►M131 aġġornat ◄ skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 82 tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-intitolament tas-sieħeb iddivorzjat jieqaf, jekk huwa jew hija tiżżewweġ qabel is-sieħeb ta' qabel imut. L-Artikolu 26 għandu japplika fil-każ ta' żwieġ mill-ġdid wara l-mewt tas-sieħeb ta' qabel.

▼B

Artikolu 28

▼M62

Meta l-uffiċjal li miet jitlaq aktar minn ►M112 sieħeb iddivorzjat ◄ waħda intitolata għall-pensjoni għal min jibqa' ħaj jew ►M112 sieħeb iddivorzjat ◄ jew aktar u ►M112 is-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ intitolati għall-pensjoni għal min jibqa' ħaj, dik il-pensjoni għandha tkun diviża fil-proporzjon taż-żmien rispettiv kemm idumu ż-żwiġijiet. Id-disposizzjonijiet tat-tieni u t-tielet paragrafi ta' l-Artikolu 27 għandhom japplikaw.

▼B

Jekk xi waħda mill-persuni intitolati għall-pensjoni tmut jew tirrinunzja għas-sehem tagħha, is-sehem tagħha jiżdied mas-sehem tal-persuni l-oħra, minbarra fejn hemm drittijiet ta' l-orfni taħt it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼B

It-tnaqqis dwar id-differenza fl-età, kif ipprovdut fl-Artikolu 25, għandu jkun applikat separatament għall-pensjonijiet diviżi skond dan l-Artikolu.

Artikolu 29

Meta taħt l-Artikolu 42 ►M112 is-sieħeb iddivorzjat◄ ma tibqax intitolata għal pensjoni, il-pensjoni totali għandha tkun pagabbli ►M112 lis-sieħeb li jibqa' ħaj◄, sakemm it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal ma japplikax.

IL-KAPITOLU 5

Pensjonijiet provvisorji

Artikolu 30

Il-konsorti jew il-persuni rikonoxxuti bħala dipendenti ta' uffiċjal li għandu ►M62 wieħed mill-istati mniżżla fl-Artikolu 35 tar-Regolamenti tal-Persunal◄ li ma jafux fejn jinsab ►M62 ————————— ◄ għal aktar minn sena jirċievi provvisorjament il-pensjoni għal min jibqa' ħaj li jkunu intitolati għalih taħt dan l-Anness.

Artikolu 31

Il-konsorti jew il-persuni rikonoxxuti bħala dipendenti ta' dak li kien uffiċjal li jirċievi ►M112 pensjoni ta' l-irtirar jew il-benefiċċju ta' l-invaliditá◄, li ma jafux fejn jinsab ►M62 ————————— ◄ għal aktar minn sena jirċievu provvisorjament il-pensjoni għal min jibqa' ħaj li jkunu intitolati għalih taħt dan l-Anness.

▼M62

Artikolu 31a

Il-konsorti jew il-persuni rikonoxxuta bħala dipendenti ta' dak li kien uffiċjal fis-sens ta' l-Artikolu 18a ta' l-Anness VIII, jew ta' dak li kien uffiċjal intitolat għal benefiċċju jew taħt l-Artikolu 50 tar-Regolamenti tal-Persunal ►M112 jew taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1857/89 ([1]), ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1746/2002 ([2]), ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1747/2002 ([3]) jew ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1748/2002 ([4])◄ jistgħu, jekk ma jkunux jafu fejnu dak li kien uffiċjal għal aktar minn sena, jirċievu provvisorjament pensjoni għal min jibqa' ħaj li għalih ikunu intitolati taħt dan l-Anness.

▼B

Artikolu 32

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 31 għandhom japplikaw għall-persuni rrikonoxxuti bħala dipendent ta' persuna li tirċievi jew hija intitolata għall-pensjoni għal min jibqa' ħaj li ma jafux fejnha ►M62 ————————— ◄ għal aktar minn sena.

Artikolu 33

Il-pensjonijiet provvisorji taħt l-Artikolu 30, 31►M62 , 31a◄ u 32 għandhom jinqalbu f'pensjonijiet definittivi meta l-mewt ta' l-uffiċjal jew ta' dak li ►M62 kien uffiċjal◄ tkun ikkonfermata uffiċjalment jew ikun legalment iddikkjarat nieqes, maħsub mejjet.

([1]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 2. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2458/98 (ĠU L 307, 17.11.1998, p. 1).
([2]) ĠU L 264, tat-2.10.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 264, tat-2.10.2002, p. 5.
([4]) ĠU L 264, tat-2.10.2002, p. 9.

▼B

IL-KAPITOLU 6

Żidiet fil-pensjoni dwar tfal dipendenti

Artikolu 34

Id-disposizzjonijiet tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 81 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw għall-persuni li jirċievi pensjoni provvisorja.

▼M112

L-Artikoli 80 u 81 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw ukoll għal tfal li jitwieldu anqas minn 300 ġurnata wara l-mewt ta' l-uffiċjal jew ta' dak li qabel kien uffiċjal li jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew benefiċċju ta' l-invalidità.

▼M23

_____

▼B

Artikolu 35

▼M23

L-għotja ►M112 ta' pensjoni ta' l-irtirar jew għal min għadu ħaj, jew ta' benefiċċju ta' l-invalidità ◄ jew ta' pensjoni provvisorja m'għandhiex tintitola lil min jieħu l-pensjoni għal benefiċċju ta' l-espatrijazzjoni.

▼B

IL-KAPITOLU 7

Taqsima 1

L-IFFINANZJAR TA' L-ISKEMA TAL-PENSJONI

Artikolu 36

Is-salarji ►M112 Salarji ◄ fil-każijiet kollha għandhom ikunu suġġetti għal tnaqqis tal-kontribuzzjoni ta' l-iskema tal-pensjoni pprovduta fl-Artikoli 77 sa 84 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 37

Uffiċjal fuq sekondar għandu jkompli jħallas il-kontribuzzjoni imsemmija fl-Artikolu ta' qabel fuq il-bażi tas-salarju marbut ma' l-iskala u l-grad tiegħu. Dan għandu japplika wkoll, sa massimu ta' ħames snin kif ipprovdut fl-Artikolu 3, għall-uffiċjali li jirċievu l-benefiċċju pprovdut rigward stat mhux attiv jew irtirar fl-interessi tas-servizz ►M39 , u għall-uffiċjali fuq *leave*fuq raġunijiet personali li qed ikomplu jakkwistaw aktar drittijiet tal-pensjoni bil-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 40(3) tar-Regolamenti tal-Persunal. ◄

Il-benefiċċji kollha li għalihom it-tali uffiċjal jew dawk intitolati taħtu jistgħu jkunu intitolati taħt din l-iskema tal-pensjoni għandhom jinħadmu fuq il-bażi tat-tali salarju.

Artikolu 38

Il-kontribuzzjoni li tnaqqsu sewwa ma jitħallsux lura. Il-kontribuzzjonijiet li tnaqqsu ħażin ma jagħtux id-dritt li titħallas pensjoni; huma jkunu Rimborsati mingħajr imgħax fuq it-talba ta' l-uffiċjal jew ta' dawk intitolati taħtu.

▼M112

_____

▼B

Taqsima 2

KALKOLU TAL-PENSJONI

Artikolu 40

▼M23

L-istituzzjoni li magħha kien iservi l-uffiċjal fil-mument meta ntemm l-impieg attiv tiegħu għandha tkun responsabbli biex taħdem l-ammont ►M112 pensjoni ta' l-irtirar, jew għal min għadu ħaj, jew benefiċċju ta' l-invalidità ◄ jew il-pensjoni provvisorja. Prospett dettaljat tal-kalkolu għandu jkun ikkomunikat lill-uffiċjal jew lil dawk intitolati taħtu u ►M128 lill-Kummissjoni Ewropea, ◄ li hija l-aġenzija li tħallas, fl-istess ħin mad-deċiżjoni li tagħti l-pensjoni.

▼M112

Pensjoni ta' l-irtirar jew benefiċċju ta' l-invalidità ma jitħallsux flimkien mas-salarju pagabbli mill-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew minn waħda mill-aġenziji, lanqas mal-benefiċċji pagabbli taħt l-Artikoli 41 u 50 tar-Regolamenti tal-Persunal. L-istess, m'għandhomx ikunu kompatibbli ma' xi remunerazzjoni ġejja minn xi posizzjoni f'waħda mill-istituzzjonijiet jew aġenziji.

▼B

Artikolu 41

L-ammont tal-pensjoni jista' f'kull ħin jerġa' jinħdem mill-ġdid jekk ikun xi żball jew ommissjoni ta' kull tip.

Il-pensjonijiet jistgħu jkunu mmodifikati jew irtirati jekk l-għotja kienet kontra d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal jew ta' dan l-Anness.

Artikolu 42

Meta jmut uffiċjal jew dak li qabel ►M62 kien uffiċjal li jirċievi ►M112 il-pensjoni ta' l-irtirar jew il-benefiċċju ta' l-invalidità ◄ ◄ u dawk intitolati taħtu ma japplikawx għall-pensjoni tagħhom ►M112 jew benefiċċju ◄ fi żmien sena mid-data tal-mewt tiegħu, huma jitilfu l-intitolament tagħhom, ħlief fejn forza maġġura tista' tkun stabbilita.

Artikolu 43

Dak li ►M62 kien uffiċjal ◄ u dawk intitolati taħtu li favurhom jinħolqu benefiċċji taħt din l-iskema tal-pensjoni għandhom jipprovdu t-tali evidenza bil-miktubkif jista' jkun meħtieġ u jinformaw l-istituzzjoni imsemmija fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 45 ta' kull fatt li jista' jaffettwa l-intitolament tagħhom.

Artikolu 44

Meta uffiċjal kien imċaħħad ►M112 temporanjament ◄, kompletament jew parzjalment, mid-drittijiet tal-pensjoni tiegħu taħt ►M112 taħt l-Artikolu 7 ta' l-Anness IX ◄, għandu jkun intitolat li jitlob rifużjoni fil-proporzjon ta' l-ammont li bih tnaqqset il-pensjoni tiegħu tal-kontribuzzjonijiet li ħallas.

Taqsima 3

HLAS TA' BENEFIĊĊJI

Artikolu 45

Il-benefiċċji taħt din l-iskema tal-pensjoni għandhom jitħallsu fix-xahar b'lura.

▼B

Dawn il-benefiċċji, ►M15 f'isem ►M128 l-Unjoni, ◄ għandhom ◄ ikunu pprovduti mill-istituzzjoni nnominata mill-awtoritajiet ta' l-estimi; l-ebda istituzzjoni, taħt kull deskrizzjoni li tkun, ma tista' tħallas mill-fondi tagħha stess benefiċċji pprovduti taħt din l-iskema tal-pensjoni.

▼M112

Għall-pensjonanti li jgħixu fl-Unjoni Ewropea, il-benefiċċji jitħallsu f'euro f'bank ►M131 fl-Unjoni Ewropea. ◄

Għall-pensjonanti li jgħixu barra l-Unjoni Ewropea, il-pensjonijiet jitħallsu f'euro f'bank ►M131 fl-Unjoni Ewropea ◄ fil-pajjiż tar-residenza. Il-pensjoni tista', b'eċċezzjoni, titħallas ►M131 ———————— ◄ f'munita barranija fil-pajjiż tar-resdenza tal-pensjonant, maqluba bl-aktar rati aġġornati tal-kambju, użati għall-implimentazzjoni ta' l-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan l-Artikolu għandu japplika b'analoġija għar-riċevituri tal-benefiċċju ta' l-invaliditá.

▼M62

_____

▼B

Artikolu 46

Kull somma dovuta minn uffiċjal jew dak li ►M62 kien uffiċjal li jirċievi ►M112 ta' pensjoni ta' l-irtirar jew benefiċċju ta' l-invaliditá ◄ ◄ ►M128 lill-Unjoni ◄ fid-data meta benefiċċju huwa pagabbli taħt din l-iskema tal-pensjoni għandha titnaqqas mill-ammont tal-benefiċċju u mill-benefiċċji pagabbli lil dawk intitolati taħtu. It-tnaqqis jista' jitqassam fuq numru ta' xhur.

▼M62

_____

▼B

IL-KAPITOLU 8

Disposizzjonijiet transitorji

Artikolu 48

Uffiċjal li għalih ikunu applikati r-Regolamenti tal-Persunal skond il-provvisorji transitorji għandu jkun intitolat għad-drittijiet tal-pensjoni maħduma mid-data ta' meta jidħol fl-iskema konġunta temporanja tal-provvidenza ta' l-istituzzjonijiet ►M128 tal-Unjoni. ◄

Jekk uffiċjal jitlob hekk, minkejja kull disposizzjoni kontra fir-Regolamenti tal-Persunal, id-drittijiet għal pensjoni tiegħu għandhom jinħadmu mid-data ta' meta beda s-servizz f'istituzzjoni ►M128 tal-Unjoni Ewropea ◄ f'kull kapaċità li tkun. Fejn matul is-servizz kollha jew parti minnu ta' qabel tiegħu, huwa ma kienx ikkontribwixxa taħt l-iskema tal-provvidenza, għandu jkun intitolat, b'pagament bil-kambjali, li jixtri fid-drittijiet tal-pensjoni li għalihom ma kienx jista' jikkontribwixxi. L-ammonti kkontribwiti mill-uffiċjal, flimkien ma' l-ammonti li jikkorrospondu kkontribwiti mill-istituzzjoni, għandhom jitqiesu li kien dovuti għall-kreditu ta' l-uffiċjal taħt l-iskema temporanja tal-provvidenza fid-data taddħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

▼B

Artikolu 49

Meta uffiċjal eserċita l-opzjoni tiegħu li jirtira mill-kont tiegħu ma' l-iskema konġunta temporanja tal-provvidenza ta' l-istituzzjonijiet ►M128 tal-Unjoni ◄ somom li kien meħtieġ jikkontribwixxi fil-pajjiż ta' l-oriġini tiegħu sabiex iżomm id-drittijiet għall-pensjoni hemmhekk, id-drittijiet għal pensjoni tiegħu, dwar il-perjodu meta kien membru ta' l-iskema temporanja tal-provvidenza, għandhom jitnaqqsu fil-proporzjon tas-somom irtirati mill-kont tiegħu.

Il-paragrafu ta' qabel m'għandux japplika meta uffiċjal talab, fi żmien tliet xhur minn meta r-Regolamenti tal-Persunal kienu applikati għalih, li jitħalla jħallas dawk is-somom bl-addizzjoni ta' imgħax kompost bir-rata ta' 3. 5 % fis-sena.

Artikolu 50

Meta uffiċjal li dwaru kienu applikati r-Regolamenti tal-Persunal skond id-dispożizzjonijiet transitorji għandu jkun intitolat, jekk jitlaq mis-servizz fl-età ta' 65 sena mingħajr ma jkun għamel l-10 snin meħtieġa taħt l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jagħżel pagament ta' għotja maħduma skond l-Artikolu 12 ta' dan l-Anness jew għal pensjoni proporzjonali maħduma skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 51

Din l-iskema tal-pensjoni għandha tapplika għall-armla ta', u dawk intitolati taħt, kull ħaddiem ►M128 tal-Unjoni ◄ li miet waqt impieg attiv qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal u ta' kull ħaddiem ►M128 tal-Unjoni ◄ li, qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal, kien qed ibati minn invalidità permanenti totali fis-sens ta' l-Artikolu 78 tar-Regolamenti tal-Persunal, suġġetta għat-traferiment ►M128 lill-Unjoni ◄ ta' l-ammonti dovuti għall-kreditu taħt l-iskema konġunta temporanja tal-provvidenza ta' l-istituzzjonijiet ►M128 tal-Unjoni. ◄ ►M128 L-Unjoni ◄ għandha tassumi r-responsabbiltà tal-pagament tal-benefiċċji pprovduti f'din l-iskema tal-pensjoni.

▼**M112**

ANNESS IX

Proċeduri dixxiplinarji

Taqsima 1:

Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

1. Kulmeta investigazzjoni mill-OLAF tikxef il-possibbiltà ta' involviment personali ta' uffiċjal jew ta' persuna li qabel kienet uffiċjal, ta' istituzzjoni, dik il-persuna għandha tkun infurmata malajr, sakemm dan mhux ta' ħsara għall-investigazzjoni. F'kull każ, ma jistgħux jittieħdu konklużjonijiet li jirreferu bl-isem ta' uffiċjal meta titlesta l-investigazzjoni mingħajr ma dak l-uffiċjal ikkonċernat jkollu l-opportunità biex jikkumenta fuq il-fatti dwaru. Il-konklużjonijiet għandhom jagħmlu riferenza għal dawn il-kummenti.

2. Fil-każijiet li jitolbu segretezza assoluta għall-għanijiet ta' l-investigazzjoni u li jeħtieġu l-użu tal-proċeduri ta' investigazzjoni, li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità ġudizzjarja nazzjonali, il-konformità ma' l-obbligu li jkun mistieden l-uffiċjal biex jikkummenta, bi qbil ma' l-Awtorità tal-Ħatra, tista' tkun posposta. Fit-tali każijiet, l-ebda proċeduri dixxiplinarji ma jistgħu jinbdew qabel l-uffiċjal jingħata l-opportunità biex jikkummenta.

3. Jekk, wara l-investigazzjoni ta' l-OLAF, l-ebda każ ma jista' jsir kontra uffiċjal li saru allegazzjonijiet dwaru, l-investigazzjoni in kwestjoni tingħalaq, mingħajr ma tittieħed aktar azzjoni, bid-deċiżjoni tad-Direttur ta' l-OLAF, li għandu jinforma l-uffiċjal u l-istituzzjoni tiegħu bil-miktub. L-uffiċjal jista' jitlob li din id-deċiżjoni tiddaħħal fil-*file* personali tiegħu.

Artikolu 2

1. Ir-regoli ppreżentati fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness għandhom japplikaw, b'kull bidla meħtieġa, għal inkjesti amministrattivi oħra, imwettqa mill-Awtorità tal-Ħatra.

2. L-Awtorità tal-Ħatra għandha tinforma l-persuna kkonċernata meta tintemm l-investigazzjoni, u għandha tikkomunikalha l-konklużjonijiet ta' l-investgazzjoni u, meta mitluba u suġġetta għall-ħarsien ta' l-interessi leġittimi ta' persuni terzi, id-dokumenti kollha li direttament relatati ma' l-allegazzjonijiet li saru kontrih.

3. ►**M131** L-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għandha tadotta ◄ l-arranġamenti ta' l-implimentazzjoni għal dan l-Artikolu, skond l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 3

1. Fuq il-bażi tar-rapport ta' l-investigazzjoni, wara li tavża l-uffiċjal ikkonċernat bl-evidenza kollha fil-*files* u wara li tisma' l-uffiċjal ikkonċernat, l-Awtorità tal-Ħatra tista':

(a) tiddeċiedi li l-ebda każ ma jista' jsir kontra l-uffiċjal, f'liema każ l-uffiċjal għandu jkun avżat b'hekk bil-miktub; jew

▼**M112**

(b) tiddeċiedi, anki jekk hemm jew jidher li kien hemm nuqqas biex jitħarsu l-obbligi, li l-ebda miżura dixxiplinarja m'hi se tittieħed u, jekk ikun il-każ, tindirizza twissija lill-uffiċjal; jew

(ċ) fil-każ ta' nuqqas biex jitħarsu l-obbligi, fis-sens ta' l-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal:

(i) tiddeċiedi li tibda l-proċeduri dixxiplinarji kif provdut fit-Taqsima 4 ta' dan l-Anness, jew

(ii) tiddeċiedi li tibda proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Bord Dixxiplinari.

Artikolu 4

Uffiċjal li, għal raġunijiet oġġettivi, ma jistax jinstema' skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness, jista' jintalab biex jikkummenta bil-miktub jew jista' jkun irrappreżentat minn persuna ta' l-għażla tiegħu.

Taqsima 2:

Bord dixxiplinari

Artikolu 5

1. ►**M131** Bord tad-Dixxiplina, minn hawn 'il quddiem imsemmi bħala l-'Bord', jiġi stabbilit f'kull istituzzjoni, sakemm żewġ aġenziji jew aktar jiddeċiedu, f'konformità mal-paragrafu 1a tal-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jistabbilixxu Bord komuni. ◄ Il-Bord għandu jinkludi mill-anqas membru wieħed, li jista' jkun il-president, li jintgħażel minn barra l-istituzzjoni.

2. Il-Bord għandu jkun magħmul minn president u erba' membri *full time*, li jistgħu jinbidlu minn sostituti, u fil-każijiet li jinvolvu uffiċjal fil-grad sa AD 13, żewġ membri addizzjonali fl-istess grupp tal-funzjoni u grad daqs l-uffiċjal taħt proċeduri dixxiplinarji.

3. Il-membri u s-sostituti tal-Bord għandhom jinħatru minn fost l-uffiċjali fil-grad AD 14 jew aktar, f'impieġ attiv, dwar il-każijiet kollha barra dawk li jikkonċernaw uffiċjali fil-gradi AD 16 jew AD 15.

4. Il-membri u s-sostituti tal-Bord għandhom jinħatru minn fost l-uffiċjali fil-grad AD 16 f'impieġ attiv, dwar il-każijiet li jinvolvu uffiċjali fil-gradi AD 16 jew AD 15.

5. L-Awtorità tal-Ħatra u l-Kumitat tal-Persunal għandhom jiftehmu fuq proċedura *ad hoc* biex jinħatru aktar membri riferuti fit-tieni paragrafu, li għandhom joqgħodu fuq każijiet li jinvolvu uffiċjal li tqiegħed f'pajjiż terz.

Artikolu 6

1. L-Awtorità tal-Ħatra u l-Kumitat tal-Persunal għandhom kull wieħed jaħtru żewġ membri u żewġ sostituti fl-istess ħin.

2. Il-president u s-sostitut tal-president għandu jinħatar mill-Awtorità tal-Ħatra.

▼**M112**

3. Il-president, il-membri u s-sostituti għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet snin. Iżda, l-istituzzjonijiet jistgħu jipprovdu għal perjodu iqsar għal membri u sostituti, suġġett għal minimu ta' sena.

4. Iż-żewġ membri tal-Bord kif imkabbar skond l-Artikolu 5(2) ta' dan l-Anness għandhom jinħatru bil-mod li ġej:

(a) l-Awtorità tal-Ħatra għandha tħejji lista li fiha, jekk possibbli, l-ismijiet ta' żewġ uffiċjali f'kull grad f'kull grupp tal-funzjoni. Fl-istess ħin, il-Kumitat tal-Persunal għandu jibgħat lista mħejjija fuq l-istess bażi lill-Awtorità tal-Ħatra;

(b) fi żmien għaxart ijiem min-notifika tar-rapport li fuqu hija bbażata d-deċiżjoni biex jinfetħu proċeduri dixxiplinarji jew il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 22 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-president tal-Bord, fil-presenza tal-persuna kkonċernata, għandu jtella' l-ismijiet ta' żewġ membri tal-Bord mill-listi fuq imsemmija, membru wieħed jittella' minn kull lista, Il-president jista' jiddeċiedi li s-segretarju għandu jeħodlu postu f'din il-proċedura. Il-president għandu jinnotifika lill-uffiċjali kkonċernati u l-membri individwali tal-Bord bil-komposizzjoni sħiħa tagħha.

5. L-uffiċjal ikkonċernat għandu jkun intitolat li jirrifjuta wieħed mill-membri tal-Bord fi żmien ħamest ijiem mill-istabbiliment tal-Bord. L-istituzzjoni għandha wkoll tkun intitolata li tirrifjuta wieħed mill-membri tal-Bord.

Fl-istess limitu ta' żmien, membri tal-Bord jistgħu jitolbu li jkunu skużati mid-dmir għal raġunijiet leġittimi u għandhom jirtiraw jekk jeżisti konflitt ta' interess.

Jekk meħtieġ, il-president tal-Bord jista' jħejji lottijiet ġodda biex jinbidlu l-membri li nħatru skond il-paragrafu 4.

Artikolu 7

Il-Bord għandu jkun mgħejjun minn segretarju maħtur mill-Awtorità tal-Ħatra.

Artikolu 8

1. Il-president u l-membri tal-Bord għandhom ikunu kompletament indipendenti fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom.

2. Id-deliberazzjonijiet u l-proċeduri tal-Bord għandhom ikunu sigrieti.

Taqsima 3:

Miżuri dixxiplinarji

Artikolu 9

1. L-Awtorità tal-Ħatra tista' timponi wieħed mill-pieni li ġejjin:

(a) twissija bil-miktub;

(b) ċanfira;

▼**M112**

(ċ) posponiment ta' promozzjoni għal skala ogħla għal perjodu ta' bejn xahar u 23 xahar;

(d) relegazzjoni fl-iskala;

(e) tnaqqis temporanju fil-posizzjoni għal perjodu ta' bejn 15-il ġurnata u sena;

(f) tnaqqis fil-posizzjoni fl-istess grupp tal-funzjoni;

(g) klassifikazzjoni fi grupp aktar baxx tal-funzjoni, bi jew mingħajr tnaqqis fil-posizzjoni;

(g) tneħħija minn posizzjoni u, fejn ikun il-każ, tnaqqis pro tempore ta' pensjoni jew jinżamm, għal perjodu stabbilit, ammont mill-benefiċċju ta' l-invaliditá; l-effett ta' din il-miżura m'għandux jestendi għad-dipendenti ta' l-uffiċjal. Iżda, fil-każ tat-tali tnaqqis, id-dħul ta' dak li qabel kien uffiċjal ma jistax ikun anqas mis-somma minima ta' l-għajxien, imniżżla fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VIII, bl-addizzjoni ta' xi benefiċċji pagabbli tal-familja.

2. Fejn l-uffiċjal jirċievi pensjoni ta' l-irtirar jew benefiċċju ta' l-invaliditá, l-Awtoritá tal-Ħatra tista' tiddeċiedi li żżomm ammont mill-pensjoni jew mill-benefiċċju ta' l-invaliditá għal tali perjodu; l-effett ta' din il-miżura m'għandux jestendi għad-dipendenti ta' l-uffiċjal. Iżda, id-dħul ta' l-uffiċjal ma jistax ikun anqas mis-somma minima ta' l-għajxien, imniżżla fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VIII, bl-addizzjoni ta' xi benefiċċji pagabbli tal-familja.

3. Każ wieħed ta' kondotta ħażina ma twassalx għal aktar minn piena dixxiplinarja waħda.

Artikolu 10

Kemm ikunu ħorox il-pieni dixxiplinarji imposti jiddependu kemm hija serja l-kondotta ħażina. Biex tkun stabbilita l-serjetà tal-kondotta ħażina u biex tkun deċiża l-piena dixxiplinarja li għandha tkun imposta, għandu jkun ikkunsidrat partikolarment:

(a) it-tip ta' kondotta ħażina u f'liema ċirkostanzi ġrat,

(b) sa liema punt il-kondotta ħażina affettwat ħażin l-integritá, ir-reputazzjoni jew l-interessi ta' l-istituzzjonijiet,

(ċ) sa liema punt il-kondotta ħażina tinvolvi azzjonijiet intenzjonali jew negliġenza,

(d) ir-raġunijiet tal-kondotta ħażina ta' l-uffiċjal,

(e) il-grad u s-senjoritá ta' l-uffiċjal,

(f) il-livell tar-responsabbiltà personali ta' l-uffiċjal,

(g) il-livell tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ta' l-uffiċjal,

(g) jekk il-kondotta ħażina tinvolvix azzjoni jew imġiba ripetuta,

▼**M112**

(i) il-kondotta ta' l-uffiċjali matul il-karriera tiegħu.

Taqsima 4:

Proċeduri dixxiplinarji li ma jinvolvux il-bord dixxiplinari

Artikolu 11

L-Awtorità tal-Ħatra tista' tiddeċiedi fuq il-piena ta' twissija bil-miktub jew ċanfira mingħajr ma tikkonsulta l-Bord. L-uffiċjal ikkonċernat għandu jinstema' qabel it-tali azzjoni ma tittieħed mill-Awtorità tal-Ħatra.

Taqsima 5:

Proċeduri dixxiplinarji quddiem il-bord dixxiplinari

Artikolu 12

1. L-Awtorità tal-Ħatra għandha tibgħat rapport lill-Bord, fejn tgħid fiċ-ċar il-fatti li lmentaw fuqhom u, fejn ikun il-każ, iċ-ċirkostanzi kif inħolqu, inklużi xi ċirkostanzi aggravanti jew estenwanti.

2. Id-dokument għandu jkun ikkomunikat lill-uffiċjal ikkonċernat u lill-president tal-Bord, li fuqu għandu jiġbed l-attenzjoni tal-membri tal-Bord.

Artikolu 13

1. Hekk kif jirċievi r-rapport, l-uffiċjal ikkonċernat għandu d-dritt jikseb il-*file* personali sħiħ tiegħu u jieħu kopja tad-dokumenti kollha dwar il-proċedura, inkluża l-evidenza li turi li huwa mhux ħati.

2. L-uffiċjal ikkonċernat ikollu mhux anqas minn 15-il ġurnata mid-data ta' l-irċevuta tar-rapport li jibda l-proċeduri dixxiplinarji biex iħejji difiża.

3. L-uffiċjal jista' jkun assistit minn persuna ta' l-għażla tiegħu jew tagħha.

Artikolu 14

Jekk, fil-presenza tal-President tal-Bord, l-uffiċjal ikkonċernat jirrikonoxxi kondotta ħażina min-naħa tiegħu u jaċċetta mingħajr riserva r-rapport riferut fl-Artikolu 12 ta' dan l-Anness, l-Awtorità tal-Ħatra tista', skond il-prinċipju tal-proporzjonalità bejn it-tip tal-kondotta u l-piena li qed tkun ikkunsidrata, tirtira l-każ minn quddiem il-Bord. Meta każ ikun irtitat minn quddiem il-Bord, il-President għandu jwassal opinjoni dwar il-piena kkunsidrata.

Taħt din il-proċedura, l-Awtorità tal-Ħatra tista', b'deroga mill-Artikolu 11 ta' dan l-Anness, timponi waħda mill-pieni pprovduti fl-Artikolu 9(1) (a) sa (d) ta' dan l-Anness.

L-uffiċjal ikkonċernat għandu jkun infurmat qabel jirrikonoxxi l-kondotta ħażina tiegħu bil-konsegwenzi possibbli tat-tali rikonoxximent.

▼**M112**

Artikolu 15

Qabel l-ewwel laqgħa tal-Bord, il-president għandu jagħti lil wieħed mill-membri tiegħu, il-kompitu li jħejji rapport ġenerali dwar il-kwestjoni u għandu jinforma dan lill-membri l-oħra tal-Bord.

Artikolu 16

1. L-uffiċjal ikkonċernat għandu jinstema' mill-Bord; fis-seduta, jista' jagħmel osservazzjonijiet bil-kitba jew bil-fomm, jew huwa preżenti jew b'rappreżentant. Jista' jsejjaħ xhieda.

2. L-istituzzjoni għandha tkun rrappreżentata quddiem il-Bord minn uffiċjal, innominat mill-Awtorità tal-Ħatra għal dan l-iskop u li jkollu d-drittijiet daqs dawk ta' l-uffiċjal ikkonċernat.

3. Il-Bord jista' jisma' l-uffiċjali ta' l-investigazzjoni ta' l-OLAF f'każijiet fejn investigazzjoni nbdiet mill-Uffiċċju.

Artikolu 17

1. Jekk il-Bord ma jqisx li għandu informazzjoni ċara biżżejjed dwar il-fatti ilmentati jew iċ-ċirkostanzi kif inħolqu, għandu jordna investigazzjoni fejn kull naħa tista' tippreżenta l-każ tagħha u twieġeb għall-każ tan-naħa l-oħra.

2. Il-president u l-membri tal-Bord għandhom imexxu l-investigazzjoni f'isem il-Bord. Għall-iskop ta' l-investigazzjoni, il-Bord jista' jitlob li xi dokumenti dwar il-kwestjoni jingiebu quddiemu. L-istituzzjoni għandha timxi ma' kull tali talba matul il-limiti taż-żmien, jekk ikun hemm, li jistabbilixxi l-Bord. Meta t-tali talba hija indirizzata lill-uffiċjal, għandha tittieħed nota ta' kull rifjut biex tintlaqa'.

Artikolu 18

Wara li jkunu kkunsidrati d-dokumenti mibgħuta u wara li tkun ikkunsidrata xi dikjarazzjoni li saret bil-fomm jew bil-kitba u għar-riżultati ta' xi investigazzjoni li saret, il-Bord, b'vot ta' maġġoranza, għandu jagħmel opinjoni rraġunata jekk il-fatti lmentati humiex stabbiliti u jekk dawk il-fatti ma jwasslux għal xi piena. L-opinjoni għandha tkun iffirmata mill-membri kollha tal-Bord. Kull membri jista' jżid punto di vista differenti ma' l-opinjoni. Il-Bord għandu jibgħat l-opinjoni lill-Awtorità tal-Ħatra u lill-uffiċjal ikkonċernat fi żmien xahrejn mid-data ta' l-irċevuta tar-rapport ta' l-Awtorità tal-Ħatra, sakemm dan il-limitu taż-żmien huwa dipendenti fuq il-livell tal-komplessità tal-każ. Fejn investigazzjoni tinżamm fuq inizzjattiva tal-Bord, il-limit taż-żmien ikun ta' erba' xhur, sakemm dan il-perjodu huwa proporzjonali mal-livell tal-komplessità tal-każ.

Artikolu 19

1. Il-president tal-Bord m'għandux jivvota fuq kwestjonijiet li tressqu quddiemu, għajr fi kwestjonijiet ta' proċedura u fejn il-voti huma ndaqs.

2. Il-president għandu jiżgura li d-deċiżjonijiet tal-Bord huma implimentati u għandu jġib l-informazzjoni u d-dokumenti kollha dwar il-każ għall-attenzjoni ta' kull wieħed mill-membri tiegħu.

Artikolu 20

Is-segretarju għandu jħeħħi l-minuti tal-laqgħat tal-Bord Dixxiplinari. Ix-xhieda għandhom jiffirmaw il-minuti li jirreġistraw l-evidenza tagħhom.

▼**M112**

Artikolu 21

1. L-ispejjeż li tħallsu fuq l-inizjattiva ta' l-uffiċjal ikkonċernat matul il-proċedura dixxiplinarja, u partikolarment l-ispejjeż imħallsa lil persuna magħżula biex tgħin l-uffiċjal jew għad-difiża tiegħu, għandhom jitħallsu mill-uffiċjal fejn il-proċedura dixxiplinarji jirriżultaw li waħda mill-pieni pprovduti fl-Artikolu 9 ta' dan l-Anness tkun imposta.

2. Madankollu, l-Awtorità tal-Ħatra tista' tiddeċiedi mod ieħor f'każijiet ta' eċċezzjoni fejn il-piż fuq l-uffiċjal ikkonċernat ma jkunx ġust.

Artikolu 22

1. Wara li tisma' lill-uffiċjal, l-Awtorità tal-Ħatra għandha tasal għad-deċiżjoni tagħha, kif ipprovdut fl-Artikoli 9 u 10 ta' dan l-Anness fi żmien xahrejn mill-irċevuta ta' l-opinjoni tal-Bord. Ir-raġunijiet iridu jingħataw għal din id-deċiżjoni.

2. Jekk l-Awtorità tal-Ħatra tiddeċiedi li tagħlaq il-każ mingħajr ma timponi xi piena dixxiplinarja, għandha tinforma dan bil-kitba mingħajr dewmien lill-uffiċjal ikkonċernat. L-uffiċjal ikkonċernat jista' jitlob li din id-deċiżjoni tiddaħħal fil-*file* personali tiegħu.

Taqsima 6:

Sospensjoni

Artikolu 23

1. Jekk l-Awtorità tal-Ħatra takkuża uffiċjal b'kondotta ħażina serja, kemm jekk naqas li jonora l-obbligi professjonali tiegħu jew b'xi ksur tal-liġi, tista' minnufih tissospendi dik il-persuna akkużata b'dik il-kondotta ħażina għal perjodu speċifikat jew indefinit.

2. L-Awtorità tal-Ħatra għandha tieħu din id-deċiżjoni wara li tisma' l-uffiċjal ikkonċernat, ħlief f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni.

Artikolu 24

1. Id-deċiżjoni li tissospendi uffiċjal għandha tgħid jekk l-uffiċjal għandux ikomplu jieħu r-remunerazzjoni sħiħa tiegħu matul il-perjodu tas-sospensjoni jew liema parti minnha għandha tinżamm. L-ammont imħallas lill-uffiċjal fl-ebda ċirkostanzi ma jkun anqas mis-somma minima ta' l-għajxien, imniżżla fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VIII ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, bl-addizzjoni ta' xi benefiċċji pagabbli tal-familja.

2. Is-sitwazzjoni ta' l-uffiċjal sospiż għandha tkun solvuta definittivament fi żmien itt xhur mid-data ta' meta s-sospensjoni daħlet fis-seħħ. Jekk ma tittieħed l-ebda deċiżjoni fi żmien sitt xhur, l-uffiċjal ikkonċernat għandu jkun intitolat li jerġa' jirċievu r-remunerazzjoni sħiħa, suġġetta għall-paragrafu 3.

3. Parti mir-remunerazzjoni tista' tkompli tinżamm wara l-għeluq tas-sitt xhur riferuti fil-paragrafu 2 jekk l-uffiċjal ikkonċernat huwa s-suġġett ta' proċedura kriminali għall-istess atti u qed jinżamm maqful bħala riżultat ta' dawk il-proċeduri. Fit-tali każijiet l-uffiċjal ma jirċevix ir-remunerazzjoni sħiħa sakemm il-qorti kompetenti ma tordnax biex jinħeles.

4. Is-somom miżmuma kond il-paragrafu 1 għandhom jitħallsu lill-uffiċjal jekk id-deċiżjoni finali ma timponix piena dixxiplinarja aktar ħarxa minn twissija bil-miktub, ċnfira, jew posponiment ta' promozzjoni għal skala ogħla, jew jekk l-ebda piena dixxiplinarja m'hi imposta; fil-każ ta' l-aħħar, il-pagament għandu jsir b'imgħax kompost bir-rata definita fl-Artikolu 12 ta' l-Anness XII.

▼**M112**

Taqsima 7:

Prosekuzzjoni kriminali paralella

Artikolu 25

Meta uffiċjal jitħarrek għal dawk l-istess atti, deċiżjoni finali tittieħed biss wara li sentenza finali tingħata mill-qorti li qed jisma' l-kawża.

Taqsima 8:

Disposizzjonijiet finali

Artikolu 26

Id-deċiżjonijiet riferuti taħt l-Artikolu 11, 14, 22, u 23 ta' dan l-Anness għandhom jintbagħtu bħala informazzjoni lill-OLAF f'każijiet fejn l-investigazzjoni nbdiet mill-Uffiċċju.

Artikolu 27

Uffiċjal li kontrih kienet ordnata piena dixxiplinarja minbarra t-tneħħija mill-posizzjoni, wara tliet snin fil-każ ta' twissija bil-miktub jew ċanfira jew sitt snin fil-każ ta' xi piena oħra, jista' jagħmel talba biex titħassar kull riferenza tat-tali miżura mill-*file* personali tiegħu. L-Awtorità tal-Ħatra għandha tiddeċieda jekk tilqax it-talba tiegħu.

Artikolu 28

Meta jsiru magħrufa fatti ġodda appoġġati bl-evidenza relevanti, proċedura dixxiplinarji jistgħu jerċgħu jifetħu mill-Awtorità tal-Ħatra fuq l-inizzjattiva tagħha stess jew fuq l-applikazzjoni ta' l-uffiċjal ikkonċernat.

Artikolu 29

Jekk l-ebda każ ma sar kontra l-uffiċjal skond l-Artikoli 1(3) u 22(2) ta' dan l-Anness, l-uffiċjal għandu jkun intitolat li jitlob li l-ħsara li sofra għandha tkun magħmula tajba permezz ta' pubblikità xierqa għad-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra.

▼**M131**

Artikolu 30

'Bla ħsara għall-Artikolu 2(3), l-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni, jekk tikkunsidra li huwa xieraq, tadotta arranġamenti ta' implimentazzjoni għal dan l-Anness wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal.

▼M67

ANNESS X

Disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-uffiċjali li jservu f'pajjiż terz

IL-KAPITOLU 1

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Dan l-Anness iniżżel id-disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-uffiċjali ►M128 tal-Unjoni Ewropea ◄ li jservi f'pajjiż terz.

Iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri biss ►M128 tal-Unjoni ◄ jistgħu jkunu reklutati biex iservu fali pajjiż, l-awtorità tal-ħatra ma titħallix tapplika l-eċċezzjoni pprovduta fl-Artikolu 28(a) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Disposizzjonijiet ġenerali ta' l-implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skond l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 2

B'deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra fl-interessi tas-servizz, uffiċjali jkunu ttrasferiti perjodikament, kif ikun hemm bżonn mingħajr każ tal-posizzjonijiet battala.

▼M112

L-Awtorità tal-Ħatra għandha tagħmel it-tali trasferimenti bi proċedura speċifika riferuta bħala "l-proċedura tal-mobilità";, li tniżżel regoli dettaljati ta' l-implimentazzjoni tagħha, wara li tikkonsulta l-Kumitat tal-Persunal.

▼M67

Artikolu 3

►M112 Taħt il-proċedura tal-mobilità, bid-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra, uffiċjal assenjat f'pajjiż terz jista' jerġa' jkun assenjat temporanjament bil-posizzjoni tiegħu għal siġġu ta' l-istituzzjoni jew xi post ieħor ta' mpieg ►M128 fl-Unjoni; ◄ it-tali assenjament, li ma jkunux ippreċeduti b'notifika ta' posizzjoni battala, ma jistax ikun għal aktar minn erba' snin. ◄ B'mod ta' deroga mill-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1, l-l-awtorità tal-ħatra tista' tiddeċiedi, fuq il-bażi tad-disposizzjonijiet ġenerali ta' l-implimentazzjoni, li l-uffiċjal għandu jibqa' suġġett għal ċerti disposizzjonijiet ta' dan l-Anness għat-tul ta' dan l-assenjament temporanju, eskluži l-Artikoli 5, 10 u 12 tiegħu.

IL-KAPITOLU 2

OBBLIGI

Artikolu 4

Uffiċjal għandu jwettaq id-dmirijiet tiegħu fil-post li huwa assenjat fih meta reklutat jew mat-trasferiment fl-interessi tas-servizz wara l-proċedura tal-mobilità.

▼M112

L-Artikolu 5

1. Jekk l-istituzzjoni tipprovdi 'l-uffiċjal bl-alloġġ li jikkorrospondi mal-livell tad-dmirijiet tiegħu u għall-komposizzjoni tal-familja dipendenti tiegħu, huwa għandu jgħix fiha,

▼M112

2. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 għandhom jitniżżlu mill-Awtorità tal-Ħatra, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal. L-Awtorità tal-Ħatra għandha wkoll tiddeċiedi fuq l-intitolament għall-għamara u oġġetti oħra ta' l-akkomodazzjoni li jitwaħħlu, skond il-kondizzjonijiet li japplikaw f'kull post ta' l-impieg.

▼M67

IL-KAPITOLU 3

KONDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL

▼M131

Artikolu 6

Uffiċjal għandu jkun intitolat, għal kull sena kalendarja, għal leave annwali ta' jumejn ta' xogħol għal kull xahar ta' servizz.

Minkejja l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, l-uffiċjali li jkunu assenjati f'pajjiż terz fl-1 ta' Jannar 2014 għandhom ikunu intitolati għal:

— tlett ijiem tax-xogħol mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

— jumejn u nofs tax-xogħol mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 7

Fis-sena li fiha l-uffiċjal jibda jwettaq jew jieqaf milli jwettaq dmirijietu f'pajjiż terz, għandu jkun intitolat għal leave ta' jumejn tax-xogħol għal kull xahar sħiħ fis-servizz, għal jumejn tax-xogħol għal xahar mhux sħiħ fis-servizz li jikkonsisti minn iktar minn 15-il jum u għal jum ta' xogħol għal xahar mhux sħiħ fis-servizz ta' 15-il jum jew inqas.

Meta, għal raġunijiet oħra għajr il-ħtiġijiet tas-servizz, uffiċjal ma jużax il-leave annwali kollu tiegħu qabel it-tmiem tas-sena kalendarja korrenti, l-ammont ta' leave li jista' jingħadda għas-sena ta' wara ma għandux jaqbeż 14-il jum tax-xogħol.

▼M67

Artikolu 8

B'mod ta' eċċezzjoni, l-awtorità tal-ħatra tista', b'deċiżjoni speċjali rraġunata, tagħti lill-uffiċjal *leave*ta' mistrieħ minħabba l-kondizzjonijiet partikolarment diffiċli ta' l-għajxien fuq il-post ta' l-impieg tiegħu. Għal kull tali post, l-awtorità tal-ħatra tista' tistabbilixxi l-pajjiż(i) fejn il-*leave*tal-mistrieħ jistgħu jittieħdu.

▼M131

L-uffiċjali li jieħdu sehem f'taħriġ professjonali skont l-Artikolu 24a tar-Regolamenti tal-Persunal u li ngħataw leave ta' mistrieħ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jippruvaw, meta jkun xieraq, jikkombinaw il-perjodi ta' taħriġ professjonali tagħhom mal-leave ta' mistrieħ tagħhom.

▼M67

Artikolu 9

▼M131

1. Il-leave annwali jista' jittieħed kollu f'daqqa jew f'bosta perjodi, skont ix-xewqa tal-uffiċjal u fil-qies tal-ħtiġijiet tas-servizz. Madankollu, għandu jinkludi mill-anqas perjodu wieħed ta' ġimagħtejn konsekuttivi.

▼**M67**

2. Il-*leave*tal-mistrieħ imsemmija fl-Artikolu 8 ma jistgħux jaqbżu perjodu ta' 15-il ►**M112** ġranet utli ◄ għal kull sena ta' servizz. ►**M112** ——————— ◄

Il-perjodu tal-*leave*tal-mistrieħ jista' jittawwal bl-addizzjoni taż-żmien ta' l-ivvjaġġar maħdum skond l-Artikolu 7 ta' l-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼**M128**

Artikolu 9a

Matul il-liv tal-ġenituri u tal-familja kif previst fl-Artikolu 42a u 42b tar-Regolament tal-Persunal, l-Artikoli 5, 23 u 24 ta' dan l-Anness għandhom ikomplu japplikaw għal perijodu massimu kumulattiv ta' sitt xhur matul kull perijodu ta' sentejn ta' assenjazzjoni għal pajjiż terz, u l-Artikolu 15 ta' dan l-Anness għandu jkompli japplika għal perijodu massimu kumulattiv ta' disa' xhur matul kull perijodu ta' sentejn ta' assenjazzjoni għal pajjiż terz.

▼**M67**

IL-KAPITOLU 4

EMOLUMENTI U BENEFIĊĊJI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

Taqsima 1

EMOLUMENTI U BENEFIĊĊJI TAL-FAMILJA

▼**M131**

Artikolu 10

1. Għandha tiġi ffissata allowance għall-kondizzjonijiet tal-għajxien, skont il-post tax-xogħol tal-uffiċjal, bħala perċentwal ta' ammont ta' referenza. Dak l-ammont ta' referenza għandu jkun magħmul mis-salarju bażiku totali, bl-addizzjoni tal-allowance tal-espatrijazzjoni, l-allowance tal-familja u l-allowance tat-tfal dipendenti, mingħajr it-tnaqqis obbligatorju msemmi fir-Regolamenti tal-Persunal jew fir-regolamenti adottati biex jimplimentawhom.

Meta uffiċjal ikun impjegat f'pajjiż li fih il-kondizzjonijiet tal-għajxien jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk normalment misjuba fl-Unjoni Ewopea, l-ebda allowance minn dawn ma għandha titħallas.

Fil-każ ta' postijiet oħra ta' impjieg, l-allowance għall-kondizzjonijiet tal-għajxien għandha tkun stabbilita billi jitqiesu, inter alia, il-parametri li ġejjin:

— l-ambjent tas-saħħa u tal-isptarijiet

— is-sigurtà

— il-klima

— il-livell ta' iżolament

— kondizzjonijiet tal-għajxien lokali oħra.

L-allowance għall-kondizzjoniet tal-għajxien stabbilita għal kull post tal-impjieg għandha tkun riveduta u, fejn xieraq, aġġustata kull sena mill-awtorità tal-ħatra wara li tinkiseb l-opinjoni tal-Kumitat tal-Persunal.

L-awtorità tal-ħatra tista' tiddeċiedi li tagħti primjum supplimentari flimkien mal-allowance għall-kondizzjonijiet tal-għajxien f'każijiet fejn uffiċjali jkollhom iktar minn inkarigu wieħed f'post ta' impjieg meqjus bħala diffiċili jew diffiċili ħafna. Dak il-primjum supplimentari m'għandux jaqbeż 5 % tal-ammont ta' referenza msemmi fl-ewwel subparagrafu u l-awtorità tal-ħatra għandha tagħti raġuni xierqa għad-deċiżjonijiet individwali tagħha sabiex jiġi rrispettat it-trattament indaqs, u għandu jkun ibbażat fuq il-livell ta' diffikultà tal-inkarigu preċedenti.

▼M131

2. Jekk il-kondizzjonijiet tal-għajxien fil-post tal-impjieg huma tali li jpoġġu l-uffiċjal taħt riskju personali, allowance addizzjonali temporanja għandha titħallas lilu b'deċiżjoni speċjali motivata mill-awtorità tal-ħatra. Dik l-allowance għandha tkun stabbilita bħala perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1:

— meta l-awtorità tirrakkomanda li l-persunal tagħha ma jistabbilixxux lill-familji tagħhom jew lil dipendenti oħrajn tagħhom fil-post tal-impjieg, sakemm isegwu dik ir-rakkomandazzjoni;

— meta l-awtorità tiddeċiedi li tnaqqas temporanjament in-numru tal-persunal li jkun iservi fil-post tal-impjieg.

F'każijiet debitament ġustifikati, l-awtorità tal-ħatra tista' tiddetermina wkoll li inkarigu mhuwiex adatt għal familja. L-allowance hawn fuq imsemmija għandha titħallas lill-membri tal-persunal li jirrispettaw dik id-dikjarazzjoni.

3. Għandha ssir deċiżjoni dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu mill-awtorità tal-ħatra.

▼M67

Artikolu 11

Ir-remunerazzjoni, kif ukoll il-benefiċċji imsemmija fl-Artikolu 10, għandha titħallas ►M94 f'euro ◄►M131 fl-Unjoni Ewropea. ◄ Huma jkunu soġġetti għall-peżati applikabbli għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali mpjegati fil-Belġju.

Artikolu 12

Fuq it-talba ta' l-uffiċjal, l-awtorità tal-ħatra tita' tiddeċiedi li tħallas ir-remunerazzjoni sħiħa jew parti minnha fil-munita tal-pajjiż ta' l-impieg. F'dak il-każ, tkun suġġetta għall-peżati għall-pot ta' l-impieg u tinqaleb fuq il-bażi tar-rata tal-kambju li tikkorropondi.

F'każijiet ta' eċċezzjoni sostanzjati sew, l-awtorità tal-ħatra tista' tagħmel dan il-pagament kollu jew parti minnu f'munita oħra barra tal-pajjiż ta' l-impieg b'tali mod li żżomm il-kapaċità ta' l-akkwist.

▼M131

Artikolu 13

Sabiex ikun żgurat sa fejn possibbli li l-uffiċjali jgawdu kapaċità tal-akkwist ekwivalenti ikun fejn ikun il-post tal-impjieg tagħhom, l-ippeżar imsemmi fl-Artikolu 12 għandhom jiġu aġġornati darba fis-sena skont l-Anness XI. Fir-rigward tal-aġġornament, il-valuri kollha għandhom jiġu mifhuma bħala valuri ta' referenza. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-valuri aġġornati fi żmien ġimagħtejn wara l-aġġornament fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għall-finijiet informattivi.

Madankollu, meta fil-każ ta' pajjiż partikolari l-varjazzjoni fl-għoli tal-ħajja mkejjel fuq il-bażi tal-kejl u r-rata tal-kambju korrispondenti tinstab li tkun qabżet il-5 % mill-aħħar aġġornament, għandu jsir aġġornament interim għall-aġġustament tal-ippeżar f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-ewwel paragrafu.

▼M67

Artikolu 14

Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport fis-sena lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Anness u partikolarment fuq l-istabbiliment tal-benefiċċju għall-kondizzjonijiet ta' l-għajxien kif ipprovdut fl-Artikolu 10.

▼M67

Artikolu 15

Fuq il-kondizzjonijiet imniżżla mill-awtorità tal-ħatra, l-uffiċjal għandu jirċievi benefiċċju ta' l-edukazzjoni biex ikopri l-ispejjeż attwali ta' l-edukazzjoni li ntefqu, bil-pagament tal-benefiċċju jsir mal-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' l-appoġġ. Għajr b'każijiet meqjusa ta' eċċezzjoni mill-awtorità tal-ħatra, dan il-benefiċċju m'għandux jaqbeċtliet darbiet il-benefiċċju massimu rduppjat ta' l-edukazzjoni.

Artikolu 16

Ir-Rimborsar dovut lill-uffiċjali għandu jitħallas ►M112 euro, fil-munita tal-pajjiż ta' l-impieg jew fil-munita li biha jintefqu l-ispejjeż ◄, fuq il-bażi ta' talba rraġunata mill-uffiċjal.

L-uffiċjali jistgħu jagħżlu li l-benefiċċju ta' l-installazzjoni jew ta' l-istabbiliment mill-ġdid jitħallas jew ►M94 f'euro ◄ jew fil-munita tal-post ta' l-installazzjoni jew ta' l-istabbiliment mill-ġdid; fil-każ ta' l-aħħar, għandhom ikunu suġġetti għall-peżati stabbiliti għall-post in kwistjoni u maqluba bir-rata tal-kambju li tikkorrospondi.

Taqsima 2

REGOLI DWAR IR-RIMBORSAR TA' L-ISPEJJEŻ

Artikolu 17

Uffiċjal li ►M112 alloġġ ipprovdut skond l-Artikolu 5 jew 23 ta' dan l-Anness u ◄ li, minħabba raġuni li m'għandux kontroll fuqhom, huwa obbligat li jibdel il-post tar-residenza tiegħu fil-post ta' l-impieg għandu, b'deċiżjoni speċjali rraġunata ta' l-awtorità tal-ħatra, jkun Rimborsat ta' l-ispejjeż li nefaq dwar it-tneħħija ta' għamara u effetti personali, mal-preżentazzjoni tad-dokumenti t'appoġġ u skond ir-regoli dwar it-tneħħija.

Fit-tali każijiet, ikollu ►M112 l-ispejjeż l-oħra li ntefqu minħabba din il-bidla fir-residenza ◄ Rimborsati mal-preżentazzjoni tad-dokumenti t'appoġġ, suġġett għal massimu daqs nofs il-benefiċċju ta' l-installazzjoni.

Artikolu 18

Uffiċjal li, fil-post ta' l-impieg tiegħu, qed joqgħod f'lukanda għax l-akkomodazzjoni pprovduta fl-Artikolu 5 ma tistax tkun allokata lilu jew m'għadhiex disponibbli għalih jew li, minħabba raġunijiet li m'għandux kontroll fuqhom, ma kienx kapaċi jieħu pussess ta' l-akkomodazzjoni tiegħu għandu jkun Rimborsat l-ispejjeż tal-lukanda tiegħu u tal-familja tiegħu mal-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-lukanda, wara l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' l-awtorità tal-ħatra.

▼M112

L-uffiċjal għandu wkoll jirċievi l-benefiċċju ta' kuljum ipprovdut fl-Artikolu 10 ta' l-Anness VII, bit-tnaqqis ta' 50 %, għajr f'każijiet ta' forza maġġuri li għandhom ikunu stabbiliti mill-Awtorità tal-Ħatra.

▼M67

Fejn l-akkomodazzjoni tal-lukanda ma tistax tkun ipprovduta, l-uffiċjal għandu jkun intitolat għar-Rimborsarta' l-ispiża attwali għall-kiri ta' l-akkomodazzjoni temporanja, wara approvazzjoni minn qabel ta' l-awtorità tal-ħatra.

▼**M112**

L-Artikolu 19

L-uffiċjal li m'għandux aċċess għal karozza tal-persunal għall-ivvjaġġar fuq xogħol uffiċjali direttament konness mal-qadi tad-dmirijiet tiegħu, għandu jirċievi benefiċċju għall-mili għall-użu tal-karozza tiegħu stess. L-ammont tal-benefiċċju għandu jkun stabbilit mill-Awtorità tal-Ħatra.

▼**M67**

Artikolu 20

Uffiċjal ikun intitolat għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għall-*leave*tal-mistrieħ mill-post ta' l-impieg tiegħu għall-post awtorizzat tal-*leave*għalih innifsu u, jekk huwa intitolat għall-*allowance*tal-familja, għall-konsorti u d-dipendenti tiegħu jekk jgħixu miegħu.

Fejn l-ivvjaġġar bil-ferrovija huwa impossibbli jew mhux prattiku, ir-Rimborsar għandu jkun b'deċiżjoni speċjali mal-preżentazzjoni tal-biljetti ta' l-ajru, tkun xi tkun id-distanza.

Artikolu 21

▼**M112**

Meta uffiċjal huwa obbligat jibdel il-post tar-residenza tiegħu sabiex jimxi m' l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal meta jibda l-ħatra jew mat-trasferiment tiegħu, l-istituzzjoni, suġġetta għall-kondizzjonijiet imniżżla mill-Awtorità tal-Ħatra u skond it-tip ta' akkomodazzjoni li tista' tkun ipprovduta lilu fil-post ta' l-impieg, għandha tħallas l-ispiża ta:

(a) il-ġarr ta' parti jew l-għamara kollha tiegħu u l-effetti personali mill-lokalità tagħhom f'dak il-ħin lejn il-post ta' l-impieg u tat-trasport ta' l-effetti personali tiegħu, fil-każ li alloġġ mingħajr għamara jkun ipprovdut;

(b) it-trasport ta' l-effetti personali tiegħu u tal-ħażna ta' l-għamara tiegħu u l-effetti personali fil-każ li alloġġ bl-għamara huwa pprovdut.

▼**M67**

Fil-każ tat-tmiem tas-servizz jew mewt, l-istituzzjoni għandha, suġġetta għall-kondizzjonijiet imniżżla mil-awtorità tal-ħatra, tieħu fuqha l-ispiża attwali tal-ġarr ta' l-għamara ta' l-uffiċjal u l-effetti personali mil-lokalità f'dak il-mument għall-post ta' l-oriġini tiegħu u tat-trasport ta' l-effetti personali tiegħu mill-post ta' l-impieg għall-post ta' l-oriġini tiegħu. Ir-Rimborsar jista' jsir għal xi spejjeż minn dawn jew għal kollha.

Fil-każ tal-mewt ta' uffiċjal mhux miżżewweġ, ir-Rimborsar għandu jsir li dawk intitolati taħtu.

Artikolu 22

Il-benefiċċju ta' l-akkomodazzjoni temporanja u l-ispiża tat-trasport ta' l-effetti personali tal-konsorti u d-dipendenti tiegħu jingħataw lill-uffiċjal taħt prova mill-istituzzjoni.

F'każ li l-uffiċjal taħt prova ma jkunx stabbilit fl-aħħar tal-perjodu ta' prova, l-istituzzjoni tista' f'każijiet ta' eċċezzjoni tieħu l-passi sabiex tiġbor sa nofs dawn is-somom fuq il-bażi tad-disposizzjonijiet imniżżla mill-awtorità tal-ħatra.

▼**M131**

Artikolu 23

Abbażi ta' lista ta' pajjiżi li għandha tiġi definita mill-awtorità tal-ħatra, u fejn l-uffiċjal ma jkunx ipprovdut b'akkomodazzjoni mill-istituzzjoni, l-awtorità tal-ħatra għandha tħallas lill-uffiċjal allowance ta' akkomodazzjoni jew tirrimborżalu l-kera li jkun ħallas.

▼M131

L-allowance tal-akkomodazzjoni għandha titħallas wara li jiġi ppreżentat ftehim tal-kera sakemm l-awtorità tal-ħatra ma tneħħix dak l-obbligu għal raġunijiet ġustifikati xierqa marbuta mal-prattiki u l-kondizzjonijiet lokali fil-post tal-impjieg fil-pajjiż terz ikkonċernat. L-allowance tal-akkomodazzjoni għandha tiġi kkalkulata primarjament skont il-livell tad-dmirijiet tal-uffiċjal u sussegwentement skont il-kompożizzjoni tal-familja dipendenti tiegħu.

Il-kera għandha tiġi rimburżata, sakemm l-akkomodazzjoni tkun ġiet awtorizzata b'mod ċar mill-awtorità tal-ħatra u tikkorrispondi primarjament mal-livell tad-dmirijiet tal-uffiċjal u sussegwentement mal-kompożizzjoni tal-familja dipendenti tiegħu.

Għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu mill-awtorità tal-ħatra. L-allowance tal-akkomodazzjoni fl-ebda każ m'għandha taqbeż l-ispejjeż imġarrba mill-uffiċjal.

▼M67

Taqsima 3

BENEFIĊĊJI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

Artikolu 24

L-uffiċjal, il-konsorti tiegħu, it-tfal tiegħu, u persuni oħra dipendenti fuqu għandhom ikunu koperti mill-assigurazzjoni supplimentari kontra l-mard għad-differenza bejn l-ispiża attwalment imħallsa u l-pagamenti mill-iskema pprovduta fl-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal; l-ebda rimbrżar ma jsir taħt l-Artikolu 72(3).

Nofs il-premium għandu jitħallas mill-uffiċjal u nofs mill-istituzzjoni. Madankollu, il-kontribuzzjoni ta' l-uffiċjal m'għandhiex taqbeż il-0.6 % tas-salarju bażiku tiegħu, kull bilanċ jitħallas mill-istituzzjoni.

L-uffiċjal, il-konsorti tiegħu, it-tfal tiegħu u persuni oħra dipendenti minnu għandhom ikunu assikurati għar-ripatrijazzjoni fuq bażi ta' saħħa fil-każ ta' emerġenza jew emerġenza estrema; il-premium għandu jitħallas kollu mill-istituzzjoni.

Artikolu 25

Il-konsorti, it-tfal u persuni oħra dipendenti fuq l-uffiċjal għandhom ikunu assikurati kontra aċċidenti li jiġru barra ►M128 l-Unjoni ◄ f'pajjiżi li jidhru fuq lista adottata għal dan l-iskop mill-awtorità tal-ħatra.

Nofs il-premium għandu jitħallas mill-uffiċjal u nofs mill-istituzzjoni.

▼M112

———————

▼M131

ANNESS XI

IR-REGOLI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ARTIKOLI 64 U 65 TAR-REGOLAMENTI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU 1

L-AĠĠORNAMENT ANNWALI TAR-REMUNERAZZJONI PREVISTA FL- ARTIKOLU 65(1) TAR-REGOLAMENTI TAL-PERSUNAL

Taqsima 1

Il-fatturi li jistabbilixxu l-aġġornament ta' kull sena

Artikolu 1

1. *Rapport mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat)*

Għall-finijiet tal-aġġornament previst fl-Artikolu 65(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u fl-Artikolu 13 tal-Anness X, kull sena l-Eurostat għandu jħejji rapport qabel tmiem Ottubru dwar il-bidliet fl-għoli tal-ħajja fil-Belġju u fil-Lussemburgu, il-paritajiet ekonomiċi bejn Brussell u ċerti postijiet fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi fejn meħtieġ, u bidliet fil-kapaċità tal-akkwist tas-salarji fis-servizzi pubbliċi nazzjonali tal-gvern ċentrali.

2. *Tibdil fl-għoli tal-ħajja fil-Belġju u fil-Lussemburgu*

Il-Eurostat għandu jfassal indiċi biex jikkalkula t-tibdil fl-għoli tal-ħajja għal uffiċjali tal-Unjoni fil-Belġju u fil-Lussemburgu. Dak l-indiċi (minn hawn 'il quddiem "Indiċi Konġunt") għandu jiġi kkalkulat permezz tal-ippeżar tal-inflazzjoni nazzjonali (kif imkejla permezz tal-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur (HICP) fil-każ tal-Belġju u permezz tal-Indiċi Prezzijiet tal-Konsumatur (CPI) fil-każ tal-Lussemburgu) bejn Ġunju tas-sena ta' qabel u Ġunju tas-sena kurrentiskont id-distribuzzjoni tal-persunal li jservi f'dawk l-Istati Membri.

3. *Tibdil fl-għoli tal-ħajja barra Brussell*

(a) Il-Eurostat, bi qbil mal-istituti tal-istatistika nazzjonali jew awtoritajiet xierqa oħra fl-Istati Membri kif definit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (minn hawn 'il quddiem "istituti tal-istatistika nazzjonali jew awtoritajiet xierqa oħra fl-Istati Membri"), għandu jaħdem il-paritajiet ekonomiċi li jistabbilixxu l-ekwivalenza tal-kapaċità tal-akkwist:

(i) tas-salarji tal-uffiċjali tal-Unjoni li jaħdmu fil-kapitali tal-Istati Membri, għajr għall-Pajjiżi l-Baxxi fejn L-Aja tintuża minflok Amsterdam, u f'ċerti postijiet oħra tal-impjieg b'referenza għal Brussell,

(ii) tal-pensjonijiet tal-uffiċjali mħallsa fl-Istati Membri b'referenza għall-Belġju.

(b) Il-paritajiet ekonomiċi għandhom jirreferu għax-xahar ta' Ġunju ta' kull sena.

(c) Il-paritajiet ekonomiċi għandhom jiġu kkalkulati b'tali mod li kull komponent bażiku jkun jista' jiġi aġġornat darbtejn fis-sena u ċċekkjati minn stħarriġ dirett tal-inqas darba kull ħames snin. Il-Eurostat għandu jaġġorna l-paritajiet ekonomiċi billi juża l-bidla fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur tal-Istati Membri u l-aktar indiċijiet xierqa kif definiti mill-Grupp tal-Ħidma tal-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal imsemmija fl-Artikolu 13.

([1]) Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

▼**M131**

(d) Barra l-Belġju u l-Lussemburgu, il-bidliet fl-għoli tal-ħajja matul il-perjodu tar-referenza għandhom jitkejlu bl-indiċijiet impliċiti. Dawk l-indiċijiet jiġi kkalkulati billi l-Indiċi Konġunt jiġi mmultiplikat bil-bidla fil-parità ekonomika.

4. *Bidliet fil-kapaċità tal-akkwist tas-salarji tal-ħaddiema tas-servizz pubbliku nazzjonali fil-gvern ċentrali (indikaturi speċifiċi).*

(a) Bil-għan li jitkejjel il-perċentwal ta' bidla, jew 'il fuq jew 'l isfel, fil-kapaċità tal-akkwist tas-salarji fis-servizzi pubbliċi nazzjonali, il-Eurostat għandu, abbażi ta' informazzjoni mogħtija qabel tmiem Settembru mill-istituti nazzjonali tal-istatistika jew awtoritajiet xierqa oħrajn fl-Istati Membri, jikkalkula l-indikaturi speċifiċi li jirriflettu t-tnaqqis fir-remunerazzjoni reali tal-ħaddiema tas-servizz pubbliku ma' gvern ċentrali, bejn ix-xahar ta' Lulju tas-sena preċedenti u x-xahar ta' Lulju tas-sena kurrenti. It-tnejn għandhom jinkludu wieħed minn tnax-il-element imħallsa kull sena.

L-indikaturi speċifiċi għandu jkollhom żewġ forom:

(i) indikatur wieħed f'kull grupp ta' funzjoni kif inhuma definiti fir-Regolamenti tal-Persunal,

(ii) indikatur medju mkejjel biex jirrifletti l-għadd tal-ħaddiema tas-servizz pubbliku nazzjonali li jikkorrispondu għal kull grupp ta' funzjoni.

Kull wieħed minn dawk l-indikaturi għandu jkun stabbilit f'termini gross reali u netti reali. Għat-tranżizzjoni minn gross għal nett, għandhom ikunu kkunsidrati t-tnaqqis statutorji u l-fatturi ġenerali tat-tassazzjoni.

Sabiex jiġu stabbiliti l-indikaturi gross u netti għat-total tal-Unjoni Ewropea, il-Eurostat għandu juża kampjun magħmul mill-Istati Membri li ġejjin: il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, l-Isvezja u r-Renju Unit. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu fuq proposta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 336 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jistgħu jadottaw kampjun ġdid li jirrappreżenta mill-anqas 75 % tal-prodott domestiku gross (PGD) tal-Unjoni u li japplika mis-sena ta' wara l-adozzjoni. Ir-riżultati għal kull pajjiż għandhom jitkejlu fi proporzjon mal-aggregat tal-PDG nazzjonali xieraq imkejjel permezz tal-użu tal-paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist kif muri fl-aktar statistika reċenti, ippubblikata skont id-definizzjonijiet tal-kontijiet nazzjonali fid-definizzjonijiet fis-Sistema Ewropea tal-Kontijiet li tinsab fis-seħħ bħalissa.

(b) Fuq talba tal-Eurostat, l-istituti nazzjonali tal-istatistika jew awtoritajiet xierqa oħrajn fl-Istati Membri għandhom jagħtuh l-informazzjoni addizzjonali li jqis meħtieġa sabiex iħejji indikatur speċifiku li jkejjel bl-eżatt il-bidliet fil-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema tas-servizz pubbliku nazzjonali.

Jekk, wara aktar konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, l-istituti jew awtoritajiet xierqa oħrajn fl-Istati Membri, il-Eurostat isib anomaliji statistiċi fl-informazzjoni miksuba, jew isibha impossibbli li jħejji indikaturi li jkejlu b'reqqa statistika l-bidliet fl-introjtu reali tal-ħaddiema tas-servizz pubbliku fi Stat Membru partikolari, huwa għandu jirrapporta lill-Kummissjoni u jipprovdiha bil-materjal kollu li tkun teħtieġ biex tħejji valutazzjoni.

▼M131

(c) Minbarra l-indikaturi speċifiċi, il-Eurostat għandu jikkalkula indikaturi adegwati ta' kontroll. Indikatur wieħed ta' dan it-tip għandu jkun fil-forma ta' data dwar l-emolumenti reali per capita fil-gvern ċentrali, imħejjija skont id-definizzjonijiet tal-kontijiet nazzjonali fis-Sistema Ewropea tal-Kontijiet fis-seħħ.

Ir-rapport tal-Eurostat dwar l-indikaturi speċifiċi għandu jkun akkumpanjat minn kummenti dwar id-differenzi bejn dawk l-indikaturi u l-indikaturi ta' kontroll msemmija f'dan il-punt.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 15 ta' dan l-Anness, il-Kummissjoni għandha, regolarment, tosserva l-ħtiġijiet tar-reklutaġġ tal-istituzzjonijiet.

Taqsima 2

Arranġamenti għall-aġġornamenti annwali tar- remunerazzjoni u l-pensjonijiet

Artikolu 3

1. Skont l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal, abbażi tal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 1 ta' dan l-Anness, ir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet għandhom jiġu aġġornati qabel tmiem kull sena, b'effett mill-1 ta' Lulju.

2. L-ammont tal-aġġornament għandu jinkiseb billi l-Indiċi Konġunt jiġi mmultiplikat bl-indikatur speċifiku. L-aġġornament għandu jkun f'termini netti bħala perċentwal uniformi ġenerali.

3. L-ammont tal-aġġornament stabbilit b'dan il-mod għandu jiddaħħal, skont il-metodu li ġej, fit-tabelli tas-salarji bażiċi li jidhru fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal u fl-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal u fl-Artikoli 20, 93 u 133 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra:

(a) ir-remunerazzjoni netta u l-pensjoni netta mingħajr il-koeffiċjent tal-korrezzjoni għandhom jiżdiedu jew jitnaqqsu bl-aġġornament msemmi hawn fuq,

(b) it-tabella l-ġdida tas-salarji bażiċi għandha titħejja billi jiġi kkalkulat l-ammont gross li jikkorrispondi mal-ammont nett, wara t-tnaqqis tat-taxxa bil-qies tal-paragrafu 4 u t-tnaqqis obbligatorju tas-sigurtà soċjali u l-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni,

(c) il-konverżjoni tal-ammonti netti f'ammonti gross għandha tkun ibbażata fuq is-sitwazzjoni ta' uffiċjal mhux miżżewweġ li ma jirċevix l-allowances stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal.

4. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68, l-ammonti fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu mmultiplikati b'fattur magħmul minn:

(a) il-fattur li jirriżulta mill-aġġornament ta' qabel, u/jew

(b) ir-rata tal-aġġornament tar-remunerazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

5. L-ebda koeffiċjent tal-korrezzjoni m'huwa applikabbli fil-Belġju u fil-Lussemburgu. L-ebda koeffiċjenti tal-korrezzjoni applikabbli:

(a) għas-salarji tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li jaħdmu fl-Istati Membri l-oħra u f'ċerti postijiet tal-impjieg oħra.

▼**M131**

(b) permezz ta' deroga mill-Artikolu 82(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, għall-pensjonijiet tal-Unjoni Ewropea mħallsa fl-Istati Membri l-oħrajn għall-parti korrispondenti mad-drittijiet miksuba qabel l-1 ta' Mejju 2004,

għandhom ikunu determinati abbażi tal-proporzjon bejn il-paritajiet ekonomiċi korrispondenti msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness u r-rati tal-kambju speċifikati fl-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-pajjiżi rilevanti.

Il-proċeduri mniżżla fl-Artikolu 8 ta' dan l-Anness li jikkonċernaw l-applikazzjoni retrospettiva tal-koeffiċjenti tal-korrezzjoni f'postijiet tax-xogħol b'rata għolja ta' inflazzjoni, għandhom japplikaw.

6. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu l-aġġornament pożittiv jew negattiv korrispondenti għar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali, ta' dawk li kienu uffiċjali u persuni oħra kkonċernati b'effett retroattiv għall-perjodu bejn id-data effettiva u d-data tad-dħul fis-seħħ tal-aġġornament li jmiss.

Jekk dak l-aġġornament retroattiv ikun jeħtieġ l-irkupru ta' ammonti li tħallsu żejda, dan l-irkupru jista' jitqassam fuq perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-aġġornament li jmiss.

KAPITOLU 2

L-AĠĠORNAMENTI INTERMEDJI TAR-REMUNERAZZJONI U L-PENSJONIJIET (L-ARTIKOLU 65(2) TAR-REGOLAMENTI TAL-PERSUNAL)

Artikolu 4

1. Aġġornament intermedju tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, b'effett mill-1 ta' Jannar, għandu jiġi effettwat fl-eventwalità ta' tibdil sostanzjali fl-għoli tal-ħajja bejn Ġunju u Diċembru (b'referenza għal-limitu ta' sensittività definit fl-Artikolu 6 ta' dan l-Anness) u bil-kunsiderazzjoni dovuta għat-tbassir tal-bidla fil-kapaċità tal-akkwist matul il-perjodu annwali ta' referenza attwali.

2. Tali aġġoramenti intermedji għandhom jiġu kkunsidrati fl-aġġornament salarjali annwali.

Artikolu 5

1. F'Marzu ta' kull sena il-Eurostat għandu jbassar il-bidliet fil-kapaċità tal-akkwist tul il-perjodu kkonċernat abbażi tal-informazzjoni mogħtija fil-laqgħa stabbilita fl-Artikolu 13 ta' dan l-Anness.

Jekk dak it-tbassir jipproduċi perċentwal negattiv, nofs dak il-perċentwal għandu jkun ikkunsidrat fil-kalkolu tal-aġġustament intermedju.

2. It-tibdil fl-għoli tal-ħajja għall-Belġju u għal-Lussemburgu għandu jitkejjel bl-Indiċi Konġuntgħall-perjodu bejn Ġunju u Diċembru tas-sena kalendarja ta' qabel.

3. Għal kull post li għalih kien stabbilit koeffiċjent tal-korrezzjoni (minbarra l-Belġju u l-Lussemburgu), għandha tiġi kkalkulata stima għal Diċembru tal-paritajiet ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 1(3). Il-bidla fl-għoli tal-ħajja għandha tiġi kkalkulata skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 1(3).

Artikolu 6

1. Il-limitu ta' sensittività għall-perjodu tas-sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 5(2) ta' dan l-Anness għandu jkun il-perċentwal li jikkorrispondi għal 6 % fuq perjodu ta' 12-il xahar.

▼**M131**

2. Il-limitu għandu jiġi applikat skont il-proċedura li ġejja, soġġett għall-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) ta' dan l-Anness:

(a) jekk il-limitu minimu tas-sensittività jintlaħaq jew jinqabeż fil-Belġju u fil-Lussemburgu (kif imkejjel bl-Indiċi Konġunt bejn Ġunju u Diċembru), isir l-aġġornament tar-remunerazzjoni għall-postijiet kollha wara l-proċedura tal-aġġustament annwali,

(b) jekk il-limitu tas-sensittività ma jintlaħaqx fil-Belġju u fil-Lussemburgu, il-koeffiċjenti tal-korrezzjoni tal-postijiet fejn il-bidla fl-għoli tal-ħajja (kif imkejla bl-indiċijiet impliċiti bejn Ġunju u Diċembru) qabżu l-limitu minimu biss għandhom jiġu aġġornati.

Artikolu 7

Għall-finijiet tal-Artikolu 6 ta' dan l-Anness:

L-ammont tal-aġġornament għandu jkun l-Indiċi Konġunt immultiplikat, fejn xieraq, b'nofs l-indikatur speċifiku mbassar jekk dan ikun negattiv.

Il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni għandhom ikunu l-proporzjon bejn il-parità ekonomika rilevanti u r-rata tal-kambju stabbilita fl-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal, immultiplikat bil-valur tal-aġġornament, jekk il-limitu tal-aġġornament ma jintlaħaqx għall-Belġju u għal-Lussemburgu.

KAPITOLU 3

ID-DATA TAD-DĦUL FIS-SEĦĦ TAL-KOEFFIĊJENT TA' KORREZZJONI (POSTIJIET TAX-XOGĦOL B'ŻIEDA QAWWIJA FL-GĦOLI TAL-ĦAJJA)

Artikolu 8

1. Għall-postijiet b'żieda għolja fl-għoli tal-ħajja (kif imkejla bit-tibdil fl-indiċijiet impliċiti), il-koeffiċjent ta' korrezzjoni għandu jidħol fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar fil-każ tal-aġġornament intermedju, jew l-1 ta' Lulju fil-każ tal-aġġornament annwali. Dan biex it-telf fil-kapaċità tal-akkwist jinġieb konformi ma' dak li kien ikun f'post tax-xogħol fejn il-bidla fl-għoli tal-ħajja tkun ikkorrispondiet mal-livell ta' sensittività.

2. Id-dati effettivi għall-aġġornament annwali għandhom ikunu kif ġej:

(a) is-16 ta' Mejju għall-postijet tax-xogħol b'rata ta' inflazzjoni ogħla minn 6 %, u

(b) l-1 ta' Mejju għall-postijet tax-xogħol b'rata ta' inflazzjoni ogħla minn 10 %.

3. Id-dati effettivi għall-aġġornament intermedju għandhom ikunu kif ġej:

(a) is-16 ta' Novembru għall-postijet tax-xogħol b'rata ta' inflazzjoni ogħla minn 6 %, u

(b) l-1 ta' Novembru għall-postijet tax-xogħol b'rata ta' inflazzjoni ogħla minn 10 %.

▼M131

KAPITOLU 4

IL-ĦOLQIEN U L-IRTIRAR TAL-KOEFFIĊJENTI TA' KORREZZJONI (L- ARTIKOLU 64 TAR-REGOLAMENTI TAL-PERSUNAL)

Artikolu 9

1. L-awtoritajiet xierqa tal-Istati Membri kkonċernati, l-amministrazzjoni ta' istituzzjoni tal-Unjoni jew ir-rappreżentanti tal-uffiċjali tal-Unjoni f'post tax-xogħol partikolari jistgħu jitolbu għall-ħolqien ta' koeffiċjent ta' korrezzjoni speċifiku għal dak il-post.

Tali talba għandha tkun sostnuta b'fatturi oġġettivi li juru differenza apprezzabbli fuq għadd ta' snin fl-għoli tal-ħajja bejn dak il-post tax-xogħol u l-kapitali tal-Istat Membru kkonċernat (minbarra l-Pajjiżi l-Baxxi, fejn tintuża L-Aja minflok Amsterdam). Jekk il-Eurostat jikkonferma li d-differenza tkun waħda apprezzabbli (aktar minn 5 %) u sostenibbli, il-Kummissjoni tista' ddaħħal fis-seħħ, permezz ta atti delegati skont l-Artikoli 111 u 112 tar-Regolamenti tal-Persunal, koeffiċjent ta' korrezzjoni għal dak il-post.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 111 u 112 tar-Regolamenti tal-Persunal, li tirtira l-applikazzjoni ta' koeffiċjent ta' korrezzjoni speċifiku għal ċertu post. F'dak il-każ id-deċiżjoni għandha tkun ibbażata fuq waħda minn dawn li ġejjin:

(a) talba mill-awtoritajiet xierqa tal-Istat Membru kkonċernat, l-amministrazzjoni ta' istituzzjoni tal-Unjoni jew ir-rappreżentanti tal-uffiċjali tal-Unjoni f'post tax-xogħol partikolari, li turi li l-għoli tal-ħajja f'dak il-post ma jkunx għadu differenti b'mod sinifikanti (anqas minn 2 %) minn dak tal-kapitali tal-Istat Membru kkonċernat. Tali konverġenza għandha tkun sostenibbli u vvalidata mill-Eurostat.

(b) il-fatt li ma jkunx għad hemm xi uffiċjali jew persunal temporanju tal-Unjoni impjegati f'dak il-post.

KAPITOLU 5

IL-KLAWSOLI TA' MODERAZZJONI U TA' EĊĊEZZJONI

Artikolu 10

Il-valur tal-indikatur speċifiku użat għall-aġġornament annwali għandu jkun soġġett għal limitu masimu ta' 2 % u limitu minimu ta' – 2 %. Jekk il-valur tal-indikatur speċifiku jaqbeż il-limitu massimu jew ikun inqas mil-limitu iktar baxx, il-valur tal-limitu għandu jintuża biex jiġi kkalkulat il-valur ta' aġġornament.

L-ewwel paragrafu m'għandux japplika meta japplika l-Artikolu 11.

Il-bqija tal-aġġornament annwali li jirriżulta mid-differenza bejn il-valur ta' aġġornament ikkalkulat bl-indikatur speċifiku u l-valur ta' aġġornament ikkalkulat bil-limitu għandu japplika mill-1 ta' April tas-sena ta' wara.

Artikolu 11

1. Jekk jonqos il-PGD tal-Unjoni għas-sena attwali kif previst mill-Kummissjoni u l-indikatur speċifiku jkun pożittiv, parti biss tal-indikatur speċifiku għandha tintuża biex jiġi kkalkulat il-valur ta' aġġornament. Il-bqija tal-valur ta' aġġornament li jikkorrispondi għall-bqija tal-indikatur speċifiku għandu jiġi applikat minn data iktar tard is-sena ta' wara. Dik il-bqija tal-valur ta' aġġornament m'għandhiex titqies għall-finijiet tal-Artikolu 10. Il-valur tal-PGD tal-Unjoni, il-konsegwenzi f'termini ta' tqassim tal-indikatur speċifiku, u d-data tal-applikazzjoni huma definiti skont it-tabella ta' hawn taħt:

▼**M131**

PGD tal-Unjoni	Konsegwenzi fuq l-indikatur speċifiku	Data ta' ħlas tat-tieni parti
[– 0,1 %; – 1 %]	33 %; 67 %	l-1 ta' April tas-sena n + 1
[– 1 %; – 3 %]	0 %; 100 %	l-1 ta' April tas-sena n + 1
taħt it – 3 %	0 %	—

2. Fejn li jkun hemm diverġenza bejn it-tbassir imsemmi taħt il-paragrafu 1 u d-data finali dwar il-PGD tal-Unjoni li jsiru disponibbli mill-Kummissjoni biex b'hekk dik id-data finali tbiddel il-konsegwenzi kif stabbiliti fit-tabella taħt il-paragrafu 1, għandhom isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa, inklużi l-aġġustamenti retroattivi, pożittivi jew negattivi, skont l-istess tabella.

3. Kwalunkwe ammont ta' referenza aġġornat li jirriżulta minn korrezzjoni għandu jkun ippubblikat mill-Kummissjoni fi żmien ġimagħtejn mill-korrezzjoni fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għall-finijiet informattivi.

4. Meta l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 u 2 tikkawża nuqqas ta' suffiċjenza fil-valur tal-indikatur speċifiku għall-aġġornament tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet, dak il-valur għandu jkun il-bażi għall-kalkolu ta' aġġornament futur ladarba ż-żieda kumulattiva tal-PGD tal-Unjoni mkejla mis-sena meta ġie applikat il-paragrafu 1 u 2 issir pożittiva. Fi kwalunkwe każ, il-valur imsemmi fl-ewwel sentenza għandu jkun soġġett b'analoġija għal-limiti u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 10 ta' dan l-Anness. Għalhekk l-evoluzzjoni tal-PGD tal-Unjoni għandha titkejjel regolarment mill-Eurostat.

5. Jekk ikunu rilevanti, il-konsegwenzi ġuridiċi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 10 u dan l-Artikolu għandhom jibqgħu japplikaw bis-sħiħ anki wara d-data ta' skadenza ta' dan l-Anness kif imsemmi fl-Artikolu 15.

KAPITOLU 6

IR-RWOL TAL-EUROSTAT U R-RELAZZJONIJIET MAL-ISTITUTI TAL- ISTATISTIKA NAZZJONALI U AWTORITAJIET XIERQA OHRAJN TAL- ISTATI MEMBRI

Artikolu 12

Il-Eurostat għandu jkollu d-dmir li jissorvelja l-kwalità tad-data bażika u l-metodi statistiċi li jintużaw biex jinħadmu l-fatturi kkunsidrati għall-aġġornament tar-remunerazzjoni. B'mod partikolari, għandu jagħmel kwalunkwe valutazzjoni u jwettaq kwalunkwe studju meħtieġ għat-tali monitoraġġ.

Artikolu 13

F'Marzu ta' kull sena, il-Eurostat għandu jlaqqa' grupp ta' ħidma magħmul minn esperti mill-istituti tal-istatistika nazzjonali jew awtoritajiet xierqa oħra fl-Istati Membri li jkun magħruf bħala l-'Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal'.

F'dik il-laqgħa, għandhom jiġu eżaminati l-metodoloġija statistika u l-implimentazzjoni tagħha dwar l-indikaturi speċifiċi u tal-kontroll, l-indiċi konġunt u l-paritajiet ekonomiċi.

L-informazzjoni meħtieġa biex isir tbassir tal-bidliet fil-kapaċità tal-akkwist għall-iskopijiet tal-aġġornament intermedju tar-remunerazzjoni għandha tkun ipprovduta wkoll, flimkien mad-data dwar il-ħinijiet tax-xogħol f'dipartimenti tal-gvern ċentrali.

▼**M131**

Artikolu 14

Fuq it-talba tal-Eurostat, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Eurostat dwar kwalunkwe fattur li jkollu impatt dirett jew indirett fuq il-kompożizzjoni u l-bidliet fir-remunerazzjoni tal-ħaddiema tas-servizz pubbliku tal-gvern ċentrali.

KAPITOLU 7

DISPOŻIZZJONI FINALI U L-KLAWSOLA TA' REVIŻJONI

Artikolu 15

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness għandhom jgħoddu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2023.

2. Sal-31 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jirrigwarda l-istħarriġ imwettaq skont l-Artikolu 2 ta' dan l-Anness u għandu jivvaluta jekk, b'mod partikolari, l-andament tal-kapaċità tal-akkwist ta' remunerazzjoni u pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Unjoni hijiex konformi mal-bidliet tal-kapaċità tal-akkwist ta' salarji fis-servizzi pubbliċi nazzjonali fil-gvernijiet ċentrali. Abbażi ta' dak ir-rapport, jekk ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat proposta għal emenda ta' dan l-Anness kif ukoll tal-Artikolu 66a tar-Regolamenti tal-Persunal abbażi tal-Artikolu 336 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3. Sakemm il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jadottawx Regolament abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, dan l-Anness u l-Artikolu 66a tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom jibqgħu japplikaw fuq bażi provviżorja wara d-dati ta' skadenza stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 66a tar-Regolamenti tal-Persunal.

4. Fi tmiem l-2018, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport interim lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Anness u tal-Artikolu 66a tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M112

ANNESS XII

Regoli għall-implimentazzjoni ta' l-artikolu 83a tar-regolamenti tal-persunal

IL-KAPITOLU 1

PRINĊIPJI ĠENERALI

Artikolu 1

1. Sabiex tkun stabbilita l-kontribuzzjoni ta' l-uffiċjali lejn l-iskema tal-pensjoni riferuta fl-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, kull ħames snin li jibdew mill-2004, il-Kummissjoni għandha tagħmel eżami attwarjali fuq il-bilanċ ta' l-iskema tal-pensjoni riferuta fl-Artikolu 83a (3) tar-Regolamenti tal-Persunal. Dan l-eżami għandu jindika jekk il-kontribuzzjoni ta' l-uffiċjali hihiex biżżejjed biex tiffinanzja terz mill-ispiża taħt l-iskema tal-pensjoni.

2. Bi preparazzjoni għall-eżami riferut fl-Artikolu 83a(4) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni għandha taġġorna dan l-eżami attwarjali kull sena, wara li tikkunsidra l-bidliet fil-popolazzjoni kif definiti fl-Artikolu 9 ta' dan l-Anness, fir-rata ta' l-imgħax kif definita fl-Artikolu 10 ta' dan l-Anness ►C3 u fir-rata tal-bidla fis-sena fl-iskali tas-salarju ta' l-uffiċjali kif definita fl-Artikolu 11 ta' dan l-Anness. ◄

3. L-eżami u l-aġġornamenti għandhom isiru f'kull sena n, fuq il-bażi tal-popolazzjoni ta' membri attivi ta' l-iskema tal-pensjoni fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel (n-1).

▼M131

Artikolu 2

1. Kull aġġornament għar-rata ta' kontribuzzjoni għandu jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Lulju fl-istess ħin bħall-aġġornament annwali tar-remunerazzjoni skont l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal. L-ebda aġġornament m'għandu jwassal għal kontribuzzjoni li hija aktar minn punt perċentwali wieħed aktar jew anqas mir-rata valida tas-sena preċedenti.

2. Id-differenza stabbilita bejn l-aġġornament tar-rata tal-kontribuzzjoni li kieku kienet tirriżulta mill-kalkolu attwarjali u l-aġġornament li jirriżulta mill-varjazzjoni msemmija fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 1 m'għandha tiġi rkuprata fl-ebda waqt, jew, bħala konsegwenza, m'għandha tkun ikkunsidrata f'kalkolu attwarjali sussegwenti. Ir-rata tal-kontribuzzjoni li kieku kienet tirriżulta mill-kalkolu attwarjali għandha tissemma' fir-rapport tal-valutazzjoni pprovdut fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness.

▼M112

IL-KAPITOLU 2

EŻAMI TAL-BILANĊ ATTWARJALI

Artikolu 3

L-eżami attwarjali ta' kull ħames snin għandu jniżżel il-kondizzjonijiet tal-bilanċ billi, bħala spejjeż ta' l-iskema, il-pensjoni ta' l-irtirar kif definit fl-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-benefiċċju ta' l-invalidità kif definit fl-Artikolu 78 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-pensjonijiet għal min baqa' ħaj kif definiti fl-Artikoli 79 u 80 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼**M112**

Artikolu 4

1. Il-bilanċ attwarjali għandu jkun eżaminat fuq il-bażi tal-metodu tal-kalkolazzjoni, ippreżentat f'dan il-kapitolu.

2. Taħt dan il-metodu, "il-valur attwarjali" tad-drittijiet għall-pensjoni li qalgħu qabel id-data tal-kalkolu jirrappreżenta obbligu passat tas-servizz, filwaqt li l-valur attwarjali tad-drittijiet tal-pensjoni li se jinqala' fis-sena tas-servizz li tibda fid-data tal-kalkolu tirrappreżenta "l-ispiża tas-servizz".

3. Hemm is-supposizzjoni li l-irtirar (minbarra għall-invalidità) se jsiru f'età medja stabbilita (r). L-età medja ta' l-irtirar għandha tkun aġġornata biss fl-okkażjoni ta' l-eżami attwarjali ta' kull ħames snin riferut fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness u jista' jkun differenti għal gruppi differenti tal-persunal.

4. Biex il-valuri attwarjali jkunu stabbiliti:

(a) il-bidliet futuri fis-salarju bażiku ta' kull uffiċjal bejn id-data tal-kalkolu u l-età supposta ta' l-irtirar għandhom ikunu kkunsidrati;

(b) id-drittijiet tal-pensjoni li qalgħu qabel id-data tal-kalkolu (l-obbligu passat tas-servizz) m'għandux ikun ikkunsidrat.

5. Id-disposizzjonijiet kollha relevanti pprovduti f'dan ir-Regolamenti tal-Persunal (b'mod partikolari fl-Annessi VIII u XIII) għandhom ikunu kkunsidrati fil-valutazzjoni attwarjali ta' l-ispiża tas-servizz.

6. Proċess li jieħu ħsieb id-diffikoltajiet għandu jkun applikat biex jistabbilixxi r-rata reali ta' l-iskont u r-rata tal-bidla fi-sena fl-iskali tas-salarju ta' l-uffiċjali ►**M128** tal-Unjoni. ◄ Dan il-proċess li jieħu ħsieb id-diffikoltajiet għandu jinkiseb b'medja li tiċċaqqlaq fuq ►**M131** 30 sena ◄ għar-rata ta' l-imgħax u għaż-żieda fl-iskali tas-salarji.

Artikolu 5

1. Il-formula tal-kontribuzzjoni hija bbażata fuq l-ekwazzjoni:

$$\text{rata tal} - \text{kontribuzzjoni tas} - \text{sena n} = \text{l} - \text{ispiża tas} - \text{servizz fis} - \text{sena n/is} - \text{salarji bażiċi totali ta}' \text{ kull sena}$$

2. Il-kontribuzzjonijiet ta' l-uffiċjali għall-ispiża biex tiffinanzja l-iskema tal-pensjoni għandhom jinħadmu bħala terz tal-proporzjon bejn l-ispiża tas-servizz tas-sena kurrenti (n) għall-uffiċjali kollha li huma membri attivi fl-iskema tal-pensjoni u s-salarji bażiċi kollha ta' kull sena għall-istess popolazzjoni tal-membri attivi fl-iskema tal-pensjoni fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel (n-1).

3. L-ispiża tas-servizz għandha tkun is-somma ta':

(a) l-ispiża tas-servizz ta' l-irtirar (iddettaljata fl-Artikolu 6 ta' dan l-Anness), jiġifieri, il-valur attwarjali tad-drittijiet tal-pensjoni li se jaqilgħu matul is-sena n, inkluż il-valur tal-porzjon ta' dak il-pensjoni li jsir pagabbli lis-sieħeb li jibqa' ħaj u/jew it-tfal dipendenti mal-mewt ta' l-uffiċjal wara l-irtirar (riverżjoni);

(b) l-ispiża tas-servizz ta' l-invalidità (iddettaljata fl-Artikolu 7 ta' dan l-Anness), jiġifieri, il-valur attwarjali tad-drittijiet tal-pensjoni li se jsiru pagabbli lill-uffiċjali attivi li mistennija jsiru invalidi matul is-sena; u

▼M112

(ċ) l-ispiża tas-servizz għal min jibqa' ħaj (iddettaljata fl-Artikolu 8 ta' dan l-Anness), jiġifieri, il-valur attwarjali tad-drittijiet tal-pensjoni li se jsiru pagabbli f'isem l-uffiċjali attivi li mistennija jmutu matul is-sena n.

4. Il-valutazzjoni ta' l-ispiża tas-servizz għandha tkun ibbażata fuq id-drittijiet tal-pensjoni u fuq l-annwalitajiet xierqa, kif dettaljat fl-Artikoli 6 sa 8 ta' dan l-Anness.

Dawn l-annwalitajiet għandhom jagħtu l-valur attwarjali preżenti ta' EUR għal kull sena, wara li jikkunsidraw ir-rata ta' l-imgħax, ir-rata tat-tibdil fl-iskali tas-salarji u l-probabilità li jkun għadu ħaj fl-età ta' l-irtirar.

5. Is-somom minimi ta' l-għajxien imsemmija fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V tar-Regolamenti tal-Persunal u fl-Anness VIII għandhom ikunu kkunsidrati.

Artikolu 6

1. Sabiex jinħadem il-valur tal-pensjonijiet, id-drittijiet tal-pensjoni li qalgħu matul is-sena n għandhom jinħadmu għal kull uffiċjal attiv billi s-salarju bażiku pproġettat tiegħu meta jirtira jkunu mmoltiplikat bil-fattur applikabbli tiegħu ta' l-akkumulazzjoni.

Jekk id-drittijiet akkumulati tal-pensjoni (id-drittijiet mir-reklutaġġ, inklużi t-trasferimenti) ikkreditati lill-uffiċjal fil-31 ta' Diċembru tas-sena n-1 huma mill-anqas 70 %, huwa jitqies li ma akkwistax xi dritt għall-pensjoni matul is-sena n.

2. Is-Salarju bażiku Pproġettat (PS) meta jirtira għandu jinħadem, jibda bis-salarju bażiku fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel u jikkunsidra r-rata taż-żieda fis-sena fl-iskali tas-salarji u r-rata stmata ta' kull sena taż-żieda dovuta għas-senjorità u l-promozzjonijiet kif ġej:

$$PS = SAL \times (1 + GSG + ISP)^{m}$$

fejn:

SAL = salarju preżenti

GSG = ir-rata stmata ta' kull sena tat-Tkabbir Ġenerali fis-Salarju, (ir-rata tal-bidla ta' kull sena fl-iskali tas-salarji)

ISP = ir-rata stmata ta' kull sena taż-Żieda dovuta għas-Senjorità u l-Promozzjonijiet

m = id-differenza bejn l-età supposta ta' l-irtirar (r) u l-età preżenti ta' l-uffiċjal (x)

Peress li l-kalkoli għandhom isiru f'termini reali, imnaqqsa mill-inflazzjoni, ir-rata tat-tibdil fis-sena fl-iskali tas-salarji u r-rata fis-sena taż-żieda dovuta għas-senjorità u l-promozzjonijiet għandha tkun rati ta' żidiet, imnaqqsa mill-inflazzjoni.

3. Fuq il-bażi tal-kalkolu tad-drittijiet tal-pensjoni li qala' ċertu uffiċjal, il-valur attwarjali ta' dawk id-drittijiet tal-pensjoni (u tal-pensjoni tar-riverżjoni konnessi magħhom) għandhom jinħadmu billi d-drittijiet tal-pensjonijiet ta' kull sena kif definiti hawn fuq bis-somma ta':

▼**M112**

(a) annwalitċa differita immedjata fl-età ta' x, differita b' m snin:

$$ {}_{m|}\alpha_{x} = \sum_{k=m+1}^{\omega - x+1} \left(\frac{1}{1+\tau}\right)^{k-0.5} \times {}_{k}p_{x} \times (1 + GSG)^{k-m-0.5} $$

fejn:

x = l-età ta' l-uffiċjal fil-31 ta' Diċembru tas-sena n-1

τ = ir-rata ta' l-imgħax

${}_{k}p_{x}$ = il-probabilità ta' persuna ta' l-età ta' x li tibqa' ħajja f'k snin

m = id-differenza bejn l-età supposta ta' l-irtirar (r) u l-età preżenti ta' l-uffiċjal (x)

GSG = ir-rata stmata ta' kull sena tat-Tkabbir Ġenerali fis-Salarju, (ir-rata tal-bidla ta' kull sena fl-iskali tas-salarji)

ω = l-ogħla livell tat-tabella tal-mortalità;

u

(b) annwalità differita immedjata tar-riverżjoni fl-etajiet ta' x u y, fejn y hija l-età supposta tas-sieħeb. Din l-annwalità ta' l-aħħar għandha tkun immoltiplikata bil-probabilità li l-uffiċjal jiżżewweġ u bir-rata applikabbli tar-riverżjoni stabbilita skond l-Anness VIII:

$$ {}_{m|}\alpha_{xy} = \sum_{k=m+1}^{\omega - x+1} \left(\frac{1}{1+\tau}\right)^{k-0.5} \times {}_{k}p_{y} \times (1 - {}_{k}p_{x}) \times (1 + GSG)^{k-m-0.5} $$

fejn:

x = l-età ta' l-uffiċjal fil-31 ta' Diċembru tas-sena n-1

y = l-età tas-sieħeb ta' l-uffiċjal fil-31 ta' Diċembru tas-sena n-1

τ = ir-rata ta' l-imgħax

${}_{k}p_{x}$ = il-probabilità ta' uffiċjal ta' l-età ta' x li jibqa' ħaj f'k snin

${}_{k}p_{y}$ = il-probabilità ta' persuna ta' l-età ta' y (is-sieħeb ta' l-uffiċjal ta' l-età ta' x) li tibqa' ħajja f'k snin

m = id-differenza bejn l-età supposta ta' l-irtirar (r) u l-età preżenti ta' l-uffiċjal (x)

▼**M112**

GSG = ir-rata stmata ta' kull sena tat-Tkabbir Ġenerali fis-Salarju, (ir-rata tal-bidla ta' kull sena fl-iskali tas-salarji)

ω = l-ogħla livell tat-tabella tal-mortalità

4. Il-kalkolu ta' l-ispiża tas-servizz ta' l-irtirar għandu jikkunsidra:

(a) l-inċentiv li jakkumula ta' l-uffiċjali li jibqgħu fis-servizz wara ż-żmien tal-pensjoni;

(b) il-koeffiċjent tat-tnaqqis għall-uffiċjali li jitilqgħu mis-servizz qabel l-età tal-pensjoni.

Artikolu 7

1. Sabiex jinħadem il-valur tal-benefiċċji ta' l-invalidità, in-numru tat-tali benefiċċji li mistennija jsiru pagabbli matul is-sena n għandu jitkejjel billi, għal kull uffiċjal attiv, tkun applikata l-probabilità li jista' jsir invalidu matul is-sena. Dik il-probabilità għandha mbagħad tkun immoltiplikata bl-ammont fis-sena tal-benefiċċji ta' l-invalidità li għalihom l-uffiċjal għandu jsir intitolat.

2. Biex jinħadem il-valur attwarjali tal-benefiċċji ta' l-invalidità, li l-ewwel isir pagabbli fis-sena n, l-annwalitajiet li ġejjin għandhom jintużaw:

(a) annwalità temporanja immedjata fl-età ta' x:

$$\alpha_x = \sum_{k=1}^{m} \left(\frac{1}{1+\tau}\right)^{k-0.5} \times {}_kp_x \times (1 + GSG)^{k-0.5}$$

fejn:

x = età ta' l-uffiċjal fil-31 ta' Diċembru tas-sena n-1

τ = ir-rata ta' l-imgħax

${}_kp_x$ = il-probabilità ta' persuna ta' l-età ta' x li tibqa' ħajja f'k snin

m = id-differenza bejn l-età supposta ta' l-irtirar (r) u l-età preżenti ta' l-uffiċjal (x)

GSG = ir-rata stmata ta' kull sena tat-Tkabbir Ġenerali fis-Salarju, (ir-rata tal-bidla ta' kull sena fl-iskali tas-salarji),

(b) annwalità immedjata tar-riverżjoni. Din l-annwalità ta' l-aħħar għandha tkun immoltiplikata bil-probabilità li l-uffiċjal jiżżewweġ u bir-rata applikabbli tar-riverżjoni:

▼**M112**

$$\alpha_{xy} = \sum_{k=1}^{m} \left(\frac{1}{1+\tau}\right)^{k-0.5} \times {}_{k}p_{y} \times (1 - {}_{k}p_{x}) \times (1 + GSG)^{k-0.5}$$

fejn:

x = l-età ta' l-uffiċjal fil-31 ta' Diċembru tas-sena n-1

y = l-età tas-sieħeb ta' l-uffiċjal fil-31 ta' Diċembru tas-sena n-1

τ = ir-rata ta' l-imgħax

${}_{k}p_{x}$ = il-probabilità ta' persuna ta' l-età ta' x li tibqa' ħajja f'k snin

${}_{k}p_{y}$ = il-probabilità ta' persuna ta' l-età ta' y (is-sieħeb tal-persuna ta' l-età ta' x) li tibqa' ħajja f'k snin

m = id-differenza bejn l-età supposta ta' l-irtirar (r) u l-età preżenti ta' l-uffiċjal (x)

GSG = ir-rata stmata ta' kull sena tat-Tkabbir Ġenerali fis-Salarju, (ir-rata tal-bidla ta' kull sena fl-iskali tas-salarji).

Artikolu 8

1. Il-valur tad-drittijiet għall-pensjonijiet li jsiru pagabbli lil min jibqa' ħaj matul is-sena n għandu jitkejjel billi, għal kull uffiċjal attiv, tkun applikata l-probabilità li jista' jmut matul is-sena. Dik il-probabilità għandha mbagħad tkun immoltiplikata bl-ammont fis-sena tal-pensjoni tas-sieħeb li se ssir pagabbli fis-sena kurrenti. Il-kalkolu għandu jikkunsidra l-pensjonijiet possibbli ta' l-orfni li jistgħu jsiru pagabbli.

2. Biex jinħadem il-valur attwarjali tad-drittijiet tal-pensjoni li se jsiru pagabbli lil min jibqa' ħaj matul is-sena n, annwalità immedjata għandha tintuża. Din l-annwalità għandha tkun immoltiplikata bil-probabilità li l-uffiċjal jiżżewweġ:

$$\alpha_{y} = \sum_{k=1}^{\omega - y + 1} \left(\frac{1}{1+\tau}\right)^{k-0.5} \times {}_{k}p_{y} \times (1 + GSG)^{k-0.5}$$

fejn:

y = l-età tas-sieħeb ta' l-uffiċjal fil-31 ta' Diċembru tas-sena n-1

τ = ir-rata ta' l-imgħax

${}_{k}p_{y}$ = il-probabilità ta' persuna ta' l-età ta' y (is-sieħeb tal-persuna ta' l-età ta' x) li tibqa' ħajja f'k snin

GSG = rata stmata ta' kull sena tat-Tkabbir Ġenerali fis-Salarju, (ir-rata tal-bidla ta' kull sena fl-iskali tas-salarji)

ω = l-ogħla livell tat-tabella tal-mortalità.

▼**M112**

IL-KAPITOLU 3

SISTEMA TA' KOMPUTAZZJONI

Artikolu 9

1. Il-parametri demografiċi li għandhom ikunu kkunsidrati għall-istimi attwarjali għandhom ikunu bbażati fuq l-osservazzjoni tal-popolazzjoni tal-parteċipanti fl-iskema, magħmula minn persunal f'servizz attiv u pensjonanti. Din l-informazzjoni għandha tinġabar kull sena mill-Kummisjonili tuża l-informazzjoni li tirċievi mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji differenti li l-persunal tagħhom huma membri ta' l-iskema.

Mill-osservazzjoni ta' din il-popolazzjoni, jinħarġu konklużjonijiet, b'mod partikolari, dwar l-istruttura tal-popolazzjoni, l-età medja ta' l-irtirar u t-tabella ta' l-invaliditá.

2. It-tabella tal-mortalità għandha tirrelata għal popolazzjoni li għandha l-karatteristiċi viċin kemm jista' jkun għal dawk tal-popolazzjoni tal-membri ta' l-iskema. Tkun aġġornata biss fl-okkażjoni ta' l-eżami attwarjali ta' kull ħames snin riferut fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness.

Artikolu 10

1. Ir-rati ta' l-imgħax li għandhom ikunu kkunsidrati għall-kalkoli attwarjali għandhom ikunu bbażati fuq ir-rati osservati medji ta' l-imgħax fis-sena dwar is-self pubbliku fit-tul ta' l-Istati Membri kif ippubblikati mill-Kummissjoni. Indiċi xieraq tal-prezz ta' l-għajxien għandu jintuża biex tinħadem ir-rata ta' l-imgħax li tikkorrospondi, imnaqqsa bl-inflazzjoni, kif meħtieġa għall-kalkoli attwarjali.

2. Ir-rata effettiva ta' l-imgħax fis-sena li għandha tkun ikkunsidrata għall-kalkoli attwarjali għandha tkun il-medja tar-rati reali medji ta' l-imgħax għat-tnax-il xahar ta' qabel is-sena kurrenti.

Artikolu 11

1. It-tibdil fis-sena fl-iskali tas-salarji ta' l-uffiċjali li għandu jkun ikkunsidrat għall-kalkoli attwarjali għandu jkun ibbażat fuq l-indikaturi speċifiċi riferuti fl-Artikolu 1(4) ta' l-Annes XI.

2. Ir-rata effettiva ta' l-imgħax fis-sena li għandha tkun ikkunsidrata għall-kalkoli attwarjali għandha tkun il-medja ta' l-indikaturi speċifiċi netti għall-Unjoni Ewropea għax għat-tnax-il xahar ta' qabel is-sena kurrenti.

▼**M131**

Artikolu 11a

Sal-2020, għall-applikazzjoni tal-Artikoli 4(6), 10(2) u 11(2) ta' dan l-Anness, il-medja varjabbli għandha tiġi kkalkulata abbażi taż-żminijiet li ġejjin:

Fl

Fl-2014 – 16-il sena

Fl-2015 – 18-il sena

Fl-2016 – 20 sena

Fl-2017 – 22 sena

Fl-2018 – 24 sena

Fl-2019 – 26 sena

Fl-2020 – 28 sena

▼**M131**

Artikolu 12

Ir-rata fl-Artikoli 4 u 8 tal-Anness VIII għall-kalkolu tal-imgħax kompost għandha tkun ir-rata effettiva msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan l-Anness u, jekk meħtieġ, għandha tkun aġġornata fil-każ tal-valutazzjonijiet attwarji ta' kull ħames snin.

Fir-rigward ta' dak l-aġġornament, ir-rata msemmija fl-Artikoli 4 u 8 tal-Annesss VIII għandha tiġi mifhuma bħala rata ta' referenza. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-pubblikazzjoni tar-rata effettiva aġġornata fi żmien ġimagħtejn wara l-aġġornament fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għall-finijiet informattivi.

▼**M112**

IL-KAPITOLU 4

IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 13

1. Il-Eurostat għandha tkun l-awtorità responsabbli mill-implimentazzjoni teknika ta' dan l-Anness.

2. Il-Eurostat għandha tkun assistita minn espert ikkwalifikat indipendenti wieħed jew aktar biex twettaq l-istimi attwarjali riferuti fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness. Il-Eurostat għandha tipprovdi t-tali esperti, b'mod partikolari, bil-parametri riferuti fl-Artikoli 9 sa 11 ta' dan l-Anness.

3. Kull sena fl-1 ta' Settembru, il-Eurostat għandha tibgħat rapport dwar l-istimi u l-aġġornamenti riferuti fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness.

4. Il-Eurostat tieħu ħieb kull mistoqsija dwar il-metodoloġija li titqajjem bl-implimentazzjoni ta' dan l-Anness, bil-koperazzjoni ta' l-esperti nazzjonali mid-dipartimenti relevanti ta' l-Istati Membri u l-espert jew esperti indipendenti kkwalifikati. Il-Eurostat għandha ssejjaħ laqgħa ta' dan il-grupp għal dak l-iskop mill-anqas kull sena. Iżda, il-Eurostat tista' ssejjaħ laqgħat aktar frekwenti jekk thoss li hemm il-bżonn.

IL-KAPITOLU 5

IL-KLAWŻOLA TAR-REVIŻJONI

▼**M131**

Artikolu 14

1. Fl-2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jkun dwar l-implikazzjonijiet baġitarji ta' dan l-Anness u għandu jivvaluta l-bilanċ attwarjali tas-sistema tal-pensjonijiet. Abbażi ta' dak ir-rapport, jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta li temenda dan l-Anness.

2. Fl-2018, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport interim lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Anness.

▼**M112**

L-ANNESS XIII

Miżuri transitorji applikabbli għall-uffiċjali ►M128 tal-Unjoni ◄

(L-Artikolu 107a tar-Regolamenti tal-Persunal)

Taqsima 1

Artikolu 1

1. Għall-perjodu mill-1 ta' Mejju 2004 sat-30 t'April 2006 l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament tal-Persunal huma mibdula b'dan li ġej:

"1. Il-postijiet koperti mir-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu kklassifikati, skond in-natura u l-importanza tad-dmirijiet li għalihom jirrelataw, f'erba' kategoriji, A, B, Ċ u D, f'ordni nieżla tal-kariga.

2. Il-kategorija A jkun fiha tnax-il grad, il-kategorija B ikun fiha disa' gradi, il-kategorija Ċ ikun fiha seba' gradi, u l-kategorija D ikun fiha ħames gradi.'".

2. Kull riferenza għad-data tar-reklutaġġ għandha titqies li tirreferi għad-data tad-dħul fis-seħħ.

Artikolu 2

1. Fl-1 ta' Mejju 2004, u suġġetti għall-Artikolu 8 ta' dan l-Anness, il-gradi ta' l-uffiċjali li għandhom wieħed mill-istati amministrattivi ppreżentati fl-Artikolu 35 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom jingħataw isem mill-ġdid kif ġej:

Grad ta' qabel	Grad il-ġdid (intermedju)	Grad ta' qabel	Grad il-ġdid (intermedju)	Grad ta' qabel	Grad il-ġdid (intermedju)	Grad ta' qabel	Grad il-ġdid (intermedju)
A1	A*16						
A2	A*15						
A3/LA3	A*14						
A4/LA4	A*12						
A5/LA5	A*11						
A6/LA6	A*10	B1	B*10				
A7/LA7	A*8	B2	B*8				
A8/LA8	A*7	B3	B*7	C1	C*6		
		B4	B*6	C2	C*5		
		B5	B*5	C3	C*4	D1	D*4
				C4	C*3	D2	D*3
				C5	C*2	D3	D*2
						D4	D*1

2. Suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 ta' dan l-Anness, is-salarji bażiċi ta' kull xahar huma stabbiliti għal kull grad u skala kif provdut fit-tabella li ġejja (f'euro):

▼M112

Category A (1) (2)									
Former grades	New intermediate grade	1	2	3	4	5	6	7	8
A1	**A*16**	**14 822,86**	**15 445,74**	**16 094,79**	**16 094,79**	**16 094,79**	**16 094,79**		
		12 717,09	*13 392,63*	*14 068,17*	*14 743,71*	*15 419,25*	*16 094,79*		
		0,8579377	0,8670760	0,8740822	0,9160548	0,9580274	1,0		
A2	**A*15**	**13 100,93**	**13 651,45**	**14 225,11**	**14 620,87**	**14 822,86**	**15 445,74**		
		11 285,38	*11 930,01*	*12 574,64*	*13 219,27*	*13 863,90*	*14 508,53*		
		0,8614182	0,8739006	0,8839749	0,9041370	0,9353053	0,9393224		
A3	**A*14**	**11 579,04**	**12 065,60**	**12 572,62**	**12 922,41**	**13 100,93**	**13 651,45**	**14 225,11**	**14 822,86**
		9 346,34	*9 910,20*	*10 474,06*	*11 037,92*	*11 601,78*	*12 165,64*	*12 729,50*	*13 293,36*
		0,8071775	0,8213599	0,8330849	0,8541688	0,8855692	0,8911610	0,8948613	0,8968148
	A*13	**10 233,93**	**10 663,98**	**11 112,09**	**11 421,25**	**11 579,04**			
A4	**A*12**	**9 045,09**	**9 425,17**	**9 821,23**	**10 094,47**	**10 233,93**	**10 663,98**	**11 112,09**	**11 579,04**
		7 851,92	*8 292,03*	*8 732,14*	*9 172,25*	*9 612,36*	*10 052,47*	*10 492,58*	*10 932,69*
		0,8680864	0,8797751	0,8891086	0,9086411	0,9392638	0,9426565	0,9442490	0,9441793
A5	**A*11**	**7 994,35**	**8 330,28**	**8 680,33**	**8 921,83**	**9 045,09**	**9 425,17**	**9 821,23**	**10 233,93**
		6 473,51	*6 857,02*	*7 240,53*	*7 624,04*	*8 007,55*	*8 391,06*	*8 774,57*	*9 158,08*
		0,8097606	0,8231440	0,8341307	0,8545377	0,8852925	0,8902821	0,8934288	0,8948742
A6	**A*10**	**7 065,67**	**7 362,57**	**7 671,96**	**7 885,41**	**7 994,35**	**8 330,28**	**8 680,33**	**9 045,09**
		5 594,32	*5 899,56*	*6 204,80*	*6 510,04*	*6 815,28*	*7 120,52*	*7 425,76*	*7 731,00*
		0,7917607	0,8012909	0,8087633	0,8255804	0,8525121	0,8547756	0,8554698	0,8547179
	A*9	**6 244,87**	**6 507,29**	**6 780,73**	**6 969,38**	**7 065,67**			
A7	**A*8**	**5 519,42**	**5 751,35**	**5 993,03**	**6 159,77**	**6 244,87**	**6 507,29**		
		4 815,59	*5 055,21*	*5 294,83*	*5 534,45*	*5 774,07*	*6 013,69*		
		0,8724812	0,8789606	0,8834980	0,8984832	0,9246101	0,9241466		

▼M112

Category A (1) (2)									
Former grades	New intermediate grade	1	2	3	4	5	6	7	8
A8	**A*7**	**4 878,24**	**5 083,24**	**5 296,84**	**5 444,21**	**5 519,42**			
		4 258,95	*4 430,71*						
		0,8730505	0,8716311						
	A*6	**4 311,55**	**4 492,73**	**4 681,52**	**4 811,77**	**4 878,24**			
	A*5	**3 810,69**	**3 970,82**	**4 137,68**	**4 252,80**	**4 311,55**			

(1) Il-figuri korsivi fit-tabelli jirreferu għas-salarji ta' qabel kif ippreżentati fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal qabel l-1 ta' Mejju 2004. Huma inklużi f'dawn it-tabelli għal raġunijiet ta' spjegazzjoni biss u m'għandhomx xi implikazzjoni legali.

(2) Il-figura fit-tielet linja li tikkorrospondi għal kull skala hija l-koeffiċjent li jirrappreżenta l-proporzjoni bejn is-salarju bażiku qabel u wara l-1 ta' Mejju 2004.

▼M112

Category B (1) (2)									
Former grades	New intermediate grade	1	2	3	4	5	6	7	8
	B*11	**7 994,35**	**8 330,28**	**8 680,33**	**8 921,83**	**9 045,09**			
B1	**B*10**	**7 065,67**	**7 362,57**	**7 671,96**	**7 885,41**	**7 994,35**	**8 330,28**	**8 680,33**	**9 045,09**
		5 594,32	*5 899,56*	*6 204,80*	*6 510,04*	*6 815,28*	*7 120,52*	*7 425,76*	*7 731,00*
		0,7917607	0,8012909	0,8087633	0,8255804	0,8525121	0,8547756	0,8554698	0,8547179
	B*9	**6 244,87**	**6 507,29**	**6 780,73**	**6 969,38**	**7 065,67**			
B2	**B*8**	**5 519,42**	**5 751,35**	**5 993,03**	**6 159,77**	**6 244,87**	**6 507,29**	**6 780,73**	**7 065,67**
		4 847,05	*5 074,29*	*5 301,53*	*5 528,77*	*5 756,01*	*5 983,25*	*6 210,49*	*6 437,73*
		0,8781810	0,8822781	0,8846160	0,8975611	0,9217181	0,9194688	0,9159029	0,9111280
B3	**B*7**	**4 878,24**	**5 083,24**	**5 296,84**	**5 444,21**	**5 519,42**	**5 751,35**	**5 993,03**	**6 244,87**
		4 065,67	*4 254,62*	*4 443,57*	*4 632,52*	*4 821,47*	*5 010,42*	*5 199,37*	*5 388,32*
		0,8334297	0,8369898	0,8389096	0,8509077	0,8735465	0,8711729	0,8675695	0,8628394
B4	**B*6**	**4 311,55**	**4 492,73**	**4 681,52**	**4 811,77**	**4 878,24**	**5 083,24**	**5 296,84**	**5 519,42**
		3 516,44	*3 680,31*	*3 844,18*	*4 008,05*	*4 171,92*	*4 335,79*	*4 499,66*	*4 663,53*
		0,8155860	0,8191701	0,8211393	0,8329679	0,8552101	0,8529580	0,8494989	0,8449312
B5	**B*5**	**3 810,69**	**3 970,82**	**4 137,68**	**4 252,80**	**4 311,55**	**4 492,73**	**4 681,52**	**4 878,24**
		3 143,24	*3 275,85*	*3 408,46*	*3 541,07*	*3 673,68*	*3 806,29*	*3 938,90*	*4 071,51*
		0,8248480	0,8249807	0,8237611	0,8326444	0,8520555	0,8472109	0,8413720	0,8346268
	B*4	**3 368,02**	**3 509,54**	**3 657,02**	**3 758,76**	**3 810,69**			
	B*3	**2 976,76**	**3 101,85**	**3 232,19**	**3 322,12**	**3 368,02**			

(1) Il-figuri korsivi fit-tabelli jirreferu għas-salarji ta' qabel kif ippreżentati fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal qabel l-1 ta' Mejju 2004. Huma inklużi f'dawn it-tabelli għal raġunijiet ta' spjegazzjoni biss u m'għandhomx xi implikazzjoni legali.

(2) Il-figura fit-tielet linja li tikkorrospondi għal kull skala hija l-koeffiċjent li jirrappreżenta l-proporzjoni bejn is-salarju bażiku qabel u wara l-1 ta' Mejju 2004.

▼M112

Category C (1) (2)									
Former grades	New intermediate grade	1	2	3	4	5	6	7	8
	C*7	**4 878,24**	**5 083,24**	**5 296,84**	**5 444,21**	**5 519,42**			
C1	**C*6**	**4 311,55**	**4 492,73**	**4 681,52**	**4 811,77**	**4 878,24**	**5 083,24**	**5 296,84**	**5 519,42**
		3 586,63	*3 731,26*	*3 875,89*	*4 020,52*	*4 165,15*	*4 309,78*	*4 454,41*	*4 599,04*
		0,8318656	0,8305106	0,8279127	0,8355595	0,8538223	0,8478411	0,8409561	0,8332470
C2	**C*5**	**3 810,69**	**3 970,82**	**4 137,68**	**4 252,80**	**4 311,55**	**4 492,73**	**4 681,52**	**4 878,24**
		3 119,61	*3 252,15*	*3 384,69*	*3 517,23*	*3 649,77*	*3 782,31*	*3 914,85*	*4 047,39*
		0,8186470	0,8190122	0,8180164	0,8270387	0,8465100	0,8418734	0,8362348	0,8296824
C3	**C*4**	**3 368,02**	**3 509,54**	**3 657,02**	**3 758,76**	**3 810,69**	**3 970,82**	**4 137,68**	**4 311,55**
		2 910,01	*3 023,56*	*3 137,11*	*3 250,66*	*3 364,21*	*3 477,76*	*3 591,31*	*3 704,86*
		0,8640121	0,8615260	0,8578323	0,8648224	0,8828349	0,8758292	0,8679526	0,8592873
C4	**C*3**	**2 976,76**	**3 101,85**	**3 232,19**	**3 322,12**	**3 368,02**	**3 509,54**	**3 657,02**	**3 810,69**
		2 629,42	*2 735,93*	*2 842,44*	*2 948,95*	*3 055,46*	*3 161,97*	*3 268,48*	*3 374,99*
		0,8833161	0,8820317	0,8794161	0,8876711	0,9071977	0,9009642	0,8937550	0,8856638
C5	**C*2**	**2 630,96**	**2 741,52**	**2 856,72**	**2 936,20**	**2 976,76**			
		2 424,48	*2 523,83*	*2 623,18*	*2 722,53*				
		0,9215191	0,9205951	0,9182489	0,9272291				
	C*1	**2 325,33**	**2 423,04**	**2 524,86**	**2 595,11**	**2 630,96**			

(1) Il-figuri korsivi fit-tabelli jirreferu għas-salarji ta' qabel kif ippreżentati fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal qabel l-1 ta' Mejju 2004. Huma inklużi f'dawn it-tabelli għal raġunijiet ta' spjegazzjoni biss u m'għandhomx xi implikazzjoni legali.

(2) Il-figura fit-tielet linja li tikkorrospondi għal kull skala hija l-koeffiċjent li jirrappreżenta l-proporzjoni bejn is-salarju bażiku qabel u wara l-1 ta' Mejju 2004.

▼M112

Category D (1) (2)									
Former grades	New interme-diate grade	1	2	3	4	5	6	7	8
	D*5	**3 810,69**	**3 970,82**	**4 137,68**	**4 252,8**	**4 311,55**			
D1	**D*4**	**3 368,02**	**3 509,54**	**3 657,02**	**3 758,76**	**3 810,69**	**3 970,82**	**4 137,68**	**4 311,55**
		2 740,03	*2 859,83*	*2 979,63*	*3 099,43*	*3 219,23*	*3 339,03*	*3 458,83*	*3 578,63*
		0,8135433	0,8148732	0,8147699	0,8245884	0,8447893	0,8408918	0,8359346	0,8300101
D2	**D*3**	**2 976,76**	**3 101,85**	**3 232,19**	**3 322,12**	**3 368,02**	**3 509,54**	**3 657,02**	**3 810,69**
		2 498,38	*2 604,79*	*2 711,20*	*2 817,61*	*2 924,02*	*3 030,43*	*3 136,84*	*3 243,25*
		0,8392951	0,8397537	0,8388121	0,8481361	0,8681718	0,8634835	0,8577585	0,8510926
D3	**D*2**	**2 630,96**	**2 741,52**	**2 856,72**	**2 936,20**	**2 976,76**	**3 101,85**	**3 232,19**	**3 368,02**
		2 325,33	*2 424,85*	*2 524,37*	*2 623,89*	*2 723,41*	*2 822,93*	*2 922,45*	*3 021,97*
		0,8838333	0,8844911	0,8836603	0,8936346	0,9148907	0,9100795	0,9041702	0,8972542
D4	**D*1**	**2 325,33**	**2 423,04**	**2 524,86**	**2 595,11**		**2 630,96**		
		2 192,47	*2 282,38*	*2 372,29*	*2 462,20*				
		0,9428640	0,9419476	0,9395718	0,9487849				

(1) Il-figuri korsivi fit-tabelli jirreferu għas-salarji ta' qabel kif ippreżentati fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal qabel l-1 ta' Mejju 2004. Huma inklużi f'dawn it-tabelli għal raġunijiet ta' spjegazzjoni biss u m'għandhomx xi implikazzjoni legali.

(2) Il-figura fit-tielet linja li tikkorrospondi għal kull skala hija l-koeffiċjent li jirrappreżenta l-proporzjoni bejn is-salarju bażiku qabel u wara l-1 ta' Mejju 2004.

▼**M112**

3. Is-salarji għall-gradi intermedji ġodda għandhom jintużaw bħala l-ammont applikabbli fis-sens ta' l-Artikolu 7 ta' dan l-Anness.

Artikolu 3

L-iskala li qiegħed fiha uffiċjal u s-senjorità akkwistati fil-grad u l-iskala m'għandhomx ikunu affettwati mill-proċedura deskritta fl-Artikolu 2(1) ta' dan l-Anness. Is-salarji għandhom ikunu stabbiliti skond l-Artikolu 7 ta' dan l-Anness.

Artikolu 4

Għall-iskopjiet ta' dawn id-disposizzjonijiet u għall-perjodu speċifikat fis-sentenza tad-dħul ta' l-Artikolu 1 ta' dan l-Anness:

(a) il-kliem “grupp tal-funzjoni” għandu jinbidel bi “kategorija”:

(i) fir-Regolamenti tal-Persunal fi:

— L-Artikolu 5(5),

— L-Artikolu 6(2),

— L-Artikolu 7(2),

— L-Artikolu 31(2),

— it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 32,

— L-Artikolu 39, punt (f),

— L-Artikolu 40(4),

— L-Artikolu 41(3),

— l-Artikolu 51(1), (5), (8), u (9),

— l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 78;

(ii) fl-Anness II tar-Regolamenti tal-Persunal fir-raba' paragrafu fl-Artikolu 1;

(iii) fl-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal fi:

— L-Artikolu 1(1), punt (ċ),

— ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 3;

(iv) fl-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal fi:

— L-Artikolu 4,

— L-Artikolu 7(1), punti (f) u (g);

▼**M112**

(b) il-kliem “grupp tal-funzjoni ta' l-AD” għandu jinbidel bi “kategorija A*”:

(i) fir-Regolamenti tal-Persunal fi:

— L-Artikolu 5(3), punt (ċ);

— it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 48;

— it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 56;

(ii) fl-Anness II tar-Regolamenti tal-Persunal fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 10;

(ċ) il-kliem “grupp tal-funzjoni ta' l-AST” għandu jinbidel bi “kategorija B*, C* u D*”:

(i) fir-Regolamenti tal-Persunal fi:

— it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 43;

— it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 48;

(ii) fl-Anness VI tar-Regolamenti tal-Persunal fl-Artikoli 1 u 3;

(d) il-kliem “il-gradi AST 1 sa AST 4” jinbidel bi “kategoriji Ċ* u D* gradi 1 sa 4” fir-Regolamenti tal-Persunal fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 56;

(e) fl-Artikolu 5(3)(a) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-kliem “grupp tal-funzjoni ta' l-AST” jinbidel bi “kategoriji B* u Ċ *”;

(f) L-Artikolu 29(4) tar-Regolament tal-Persunal jinbidel bi: “Il-Parlament Ewropew għandu jorganizza mill-anqas kompetizzjoni waħda għall-kategorija Ċ*, B* u A* qabel l-1 ta' Mejju 2006”;

(g) fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal il-kliem “funzjoni ta' l-amministratur” jinbidel bi “funzjoni fl-ogħla kategorija li jmiss”;

(g) fl-Artikolu 45a(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-kliem “grupp tal-funzjoni ta' l-AST jista'” jinbidel bi “kategorija B* tista'” u l-kliem “grupp tal-funzjoni ta' l-AD” jinbidel bi “posizzjoni fil-kategorija A*”;

(i) fl-Artikolu 46 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-kliem “AD 9 sa AD 14” jinbidlu bi “AD *9 sa A *14”.;

(h) fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 29 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-kliem “il-gradi AD 9 jew AD15” jinbidel bi “il-gradi A*16 jew A*15” u l-kliem “il-gradi AD15 jew 14” bi “il-gradi A*15 jew A*14”;

▼**M112**

(k) fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 12 ta' l-Anness II tar-Regolamenti tal-Persunal, il-kliem “AD 14” jinbidel bi “A *14”;

(l) fl-Artikolu 4 ta' l-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal:

(i) fil-paragrafu 2, il-kliem “AD 13” jinbidel bi “A*13”;

(ii) fil-paragrafu 3, il-kliem “AD 14” jinbidel bi “A*14 jew ogħla” u l-kliem “AD16 jew AD15” bi “A*16 jew A*15”;

(iii) fil-paragrafu 4, il-kliem “AD 16” jinbidel bi “A*16” u l-kliem “AD15” bi “A*15”;

(m) fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-kliem “Mill-grad 4,” jitħassar;

(n) fl-Artikolu 5(4) tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-riferenza għal “L-Anness I, punt A” tinbidel b'riferenza għal “L-Anness XIII.1”;

(o) fejn fit-test tar-Regolament tal-Persunal issir riferenza għas-salarju bażiku fix-xaħar ta' uffiċjal fil-grad AST 1, din tinbidel b'riferenza għas-salarju bażiku fix-xahar ta' uffiċjal fil-grad D*1.

Artikolu 5

1. Minkejja l-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-uffiċjali eliġibbli għall-promozzjoni fl-1 ta' Mejju 2004 għandhom ikomplu jkunu eliġibbli anki jekk m'għamlux minimu ta' sentejn fil-grad tagħhom.

2. L-uffiċjali li isimhom jidher qabel 1-1 ta' Mejju 2006 fuq il-lista tal-kandidati tajbin għat-trasferimenti minn kategorija għal oħra, jekk it-trasferiment isir mill-1 ta' Mejju 2004, għandhom jitpoġġew fil-grad u l-iskala li kienu jokkupaw fil-kategorija ta' qabel, jew fin-nuqqas ta' dan fl-ewwel skala tal-kategorija l-ġdida.

3. L-Artikoli 1 sa 11 ta' dan l-Anness għandhom japplikaw għall-ħaddiema temporanji ingaġġati qabel l-1 ta' Mejju 2004 li huma wara reklutati bħala uffiċjali skond il-paragrafu 4.

4. Il-ħaddiema temporanji li isimhom jidher qabel 1-1 ta' Mejju 2006 fuq il-lista tal-kandidati tajbin għat-trasferimenti minn kategorija għal oħra, jew fuq il-lista tal-kandidati li għaddew minn kompetizzjoni interna, jekk ir-reklutaġġisir mill-1 ta' Mejju 2004, għandhom jitpoġġew fil-grad u l-iskala li kienu jokkupaw bħala ħaddiema temporanji fil-kategorija ta' qabel, jew fin-nuqqas ta' dan fl-ewwel skala tal-grad tal-bidu tal-kategorija l-ġdida.

5. Uffiċjal fil-grad A3 fit-30 t'April 2004, mal-ħatra wara dik id-data bħala Direttur, għandu jkun promoss għal grad ogħla li jmiss, skond l-Artikolu 7(5) ta' dan l-Anness. L-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 46 tar-Regolamenti tal-Persunal m'għandhiex tapplika.

Artikolu 6

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 9 u 10 ta' dan l-Anness, għall-ewwel promozzjoni ta' l-uffiċjali reklutati qabel l-1 ta' Mejju 2004, il-persentaġġi riferuti fl-Artikolu 6(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u fl-Anness I, punt B tar-Regolament tal-Persunal għandhom ikunu adattati biex jimxu ma' l-arranġamenti fis-seħħ f'kull istituzzjoni qabel dik id-data.

▼**M112**

Fejn il-promozzjoni ta' uffiċjal tidħol fis-seħħ qabel l-1 ta' Mejju, tkun irregolata mid-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal fis-seħħ fid-data meta l-promozzjoni tidħol fis-seħħ.

Artikolu 7

Is-salarji bażiċi fix-xahar ta' l-uffiċjali reklutati qabel l-1 ta' Mejju 2004 għandhom ikunu stabbiliti skond ir-regoli li ġejjin:

1. Billi l-gradi jingħataw ismijiet ġodda skond l-Artikolu 2(1) ta' dan l-Anness ma jwasslux għal xi tibdil fis-salarju bażiku fix-xahar imħallas lil kull uffiċjal.

2. Għal kull uffiċjal, fattur tal-moltiplikazzjoni għandu jinħadem fl-1 ta' Mejju 2004. Dan il-fattur tal-moltiplikazzjoni għandu jkun daqs il-proporzjon bejn is-salarju bażiku fix-xahar imħallas lil uffiċjal qabel l-1 ta' Mejju 2004 u l-ammont applikabbli definit fl-Artikolu 2(2) ta' dan l-Anness.

   Is-salarju bażiku fix-xahar imħallas lill-uffiċjal fl-1 ta' Mejju 2004 għandu jkun daqs il-prodott ta' l-ammont applikabbli u l-fattur tal-moltiplikazzjoni.

   Il-fattur tal-moltiplikazzjoni għandu jkun applikat sabiex jistabbilixxi s-salarju bażiku fix-xahar ta' l-uffiċjal wara promozzjoni fl-iskala jew ►**M131** aġġornament ◄ tar-remunerazzjonijiet.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet t'hawn fuq, għall-perjodi wara l-1 ta' Mejju 2004 is-salarju bażiku fix-xahar imħallas lil uffiċjal m'għandux ikun anqas minn dak li kieku kien jirċievi taħt is-sistema fis-seħħ qabel dik id-data minn promozzjoni awtomatika fl-iskala fil-grad li kien jokkupa qabel. Għal kull grad u skala, is-salarju bażiku ta' qabel li għandu jkun ikkunsidrat, huwa daqs l-ammont applikabbli wara l-1 ta' Mejju 2004, immoltiplikat mill-koeffiċjent definit fl-Artikolu 2(2) ta' dan l-Anness.

4. Uffiċjal fil-gradi A*10 sa A*16 u AD 10 sa 16 rispettivament li fit-30 t'April 2004 kien kap ta' dipartiment, direttur, direttur ġenerali, jew huwa maħtur wara bħala kap ta' dipartiment, direttur, jew direttur ġenerali, u wettaq id-dmirijiet tiegħu tajjeb biżżejjed matul l-ewwel disa' xhur, għandu jkun intitolat għal żieda fis-salarju bażiku fix-xahar li jikkorrospondi mal-persentaġġ bejn l-ewwel u t-tieni skala f'kull grad kif ippreżentat fit-tabelli fl-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 8(1) ta' dan l-Anness.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, għal kull uffiċjal, l-ewwel promozzjoni wara l-1 ta' Mejju 2004, skond il-kategorija okkupata qabel l-1 ta' Mejju 2004 u l-iskala okkupata fil-mument meta l-promozzjoni tidħol fis-seħħ, għandha tirriħulta f'żieda fis-salarju bażiku fis-sena li għandu jkun stabbilit fuq bażi tat-tabella li ġejja:

	Step							
Grade	1	2	3	4	5	6	7	8
A	13,1 %	11,0 %	6,8 %	5,7 %	5,5 %	5,2 %	5,2 %	4,9 %
B	11,9 %	10,5 %	6,4 %	4,9 %	4,8 %	4,7 %	4,5 %	4,3 %
C	8,5 %	6,3 %	4,6 %	4,0 %	3,9 %	3,7 %	3,6 %	3,5 %
D	6,1 %	4,6 %	4,3 %	4,1 %	4,0 %	3,9 %	3,7 %	3,6 %

Bl-iskop li jkun stabbilit il-persentaġġ applikabbli, kull grad għandu jinqasam fi skali nozzjonali li jikkorrospondu għal xahrejn servizz u f'persentaġġi nozzjonali li jonqsu b'waħda minn tnax tad-differenza bejn il-persentaġġ għall-iskala in kwestjoni u dak għall-iskala l-oġħla li jmiss ma' kull skala nozzjonali.

▼**M112**

Bl-iskop li jinħadem is-salarju qabel il-promozzjoni ta' uffiċjal li m'huwiex fl-aħħar skala tal-grad tiegħu, il-valur ta' l-iskala nozzjonali għandu jkun ikkunsidrat. Għall-iskop ta' din id-disposizzjoni, kull grad għandu jkun maqsum f'pagi nozzjonali li jitilgħu b'waħda minn tnax ta' inkrement ta' sentejn għal dak il-grad matul il-medda ta' l-iskali attwali.

6. Fattur ġdid tal-moltiplikazzjoni għandu jkun stabbilit ma' din l-ewwel promozzjoni. Il-fattur tal-moltiplikazzjoni għandu jkun daqs il-proporzjon bejn is-salarji bażiċi l-ġodda li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 5 u l-ammont applikabbli fl-Artikolu 2(2) ta' dan l-Anness. Suġġett għall-paragrafu 7, dan il-fattur tal-moltiplikazzjoni għandu jkun applikat għas-salarju wara l-promozzjoni fl-iskala u l-adattament tar-remunerazzjonijiet.

7. Jekk, wara l-promozzjoni, il-fattur tal-moltiplikazzjoni huwa anqas minn 1, l-uffiċjal, b'deroga mill-Artikolu 44 tar-Regolamenti tal-Persunal, għandu jibqa' fl-ewwel skala tal-grad il-ġdid tiegħu sakemm il-fattur tal-moltiplikazzjoni jibqa' taħt il-1 jew sakemm ikun promoss. Fattur ġdid tal-moltiplikazzjoni għandu jinħadem biex jikkunsidra l-valur tal-promozzjoni fl-iskala li għaliha huwa jew hija għandha tkun intitolata taħt dak l-Artikolu. Hekk kif il-fattur jitla' għal 1, l-uffiċjal għandu jibda tiela fl-iskali skond l-Artikolu 44 tar-Regolamenti tal-Persunal. Jekk il-fattur tal-moltiplikazzjoni huwa ogħla minn wieħed, kull bilanċ għandu jinbidel għal senjorità fl-iskala.

8. Il-fattur tal-moltiplikazzjoni għandu jkun applikat ma' promozzjonijiet ta' wara.

Artikolu 8

1. B'effett mill-1 ta' Mejju 2006, il-gradi introdotti mill-Artikolu 2(1) għandhom jingħataw l-isem mill-ġdid kif ġej:

Grad ta' qabel (intermedju)	Grad il-ġdid	Grad ta' qabel (intermedju)	Grad il-ġdid
A*16	AD 16		
A*15	AD 15		
A*14	AD 14		
A*13	AD 13		
A*12	AD 12		
A*11	AD 11	B*11	AST 11
A*10	AD 10	B*10	AST 10
A*9	AD 9	B*9	AST 9
A*8	AD 8	B*8	AST 8
A*7	AD 7	B*7/C*7	AST 7
A*6	AD 6	B*6/C*6	AST 6
A*5	AD 5	B*5/C*5/D*5	AST 5
		B*4/C*4/D*4	AST 4
		B*3/C*3/D*3	AST 3
		C*2/D*2	AST 2
		C*1/D*1	AST 1

▼**M112**

2. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 ta' dan l-Anness, is-salarji bażiċi ta' kull xahar huma stabbiliti għal kull grad u skala fuq il-bażi tat-tabella fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal. Għall-uffiċjali li kienu reklutati qabel l-1 ta' Mejju 2004 u sa l-ewwel promozzjoni tagħhom tidħol fi-seħħ wara dik id-data, it-tabella tkun kif ġejja:

▼**M151**

1.1.2022	SKALI							
GRADI	1	2	3	4	5	6	7	8
16	19 958,49	20 797,17	21 671,09					
15	17 639,97	18 381,23	19 153,62	19 686,51	19 958,49	20 797,17		
14	15 590,76	16 245,92	16 928,59	17 399,57	17 639,97	18 381,23	19 153,62	19 958,49
13	13 779,65	14 358,68	14 962,04	15 378,33	15 590,76			
12	12 178,90	12 690,67	13 223,96	13 591,86	13 779,65	14 358,68	14 962,04	15 590,76
11	10 764,11	11 216,42	11 687,75	12 012,93	12 178,90	12 690,67	13 223,96	13 779,65
10	9 513,69	9 913,45	10 330,05	10 617,43	10 764,11	11 216,42	11 687,75	12 178,90
9	8 408,50	8 761,84	9 130,04	9 384,03	9 513,69			
8	7 431,71	7 744,00	8 069,41	8 293,92	8 408,50	8 761,84	9 130,04	9 513,69
7	6 568,39	6 844,41	7 132,01	7 330,44	7 431,71	7 744,00	8 069,41	8 408,50
6	5 805,35	6 049,31	6 303,50	6 478,88	6 568,39	6 844,41	7 132,01	7 431,71
5	5 130,98	5 346,58	5 571,25	5 726,26	5 805,35	6 049,31	6 303,50	6 568,39
4	4 534,93	4 725,47	4 924,05	5 061,05	5 130,98	5 346,58	5 571,25	5 805,35
3	4 008,09	4 176,54	4 352,05	4 473,11	4 534,93	4 725,47	4 924,05	5 130,98
2	3 542,50	3 691,35	3 846,47	3 953,49	4 008,09	4 176,54	4 352,05	4 534,93
1	3 130,98	3 262,54	3 399,63	3 494,24	3 542,50			

▼**M112**

Artikolu 9

Mill-1 ta' Mejju 2004 sat-30 t'April 2011 u b'deroga mill-Anness I, punt B, tar-Regolamenti tal-Persunal, rigward l-uffiċjali fil-gradi AD 12 u 13 u AST 10, il-persentaġġi riferuti fl-Artikolu 6(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu kif ġej:

Grad	l-1 ta' Mejju 2004 sa:						
	tat-30.4.2005	tat-30.4.2006	tat-30.4.2007	tat-30.4.2008	tat-30.4.2009	tat-30.4.2010	tat-30.4.2011
AD 13	–	–	5 %	10 %	15 %	20 %	20 %
AD 12	5 %	5 %	5 %	10 %	15 %	20 %	25 %
AST 10	5 %	5 %	5 %	10 %	15 %	20 %	20 %

▼**M131**

———————

▼**M112**

Artikolu 11

L-Artikolu 45(2) m'għandux japplika għall-promozzjonijiet li jidħlu fis-seħħ qabel l-1 ta' Mejju 2006.

▼**M112**

Taqsima 2

Artikolu 12

1. Bejn l-1 ta' Mejju 2004 u t-30 t'April 2006, r-riferenza għall-gradi fil-gruppi tal-funzjoni ta' l-AST u l-AD fil-paragrafi 2 u 3 ta' l-Artikolu 31 tar-Regolamenti tal-Persunal għandha ssir kif ġej:

— AST1 sa AST4: Ċ*1 sa Ċ*2 u B*3 sa B*4,

— AD5 sa AD8: A*5 sa A*8,

— AD9, AD10, AD11, AD12: A*9, A*10, A*11, A*12.

2. Fil-każ ta' l-uffiċjali reklutati mil-listi ta' kandidati xierqa, li jirriżultaw minn kompetizzjonijiet ippubblikati qabel l-1 ta' Mejju 2004, l-Artikolu 5(3) tar-Regolamenti tal-Persunal m'għandux japplika.

3. L-uffiċjali li kienu inklużi f'lista tal-kandidati xierqa qabel l-1 ta' Mejju 2006 u huma reklutati bejn l-1 ta' Mejju 2004 u t-30 t'April 2006, għandhom:

— jekk il-lista tħejjiet għall-kategoriji A*, B*, jew Ċ*, ikunu ggradati fil-grad ippubblikat fil-kompetizzjoni;

— jekk il-lista tħejjiet għall-kategoriji A, LA, B, jew Ċ, ikunu ggradati skond it-tabella li ġejja:

Grad tal-kompetizzjoni	Grad tar-reklutaġġ
A/LA8	A*5
A/LA7 u A/LA6	A*6
A/LA5 u A/LA4	A*9
A/LA3	A*12
A2	A*14
A1	A*15
B5 u B4	B*3
B3 u B2	B*4
C5 u C4	C*1
C3 u C2	C*2

▼**M112**

Artikolu 13

1. L-uffiċjali li kienu inklużi f'lista tal-kandidati xierqa qabel l-1 ta' Mejju 2006 u huma reklutati wara dik id-data għandhom ikunu ggradati skond it-tabella li ġejja:

Grad tal-kompetizzjoni		Grad tar-reklutaġġ
A/LA8	A*5	AD 5
A/LA7 u A/LA6	A*6	AD 6
	A*7	AD 7
	A*8	AD 8
A/LA5 u A/LA4	A*9	AD 9
	A*10	AD 10
	A*11	AD 11
A/LA3	A*12	AD 12
A2	A*14	AD 14
A1	A*15	AD 15
B5 u B4	B*3	AST 3
B3 u B2	B*4	AST 4
Ċ 5 u C4	Ċ *1	AST 1
Ċ 3 u C2	Ċ *2	AST 2

2. B'mod ta' deroga mill-Artikolu 12(3) u l-paragrafu (1) ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet jistgħu jirreklutaw l-uffiċjali fdati bi dmirijiet lingwisti ta' l-avukati fil-grad A*7 jew AD 7 rispettivament li kienu inklużi f'lista ta' kandidati xierqa li jirriżultaw minn kompetizzjoni f'livell ta' LA 7 u LA 6 jew livell ta' A*7 qabel l-1 ta' Mejju 2006. Madankollu, l-Awtorità tal-Ħatra, wara li tikkunsidra t-taħriġ u l-esperjenza speċjali għall-posizzjoni tal-persuna kkonċernata, tista' tippermetti senjorità addizzjonali fil-grad tiegħu/tagħha; dan m'għandux jaqbeż it-48 xahar.

Taqsima 3

▼**M131**

_____

▼**M112**

Artikolu 18

1. Il-benefiċjarji li kienu intitolati fix-xahar qabel l-1 ta' Mejju 2004 għall-benefiċċju stabbilit imsemmi fl-Artikolu 4a ta' qabel ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom iżommuh ad peronam sal-grad 6. L-ammonti tal-benefiċċju għandhom ikunu ►**M131** aġġornati ◄ kull sena bl-istess persentaġġ daqs ►**M131** l-aġġornament ◄ tal-paga fis-sena riferut fl-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal. Meta r-remunerazzjoni netta ta' uffiċjal li kien promoss għal grad 7, bħala konsegwenza tat-tneħħija tal-benefiċċju stabbilit, hija anqas mir-remunerazzjoni netta li rċieva fl-aħħar xahar ta' qabel il-promozzjoni, bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra mhux mibdulin, huwa jkun intitolat għal benefiċċju ta' kumpens daqs id-differenza sal-promozzjoni tiegħu għall-iskala l-ogħla li jmiss fil-grad.

▼M131

_____

Artikolu 19

Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), l-Artikoli 63, 64, 65, 82 u 83a tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Annessi XI u XII tagħhom u l-Artikoli 20(1), 64, 92 u 132 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra jidħlu fis-seħħ qabel 1.11.2013 għandhom jibqgħu japplikaw esklużivament għal skopijiet ta' kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 266 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni ta' dawk l-artikoli.

▼M112

Taqsima 4

Artikolu 20

1. Il-pensjonijiet ta' l-uffiċjali li jirtiraw qabel l-1 ta' Mejju 2004 għandhom ikunu suġġetti għall-koeffiċjent tal-korrezzjoni riferut fil-punt (b) ta' l-Artikolu 3(5) ta' l-Anness XI tar-Regolament tal-Persunal għall-Istati Membri li fihom jistabbilixxu residenza ewlenija ppruvata.

Il-koeffiċjent minimu applikabbli jkun ta' 100.

Jekk jistabbilixxu r-residenza tagħhom f'pajjiż terz, il-koeffiċjent applikabbli tal-korrezzjoni għandu jkun ta' 100.

B'mod ta' deroga mill-Artikolu 45 ta' l-Anness VIII, il-pensjoni tal-benefiċjarji li jgħixu fi Stat Membru għandha titħallas fil-munita ta' l-Istat Membru tar-residenza taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M131

_____

▼M112

3. Għall-uffiċjali reklutati qabel l-1 ta' Mejju 2004 li ma jirċevux pensjoni fl-1 ta' Mejju 2004, il-metodu tal-kalkolu tal-paragrafi ta' qabel għandu japplika fil-mument meta d-drittijiet tal-pensjoni huma stabbiliti;

(a) għas-snin tas-servizz għall-pensjoni fis-sens ta' l-Artikolu 3 ta' l-Anness VIII akwistati qabel l-1 ta' Mejju 2004, u

(b) għas-snin tas-servizz għall-pensjoni li jirriżultaw minn transferiment taħt l-Artikolu 11 ta' l-Anness VIII dwar id-drittijiet tal-pensjoni akkwistati taħt is-sistema ta' oriġini qabel l-1 ta' Mejju 2004 mill-uffiċjal fis-servizz qabel l-1 ta' Mejju 2004.

▼M131

Il-pensjonijiet tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-koeffiċjent ta' korrezzjoni biss jekk ir-residenza tal-uffiċjal tkun l-istess waħda tal-aħħar post tal-impjieg jew tal-pajjiż tal-post tal-oriġini tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 7(4) tal-Anness VII. Madankollu, għal raġunijiet ta' familja jew ta' saħħa, l-uffiċjali li jirċievu pensjoni jistgħu jitolbu lill-awtorità tal-ħatra biex tbiddel il-post tal-oriġini tagħhom; id-deċiżjoni f'dak ir-rigward għandha tittieħed mal-preżentazzjoni tal-evidenza xierqa ta' appoġġ mill-uffiċjal ikkonċernat.

▼M112

B'mod ta' deroga mill-Artikolu 45 ta' l-Anness VIII, il-pensjoni tal-benefiċjarji li jgħixu fi Stat Membru għandha titħallas fil-munita ta' l-Istat Membru tar-residenza taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal.

([1]) Regolament (UE) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15).

▼**M112**

4. Dan l-Artikolu għandu japplika b'analoġija għall-benefiċċji ta' l-invaliditá u għall-benefiċċji taħt l-Artikoli 41 u 50 tar-Regolamenti tal-Persunal u r-Regolamenti (KEE) Nru 1857/89, (KE, Euratom, KEFA) 2688/95 ([1]), (KE Euratom, KEFA) 2689/95 ([2]), (KE, Euratom) Nru 1746/2002, (KE, Euratom) Nru 1747/2002 jew (KE, Euratom) Nru 1748/2002. ►**M131** ——————— ◄

▼**M131**

Artikolu 21

Minkejja t-tieni sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-uffiċjali li daħlu fis-servizz qabel l-1 ta' Mejju 2004 għandhom ikunu intitolati għal 2 % tas-salarju msemmi hemmhekk għal kull sena ta' servizz pensjonabbli kkalkulat skont l-Artikolu 3 tal-Anness VIII.

Uffiċjali li daħlu fis-servizz fil-perijodu bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2013 għandhom ikunu intitolati għal 1,9 % tas-salarju msemmi hemmhekk għal kull sena ta' servizz pensjonabbli kkalkulat skont l-Artikolu 3 tal-Anness VIII.

Artikolu 22

1. L-uffiċjali li fl-1 ta' Mejju 2004 jkollhom 20 sena ta' servizz jew aktar għandhom ikunu intitolati għal pensjoni tal-irtirar meta jagħlqu s-60 sena.

L-uffiċjali li fl-1 ta' Mejju 2014 ikollhom 35 sena jew aktar u li jkunu daħlu fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 2014 għandhom ikunu intitolati għal pensjoni tal-irtirar fl-età murija fit-tabella ta' hawn taħt:

Età fl-1 ta' Mejju 2014	Età pensjonabbli	Età fl-1 ta' Mejju 2014	Età pensjonabbli
60 sena u aktar	60 sena	47 sena	62 sena u 6 xhur
59 sena	60 sena u xahrejn (2)	46 sena	62 sena u 8 xhur
58 sena	60 sena u 4 xhur	45 sena	62 sena u 10 xhur
57 sena	60 sena u 6 xhur	44 sena	63 sena u xahrejn (2)
56 sena	60 sena u 8 xhur	43 sena	63 sena u 4 xhur
55 sena	61 sena	42 sena	63 sena u 6 xhur
54 sena	61 sena u xahrejn (2)	41 sena	63 sena u 8 xhur
53 sena	61 sena u 4 xhur	40 sena	63 sena u 10 xhur
52 sena	61 sena u 6 xhur	39 sena	64 sena u 3 xhur
51 sena	61 sena u 8 xhur	38 sena	64 sena u 4 xhur
50 sena	61 sena u 11-il xahar	37 sena	64 sena u 5 xhur
49 sena	62 sena u xahrejn (2)	36 sena	64 sena u 6 xhur
48 sena	62 sena u 4 xhur	35 sena	64 sena u 8 xhur

L-uffiċjali li fl-1 ta' Mejju 2014 ikollhom anqas minn 35 sena għandhom ikunu intitolati għal pensjoni tal-irtirar fl-età ta' 65 sena.

([1]) ĠU L 280, tat-23.11.1995, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2458/98 (ĠU L 307, tas-17.11.1998, p. 1)

([2]) ĠU L 280, tat-23.11.1995, p. 4. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2458/98.

▼**M131**

Madankollu, għall-uffiċjali li fl-1 ta' Mejju 2014 ikollhom 45 sena jew aktar u li jkunu daħlu fis-servizz bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2013, l-età pensjonabbli għandha tkun ta' 63 sena.

Għall-uffiċjali fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 2014, l-età pensjonabbli li għandha tkun ikkunsidrata għar-referenzi kollha tal-età tal-pensjoni f'dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, għajr jekk ikun previst b'mod ieħor fir-Regolamenti tal-Persunal.

2. Minkejja l-Artikolu 2 tal-Anness VIII, l-uffiċjali li jidħlu fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 2014 u jibqgħu fis-servizz wara l-età li tintitolahom għall-pensjoni tal-irtirar, għandhom ikunu intitolati għal żieda addizzjonali ta' 2,5 % tas-salarju bażiku finali għal kull sena li tinħadem wara dik l-età, bil-kondizzjoni li t-total tal-pensjoni tagħhom ma jaqbiżx is-70 % tas-salarju bażiku finali tagħhom, skont it-tifsira tat-tieni jew it-tielet paragrafu tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, skont il-każ xi jkun.

Madankollu, għall-uffiċjali li jkollhom 50 sena jew aktar jew b'20 sena jew aktar ta' servizz fl-1 ta' Mejju 2004, iż-żieda fil-pensjoni prevista fis-subparagrafu preċedenti ma għandhiex tkun anqas minn 5 % tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba fl-età ta' 60 sena.

Iż-żieda tingħata wkoll fil-każ ta' mewt, jekk l-uffiċjal ikun baqa' fis-servizz wara l-età li fiha jsir intitolat għal pensjoni tal-irtirar.

Jekk, skont l-Anness IVa uffiċjal li jidħol fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 2014, u jaħdem part-time, jikkontribwixxi għall-iskema tal-pensjoni fil-proporzjon tal-ħin li jkun inħadem, iż-żieda fl-intitolamenti tal-pensjoni previsti f'dan l-Artikolu għandha tiġi applikata biss bl-istess proporzjon.

3. Jekk l-uffiċjal jirtira qabel ma jilħaq l-età pensjonabbli stipulata f'dan l-Artikolu, għall-perjodu bejn l-età ta' 60 sena u l-età pensjonabbli jiġi applikat biss nofs it-tnaqqis stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 9 tal-Anness VIII.

4. Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu Uniku tal-Anness IV, uffiċjal li fil-konfront tiegħu tapplika età pensjonabbli ta' anqas minn 65 sena f'konformità mal-paragrafu 1, għandu jingħata allowance prevista f'dak l-Anness skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fih sal-jum li fih l-uffiċjal jagħlaq l-età pensjonabbli tiegħu.

Madankollu, l-uffiċjali ta' età akbar, sal-età ta' 65 sena, għandhom jibqgħu jirċievu l-allowance sa ma jilħqu l-pensjoni tal-irtirar massima sakemm japplika l-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 23

1. Meta japplika l-punt (a) tal-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Persunal mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 50, uffiċjal fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 2014 għandu jirtira awtomatikament fl-aħħar jum tax-xahar li fih jagħlaq 65 sena. Għall-uffiċjali li jkunu fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 2014, il-kliem 'l-età ta' 66 sena' u '66 sena' fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 78 u l-punt (b) tal-Artikolu 81a(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u fil-punt (b) tal-Artikolu 12(1) tal-Anness VIII għandhom jinqraw bħala 'l-età ta' 65 sena' u '65 sena'.

▼**M131**

2. Minkejja l-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-uffiċjali li daħlu fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 2014 u li jispiċċaw mis-servizz qabel l-età li tintitolahom għal pensjoni tal-irtirar skont l-Artikolu 22 ta' dan l-Anness jistgħu jitolbu li l-punt (b) tal-Artikolu 9 tal-Anness VIII jiġi applikat

(a) sal-31 ta' Diċembru 2015 mill-età ta' 55 sena

(b) sal-31 ta' Diċembru 2016 mill-età ta' 57 sena

3. B'deroga mit-tmien paragrafu tal-Artikolu 50 tar-Regolamenti tal-Persunal, uffiċjal li jkun irtirat fl-interessi tas-servizz skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 50 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun intitolat li jirċievi l-ħlas ta' pensjoni skont l-Artikolu 9 tal-Anness VIII skont it-tabella ta' hawn taħt:

Data tad-deċiżjoni skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 50	Età
Sal-31 ta' Diċembru 2016	55 sena
Wara l-31 ta' Diċembru 2016	58 sena

▼**M112**

Artikolu 24

1. Fil-każ ta' pensjoni stabbilita qabel l-1 ta' Mejju 2004, l-intitolament tal-pensjoni tar-riċevitur ikompli jkun stabbilit wara dik id-data skond ir-regoli applikati meta l-intitolament kien stabbilit fil-bidu. L-istess jgħodd għall-kopertura taħt l-iskema konġunta ta' l-assigurazzjoni fuq mard. Madankollu, ir-regoli dwar il-benefiċċji tal-familja u l-koeffiċjenti tal-korrezzjoni fis-seħħ mill-1 ta' Mejju għandhom japplikaw immedjatament mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 20 ta' dan l-Anness.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, ir-riċevitur tal-pensjoni ta' l-invaliditá jew pensjoni għal min jibqa' ħaj jista' jintalab li jkun kopert mid-disposizzjonijiet applikabbli mill-1 ta' Mejju 2004.

2. Meta dawn id-disposizzjoniet jidħlu fis-seħħ, l-ammont nominali tal-pensjoni netta riċevuta qabel l-1 ta' Mejju 2004 hija garantita. L-ammont garantit għandu xorta waħda jkun aġġustat jekk is-sitwazzjoni tal-familja tar-riċevitur jew il-pajjiż tar-residenza jinbidlu. Għall-persuni li jirtiraw bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2007, l-ammont nominali tal-pensjoni netta riċevuta ma' l-irtirar għandha tkun garantita b'riferenza għad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal fis-seħħ fid-data ta' l-irtirar tagħhom.

Bil-għan ta' l-applikazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu, jekk il-pensjoni maħduma fuq il-bażi tad-disposizzjonijiet fis-seħħ hija anqas mill-pensjoni nominali kif definita hawn taħt, ammont ta' kumpens daqs id-differenza għandu jingħata.

Għar-riċevituri tal-pensjoni qabel l-1 ta' Mejju 2004, il-pensjoni nominali tinħadem kull xahar wara li jkunu kkunsidrati s-sitwazzjoni tal-familja u l-pajjiż tar-residenza fil-mument tal-kalkolu, u r-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal fis-seħħ fid-data ta' qabel l-1 ta' Mejju 2004.

Għall-uffiċjali li jirtiraw bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2007, il-pensjoni nominali tinħadem kull xahar wara li jkunu kkunsidrati s-sitwazzjoni tal-familja u l-pajjiż tar-residenza fil-mument tal-kalkolu, u r-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal fis-seħħ fid-data meta jirtiraw.

Fil-każ ta' mewt wara l-1 ta' Mejju 2004 ta' riċevitur ta' pensjoni stabbilita qabel dik id-data, il-pensjoni għal min jibqa' ħaj tkun stabbilita wara li tkun ikkunsidrata l-pensjoni nominali garantita li l-mejjet kien jirċievi.

▼M112

3. Sakemm ir-riċevitur tal-pensjoni għall-invalidità ma talabx li jkun kopert mid-disposizzjonijiet applikabbli mill-1 ta' Mejju 2004, u ma kienx iddikjarat tajjeb biex jerġa' jibda jaqdi d-dmirijiet tiegħu, il-pensjonijiet għall-invalidità li jinżammu hekk, jitqiesu pensjonijiet ta' l-irtirar meta r-riċevitur jagħlaq il-65 sena.

4. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għal riċevitur ta' wieħed mill-benefiċċji mħallsa taħt l-Artikoli 41 jew 50 tar-Regolamenti tal-Persunal u taħt ir-Regolamenti (KEE) Nru 1857/89, ir-Regolament (KE, Euratom, KEFA) 2688/1995, ir-Regolament (KE Euratom, KEFA) 2689/1995, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1746/2002, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1747/2002 jew ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1748/2002. Madankollu, il-pensjonijiet tagħhom ta' l-irtirar għandhom ikunu stabbiliti skond ir-regoli fi-seħħ fid-data meta jibda l-pagament tagħhom.

▼M131

Artikolu 24a

Fil-każ ta' pensjoni stabbilita qabel l-1 ta' Jannar 2013, l-intitolament tal-pensjoni tal-benefiċjarju għandu jibqa' jiġi stabbilit wara dik id-data skont ir-regoli applikati meta l-intitolament ikun ġie stabbilit għall-ewwel darba. L-istess japplika għall-kopertura taħt l-iskema konġunta tal-assigurazzjoni fuq mard.

▼M112

Artikolu 25

1. Għall-pensjonijiet stabbiliti qabel l-1 ta' Mejju 2004, il-grad użat biex tinħadem il-pensjoni għandu jkun stabbilit skond it-tabelli fl-Artikoli 2(1) u 8(1) ta' dan l-Anness.

Is-salarju bażiku kkunsidrat biex jistabbilixxi l-pensjoni tar-riċevitur għandu jkun ekwivalenti għas-salarju fit-tabella fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-grad il-ġdid, li stabbilit hekk, fl-istess skala, peżat b'persentaġġ ekwivalenti għall-proporzjon tas-salarju bażiku taħt l-iskala antika ta' dik ta' taħt l-iskala fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-istess skala.

Għall-iskali taħt l-iskala l-antika mingħajr korrispondenza fl-iskala fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-aħħar skala ta' l-istess grad għandha tintuża bħala riferenza biexjinħadem il-persentaġġ riferut fit-tieni subparagrafu.

Għall-iskali tal-grad D4 taħt l-iskala l-antika, l-ewwel skala fl-ewwel grad għandha tintuża bħala riferenza biexjinħadem il-persentaġġ riferut fit-tieni subparagrafu.

2. Fuq bażi transitorju, is-salarju bażiku fis-sens ta' l-Artikoli 77 u 78 tar-Regolamenti tal-Persunal u ta' l-Anne VIII għandu jkun stabbilit billi jkun applikat il-fattur li jikkorrospondi tal-moltiplikazzjoni mniżżel fl-Artikolu 7 għas-salarju li jikkorrospondi mal-gradi tar-riċevitur ikkunsidrati biex jistabbilixxu l-pensjoni ta' l-irtirar jew il-benefiċċju ta' l-invalidità, skond it-tabella fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Għall-iskali taħt l-iskala l-antika mingħajr korrispondenza fl-iskala fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-aħħar skala ta' l-istess grad għandha tintuża bħala riferenza biex jinħadem il-fattur tal-moltiplikazzjoni.

Għall-pensjonijiet ta' l-irtirar u l-benefiċċji għall-invalidità stabbiliti bejn l-1 ta' Mejju 2004 u t-30 t'April 2006, l-Artikolu 8(1).

3. Għar-riċevituri tal-pensjoni għal min baqa' ħaj, il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandu japplika b'riferenza għall-uffiċjal jew dak li qabel kien uffiċjal, il-mejjet.

4. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw b'analoġija għar-riċevituri ta' wieħed mill-benefiċċji mħallsa taħt l-Artikoli 41 jew 50 tar-Regolamenti tal-Persunal jew taħt ir-Regolamenti (KEE) Nru 1857/89, ir-Regolament (KE, Euratom, KEFA) 2688/1995, ir-Regolament (KE Euratom, KEFA) 2689/1995, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1746/2002, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1747/2002 jew ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1748/2002.

▼**M112**

Artikolu 26

1. Talbiet biex jikkwalifikaw għall-faċilitajiet tat-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni taħt l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness li saru qabel l-1 ta' Mejju 2004 għandhom ikunu kkunsidrati skond ir-regoli fis-seħħ fil-mument ta' meta saru.

2. Sakemm il-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII għadu ma nqabiżx fl-1 ta' Mejju 2004, l-uffiċjali kkonċernati li m'għamlux it-tali talba fil-limitu taż-żmien stipulat qabel, jew li t-talba tagħhom ma kenitx aċċettata għax saret wara dawk il-limiti ta' żmien, xorta jistgħu jagħmlu jew jerġgħu jagħmlu talba għat-trasferiment taħt l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII.

3. L-uffiċjali li għamlu talba għat-trasferimentfil-limiti taż-żmien iżda m'aċċettawx l-offerta li saritilhom, li m'għamlux talba għat-trasferiment fil-limiti taż-żmien stipulatiqabel, jew li t-talba tagħhom ma kenitx aċċettata għax saret wara dawk il-limiti taż-żmien, xorta jistgħu jagħmlu jew jerġgħu jagħmlu t-tali talba sal-31 t'Ottubru l-aktar tard.

4. Fil-każijiet ipprovduti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjoni fejn jaħdem l-uffiċjal tista' tistabbilixxi n-numru ta' snin għal-pensjoni li għandu jkun ikkunsidrat taħt l-iskema tiegħu stess skond id-disposizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni adottati dwar l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII, li għandha tikkunsidra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness. Madankollu, għall-iskopijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-età u l-grad ta' l-uffiċjal li għandhom ikunu kkunsidrati jkunu dawk ta' meta kien stabbilit.

5. L-uffiċjali li ftehmu li jittrasferu d-drittijiet tagħhom tal-pensjoni skond l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII qabel l-1 ta' Mejju 2004 jistgħu jitolbu kalkolu mill-ħdid tal-bonus li diġà nkiseb taħt l-iskema tal-pensjoni ta' l-istituzzjonijiet ►**M128** tal-Unjoni ◄ skond dak l-Artikolu. Il-kalkolu mill-ġdid ikun ibbażat fuq il-parametri fis-seħħ fil-mument meta nkiseb il-bonus, aġġustat skond l-Artikolu 22 ta' dan l-Anness.

6. L-uffiċjali li jiksbu bonus skond il-paragrafu 1, jistgħu jitolbu l-applikazzjoni tal-paragrafu 5, min-notifika tal-bonus taħt l-iskema tal-pensjonijiet ta' l-istituzzjonijiet ►**M128** tal-Unjoni. ◄

Artikolu 27

1. Meta tinħadem l-ekwivalenza attwarjali riferuta fl-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 12(1)(b) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-uffiċjali u l-persunal temporanju, għall-porzjon tad-drittijiet tagħhom relatat mal-perjodi tas-servizz qabel l-1 ta' Mejju 2004, għandhom ikunu koperti mid-disposizzjonijiet ippreżentati hawn taħt.

L-ekwivalenza attwarjali tal-pensjoni ta' l-irtirar ma jistax ikun anqas mis-somma ta:

(a) l-ammont tas-somom imnaqqsa mis-salarju bażiku bħala kontribuzzjonijiet tal-pensjoni, bl-addizzjoni ta' mgħax kompost bir-rata 3,5 % fis-sena;

(b) għotja għall-firda proporzjonali mat-tul tas-servizz li attwalment tlesta, maħdum fuq bażi ta' xahar u nofs tas-salarju bażiku finali, suġġett għal tnaqqis għaal kull sena servizz;

(ċ) is-somma kollha mħallsa ►**M128** lill-Unjoni ◄ skond l-Artikolu 11(2) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, bl-addizzjoni ta' mgħax kompost bir-rata 3,5 % fis-sena.

▼M112

2. Madankollu, fejn l-uffiċjali jew il-persunal temporanju jitilqu għax il-kuntratt tagħhom ġie mħassar jew mitmum, l-għotja għall-firda li għandha titħallas jew l-ekwivalenza attwarjali li għandha tkun ittrasferita għandha tkun stabbilita fuq bażi tad-deċiżjoni meħuda fuq il-bażi ta' l-Artikolu 7(1)(h) ta' l-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal.

3. Sakemm ma bbenefikawx mill-Artikolu 11(2) jew (3) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-uffiċjali fis-servizz fl-1 ta' Mejju 2004 u li, minħabba n-nuqqas ta' l-opzjoni tat-trasferiment taħt l-Artikolu 11(1), kienu jkunu intitolati għall-pagament ta' għotja għall-firda skond ir-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal fis-seħħ qabel l-1 ta' Mejju 2004, għandhom iżommu d-dritt għal pagament ta' għotja għall-firda, maħduma skond ir-regoli fis-seħħ qabel dik id-data.

▼M131

Artikolu 28

1. Il-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 2 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra li jkunu b'kuntratt fl-1 ta' Mejju 2004 u li jinħatru bħala uffiċjali wara dik id-data u qabel l-1 ta' Jannar 2014 għandhom, meta jirtiraw, ikunu intitolati għal aġġustament attwarjali tad-drittijiet tal-pensjoni li jkunu kisbu bħala ħaddiema temporanji, li jikkunsidra t-tibdil fl-età tal-pensjoni kif jingħad fl-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal.

2. Il-ħaddiema msemmija fl-Artikolu 2 u l-Artikoli 3a u 3b tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra li jkunu b'kuntratt fl-1 ta' Jannar 2014 u li jinħatru bħala uffiċjali wara dik id-data għandhom, meta jirtiraw, ikunu intitolati għal aġġustament attwarjali tad-drittijiet tal-pensjoni li jkunu kisbu bħala ħaddiema temporanji jew b'kuntratt, li jikkunsidra t-tibdil fl-età tal-pensjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, fil-każ li tal-anqas ikunu għalqu 35 sena fl-1 ta' Mejju 2014.

▼M112

Artikolu 29

Għall-ħaddiema temporanji mqabbdin biex jaħdmu qabel l-1 ta' Mejju 2004, skond l-Artikolu 2(ċ) tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' Ħaddiema Oħra, biex jħin grupp politiku fil-Parlament Ewropew il-ħtieġa mniżżla fl-Artikolu 29(3) u (4) tar-Regolamenti tal-Persunal li l-ħaddiem temporanju għadda minn proċedura ta' selezzjoni skond l-Artikolu 12(4) tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg m'għandhiex tapplika.

▼M131

Taqsima 5

Artikolu 30

1. Permezz ta' deroga mill-Anness I, Taqsima A, punt 2, it-tabella li ġejja dwar it-tipi ta' pożizzjonijiet fil-grupp ta' funzjoni AD għandha tapplika għall-uffiċjali fis-servizz fil-31 ta' Diċembru 2013:

Direttur Ġenerali	AD 15 – AD 16
Direttur	AD 14 – AD 15
Kap ta' Unità jew ekwivalenti	AD 9 – AD 14
Konsulent jew ekwivalenti	AD 13 – AD 14
Amministratur f'Livell Għoli fi tranżizzjoni	AD 14
Amministratur fi tranżizzjoni	AD 13
Amministratur	AD 5 – AD 12

▼**M131**

2. B'effett mill-1 ta' Jannar 2014, l-awtorità tal-ħatra għandha tikklassifika lill-uffiċjali fis-servizz fil-31 ta' Diċembru 2013 fil-grupp ta' funzjoni AD fit-tipi ta' pożizzjonijiet kif ġej:

(a) L-uffiċjali li fil-31 ta' Diċembru 2013 kienu fil-grad AD 14 u li ma kinux Direttur jew ekwivalenti, Kap ta' unità jew ekwivalenti jew Konsulent jew ekwivalenti għandhom jiġu kollokati fit-tip ta' pożizzjoni Amministratur f'Livell Għoli fi tranżizzjoni.

(b) L-uffiċjali li fil-31 ta' Diċembru 2013 kienu fil-grad AD 13 u li ma kinux Kap ta' unità jew ekwivalenti jew Konsulent jew ekwivalenti għandhom jiġu kollokati fit-tip ta' pożizzjoni Amministratur fi tranżizzjoni.

(c) L-uffiċjali li fil-31 ta' Diċembru 2013 kienu fil-gradi AD 9 sa AD 14 u li kienu Kap ta' unità jew ekwivalenti għandhom jiġu kollokati fit-tip ta' pożizzjoni Kap ta' Unità jew ekwivalenti.

(d) L-uffiċjali li fil-31 ta' Diċembru 2013 kienu fil-gradi AD 13 jew AD 14 u li kienu Konsulent jew ekwivalenti għandhom jiġu kollokati fit-tip ta' pożizzjoni Konsulent jew ekwivalenti.

(e) L-uffiċjali li fil-31 ta' Diċembru 2013 kienu fil-gradi AD 5 sa AD 12 u li ma kinux Kap ta' Unità jew ekwivalenti għandhom jiġu kollokati fit-tip ta' pożizzjoni Amministratur.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-uffiċjali fil-gradi AD 9 sa AD 14 li jkollhom responsabbiltajiet speċjali jistgħu jiġu kollokati mill-awtorità tal-ħatra qabel il-31 ta' Diċembru 2015 fit-tip ta' pożizzjoni "Kap ta' Unità jew ekwivalenti" jew "Konsulent jew ekwivalenti". Kull awtorità tal-ħatra għandha tistabbilixxi dispożizzjonijiet li jdaħħlu fis-seħħ lil dan l-Artikolu. Madankollu, l-għadd totali ta' uffiċjali li jibbenefikaw minn din id-dispożizzjoni ma għandux jaqbeż il-5 % tal-uffiċjali fil-grupp ta' funzjoni AD fil-31 ta' Diċembru 2013.

4. Il-kollokament f'tip ta' pożizzjoni għandu jibqa' validu sakemm l-uffiċjal jiġi assenjat funzjoni ġdida li tikkorrispondi għal tip ieħor ta' pożizzjoni.

5. Sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44, l-uffiċjali fil-grad AD 12, skala 5, li jkollhom pożizzjoni ta' Amministratur għandhom, mill-1 ta' Jannar 2016, jirċievu żieda fis-salarju bażiku ekwivalenti għad-differenza bejn is-salarju li jikkorrispondi għall-grad AD 12, skala 4, u l-grad AD 12, skala 3.

6. Sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44, l-uffiċjali fil-grad AD 12, skala 5, li jkollhom pożizzjoni ta' Amministratur u jibbenefikaw mill-miżura fil-paragrafu 5 għandhom jirċievu, wara sentejn, żieda addizzjonali fis-salarju bażiku ekwivalenti għad-differenza bejn is-salarju li jikkorrispondi għall-grad AD 12, skala 5, u l-grad AD 12, skala 4.

7. B'deroga mill-paragrafu 5, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-uffiċjali fil-grad AD 12 li jkollhom pożizzjoni ta' Amministratur, li jkunu ġew reklutati qabel l-1 ta' Mejju 2004 u ma jkunux ġew promossi bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2013:

a) sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44, l-uffiċjali fl-iskala 8 għandhom, mill-1 ta' Jannar 2016, jirċievu żieda fis-salarju bażiku ekwivalenti għad-differenza bejn is-salarju li jikkorrispondi għall-grad AD 12, skala 4, u l-grad AD 12, skala 3.

b) sakemm jibbenefikaw mill-miżura fil-punt (a), l-uffiċjali fl-iskala 8 għandhom jirċievu, wara sentejn, żieda addizzjonali fis-salarju bażiku ekwivalenti għad-differenza bejn is-salarju li jikkorrispondi għall-grad AD 12, skala 5, u l-grad AD 12, skala 4.

▼**M131**

8. Sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44, l-uffiċjali fil-grad AD 13, skala 5, li jkollhom pożizzjoni ta' Amministratur fi tranżizzjoni għandhom, mill-1 ta' Jannar 2016, jirċievu żieda fis-salarju bażiku ekwivalenti għad-differenza bejn is-salarju li jikkorrispondi għall-grad AD 13, skala 4, u l-grad AD 13, skala 3.

9. Sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44, l-uffiċjali fil-grad AD 13, skala 5, li jkollhom pożizzjoni ta' Amministratur u jibbenefikaw mill-miżura fil-paragrafu 5 għandhom jirċievu, wara sentejn, żieda addizzjonali fis-salarju bażiku ekwivalenti għad-differenza bejn is-salarju li jikkorrispondi għall-grad AD 13, skala 5, u l-grad AD 13, skala 4.

10. L-uffiċjali li jirċievu ż-żieda fis-salarju bażiku prevista fil-paragrafi 5 sa 9 u sussegwentement jinħatru Kap ta' Unità jew ekwivalenti jew Konsulent jew ekwivalenti fl-istess grad għandhom iżommu din iż-żieda fis-salarju bażiku.

11. B'deroga mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 46, l-uffiċjali maħtura fl-ogħla grad li jkun imiss u li jibbenefikaw miż-żieda fis-salarju bażiku prevista fil-paragrafi 5, 6, 8 u 9 għandhom jiġu kollokati fit-tieni skala ta' dak il-grad. Għandhom jitilfu l-benefiċċju taż-żieda fis-salarju bażiku prevista fil-paragrafi 5, 6, 8 u 9.

12. Iż-żieda fis-salarju bażiku fil-paragrafu 7 ma għandhiex titħallas wara l-promozzjoni u ma għandhiex tiġi inkluża fil-bażi użata biex tiġi ddeterminata ż-żieda fis-salarju bażiku ta' kull xahar imsemmija fl-Artikolu 7(5) ta' dan l-Anness.

Artikolu 31

1. B'deroga mill-Anness I, Taqsima A, punt 2, it-tabella li ġejja dwar it-tipi ta' pożizzjonijiet fil-grupp ta' funzjoni AST għandha tapplika għall-uffiċjali fis-servizz fil-31 ta' Diċembru 2013:

Amministratur f'Livell Għoli fi tranżizzjoni	AST 10 – AST 11
Assistent fi tranżizzjoni	AST 1 – AST 9
Assistent Amministrattiv fi tranżizzjoni	AST 1 – AST 7
Aġent ta' Appoġġ fi tranżizzjoni	AST 1 – AST 5

2. B'effett mill-1 ta' Jannar 2014, l-awtorità tal-ħatra għandha tikklassifika lill-uffiċjali fis-servizz fil-31 ta' Diċembru 2013 fil-grupp ta' funzjoni AST fit-tipi ta' pożizzjonijiet kif ġej:

(a) L-uffiċjali li fil-31 ta' Diċembru 2013 kienu fil-grad AST 10 jew AST 11 għandhom jiġu kollokati fit-tip ta' pożizzjoni Assistent fi tranżizzjoni.

(b) L-uffiċjali li ma humiex koperti mill-punt (a) u li qabel l-1 ta' Mejju 2004 kienu fil-kategorija B ta' dari jew li qabel l-1 ta' Mejju 2004 kienu fil-kategoriji C jew D ta' dari u li jkunu saru membri tal-grupp ta' funzjoni AST mingħajr ebda restrizzjoni, kif ukoll l-uffiċjali AST reklutati mill-1 ta' Mejju 2004, għandhom jiġu kollokati fit-tip ta' pożizzjoni Assistent fi tranżizzjoni.

(c) L-uffiċjali li ma humiex koperti mill-punti (a) u (b) u li qabel l-1 ta' Mejju 2004 kienu fil-kategoriji C ta' dari għandhom jiġu kollokati fit-tip ta' pożizzjoni Assistent Amministrattiv fi tranżizzjoni.

(d) L-uffiċjali li ma humiex koperti mill-punti (a) u (b) u li qabel l-1 ta' Mejju 2004 kienu fil-kategorija D ta' dari għandhom jiġu kollokati fit-tip ta' pożizzjoni Aġent ta' Appoġġ fi tranżizzjoni.

▼**M131**

3. Il-kollokament f'tip ta' pożizzjoni għandu jibqa' validu sakemm l-uffiċjal jiġi assenjat funzjoni ġdida li tikkorrispondi għal tip ieħor ta' pożizzjoni. L-Assistenti Amministrattivi fi tranżizzjoni u l-Aġenti ta' Appoġġ fi tranżizzjoni jistgħu jiġu kollokati fit-tip ta' pożizzjoni ta' Assistent kif definita fl-Anness I, Taqsima A, biss skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 4 u 29(1) tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-promozzjoni għandha tingħata biss f'itinerarji professjonali li jikkorrispondu ma' kull tip ta' pożizzjoni indikata fil-paragrafu 1.

4. B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u mill-Anness I, Taqsima B, l-għadd ta' pożizzjonijiet battala fil-grad ogħla li jkun imiss u li jkun meħtieġ għall-finijiet ta' promozzjoni għandu jiġi kkalkulat mill-Aġenti ta' Appoġġ fi tranżizzjoni. Għandhom japplikaw ir-rati ta' multiplikazzjoni li ġejjin:

	Grad	Rata
Aġenti ta' Appoġġ fi tranżizzjoni	5	—
	4	10 %
	3	22 %
	2	22 %
	1	—

F'dak li jikkonċerna l-Aġenti ta' Appoġġ fi tranżizzjoni, il-merti kumparattivi għall-finijiet ta' promozzjoni (l-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal) għandhom jiġu kkunsidrati bejn l-uffiċjali eliġibbli fl-istess grad u klassifika.

5. L-Assistenti Amministrattivi fi tranżizzjoni u l-Aġenti ta' Appoġġ fi tranżizzjoni li qabel l-1 ta' Mejju 2004 kienu fil-kategoriji C jew D ta' dari għandhom jibqgħu intitolati jew għal leave kumpensatorju jew għal remunerazzjoni, fejn irrekwiżiti tas-servizz ma jkunux jippermettu leave kumpensatorju matul ix-xahrejn ta' wara dak fejn tkun inħadmet is-sahra, kif previst fl-Anness VI.

6. L-uffiċjali li jkunu ġew awtorizzati, abbażi tal-punt (g) tal-Artikolu 55a(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4 tal-Anness IVa tar-Regolamenti tal-Persunal, li jaħdmu part-time għal perjodu li jibda qabel l-1 ta' Jannar 2014 u li jestendi lil hinn minn dik id-data jkunu jistgħu jibqgħu jaħdmu part-time bl-istess kondizzjonijiet għal perjodu massimu ta' ħames snin.

7. Għall-uffiċjali li l-età pensjonabbli tagħhom skont l-Artikolu 22 ta' dan l-Anness hija inqas minn 66 sena, il-perjodu ta' tliet snin imsemmi fil-punt (g) tal-Artikolu 55a(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jista' jaqbeż l-età meta jsiru pensjonabbli, mingħajr, madankollu, ma jaqbeż l-età ta' 65 sena.

Artikolu 32

B'deroga mill-ewwel sentenza tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 1 tal-Anness II tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rappreżentanza tal-grupp ta' funzjoni AST/SC ma għandhiex għalfejn tkun żgurata fil-Kumitat tal-Persunal qabel l-elezzjonijiet li jkun imiss ta' Kumitat tal-Persunal ġdid li fihom jista' jkun rappreżentat il-persunal AST/SC.

Artikolu 33

B'deroga mill-Artikolu 40(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, meta, fil-31 ta' Diċembru 2013, uffiċjal ikun dam b'leave għal raġunijiet personali għal aktar minn 10 snin tul il-karriera kollha tiegħu, it-tul totali ta' leave għal raġunijiet personali ma jistax jaqbeż 15-il sena matul il-karriera kollha tal-uffiċjal.

▼**M112**

L-ANNE XIII 1

Tipi ta' posizzjonijiet matul il-perjodu transitorju

Tipi ta' posizzjonijiet f'kull kategorija, kif ipprovdut fl-Artikolu 4(1) ta' dan l-Anness.

Kategorija A		**Kategorija Ċ**	
A*5	Amministratur/	Ċ*1	Segretarju/skrivan
	Amministratur tar-Riċerka/	Ċ*2	Segretarju/skrivan
	Amministratur Lingwista	Ċ*3	Segretarju/skrivan
A*6	Amministratur/	Ċ*4	Segretarju/skrivan
	Amministratur tar-Riċerka/	Ċ*5	Segretarju/skrivan
	Amministratur Lingwista	Ċ*6	Segretarju/skrivan
A*7	Amministratur/	Ċ*7	Segretarju/skrivan
	Amministratur tar-Riċerka/		
	Amministratur Lingwista		
A*8	Amministratur/		
	Amministratur tar-Riċerka/		
	Amministratur Lingwista		
A*9	Kap ta' dipartiment/		
	Amministratur/		
	Amministratur tar-Riċerka/		
	Amministratur Lingwista		
A*10	Kap ta' Dipartiment		
	Amministratur/		
	Amministratur tar-Riċerka/		
	Amministratur Lingwista		
A*11	Kap ta' Dipartiment		
	Amministratur/		
	Amministratur tar-Riċerka/		
	Amministratur Lingwista		
A*12	Kap ta' Dipartiment		
	Amministratur/		
	Amministratur tar-Riċerka/		
	Amministratur Lingwista		
A*13	Kap ta' Dipartiment		
	Amministratur/		
	Amministratur tar-Riċerka/		
	Amministratur Lingwista		
A*14	Amministratur tar-Riċerka/		
	Amministratur Lingwista		
	Amministratur/Kap ta' Dipartiment		
	Direttur		
A*15	Direttur/Direttur-Ġenerali		
A*16	Direttur-Ġenerali		

▼**M112**

Kategorija B		**Kategorija D**	
B*3	Assistent/Assistent tar-Riċerka	D*1	Impjegat
B*4	Assistent/Assistent tar-Riċerka	D*2	Impjegat
B*5	Assistent/Assistent tar-Riċerka	D*3	Impjegat
B*6	Assistent/Assistent tar-Riċerka	D*4	Impjegat
B*7	Assistent/Assistent tar-Riċerka	D*5	Impjegat
B*8	Assistent/Assistent tar-Riċerka		
B*9	Assistent/Assistent tar-Riċerka		
B*10	Assistent/Assistent tar-Riċerka		
B*11	Assistent/Assistent tar-Riċerka		

▼M128

KONDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG APPLIKABBLI GĦALL-AĠENTI L-OĦRA TAL-UNJONI EWROPEA

▼B

LISTA TAL-KONTENUT

Titolu I:	**Disposizzjonijiet ġenerali** 1 – 7a
Titolu II:	**Persunal temporanju**
Il-Kapitolu 1:	Disposizzjonijiet ġenerali 8 – 10
Il-Kapitolu 2:	Drittijiet u obbligi 11
Il-Kapitolu 3:	Kondizzjonijiet ta' l-ingaġġ 12 – 15
Il-Kapitolu 4:	Kondizzjonijiet tax-xogħol 16 – 18
Il-Kapitolu 5:	Remunerazzjoni u spejjeż 19 – 27
Il-Kapitolu 6:	Benefiċċji tas-sigurtà soċjali
Taqsima A:	Assigurazzjoni kontra mard u aċċidenti, benefiċċji tas-sigurtà soċjali 28 – 30
Taqsima B:	Assigurazzjoni kontra invalidita' u mewt 31 – 38a
Taqsima C:	Pensjoni ta' rtirar u għotja għal firda 39 – 40
Taqsima D:	Iffinanzjar ta' l-iskema ta' l-assigurazzjoni ta' l-invalidita' u l-ħajja u ta' l-iskema tal-pensjoni 41 – 42
Taqsima E:	Ħlas ta' talbiet minn persunal temporanju 43
Taqsima F:	Ħlas ta' benefiċċji 44
Taqsima G:	Subrogazzjoni favur l-Unjoni 44a
Il-Kapitolu 7:	Irkuprar ta' pagamenti żejda 45
Il-Kapitolu 8:	Appelli 46
Il-Kapitolu 9:	Tmiem ta' l-impieg 47 – 50a
Il-Kapitolu 10:	Dispożizzjonijiet speċjali għall-membri ta' persunal temporanju msemmi fl-Artikolu 2(e) 50b – 50c
Il-Kapitolu 11:	Dispożizzjonijiet speċjali għall-persunal temporanju msemmija fl-artikolu 2(f) 51 – 56

▼B

Titolu IV:	**Persunal bil-kuntratt**
Il-Kapitolu 1:	Disposizzjonijiet ġenerali 79 – 80
Il-Kapitolu 2:	Drittijiet u obbligi 81
Il-Kapitolu 3:	Kondizzjonijiet ta' l-ingaġġ 82 – 84
Il-Kapitolu 4:	Disposizzjonijiet speċjali għall-membri tal-persunal bil-kuntratt riferuti fl-artikolu 3a 85 – 87
Il-Kapitolu 5:	Disposizzjonijiet speċjali għall-membri tal-persunal bil-kuntratt riferuti fl-artikolu 3b 88 – 90
Il-Kapitolu 6:	Kondizzjonijiet tax-xogħol 91
Il-Kapitolu 7:	Remunerazzjoni u spejjeż 92 – 94
Il-Kapitolu 8:	Benefiċċji tas-sigurtà soċjali
Taqsima A:	Assigurazzjoni kontra l-mard u l-inċidenti, benefiċċji tas-sigurta soċjali 95 – 98
Taqsima B:	Assigurazzjoni kontra r-riskju ta' l-invalidita' u l-mewt 99 – 108
Taqsima C:	Pensjoni ta' rtirar u għotja għal firda 109 – 110
Taqsima D:	Iffinanzjar ta' l-iskema ta' l-assigurazzjoni ta' l-invalidita' u l-Ħajja u ta' l-iskema tal-pensjoni 111 – 112
Taqsima E:	Ħlas ta' talbiet minn persUnal BIL-KUNTRATT 113
Taqsima F:	Ħlas ta' benefiċċji 114
Taqsima G:	Subrogazzjoni favur l-Unjoni 115
Il-Kapitolu 9:	Rkuprar ta' pagament mhux dovut 116
Il-Kapitolu 10:	Appelli 117
Il-Kapitolu 11:	Disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-membri tal-persunal bil-kuntratt li jservu f'terza pajjiż 118
Il-Kapitolu 12:	Tmiem ta' l-impieg 119
Titolu V:	**Persunal lokali** 120 – 122

▼B

Titolu VI:	**Konsulenti speċjali**
	123 – 124

▼M124

Titolu VII:	**Assistenti parlamentari**
Il-Kapitolu 1:	Dispożizzjonijiet Ġenerali
	125 – 126
Il-Kapitolu 2:	Drittijiet u obbligi
	127
Il-Kapitolu 3:	Kondizzjonijiet tal-impjieg
	128 – 130
Il-Kapitolu 4:	Kondizzjonijiet tax-xogħol
	131
Il-Kapitolu 5:	Remunerazzjoni u spejjeż
	132 – 134
Il-Kapitolu 6:	Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali
	135 – 136
Il-Kapitolu 7:	Rimbors ta' ħlas mhux dovut
	137
Il-Kapitolu 8:	Appelli
	138
Il-Kapitolu 9:	Tmiem tal-impjieg
	139

▼B

Titolu ►M124 VIII ◄:	**Disposizzjonijiet transitorji** ►M124 140 ◄
Titolu ►M124 IX ◄:	**Disposizzjonijiet finali**
	141 – 142a
L-Anness	Disposizzjonijiet transitorji applikabbli għall-persunal kopert mill-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' Ħaddiema oħra

▼B

TITOLU I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Il-kondizzjonijiet ta' l-impieg għandhom jgħoddu għall-impjegati mqabbda biex jaħdem taħt kuntratt ►**M128** mill-Unjoni ◄.

It-tali mpjegati għandhom ikunu:

— persunal temporanju,

▼**M131**
_____

▼**M112**
— persunal bil-kuntratt,

▼**B**
— persunal lokali,

— konsulenti speċjali ,

▼**M124**
— assistenti parlamentari akkreditati.

▼**M33**
_____

▼**M112**
Kull riferenza f'dawn il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg għal persuna tas-sess maskil għandha tkun ikkunsidrata wkoll li tikkostitwixxi riferenza għal persuna tas-sess femminil, u viċe-versa, sakemm il-kuntest ma jindikax fiċ-ċar mod ieħor.

▼**B**

Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg, "persunal temporanju"t-fisser:

(a) persunal imqabbad biex jimla post li huwa nkluż fil-lista tal-postijiet imwaħħla mat-taqsima tal-*budget*rigward kull istituzzjoni u li l-awtoritajiet ta' l-estimi kklassifikaw bħala temporanji;

(b) persunal imqabbad biex jimla temporanjament post permanenti inkluż fil-lista tal-postijiet marbutin mat-taqsima ta' l-estimi relatat ma' kull istituzzjoni;

(ċ) persunal, barra uffiċjali ►**M128** tal-Unjoni ◄ imqabbad biex jassisti jew persuna li għandha uffiċċju pprovdut ►**M128** fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew il-President elett ta' waħda mill-istituzzjonijiet jew organi tal-Unjoni, ◄ ►**M112** jew wieħed mill-gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew jew il-Kumitat tar-Reġjuni, jew grupp fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ◄;

▼**M33**
(d) persunal imqabbad biex jimla temporanjament post permanenti mħallas mill-approprjazzjonijiet tar-riċerka u l-investiment u inkluż fil-lista tal-postijiet marbutin ma' l-estimi li jirrelata għall-istituzzjoni kkonċernata;

▼**M128**

(e) persunal issekondat mis-servizzi diplomatiċi nazzjonali tal-Istati Membri ingaġġat biex jimla temporanjament post permanenti fis-SEAE;

▼**M131**

(f) persunal impjegat biex jimla pożizzjoni li tkun inkluża fil-lista ta' pożizzjonijiet għat-taqsima tal-baġit li tirrigwarda aġenzija kif inhu msemmi fl-Artikolu 1a(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u li l-awtoritajiet baġitarji jkunu kklassifikaw bħala temporanja, għajr għal kapijiet ta' aġenziji u viċi kapijiet ta' aġenziji kif ikun imsemmi fl-att tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxi l-aġenzija u uffiċjali sskondati fl-interessi tas-servizz lil aġenzija.

———————

▼**M112**

L-Artikolu 3a

1. Għall-iskopijiet ta' dawn il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, "persunal bil-kuntratt"; ifisser persunal mhux assenjat għal posizzjoni inkluż fil-lista tal-posizzjonijiet mehmuża mat-taqsima ta' l-estimi relatati ma' l-istituzzjoni kkonċernata u mqabbdin biex jaqdu d-dmirijiet *full-time* jew *part-time*;

(a) f'istituzzjoni li twettaq kompiti ta' servizz manwali jew amministrattiv ta' appoġġ,

(b) fl-aġenziji riferuti fl-Artikolu 1a(2) tar-Regolamenti tal-Persunal,.

(ċ) f'entitajiet oħra ġewwa l-Unjoni Ewropea li jinħolqu, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal, b'att legali speċifiku maħruġa minn istituzzjoni waħda jew aktar li tippermetti l-użu tat-tali persunal,

(d) fir-Rappreżentazzjonijiet u d-Delegazzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet ►**M128** tal-Unjoni, ◄

(e) f'entitajiet oħra li qegħdin barra l-Unjoni Ewropea.

▼**M128**

Persunal ingaġġat għat-twettiq ta' dmirijiet full-time jew part-time f'delegazzjonijiet tal-Unjoni jista' jiġi assenjat temporanjament għas-sede ġenerali tal-istituzzjoni skont il-proċedura ta' mobilità stilupata fl-Artikoli 2 u 3 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼**M112**

2. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-istituzzjonijiet kollha, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-awtorità ta' l-estimi ta' kull sena dwar l-impieg tal-persunal bil-kuntratt, li għandu jgħid jekk in-numru kollu tat-tali membri tal-persunal bil-kuntratt baqax fil-limitu ta' 75 % ta' l-impjegati kollha fl-aġenziji, f'entitajiet oħra ġewwa l-Unjoni Ewropea, fir-Rapreżentazzjonijiet u d-Delegazzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet ►**M128** tal-Unjoni ◄ u f'entitajiet oħra li qegħdin barra l-Unjoni Ewropea rispettivament. Jekk dan il-limitu ma kienx rispettat, il-Kummissjoni għandha tipproponi lill-aġenziji, l-entitajiet l-oħra ġewwa l-Unjoni Ewropea, ir-Rappreżentazzjonijiet u d-Delegazzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet ►**M128** tal-Unjoni ◄ jew entitajiet oħra li qegħdin barra l-Unjoni Ewropea rispettivament, biex jieħdu l-miżuri xierqa ta' korrezzjoni.

Artikolu 3b

Għall-iskopijiet ta' dawn il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, "persunal bil-kuntratt għal kompiti awżiljarji"; tfisser persunal imqabbad biex jaħdem ►**C1** fil-limiti taż-żmien ippreżentati fl-Artikolu 88 f'wieħed mill-gruppi tal-funzjoni riferuti fl-Artikolu 89: ◄

(a) biex iwettaq dmirijiet *full-time* jew *part-time* minbarra dawk riferuti fl-Artikolu 3a(1)(a), mingħajr ma jkun assenjat għal posizzjoni inkluż fil-lista tal-posizzjonijiet mehmuża mat-taqsima ta' l-estimi relatati ma' l-istituzzjoni kkonċernata,

▼M112

(b) wara li l-possibiltajiet ta' ingaġġ temporanju ta' uffiċjali minn ġewwa l-istituzzjoni jkunu eżaminati, biex jibdel ċerti persuni li għalissa ma' jistgħux jaqdu d-dmirijiet tagħhom, jiġifieri:

▼M131

(i) Uffiċjali jew persunal temporanju fil-grupp ta' funzjoni AST/SC u AST;

▼M112

(ii) bħala eċċezzjoni, uffiċjali jew persunal temporanju fil-grupp tal-funzjoni ta' l-AD, li jokkupaw posizzjoni għolja speċjalizzata, għajr Kapijiet ta' Dipartiment, Diretturi, Diretturi Ġenerali u funzjonijiet ekwivalenti.

▼M128

Ħlief fil-każijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3a(1), l-użu tal-persunal kuntrattwali għal xogħlijiet awżiljarji huwa eskluż fejn japplika l-Artikolu 3a.

▼M112

L-Artikolu 4

Għall-iskopijiet ta' dawn il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, "persunal lokali"; ifisser persunal imqabbad biex jaħdem f'postijiet barra l-Unjoni ewropea skond il-prattika lokali tad-dmirijiet manwali jew tas-servizz, assenjat għal posizzjoni mhux inkluża fil-lista tal-posizzjonijiet mehmuża mat-taqsima ta' l-estimi relatati ma' kull istituzzjoni u mħallsa mill-approprijazzjonijiet totali għall-iskop taħt dik it-taqsima ta' l-estimi. Il-persunal imqabbad biex jaħdem f'postijiet ta' impieg barra l-Unjoni Ewropea għad-dmirijiet barra dawk imsemmija hawn fuq li, fl-interessi tas-servizz, ma setgħux ikunu assenjati lil uffiċjal jew ħaddiem li għandu kapaċità oħra fis-sens ta' l-Artikolu 1, ukoll għandu jitqies bħala persunal lokali.

▼B

Artikolu 5

Għall-iskopijiet ta' dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg, "konsulent speċjali"ifisser persuna li, minħabba l-kwalifiki speċjali tagħha u minkejja impieg bi qligħ f'xi kapaċità oħra, hija mqabbda biex tassisti ►M15 waħda mill-istituzzjonijiet ►M128 tal-Unjoni ◄ ◄ jew regolarment jew għal perjodu speċifikat u li titħallas mill-approprijazzjonijiet totali għall-iskop taħt it-taqsima ta' l-estimi relatati ma' l-istituzzjoni li taħdem magħha.

▼M124

Artikolu 5a

Għall-finijiet ta' dawn il-Kondizzjonijiet tal-impjieg, l-"assistenti parlamentari akkreditati" tfisser il-persuni magħżula minn Membru wieħed jew aktar u impjegati b'kuntratt dirett mal-Parlament Ewropew biex jipprovdu assistenza diretta, fil-bini tal-Parlament Ewropew f'wieħed mit-tliet postijiet tax-xogħol tiegħu, lill-Membru jew Membri fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom bħala Membri tal-Parlament Ewropew, taħt id-direzzjoni u l-awtorità tagħhom u f'relazzjoni ta' fiduċja reċiproka konformement mal-libertà tal-għażla prevista fl-Artikolu 21 tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 2005/684/KE, Euratom tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew ([1]).

▼B

Artikolu 6

Kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi min huwa awtorizzat jikkonkludi l-kuntratti riferuti fl-Artikolu 1.

►M112 L-Artikolu 1a(2), l-Artikolu 1b ◄ u ►M112 L-Artikolu 2(2) ◄ tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw bħala analoġija.

([1]) ĠU L 262, 7.10.2005, p. 1.

▼B

Artikolu 7

Impjegat li l-kuntratt tiegħu huwa għal aktar minn sena jew għall-perjodu mhux definit għandu jkun intitolat biex jivvota f'elezzjonijiet u jikkontesta elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Persunal ipprovdut fl-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M23

Impjegat li l-kuntratt tiegħu huwa għal anqas minn sena għandu jkun intitolat biex jivvota jekk ilu impjegat għal mill-anqas sitt xhur.

▼B

Il-Kumitat Konġunt ipprovdut fl-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal jista' jkun ikkonsultat mill-istituzzjoni jew mill-Kumitat tal-Persunal dwar kwestjonijiet ta' natura ġenerali dwar ħaddiema li għalihom japplika l-Artikolu 1.

▼M23

Artikolu 7a

L-Artikolu ►M112 24b ◄ tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jgħodd għall-ħaddiema riferuti fl-Artikolu 1.

▼B

TITOLU II

PERSUNAL TEMPORANJU

IL-KAPITOLU 1

Disposizzjonijiet ġenerali

▼M112

L-Artikolu 8

Il-persunal temporanju li għalih japplika ►M131 l-Artikolu 2(a) jew l-Artikolu 2(f) ◄ għandu jitqabbad jaħdem għal perjodu stabbilit jew indefinit. Il-kuntratti tat-tali persunal li huma mqabbdin għal perjodu fiss jistgħu jiġġeddu għal mhux aktar minn darba għal perjodu fiss. Kull tiġdid ieħor ikun għal perjodu indefinit.

Il-persunal temporanju li japplika għalih l-Artikolu 2(b) jew (d) ma jitqabbdux jaħdmu għal aktar minn erba' snin iżda l-ingaġġ tagħhom jista' jkun limitat għal kull tul iqsar. Il-kuntratti tagħhom jistgħu jiġġeddu mhux aktar minn darba għal perjodu massimu ta' sentejn jekk it-tiġdid kien ipprovdut fil-kuntratt tal-bidu u fil-limiti pprovduti f'dak il-kuntratt. Fl-aħħar ta' dak iż-żmien, ma jibqgħux impjegati aktar bħala persunal temporanju taħt dawn id-disposizzjonijiet. Meta jiskadu l-kuntratti tagħhom, it-tali ħaddiema jistgħu jkunu assenjati f'posizzjonijiet stabbiliti fl-istituzzjonijiet biss jekk jinħatru bħala uffiċjali skond ir-Regolamenti tal-Persunal.

Il-persunal temporanju li għalih japplika l-Artikolu 2(ċ) għandu jitqabbad jaħdem għal perjodu indefinit.

▼B

Artikolu 9

Persunal temporanju ma jkunx imqabbad għal xi skop ieħor minbarra biex jimla, skond dan it-Tirolu, posizzjonijiet battala nkluż fil-lista tal-posizzjonijiet marbutin mat-taqsima ta' l-estimi relatati ma' kull istituzzjoni.

▼M112

L-Artikolu 9a

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport kull sena dwar l-użu tal-persunal temporanju inkluż in-numru tal-persunal, il-livell u t-tip ta' posizzjonijiet, il-bilanċ ġeografiku u r-riżorsi ta' l-estimi għal kull grupp tal-funzjoni.

L-Artikolu 10

►M128 1. ◄ L-Artikoli 1d, 1e, 5(1), (2), (3) u (4), u l-Artikolu 7 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija.

►M128 2. ◄ Il-grad u l-iskala li fihom se jkun ingaġġat il-persunal temporanju għandhom jingħadu fil-kuntratt tagħhom.

►M128 3. ◄ L-assenjament ta' persunal temporanju għal posizzjoni li ġġorr grad ogħla minn dak li kienu ngaġġati fih għandu jkun irreġistrat fil-ftehim supplimentari mal-kuntratt tas-servizz tagħhom.

▼M131

_____

▼M128

5. L-Artikoli 95, 96 u 99 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija għall-persunal temporanju. It-Titolu VIIIb tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b'analoġija għall-persunal temporanju li jservi f'pajjiż terz.

▼B

IL-KAPITOLU 2

Drittijiet u obbligi

Artikolu 11

▼M60

Id-disposizzjonijiet ►M131 tal-Artikoli 11 sa 26a ◄ tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' l-uffiċjali, għandhom japplikaw b'analoġija. Madankollu, meta membru tal-persunal temporanju għandu kuntratt għal perjodu stabbilit, it-tul ta' żmien ta' *leave*fuq raġunijiet personali riferuti fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Persunal għandu jkun limitat għall-bqija taż-żmien tal-kuntratt.

▼B

Kull deċiżjoni li trid tagħmel tajjeb għad-danni sofferti ►M128 mill-Unjoni ◄ bħala riżultat ta' kondotta serjament ħażina, kif ipprovdut fl-Artikolu 22 tar-Regolamenti tal-Persunal, għandha tittieħed mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 wara li jkunu osservati l-formalitajiet ipprovduti fil-każijiet tat-tkeċċija minħabba kondotta serjament ħażina.

Deċiżjonijiet dwar membri individwali tal-persunal temporanju għandhom ikunu ppubblikati kif ipprovdut ►M131 fit-tielet ◄ paragrafu ta' l-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal.

IL-KAPITOLU 3

Kondizzjonijiet ta' l-ingaġġ

Artikolu 12

▼M131

1. L-ingaġġ ta' persunal temporanju għandu jsir b'mod li jiżgura li l-istituzzjonijiet ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom is-servizzi ta' persuni tal-ogħla livell ta' ħiliet, effiċjenza u integrità, reklutati fuq l-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni.

▼M131

Persunal temporanju għandu jintgħażel mingħajr distinzjoni ta' razza, twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż, sess jew orjentament sesswali u mingħajr referenza għall-istat ċivili jew is-sitwazzjoni familjari tiegħu.

Ma tista' tinżamm l-ebda pożizzjoni għaċ-ċittadini ta' xi Stat Membru. Madankollu, il-prinċipju tal-ugwaljanza taċ-ċittadini tal-Unjoni għandu jippermetti li kull istituzzjoni tadotta miżuri xierqa wara li jkun osservat li jkun jeżisti żbilanċ dejjiemi u sinfikanti bejn in-nazzjonalitajiet fost il-persunal temporanju li ma jkunx ġustifikat minn kriterji oġġettivi. Dawn il-miżuri xierqa jridu jkunu ġustifikati u qatt ma għandhom jirriżultaw fi kriterji ta' reklutaġġ għajr dawk imsejsa fuq il-mertu. Qabel ma jiġu adottati dawn il-miżuri xierqa, l-awtoritajiet imsemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 għandhom jadottaw dispożizzjonijiet ġenerali għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-paragrafu skont l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Wara perjodu ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tas-subparagrafu preċedenti.

Sabiex ikun faċilitat l-ingaġġ fuq l-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex isostnu l-edukazzjoni multilingwi u multikulturali għat-tfal tal-persunal tagħhom.

▼B

2. Membru tal-persunal temporanju jista' jitqabbad jaħdem biss bil-kondizzjoni li:

(a) ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri ►M128 tal-Unjoni, ◄ sakemm eċċezzjoni mhux awtorizzata mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6, u jgawdi mid-drittjiet kollha tiegħu bħala ċittadin;

(b) huwa wettaq kull obbligu impost fuqu mil-liġijiet dwar is-servizz militari;

(ċ) huwa jipproduċi r-riferenzi tal-karattru xierqa li juru li huwa tajjeb biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu;

(d) huwa fiżikament b'saħħtu biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu; u

(e) huwa jipproduċi evidenza ta' għarfien komplut ta' waħda mill-lingwi ►M128 tal-Unjoni ◄ u ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra ►M128 tal-Unjoni ◄ sal-punt meħtieġ biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

▼M112

3. ►M128 ►C4 L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal ◄ ◄ (minn issa 'l quddiem "l-Uffiċċju";), fuq it-talba tagħhom, għandu jipprovdi għajnuna lill-istituzzjonijiet differenti bl-iskop ta' l-għażla tal-persunal temporanju, partikolarment billi jkun definit il-kontenut tat-testi u l-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' l-għażla. L-Uffiċċju għandu jiżgura t-trasparenza tal-proċeduri ta' l-għażla tal-persunal temporanju mqabbad biex jaħdem taħt l-Artikolu 2(a), (b) u (d).

4. Fuq it-talba ta' istituzzjoni, fil-proċeduri ta' l-għażla organizzati għall-ingaġġ tal-persunal temporanju, l-Uffiċċju għandu jiżgura l-applikazzjoni ta' l-istess livelli bħal ta' l-għażla ta' l-uffiċjali.

5. ►M131 L-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 ◄ għandha tadotta disposizzjonijiet ġenerali dwar il-proċeduri għar-reklutaġġ tal-persunal temporanju skond l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif meħtieġ.

▼B

Artikolu 13

Qabel ikun imqabbad jaħdem, membru tal-persunal temporanjugħandu jkun eżaminat medikalment minn wieħed mill-uffiċjali mediċi ta' l-istituzzjoni sabiex l-istituzzjoni tista' tkun sodisfatta li jaqdi l-ħtiġiet ta' l-Artikolu 12(2)(d).

▼**M62**

L-Artikolu 33 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b'analoġija.

▼**M131**

Artikolu 14

1. Membru tal-persunal temporanju għandu jservi disa' xhur ta' perjodu ta' prova.

Meta, matul il-perjodu ta' prova tiegħu, minħabba mard, leave ta' maternità skont l-Artikolu 58 tar-Regolamenti tal-Persunal, jew inċident, membru tal-persunal temporanju ma jkunx jista' jwettaq dmirijietu għal perjodu kontinwu ta' mill-anqas xahar, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 tista' ttawwal il-perjodu ta' prova tiegħu bil-tul ta' żmien korrispondenti.'; It-tul totali tal-perjodu ta' prova fl-ebda ċirkostanza ma għandu jaqbeż 15-il xahar.

2. Rapport dwar il-membru tal-persunal temporanju jista' jsir fi kwalunkwe żmien qabel it-tmiem tal-perjodu ta' prova jekk jirriżulta ovvju li x-xogħol tiegħu mhuwiex adegwat.

Dak ir-rapport għandu jiġi kkomunikat lill-persuna kkonċernata, li jkollha d-dritt tagħti l-kummenti tagħha bil-miktub fi tmint ijiem tax-xogħol. Ir-rapport u l-kummenti għandhom jintbagħtu minnufih mis-superjur dirett tal-membru tal-persunal temporanju lill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6. Fuq il-bażi tar-rapport, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 tista' tiddeċiedi li tkeċċi lill-membru tal-persunal temporanju qabel it-tmiem tal-perjodu ta' prova, billi tagħtih notifika ta' xahar, jew tassenja lill-membru tal-persunal temporanju lil dipartiment ieħor għall-bqija tal-perjodu ta' prova.

3. Mhux inqas minn xahar qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' prova, għandu jiġi mfassal rapport dwar il-kapaċità tal-membru tal-persunal temporanju li jeżegwixxi d-doveri appartenenti għall-kariga tiegħu kif ukoll dwar l-effiċjenza u l-imġiba tiegħu fis-servizz. Dak ir-rapport għandu jiġi kkomunikat lill-membru tal-persunal temporanju, li jkollu d-dritt jagħti l-kummenti tiegħu bil-miktub fi tmint ijiem tax-xogħol.

Jekk ir-rapport jirrakkomanda t-tkeċċija jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-estensjoni tal-perjodu ta' prova skont il-paragrafu 1, ir-rapport u l-kummenti għandhom jintbagħtu minnufih mis-superjur dirett tal-membru tal-persunal temporanju lill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6.

Membru tal-persunal temporanju li x-xogħol jew l-imġiba tiegħu ma jkunux irriżultaw adegwati għall-istabbiliment fil-pożizzjoni tiegħu għandu jitkeċċa.

Id-deċiżjoni finali għandha tittieħed abbażi tar-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu kif ukoll abbażi ta' elementi disponibbli għall-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 dwar l-imġiba tal-membru tal-persunal temporanju fir-rigward tat-Titolu II tar-Regolamenti tal-Persunal.

4. Membru mkeċċi tal-persunal temporanju għandu jkun intitolat għal kumpens daqs terz tas-salarju bażiku tiegħu għal kull xahar ta' prova kompluta.

▼B

Artikolu 15

►M62 1. ◄ Persunnal temporanju għandu fil-bidu ikun ikklassifikat skond l-Artikolu 32 tar-Regolamenti tal-Persunal. ►M131 Membri tal-persunal temporanju li jingħataw grad skont il-kriterji tal-għoti ta' gradi adottati mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 għandhom iżommu l-anzjanità fl-iskala li jiksbu f'dik il-kapaċità jekk ikunu impjegati bħala persunal temporanju fl-istess grad immedjatament wara l-perjodu preċedenti ta' servizz temporanju. ◄

Meta membru tal-persunal temporanju huwa assenjat għal posizzjoni li tikkorrospondi ma' grad ogħla, kif ipprovdut fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu, 10, il-klassifikazzjoni tiegħu għandha tkun stabbilita skond l-Artikolu 46 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M62

2. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar rapporti, għandhom jgħoddu b'analoġija ►M112 ——————— ◄.

▼B

IL-KAPITOLU 4

Kondizzjonijiet tax-xogħol

▼M131

Artikolu 16

L-Artikoli 42a, 42b u 55 sa 61 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar leave, sigħat ta' xogħol, sahra, xogħol bix-xift, dmirijiet ta' standby fil-post tax-xogħol jew id-dar u btajjel pubbliċi, għandhom japplikaw b'analoġija. Il-leave speċjali u l-leave tal-ġenituri u tal-familja ma għandhomx jestendu aktar mit-terminu tal-kuntratt. Barra minn hekk, l-Artikoli 41, 42, 45 u 46 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija għall-ħaddiema temporanji msemmija fl-Artikolu 29 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, irrispettivament mid-data tal-ingaġġ tagħhom.

Il-leave imħallas tal-mard previst fl-Artikolu 59 tar-Regolamenti tal-Persunal m'għandux, madankollu, jaqbeż tliet xhur jew it-tul ta' żmien maħdum mill-membru tal-persunal temporanju, fejn dan tal-aħħar ikun itwal. Il-leave m'għandux jestendi lil hinn mit-terminu tal-kuntratt tiegħu.

Malli jiskadu dawk il-limiti ta' żmien, ħaddiem li l-kuntratt tiegħu ma jkunx terminat, minkejja li ma jkunx jista' jerġa' jibda jaqdi dmirijietu, għandu jitqiegħed fuq leave bla ħlas.

Madankollu, meta ħaddiem jimrad b'marda okkupazzjonali jew isofri xi inċident waqt il-qadi ta' dmirijietu, għandu jkompli jirċievi r-remunerazzjoni kollha tiegħu matul il-perjodu li matulu ma jkunx kapaċi jaħdem sa dak iż-żmien meta jingħata pensjoni tal-invalidità skont l-Artikolu 33.

Artikolu 17

F'ċirkostanzi eċċezzjonali membru tal-persunal temporanju jista' fuq talba tiegħu stess jingħata leave bla ħlas abbażi ta' raġunijiet personali serji. L-Artikolu 12b tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jibqa' japplika matul il-perjodu tal-leave bla ħlas għal raġunijiet personali.

Il-permess skont l-Artikolu 12b ma jistax jingħata lil membru tal-persunal temporanju għall-iskop li jeżerċita attività professjonali, sew bi ħlas u sew mingħajr ħlas, li tinvolvi lobbying jew difiża b'rabta mal-istituzzjoni tiegħu u li tista' twassal biex ikun hemm jew jista' jkun hemm kunflitt mal-interessi leġittimi tal-istituzzjoni.

▼M131

L-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 għandha tiddetermina t-tul ta' leave bħal dan, li ma għandux jaqbeż kwart tat-tul ta' żmien diġà maħdum mill-ħaddiem jew:

— tliet xhur jekk l-anzjanità tal-ħaddiem hija anqas minn erba' snin;

— tnax-il xahar fil-każijiet l-oħra kollha.

Kwalunkwe perjodu ta' leave mogħti skont l-ewwel paragrafu ma għandux jgħodd għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Meta membru tal-persunal temporanju jkun b'leave bla ħlas, is-sħubija tiegħu fl-iskema tas-sigurtà soċjali prevista fl-Artikolu 28 tkun sospiża.

Madankollu, membru tal-persunal temporanju li ma jkunx f'impjieg bi qligħ jista', mhux aktar tard minn xahar wara dak li fih jibda l-leave bla ħlas tiegħu, japplika biex ikompli jkun kopert kontra r-riskji msemmija fl-Artikolu 28, sakemm huwa jħallas nofs l-ispiża tal-kontribuzzjonijiet previsti f'dak l-Artikolu għal kemm idum il-leave tiegħu; il-kontribuzzjoni għandha tinħadem b'referenza għall-aħħar salarju bażiku tiegħu.

Barra minn hekk, membru tal-persunal temporanju li għalih japplika l-Artikolu 2(c) jew (d) li juri li ma jistax jakkwista drittijiet għall-pensjoni skont skema oħra tal-pensjoni jista' japplika biex ikompli jakkwista aktar drittijiet għall-pensjoni matul il-perjodu tal-leave bla ħlas, sakemm iħallas l-ispiża tal-kontribuzzjoni ekwivalenti għal tliet darbiet ir-rata stabbilita fl-Artikolu 41; il-kontribuzjonijiet għandhom jiġu kkalkolati b'referenza għas-salarju bażiku għall-grad u l-iskala tiegħu.

In-nisa li l-leave tal-maternità tagħhom jibda qabel ma jintemm il-kuntratt tagħhom għandhom ikunu intitolati għal leave tal-maternità u għal paga tal-maternità.

▼M60

Artikolu 18

Membru tal-persunal temporanju msejjaħ għal servizz militari, servizzi alternattivi jew għal taħriġ ta' riservi jew msejjaħ mill-ġdid biex iservi fil-forzi armati għandu jkun assenjat *leave* għal servizz nazzjonali; għall-persunal temporanju mqabbad għal perjodu stabbilit it-tali *leave* fl-ebda ċirkostanzi ma jistgħu jaqbżu t-tul tal-kuntratt.

Membru tal-persunal temporanju msejjaħ għal servizz militari jew ervizz alternattiv għandu jieqaf jirċievi r-remunerazzjoni tiegħu iżda għandu jżomm id-dritt tiegħu taħt dawn il-kondizzjonijiet tax-xogħol għall-avvanzament għal skala ogħla. Huwa għandu jżomm id-dritt tiegħu għal pensjoni ta' l-irtirar jekk, wara li jlesti s-servizz militari tiegħu, iħallas il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tiegħu b'lura.

Membru tal-persunal temporanju msejjaħ għal taħriġ ta' riservi jew msejjaħ mill-ġdid biex iservi fil-forzi armati għandu, matul il-perjodu tat-taħriġ jew is-sejħa mill-ġdid, ikompli jirċievi r-remunerazzjoni tiegħu suġġetta għal tnaqqis daqs il-paga tas-servizz tiegħu.

▼B

IL-KAPITOLU 5

Remunerazzjoni u spejjeż

Artikolu 19

Ir-remunerazzjoni tal-persunal temporanju għandha tkun magħmula mis-salarju bażiku, benefiċċji tal-familja u benefiċċji oħra.

▼**M112**

L-Artikolu 20

1. L-Artikoli 63, 64, 65 u 65a tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-munita li fiha hija espressa r-remunerazzjoni u ►**M131** l-aġġornamenti ◄ tat-tali remunerazzjoni, għandhom japplikaw b'analoġija.

2. L-Artikoli 66, 67, 69 u 70 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar is-salarji bażiċi, benefiċċji tal-familja, benefiċċju għall-espatrijazzjoni u l-pagament fil-każ ta' mewt, għandhom japplikaw b'analoġija.

3. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 66a tar-Regolamenti tal-Persunal dwar ►**M131** l-imposta ta' solidarjetà ◄ għandhom japplikaw b'analoġija għall-persunal temporanju.

▼**M131**

4. L-Artikolu 44 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b'analoġija għall-persunal temporanju.

▼**B**

Artikolu 21

L-Artikoli 1, 2, ►**M112** 3 u 4 ◄ ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-pagament ►**M112** benefiċċji tal-familj u benefiċċju ta' l-espatrijazzjoni ◄ u l-benefiċċji stabbiliti temporanji, għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 22

Suġġett għall-Artikoli 23 sa 26, membru tal-persunal temporanju għandu jkun intitolat, skond l-Artikoli 5 sa 15 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, għal Rimborsar ta' l-ispejjeż li ħallas malli jieħu l-ħatra, it-trasferiment jew meta jitlaq mis-servizz, u wkoll għal Rimborsar ta' l-ispejjeż li ħallas matul u f'konnessjoni mal-qadi tad-dmirijiet tiegħu.

Artikolu 23

Membru tal-persunal temporanju imqabbad għal perjodu stabbilit ta' mhux anqas minn 12-il xahar, jew meqjus mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 li huwa imqabbad għal perjodu ekwivalenti jekk il-kuntratt tiegħu huwa għal perjodu indefinit, għandu, kif ipprovdut fl-Artikolu 9 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, ikun intitolat għal Rimborsar ta' l-ispejjeż tat-tneħħija.

Artikolu 24

1. Membru tal-persunal temporanju imqabbad għal perjodu stabbilit ta' mhux anqas minn sena, jew meqjus mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 li huwa imqabbad għal perjodu ekwivalenti jekk il-kuntratt tiegħu huwa għal perjodu indefinit, għandu jirċievi *allowance*ta' l-istallazzjoni, kif ipprovdut fl-Artikolu 5 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal li jammonta għal, għal perjodu mistenni ta' servizz ta':

— mhux anqas minn sena iżda anqas minn sentejn,għal terz — mhux anqas minn sentejn iżda anqas minn tliet snin,-għal żewġ terzi tliet snin jew aktar,għal tliet terzi	tar-rata mniżżla fl-Artikolu 5 ta' l-Anness VII tar-Regolament tal-Persunal.

▼B

2. Il-*allowance*ta' l-istabbiliment mill-ġdid ipprovdut fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jingħata lill-persunal temporanju li lesta erba' snin servizz. Ħaddiem li għamel aktar minn sena iżda anqas minn erba' snin servizz għandu jirċievi *allowance*ta' l-istabbiliment mill-ġdid fil-proporzjon tat-tul tas-servizz tiegħu, mingħajr ma jkunu kkunsidrati snin mhux kompluti.

▼M112

3. Madankollu, il-benefiċċju għall-istallazzjoni pprovdut fil-paragrafu 1 u l-benefiċċju ta' tgħammir mill-ġdid ipprovdut fil-paragrafu 2 m'għandux ikun anqas minn:

▼M151

— EUR 1 315,28 għal aġent li għandu dritt tal-benefiċċju tal-unità domestika;

— EUR 782,06 għal aġent li mhuwiex intitolat għall-allowance tal-unità domestika.

▼M112

Fil-każijiet fejn ir-raġel u l-mara li huma uffiċjali jew ħaddiema oħra ►M128 tal-Unjoni, ◄ huma t-tnejn intitolati għall-benefiċċju ta' tgħammir jew benefiċċju ta' tgħammir mill-ġdid, dan għandu jitħa;;as biss lill-persuna bl-ogħla salarju bażiku.

▼B

Artikolu 25

▼M23

L-Artikolu 10 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal dwar il-*allowance*tas-sussistenza ta' kuljum, għandu jgħodd. ►M60 Madankollu, membru tal-persunal temporanju imqabbad għal perjodu stabbilit ta' anqas minn 12-il xahar, jew meqjus mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 li huwa imqabbad għal perjodu ekwivalenti jekk il-kuntratt tiegħu huwa għal perjodu indefinit, u li jipprovdi evidenza li jkun impossibbli għalih li jkompli jgħix fil-post tar-residenza tiegħu, għandu jirċievi benefiċċju għas-sussistenza ta' kuljum-għal perjodu tal-kuntratt tiegħu jew għl massimu ta' sena. ◄

▼B

Artikolu 26

L-Artikolu 8 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-pagament fis-sena ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar mill-post ta' l-impieg għall-post ta' l-oriġini, għandu jgħodd biss għall-persunal temporanju li għamel mhux anqas minn disa' xhur servizz.

Artikolu 27

L-Artikoli 16 u 17 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar pagament ta' somom dovuti, għandhom jgħoddu b'analoġija.

IL-KAPITOLU 6

Benefiċċji tas-sigurtà soċjali

Taqsima A

ASSIGURAZZJONI KONTRA MARD U AĊĊIDENTI, BENEFIĊĊJI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

Artikolu 28

►M60 L-Artikoli 72 u 73 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-kopertura għall-mard u l-aċċidenti, għandhom jgħoddu b'analoġija għall-persunal temporanju matul il-perjodu ta' impieg, matul il-*leave*minħabba mard u matul il-perjodi ta'*leave*bla ħlas riferuti fl-Artikoli 11 u 17 skond il-kondizzjonijiet imniżżla fihom; l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-kopertura fuq il-mard, għandhom jgħoddu b'analoġija għall-persunal temporanju li jirċievi ►M112 benefiċċju ta' l-invalidità ◄ u għal min jirċievi pensjoni għal min jibqa' ħaj. ◄ ►M33 L-Artikolu 72 għandu jgħodd ukoll għall-persunal riferut fl-Artikolu 39(2) li jirċievu pensjoni ta' l-irtirar. ◄

▼B

Jekk, madankollu, l-eżami mediku pprovdut fl-Artikolu 13 juri li l-ħaddiem isofri minn mard jew invaliditá, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tista' tiddeċiedi li l-ispejjeż li jinħolqu mit-tali mard jew invaliditá għandhom ikunu eskluży mir-Rimborsar ta' l-ispejjeż ipprovduti fl-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M62

Jekk membru tal-persunal temporanju juri li ma jistax jikseb kopertura taħt xi skema ta' assigurazzjoni oħra kontra l-mard ipprovduta bil-liġi jew bir-regolament, jista', ma' l-applikazzjoni li ssir l-aktar tard fi żmien xahar wara li jiskadi l-kuntratt tiegħu, ikompli jibbenefika minn kopertura tal-mard ipprovduta fl-ewwel paragrafu, għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur wara li jiskadi l-kuntratt tiegħu. Il-kontribuzzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 72(1) tar-Regolament tal-Persunal għandhom ikunu bbażati fuq l-aħħar salarju bażiku tiegħu u n-nofs tiegħu għandu jitħallas minnu.

L-awtorità tal-ħatra tista', wara li tikseb il-parir ta' l-uffiċjal mediku ta' l-istituzzjoni, tiddeċiedi li l-limitu ta' żmien ta' xahar li fih trid issir l-applikazzjoni u l-limitu ta' sitt xhur ipprovdut fil-paragrafu ta' qabel ma japplikawx fejn il-persuna kkonċernata qed issofri minn mard serju jew fit-tul li ttieħed matul l-impieg tagħha, li kienet irrapurtat lill-istituzzjoni qabel it-tmiem tal-perjodu ta' sitt xhur ipprovdut fil-paragrafu ta' qabel, bil-kondizzjoni li l-persuna kkonċernata tagħmel eżami mediku ppreparat mill-istituzzjoni.

Artikolu 28a

1. Dak li kien membru tal-persunal temporanju li huwa qiegħed meta s-servizz tiegħu ma' istituzzjoni ►M128 tal-Unjoni Ewropea ◄ spiċċaw:

— li ma jirċevix pensjoni ta' l-irtirar jew pensjoni ta' l-invaliditá mill-Komunitajiet Ewropej,

— li s-servizz tiegħu ma spiċċax b'riżenja jew bil-kanċellament tal-kuntratt minħabba raġunijiet dixxiplinarji,

— li ta minimu ta' sitt xhur servizz,

— u li huwa reidenti fi Stat Membru ►M128 tal-Unjoni, ◄

għandu jkun eliġibbli għal benefiċċju tal-qgħad fix-xahar bil-kondizzjonijiet imniżżlin hawn taħt.

Fejn huwa intitolat għal benefiċċji tal-qgħad taħt skema nazzjonali, huwa obbligat jiddikjara dan lill-istituzzjoni li kien magħha, li għandha tavża lill-Kummissjoni b'dan minufih. Fit-tali każijiet, l-ammont ta' dawk il-benefiċċji jitnaqqas mill-benefiċċju mħallas taħt il-paragrafu 3.

2. Biex ikun eliġibbli għal dan il-benefiċċju tal-qgħad, dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju għandu:

(a) jkun irreġistrat, fuq it-talba tiegħu stess, li qed ifittex xogħol ma' l-awtoritajiet ta' l-impieg ta' l-Istati Membri fejn jistabbilixxi r-residenza tiegħu;

(b) iħares l-obbligi mniżżla mill-liġi ta' dak l-Istat Membru għall-persuni li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad taħt dik il-liġi;

(ċ) jibgħat kull xahar lill-istituzzjoni li kien magħha, li mill-ewwel għandha tgħaddih lill-Kummissjoni, ċertifikat maħruġ mill-awtorità nazzjonali kompetenti ta' l-impieg li jgħid jekk ħarisx l-obbligi u l-kondizzjonijiet riferuti f'(a) u (b) jew le.

Il-benefiċċju jista' jingħata jew ikun mantnut ►M128 mill-Unjoni, ◄ anki meta l-obbligi nazzjonali riferuti taħt (b) ma tħarsux, f'każijiet ta' mard, aċċident, maternità, invaliditá jew sitwazzjoni rikonoxxuta li hija simili, jew meta awtorità nazzjonali, kompetenti biex twettaq dawk l-obbligi, tat dispensa.

▼M62

Wara li tikseb l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-esperti, il-Kummissjoni għandha tniżżel it-tali disposizzjonijiet li tqis meħtieġa biex ikun applikat dan l-Artikolu.

▼M112

3. Il-benefiċċju tal-qgħad għandu jkun stabbilit b'riferenza għas-salarju bażiku miksub minn dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju fil-mument tat-tmiem tas-servizz tiegħu. Il-benefiċċju għandu jkun stabbilit bħala:

(a) 60 % tas-salarju bażiku għal perjodu inizjali ta' tnax-il xahar,

(b) 45 % tas-salarju bażiku għat-tlettax sa l-erbgħa u għoxrin xahar,

(ċ) 30 % tas-salarju bażiku għal-ħamsa u għoxrin sas-sitta u tletin xahar.

Minbarra matul il-perjodu inizjali ta' sitt xhur, li fih l-iżgħar limitu speċifikat hawn taħt huwa applikabbli iżda l-ogħla limitu m'huwiex, l-ammonti maħduma hekk la jistgħu jkunu anqas minn ►M151 EUR 1 577,42 (limitu inferjuri) ◄; u lanqas jaqbżu ►M151 EUR 3 154,84 (limitu superjuri) ◄. Dawn il-limiti għandhom ikunu ►M131 aġġornati, ◄ bl-istess mod bħall-iskali tas-salarji ppreżentati fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal, skond l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal.

4. Il-perjodu li matulu jitħallas il-benefiċċju tal-qgħad lil dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju ma jistax ikun aktar minn 36 xahar mid-data tat-tmiem tas-servizz u fl-ebda każ ma jaqbeż terz tat-tul attwali tas-servizz li tlesta. Madankollu, jekk matul dan il-perjodu dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju ma jibqax iħares il-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafi 1 u 2, il-pagament tal-benefiċċju tal-qgħad ikun sospiż. Il-pagament jerġa' jibda jekk, qabel jispiċċa dak il-perjodu, dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju jerġa' jibda jħares it-tali kondizzjonijiet u m'huwiex intitolat għal benefiċċju nazzjonali tal-qgħad.

▼M62

5. Dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju li huwa eliġibbli għall-benefiċċju tal-qgħad, għandu jkun intitolat għall-benefiċċji tal-familja pprovduti fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal. *L-allowance*tal-familja jinħadem fuq il-bażi tal-benefiċċju tal-qgħad taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 1 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-persuna kkonċernata tkun obbligata li tiddikjara kull *allowance*ta' l-istess tip imħallas minn sorsi oħra lilha jew lill-konsorti tagħha; it-tali benefiċċji għandhom jitnaqqsu minn dawk li għandhom jitħallsu fuq bażi ta' dan l-Artikolu.

Dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju li huwa eliġibbli għall-benefiċċju tal-qgħad, għandu jkun intitolat, kif ipprovdut fl-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, għal kopertura ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard mingħajr ma jkollu jagħmel ebda kontribuzzjoni.

▼M112

6. Il-benefiċċju tal-qgħad u l-benefiċċju tal-familja għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni f'euro. L-ebda koeffiċjent tal-korrezzjoni ma jkun applikabbli.

7. Il-membri tal-persunal temporanju għandhom jikkontribwixxu terz ta' l-iffinanzjar ta' l-iskema ta' l-assigurazzjoni kontra l-qgħad. Dik il-kontribuzzjoni għandha tkun stabbilita bħala 0,81 % tas-salarju bażiku tal-persuna kkonċernata wara li jitnaqqas benefiċċju *standard* ta' ►M151 EUR 1 434,02 ◄ u mingħajr ma jkunu kkunsidrati l-koeffiċjenti tal-korrezzjoni pprovduti fl-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-kontribuzzjoni għandha titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-persuna kkonċernata u mħallsa, flimkien maż-żewġ terzi li jibqa' li tħallashom l-istituzzjoni, f'Fond Speċjali għall-Qgħad. Dan il-Fond għandu jkun komuni għall-istituzzjonijiet u dawn ta' l-aħħar għandhom iħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni kull xahar, mhux aktar tard minn tmint ijiem wara l-pagament tar-remunerazzjonijiet. L-ispejjeż kollha taħt dan l-Artikolu għandhom ikunu awtorizzati u mħallsa mill-Kummissjoni skond id-disposizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju li jirregola l-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

▼M62

8. Il-benefiċċji tal-qgħad imħallsa lil dak li kien membru tal-persunal temporanju li mhux impjegat għandhom ikunu suġġetti għar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 li jniżżel il-kondizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej.

9. Id-dipartimenti nazzjonali bir-responabbiltà għall-impieg u l-qgħad, li jaġixxu skond il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw flimkien b'manjiera effettiva biex jiżguraw li dan l-Artikolu ikun applikat sewwa.

10. L-arranġamenti ddettaljati biex ikun applikat dan l-Artikolu għandhom ikunu suġġetti għar-regoli mniżżla bil-ftehim lejn xulxin bejn ►M131 l-awtoritajiet tal-Istituzzjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6, ◄ wara li tinkiseb l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-aħħar subparagrafu tal-paragrafu 2.

▼M112

11. ►M131 Kull sentejn il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-iskema tal-assigurazzjoni tal-qgħad. Indipendentement minn dan ir-rapport, il-Kummissjoni tista' permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikoli 111 u 112 tar-Regolamenti tal-Persunal, taġġusta l-kontribuzzjonijiet previsti fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu jekk dan ikun neċessarju għall-bilanċ tal-iskema. ◄

▼B

Artikolu 29

L-Artikolu 74 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-għotja tat-twelid, u l-Artikolu 75 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar is-supposizzjoni ta' obbligu mill-istituzzjoni lejn l-ispejjeż riferuti fih, għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 30

L-Artikolu 76 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar ir-rigali, self u avvanzi, għandu japplika b'analoġija għall-persunal temporanju matul il-perjodu tal-kuntratt tagħhom, jew wara li jiskadi l-kuntratt fejn, bħala riżultat ta' mard serju li ħa ►M112 il-mard li ħa, ◄, jew aċċident li sofra, matul l-impieg tiegħu, il-ħaddiem mhux kapaċi jaħdem u juri li t-tali mard jew aċċident mhux kopert minn skema oħra tas-sigurtà soċjali.

Taqsima B

ASSIGURAZZJONI KONTRA INVALIDITA' U MEWT

Artikolu 31

Il-persunal temporanju għandu jkun assigurat skond id-disposizzjonijiet li ġejjin kontra r-riskju tal-mewt jew l-invaliditàli jiġri matul l-impieg tiegħu.

Il-pagamenti u l-benefiċċji pprovduti f'din it-Taqsima għandhom ikunu sospiżi jekk ir-remunerazzjoni li jirċievi membru tal-persunal dwar l-impieg tiegħu, hija sospiża skond dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg.

Artikolu 32

Meta l-eżami mediku li sar qabel ħaddiem ikun ingaġġat, juri li qed isofri minn mard jew invaliditàà, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6, sa fejn jidħlu r-riskji li jinqalgħu mit-tali mard jew invaliditàà, tista' tiddeċiedi li tagħtih benefiċċji garantiti dwar il-benefiċċji jew mewt biss wara perjodu ta' ħames snin mid-data ta' meta jidħol fis-servizz ta' l-istituzzjoni.

▼M62

Il-ħaddiem jista' jappella kontra din id-deċiżjoni lill-Kumitat ta' l-Invaliditá pprovdut fl-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M112

L-Artikolu 33

1. Ħaddiem li jsofri minn invaliditá totali u li, minħabba dik ir-raġuni, huwa kostrett li jissospendi l-impieg ma' l-istituzzjoni, għandu jkun intitolat, sakemm iddum l-invaliditá, għal benefiċċju ta' l-invaliditá, li l-ammont tiegħu jkun stabbilit kif ġej.

L-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b'analoġija għar-riċevituri tal-benefiċċju ta' l-invaliditá. Jekk ir-riċevitur ta' benefiċċju ta' l-invaliditá, jirtira qabel ma jagħlaq ►M131 66 sena ◄, mingħajr ma rċieva l-intitolament massimu tal-pensjoni, ir-regoli ġenerali dwar il-pensjonijiet ta' l-irtirar għandhom ikunu applikati. L-ammont tal-pensjoni ta' l-irtirar għandu jkun ibbażat fuq is-salarju tal-grad u l-iskala okkupati mill-ħaddiem meta sar invalidu.

Il-benefiċċju ta' l-invaliditá għandu jkun 70 % ta' l-aħħar s-salarju bażiku tal-membru tal-persunal temporanju. Madankollu, ma jistax ikun anqas mis-somma minima ta' l-għajxien, kif definita fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-benefiċċju ta' l-invaliditá għandu jkun suġġett għall-kontribuzzjonijiet ta' l-iskema tal-pensjoni, maħdum fuq il-bażi ta' dak il-benefiċċju.

Meta l-invaliditá tal-ħaddiem tinħoloq minn aċċident matul jew f'konnessjoni mal-qadi tad-dmirijiet tiegħu, minn mard ikkaġunat mix-xogħol, minn att ta' spirtu pubbliku jew jipperikola ħajtu biex isalva bniedem ieħor, il-benefiċċju ta' l-invaliditá ma jkunx anqas minn 120 % ta' l-ammont minimu tas-sussistenza. Fit-tali każijiet, il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni għandhom jitħallsu mill-estimi ta' min kien iħaddmu qabel.

Fil-każ ta' invaliditá li deliberatament inġibet mill-ħaddiem, l-awtorità riferuta fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tista' tiddeċiedi li għandu jirċievi biss l-għotja pprovduta fl-Artikolu 39.

Il-persuni intitolati għal benefiċċju ta' l-invaliditá għandhom ikunu intitolati wkoll għall-benefiċċji tal-familja pprovduti fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal skond l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-benefiċċju tal-familja għandu jkun stabbilit fuq bażi tal-benefiċċju tar-riċevitur.

2. L-invaliditá għandha tkun stabbilita mill-Kumitat ta' l-Invaliditá pprovduti fl-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal.

3. L-istituzzjoni riferuta fl-Artikolu 40 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tista' teħtieġ eżamijiet perjodiċi tar-riċevitur ta' benefiċċju ta' l-invaliditá biex tistabbilixxi li għadu jħares il-kondizzjonijiet għall-pagament ta' dak il-benefiċċju. Jekk il-Kumitat ta' l-Invaliditá jsib li dawn il-kondizzjonijiet m'għadhomx jitħarsu, il-ħaddiem għandu jerġa' jibda jaħdem ma' l-istituzzjoni, sakemm il-kuntratt tiegħu għadu ma skadiex.

Madankollu, jekk ikun impossibbli li l-persuna kkonċernata tkun impjegata fis-servizz ►M128 tal-Unjoni, ◄il-kuntratt jista' jitwaqqaf suġġett għal pagament ta' ammont li jikkorrospondi mar-remunerazzjoni li kieku kienet titħallas matul il-perjodu ta' avviż u, fejn applikabbli, għall-kumpens talli ntemm il-kuntratt ipprovdut fl-Artikolu 47. L-Artikolu 39 għandu japplika wkoll.

▼M131

Artikolu 34

Il-persuni intitolati meta ħaddiem imut, kif definit fil-Kapitolu 4 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, għandhom ikunu intitolati għal pensjoni tas-superstiti, kif previst fl-Artikoli 35 sa 38.

▼M131

Meta jmut ex aġent li kien jirċievi allowance tal-invaliditá, jew imut ex aġent fis-sens tal-Artikolu 2 (a), (c), (d), (e) jew (f) li kien jirċievi pensjoni tal-irtirar jew li jkun ħalla s-servizz qabel għalaq l-età tal-pensjoni u talab li l-pensjoni tal-irtirar tiegħu tkun posposta għall-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih jagħlaq l-età tal-pensjoni, il-persuni intitolati fil-każ tal-mewt tal-ħaddiem, kif definiti fil-Kapitolu 4 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, għandhom ikunu intitolati għal pensjoni għal min jibqa' ħaj kif previst f'dak l-Anness.

Meta ma jkunx magħruf għal aktar minn sena fejn ikun membru tal-persunal temporanju, jew dak li kien membru tal-persunal temporanju li jirċievi allowance tal-invaliditá jew tal-irtirar, jew dak li kien membru tal-persunal temporanju li telaq mis-servizz qabel għalaq l-età tal-pensjoni u talab li l-pensjoni tal-irtirar tiegħu tkun posposta għall-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih jagħlaq l-età tal-pensjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli 5 u 6 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li jittrattaw il-pensjonijiet provviżorji, għandhom japplikaw b'analoġija għall-konjuġi tiegħu u għall-persuni rikonoxxuti bħala dipendenti tiegħu.

▼B

Artikolu 35

Id-dritt li jirċievu l-pagament tal-pensjoni jidħol fis-seħħ mill-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara dik li fih miet jew, fejn ikun il-każ, fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-perjodu li matulu ►M112 is-sieħeb li jibq' ħaj ◄, l-orfni jew id-dipendenti tal-mejjet jirċievu l-emolumenti tiegħu taħt l-Artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 36

▼M62

►M112 Is-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ tal-ħaddiem għandha tkun intitolata għal ►M112 il-pensjoni għal min jbqa' ħaj ◄ skond il-Kapitolu 4 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-pensjoni ma tkunx anqas minn 35 % ta' l-aħħar salarju bażiku ta' kull xahar li jirċievi l-ħaddiem, lanqas anqas mis-somma minima tas-sussistenza, definita fl-Artikolu 6 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Meta ħaddiem fis-sens ta' l-►M131 Artikolu 2 (a), (c), (d), (e) jew (f) ◄ imut, l-ammont ►M112 il-pensjoni għal min jbqa' ħaj ◄ għandu jiżdied b'60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar li l-ħaddiem kien jirċievi kieku kkwalifika, ikun xi jkun is-servizz jew l-età, għat-tali pensjoni fil-mument tal-mewt tiegħu.

▼M23

Il-persuna li tieħu ►M112 il-pensjoni tas-sieħeb li jibqa' ħaj ◄ għandha tkun intitolata, taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, għall-benefiċċji tal-familja speċifikati fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal. Madankollu, il-benefiċċju tat-tfal dipendenti jkun daqs id-doppju ta' l-ammont tal-benefiċċju pprovdut fl-Artikolu 67(1)(b) tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M62

_____

▼M112

L-Artikolu 37

Meta ħaddiem jew persuna intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar jew benefiċċju ta' l-invaliditá, tmut u ma tħalli l-ebda sieħeb intitolat għall-pensjoni għal min jibqa' ħaj, it-tfal meqjusa li huma dipendenti tal-mejjet fil-mument tal-mewt tiegħu għandhom ikunu intitolati għal pensjoni ta' l-orfni skond l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-istess intitolment għandu japplika għat-tfal li jħarsu l-kondizzjonijiet t'hawn fuq fil-każ tal-mewt jew iż-żwieġ mill-ġdid ta' sieħeb li huwa intitolat għal pensjoni għal min jibqa' ħaj.

▼M112

Meta jmut ħaddiem jew persuna intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar jew benefiċċju ta' l-invalidità, iżda l-kondizzjonijiet ippreżentati fl-ewwel paragrafu ma jitħarsux, id-disposizzjonijiet tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw.

Fil-każ tal-mewt ta' dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju fis-sens ta' ►M131 l-Artikolu 2(a), (c), (d), (e) jew (f) ◄ li jħalli s-servizz qabel ►M131 jilħaq l-età pensjonabbli ◄ u jitlob li l-pensjoni ta' l-irtirar tiegħu tkun posposta għall-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih ►M131 jilħaq l-età pensjonabbl, ◄ it-tfal meqjusa dipendenti tiegħu skond l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu intitolati għal pensjoni ta' l-orfni bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk ippreżentati fil-paragrafi ta' qabel.

Il-pensjoni ta' l-orfni ta' persuna meqjusa bħala tifel dipendenti kif definit fl-Artikolu 2(4) ta' l-Anness VII tar-Regolameti tal-Persunal, ma jistax jaqbeż ammont daqs id-doppju tal-benefiċċju tat-tfal dipendenti.

L-ebda pensjoni ta' l-orfni ma titħallas fejn ġenitur naturali li nbidel minn ġenitur adottiv imut.

L-orfni għandhom ikunu intitolati għal benefiċċju ta' l-edukazzjoni skond l-Artikolu 3 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼B

Artikolu 38

Fil-każ ta' divorzju jew fejn hemm aktar minn kategorija waħda ta' min baqa' ħaj, li jikkwalifika biex jieħu l-pensjoni għal min jibqa' ħaj, it-tali pensjoni għandha titqassam fil-mod ipprovdut fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M62

Artikolu 38a

Ir-regoli relatati mal-massimi u t-tqassim ippreżentati fl-Artikolu 81a tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija.

▼B

Taqsima Ċ

▼M23

PENSJONI TA' RTIRAR U GĦOTJA GĦAL FIRDA

▼M112

L-Artikolu 39

▼M131

1. Malli jitlaq mis-servizz, ħaddiem fis-sens tal-Artikolu 2 għandu jkun intitolat għal pensjoni tal-irtirar, trasferiment ta' ekwivalenza attwarjali jew il-ħlas ta' għotja ta' terminazzjoni skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu V u l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Meta l-ħaddiem ikun intitolat għal pensjoni tal-irtirar, id-drittijiet tiegħu għal pensjoni għandhom jitnaqqsu bil-proporzjon tal-ammonti mħallsa skont l-Artikolu 42.

▼M112

2. L-Artikolu 11(2) u (3) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun applikat b'analoġija għall-ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2 ta' dawn il-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg.

3. Il-persuna li ssir intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar, għandha tkun intitolata għall-benefiċċji tal-familja pprovduti fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-persentaġġ tal-komponent tal-benefiċċju tal-familja għandu jinħadem fuq il-bażi tal-pensjoni tar-riċevitur.

▼B

Artikolu 40

Jekk ħaddiem jinħatar uffiċjal ►M128 tal-Unjoni ◄, m'għandux jirċievi l-għotja pprovduta fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 39.

Kull perjodu tas-servizz tal-persunal temporanju ►M128 tal-Unjoni Ewropea ◄ għandu jkun ikkunsidrat bil-għan li jinħadmu s-snin tas-servizz tal-pensjoni kif ipprovdut fl-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fejn il-ħaddiem eserċita l-opzjoni pprovduta fl-Artikolu 42, id-drittijiet tal-pensjoni ta' l-irtirar tiegħu għandhom jitnaqqsu proporzjonalment dwar il-perjodu li fih is-somom inġibdu.

▼M112

Il-paragrafu ta' qabel m'għandux japplika għall-ħaddiem li, fit-tliet xhur ta' wara l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal, jitlob li jitħalla jħallas it-tali somom bl-addizzjoni ta' mgħax kompost bir-rata ta' ►M145 2,9 % ◄ fis-sena, li tista' tkun riveduta wara l-proċedura mniżżla fl-Artikolu 12 ta' l-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼B

Taqsima D

▼M62

IFFINANZJAR TA' L-ISKEMA TA' L-ASSIGURAZZJONI TA' L-INVALIDITA' U L-ĦAJJA U TA' L-ISKEMA TAL-PENSJONI

▼B

Artikolu 41

▼M62

Rigward l-iffinanzjar ta' l-iskema tas-sigurtà soċjali pprovduta fit-Taqsimiet B u Ċ, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 83 ►M112 u l-Artikolu 83a ◄ tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 36 u 38 ta' l-Anness VIII tiegħu għandhom japplikaw b'analoġija.

▼B

Artikolu 42

▼M131

Skont il-kondizzjonijiet li jridu jiġu stabbiliti mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6, ħaddiem jista' jitlob lil din l-awtorità tagħmel kwalunkwe ħlas li hu jkun jeħtieġlu jagħmel biex jikkostitwixxi jew iżomm id-drittijiet għall-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu.

▼B

It-tali pagamenti m'għandhmx jaqbżu ►M112 id-doppju tar-rata pprovduta fl-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ◄ u għandhom jitħallu mill-estimi ►M128 tal-Unjoni. ◄

▼M62

Taqsima E

HLAS TA' TALBIET MINN PERSUNAL TEMPORANJU

Artikolu 43

L-Artikoli 40 sa 44 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija.

Taqsima F

HLAS TA' BENEFIĊĊJI

Artikolu 44

L-Artikolu 81a u 82 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 45 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-pagament tal-benefiċċji, għandhom japplikaw b'analoġija

Kull somma dovuta minn membru tal-persunal temporanju ►M128 lill-Unjoni ◄ taħt din l-iskema ta' l-assigurazzjoni fid-data meta l-benefiċċji huma pagabbli, titnaqqas mill-ammont tal-benefiċċju tiegħu jew mill-benefiċċji pagabbli lil dawk intitolati taħtu fil-mod li għandu jkun stabbilit mill-istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 45 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. It-tnaqqis jista' jitqassam fuq numru ta' xhur.

Taqsima G

SUBROGAZZJONI FAVUR ►M128 L-UNJONI ◄

Artikolu 44a

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 85a tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar is-subrogazzjoni favur ►M128 l-Unjoni, ◄ għandhom japplikaw b'analoġija.

▼B

IL-KAPITOLU 7

Irkuprar ta' pagamenti żejda

Artikolu 45

▼M23

L-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-irkuprar ta' pagamenti żejda, għandhom japplikaw.

▼B

IL-KAPITOLU 8

Appelli

Artikolu 46

Titolu VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-appelli, għandu japplika b'analoġija.

▼B

IL-KAPITOLU 9

Tmiem ta' l-impieg

▼M131

Artikolu 47

Minbarra t-tmiem mal-mewt, l-impjieg tal-persunal temporanju għandu jieqaf:

(a) fi tmiem ix-xahar li fih il-ħaddiem jagħlaq l-età ta' 66 sena, jew, fejn applikabbli, fid-data stabbilita skont it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Persunal; jew

(b) meta l-kuntratt ikun għal perjodu fiss:

(i) fid-data ddikjarata fil-kuntratt;

(ii) fi tmiem il-perjodu ta' notifika speċifikat fil-kuntratt li jagħti lill-ħaddiem jew lill-istituzzjoni l-għażla li jitterminaw il-kuntratt qabel. Il-perjodu ta' notifika ma jistax ikun inqas minn xahar għal kull sena ta' servizz, soġġett għal minimu ta' xahar u massimu ta' tliet xhur. Għall-membri tal-persunal temporanju li l-kuntratt tagħhom ikun iġġedded, il-massimu jkun ta' sitt xhur. Madankollu, il-perjodu ta' notifika ma għandux jibda għaddej matul tqala kkonfermata permezz ta' ċertifikat mediku, leave tal-maternità jew leave tal-mard, sakemm it-tali leave tal-mard ma jaqbiżx tliet xhur. Barra minn hekk, ikun sospiż matul tqala kkonfermata permezz ta' ċertifikat mediku, leave tal-maternità jew leave tal-mard soġġett għal-limiti msemmija qabel. Jekk l-istituzzjoni tittermina l-kuntratt, il-ħaddiem għandu jkun intitolat għal kumpens daqs terz tas-salarju bażiku tiegħu għall-perjodu bejn id-data meta jintemmu dmirijietu u d-data meta jiskadilu l-kuntratt.

(iii) meta l-ħaddiem ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 12(2), soġġett għall-possibbiltà li tkun awtorizzata eċċezzjoni skont dik id-dispożizzjoni. Jekk l-eċċezzjoni ma tkunx awtorizzata, il-perjodu ta' notifika msemmi fil-punt (ii) għandu japplika; jew

(c) meta l-kuntratt ikun għal perjodu indefinit:

(i) fi tmiem il-perjodu ta' notifika stipulat fil-kuntratt; it-tul tal-perjodu ta' notifika ma jkunx anqas minn xahar għal kull sena kompluta ta' servizz, soġġett għal minimu ta' tliet xhur u massimu ta' 10 xhur. Madankollu, il-perjodu ta' notifika ma għandux jibda għaddej matul tqala kkonfermata permezz ta' ċertifikat mediku, leave tal-maternità jew leave tal-mard, sakemm it-tali leave tal-mard ma jaqbiżx tliet xhur. Barra minn hekk, għandu jkun sospiż matul tqala kkonfermata permezz ta' ċertifikat mediku, maternità jew leave tal-mard soġġett għal-limiti msemmija qabel; jew

(ii) fejn il-ħaddiem ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 12(2), soġġett għall-possibbiltà li tkun awtorizzata eċċezzjoni skont dik id-dispożizzjoni. Jekk l-eċċezzjoni ma tkunx awtorizzata, il-perjodu ta' notifika msemmi fil-punt (i) għandu japplika.

▼M60

Artikolu 48

Impieg, kemm jekk għal perjodu stabbilit jew indefinit, jista' jitwaqqaf mill-istituzzjoni mingħajr notifika:

(a) matul jew fl-aħħar tal-perjodu ta' prova skond l-Artikolu 14;

▼M112

———————

▼M60

►M112 (b) ◄ jekk il-ħaddiem mhux kapaċi jerġa' jibda jaqdi d-dmirijiet tiegħu fit-tmiem ta' perjodu ta' *leave* mħallsin ta' mard ipprovduti fl-Artikolu 16. Fit-tali każ, il-ħaddiem għandu jirċievi benefiċċju daqs dan is-salarju bażiku, bl-addizzjoni tal-benefiċċji tal-familja bir-rata ta' jumejn għal kull xahar ta' servizz komplut.

▼M131

Artikolu 48a

F'kull leġislatura, l-Artikolu 50 tar-Regolamenti tal-Persunal jistgħu jiġu applikati b'analoġija għal massimu ta' ħames membri tal-persunal temporanju f'livell għoli ta' gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew li jkunu fil-grad AD 15 jew AD 16, sakemm ikunu għalqu l-età ta' ħamsa u ħamsin sena u jkollhom għoxrin sena servizz fl-istituzzjonijiet u tal-anqas sentejn u nofs anzjanità fl-aħħar grad tagħhom.

▼B

Artikolu 49

▼M62

1. Wara li tkun segwita l-proċedura dixxiplinari pprovduta fl-Anness IX tar-Regolament tal-Persunal, li għandha tapplika b'analoġija, l-impieg jista' jitwaqqaf mingħajr avviż minħabba raġunijiet dixxiplinari f'każijiet serji ta' nuqqas intenzjonali jew ta' negliġenza tal-persunal temporanju biex jimxi ma' l-obbligi tagħhom. Deċiżjoni raġunata għandha tittieħed mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6, wara li l-ħaddiem ikkonċernat ingħata opportunità li jippreżenta d-difiża tiegħu.

Qabel l-impieg tiegħu jintemm, membru tal-persunal temporanju jista' jkun sospiż, skond ►M112 l-Artikolu 23 u 24 ta' l-Anness IX ta' ◄ tar-Regolament tal-Persunal, li għandu japplika b'analoġija.

▼B

2. ►M62 Meta l-impieg jintemm skond il-paragrafu 1 ◄, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tista' tiddeċiedi:

(a) li tillimita l-għotja għal firda pprovduta fl-Artikolu 39 għall-pagament tal-kontribuzzjoni pprovdut fl-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal, bl-addizzjoni ta' imgħax kompost bir-rata ta' 3.5 % fis-sena;

(b) li żżomm il-*allowance* ta' l-istabbiliment mill-ġdid kollu jew parti minnu pprovdut fl-Artikolu 24(2).

Artikolu 50

1. L-impieg ta' membru tal-persunal temporanju għandu jitwaqqaf mill-istituzzjoni mingħajr avviż jekk l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 issib:

(a) li fl-istess ħin ta' l-ingaġġ tiegħu huwa deliberatament ipprovda informazzjoni falza jew dwar l-abbiltà professjonali tiegħu jew dwar il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 12(2), u

(b) li l-informazzjoni falza pprovduta kienet fattur determinanti biex kien ingaġġat.

▼M62

2. Fit-tali każijiet l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 għandha, wara li tisma' l-ħaddiem ikkonċernat, u wara li tkun segwita l-proċedura dixxiplinari pprovduta fl-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, li għandu japplika b'analoġija, tiddikjara li l-impieg tiegħu ntemm.

Qabel jintemm l-impieg tiegħu, membru tal-persunal temporanju jista' jkun sospiż, skond ►M112 l-Artikolu 23 u 24 ta' l-Anness IX ta' ◄ tar-Regolament tal-Persunal, li għandu japplika b'analoġija.

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 49(2) għandhom jgħoddu.

Artikolu 50a

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 49 u 50, kull nuqqas intenzjonali jew ta' negliġenza minn membru tal-persunal temporanju jew ta' dak li qabel kien membru tal-persunal temporanju biex iħares l-obbligi tiegħu taħt dawn il-kondizzjonijiet jagħmluh suġġett għal azzjoni dixxiplinari skond it-Titolu VI tar-Regolamenti tal-Persunal u fejn applikabbli l-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, li d-disposizzjonijiet tiegħu għandhom japplikaw b'analoġija.

▼M128

KAPITOLU 10

Dispożizzjonijiet speċjali għall-membri ta' persunal temporanju msemmi fl-Artikolu 2(e)

Artikolu 50b

1. Persunal mis-servizzi diplomatiċi nazzjonali tal-Istati Membri li kienu ntgħażlu skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 98(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u li huma ssekondati mis-servizzi diplomatiċi nazzjonali tagħhom għandhom ikunu ingaġġati bħala persunal temporanju skont l-Artikolu 2(e).

2. Jistgħu jkunu ingaġġati għal perijodu massimu ta' erba' snin. Il-kuntratti jistgħu jiġġeddu għal perijodu massimu ta' erba' snin. L-ingaġġament tagħhom m'għandux ikun għal aktar minn tmien snin b'kollox. Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u fl-interess tas-servizz, fi tmiem it-tmien sena, il-kuntratt jista' jiġi estiż għal perijodu massimu ta' sentejn. Kull Stat Membru għandu jagħti lill-uffiċjali tiegħu li jkunu saru aġenti temporanji fis-SEAE garanzija li hu jaċċettahom lura minnufih fl-aħħar tal-perijodu tas-servizz tagħhom mas-SEAE, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi nazzjonali tiegħu.

3. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw l-Unjoni fl-infurzar ta' kwalunkwe responsabbiltà li taqa' taħt l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Persunal ta' aġenti temporanji tas-SEAE msemmija tal-Artikolu 2(e) ta' dawn il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg.

Artikolu 50c

1. L-Artikoli 37, 38 u 39 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija. Is-sekondar m'għandux ikun itwal mill-iskadenza tal-kuntratt.

▼M131

KAPITOLU 11

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-PERSUNAL TEMPORANJU MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(F)

Artikolu 51

L-Artikolu 37, bl-eċċezzjoni tal-punt (b) tal-ewwel paragrafu, u l-Artikolu 38 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija għall-persunal imsemmija fl-Artikolu 2(f).

▼**M131**

Artikolu 52

B'deroga mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 17, il-persunal temporanju msemmi fl-Artikolu 2(f) b'kuntratt għal perjodu indefinit jista', irrispettivament mill-anzjanità tiegħu, jingħata leave bla ħlas għal perjodi li ma jaqbżux sena.

It-tul totali ta' leave bħal dan ma jistax jaqbeż 12-il sena matul il-karriera kollha tal-membru tal-persunal.

Persuna oħra tista' tiġi impjegata għall-pożizzjoni okkupata mill-membru tal-persunal temporanju.

Meta jiskadielu l-leave, membru tal-persunal temporanju għandu jerġà jiddaħħal fl-ewwel pożizzjoni korrispondenti għall-grad tiegħu li tisfa battala fil-grupp ta' funzjoni tiegħu, sakemm huwa jkun jissodisfa r-rekwiżiti għal din il-pożizzjoni. Jekk huwa jirrifjuta l-pożizzjoni offruta lilu, huwa għandu jibqa' bid-dritt li jingħata pożizzjoni oħra meta jkun hemm ftuħ fil-grad tiegħu fil-grupp ta' funzjoni tiegħu soġġett għall-istess dispożizzjonijiet; jekk huwa jirrifjuta għat-tieni darba, l-impjieg ikun jista' jiġi tterminat mill-istituzzjoni mingħajr ebda avviż. Sakemm ma jerġax jingħata pożizzjoni u jiġi ssekondat huwa għandu jibqa' fuq leave bla ħlas għal raġunijiet personali.

Artikolu 53

Il-persunal temporanju msemmi fl-Artikolu 2(f) għandu jiġi impjegat abbażi ta' proċedura ta' għażla organizzata minn aġenzija waħda jew aktar. L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal għandu, fuq talba tal-aġenzija jew aġenziji kkonċernati, jipprovdi assistenza lill-aġenziji, partikolarment permezz tad-definizzjoni tal-kontenuti tat-testijiet u tal-organizzazzjoni tal-proċeduri tal-għażla. L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal għandu jiżgura t-trasparenza tal-proċeduri tal-għażla.

Fil-każ ta' proċedura tal-għażla esterna, il-persunal temporanju msemmi fl-Artikolu 2(f) għandu jiġi impjegat biss fil-gradi SC 1 sa SC 2, AST 1 sa AST 4 jew AD 5 sa AD 8. Madankollu, l-aġenzija tista', fejn ikun xieraq u f'każijiet debitament ġustifikati, tawtorizza l-impjegar fil-gradi AD 9, AD 10, AD 11 jew, fuq bażi ta' eċċezzjoni, fil-grad AD 12, għal pożizzjonijiet b'responsabbiltajiet korrispondenti u fil-limiti tat-tabella tal-persunal approvata. L-għadd totali ta' persuni impjegati fil-gradi AD 9 sa AD 12 f'aġenzija ma għandux jaqbeż l-20 % tal-għadd totali ta' reklutaġġ ta' persunal temporanju fil-grupp ta' funzjoni AD, ikkalkulat fuq perjodu ta' ħames snin.

Artikolu 54

Fil-każ tal-persunal temporanju msemmi fl-Artikolu 2(f), il-klassifika fl-ogħla grad li jkun imiss għandha ssir biss permezz tal-għażla minn fost membri tal-persunal li jkunu kkompletaw perjodu minimu ta' sentejn fil-grad tagħhom, wara kunsiderazzjoni tal-merti kumparattivi ta' dan il-persunal temporanju u tar-rapporti dwarhom. L-aħħar sentenza tal-Artikolu 45(1) u l-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tapplika b'analoġija. Ir-rati ta' multiplikazzjoni bħala gwida tal-ekwivalenza tal-karriera medja, kif inhuma stabbiliti għall uffiċċjali fit-Taqsima B tal-Anness I tar-Regolamenti tal-Persunal, ma jistgħux jinqabżu.

Skont l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, kull aġenzija għandha tadotta dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

▼**M131**

Artikolu 55

Meta membru tal-persunal temporanju msemmi fl-Artikolu 2(f) jiċċaqlaq, wara l-publikazzjoni interna ta' pożizzjoni, lejn pożizzjoni ġdida fi ħdan il-grupp ta' funzjoni tiegħu, huwa ma għandux jiġi kklassifikat fi grad jew skala aktar baxxa milli jkun jokkupa qabel, sakemm il-grad tiegħu jkun wieħed mill-gradi stabbiliti fl-avviż dwar il-pożizzjoni battala.

L-istess dispożizzjonijiet għandhom japplikaw b'analoġija meta l-għadd ta' tali persunal temporanju jikkonkludi kuntratt ġdid ma' aġenzija minnufih wara kuntratt preċedenti għal tali persunal temporanju ma' aġenzija oħra.

Artikolu 56

Skont l-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, kull aġenzija għandha tadotta dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-proċeduri li jirregolaw l-ingaġġ u l-użu tal-persunal temporanju msemmi fl-Artikolu 2(f).

———————

▼**M112**

TITOLU IV

PERSUNAL BIL-KUNTRATT

IL-KAPITOLU 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 79

1. Il-persunal bil-kuntratt għandu jitħallas mill-approprijazzjonijiet totali għall-iskop taħt it-taqsima ta' l-estimi relatati ma' l-istituzzjoni.

2. ►**M131** L-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 ◄ għandha tadotta d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' l-implimentazzjoni li jirregolaw l-użu tal-persunal bil-kuntratt skond l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif meħtieġ.

3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport kull sena dwar l-użu tal-persunal bil-kuntratt inkluż in-numru tal-persunal, il-livell u t-tip ta' posizzjonijiet, il-bilanċ ġeografiku u r-riżorsi ta' l-estimi għal kull grupp tal-funzjoni.

4. L-istituzzjonijiet, l-aġenziji u entitajiet oħra li jużaw il-persunal bil-kuntratt għandhom jipprovdu previżjonijiet indikattivi fis-sena dwar l-użu tal-persunal bil-kuntratt għal kull grupp tal-funzjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' l-estimi.

Artikolu 80

1. Il-persunal bil-kuntratt għandu jkun subdiviż f'erba' gruppi tal-funzjoni li jikkorrospondu għad-dmirijiet li jridu jitwettqu. Kull grupp tal-funzjoni għandu jkun subdiviż fi gradi u skali.

2. It-tipi ta' dmirijiet u l-grupp li jikkorrospondu tal-funzjoni jkunu kif jidhru fit-tabella li ġejja:

Il-grupp tal-funzjoni	Gradi	Dmirijiet
IV	13 sa 18	Kompiti amministrattivi, ta' konsulenza, lingwisti u tekniċi ekwivalenti, imwettqa taħt is-superviżjoni ta' l-uffiċjali jew tal-persunal temporanju.
III	8 sa 12	Kompiti eżekuttivi, kompiti ta' abbozzar, tal-kontijiet u tekniċi ekwivalenti oħra, imwettqa taħt is-superviżjoni ta' l-uffiċjali jew tal-persunal temporanju.

▼**M112**

Il-grupp tal-funzjoni	Gradi	Dmirijiet
II	4 sa 7	Kompiti klerikali u segretarjali, kompiti ta' amministrazzjoni ta' uffiċċju u kompiti ekwivalenti oħra, imwettqa taħt is-superviżjoni ta' l-uffiċjali jew tal-persunal temporanju.
I	1 sa 3	Kompiti ta' servizz ta' appoġġ manwali u amministrattiv, imwettqa taħt is-superviżjoni ta' l-uffiċjali jew tal-persunal temporanju.

▼**M131**

3. Abbażi ta' din it-tabella, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 ta' kull istituzzjoni, aġenzija jew entita', msemmija fl-Artikolu 3a tista', wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar ir-Regolamenti tal-Persunal, jiddefinixxu f'aktar dettall is-setgħat li jaqgħu taħt kull tip ta' dmir.

4. L-Artikoli 1d u 1e tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija.

▼**M128**

5. L-Artikoli 95, 96 u 99 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija.

▼**M112**

IL-KAPITOLU 2

Drittijiet u obbligi

Artikolu 81

L-Artikolu 11 għandu japplika b'analoġija.

IL-KAPITOLU 3

Kondizzjonijiet ta' l-ingaġġ

Artikolu 82

1. Il-persunal bil-kuntratt għandu jintgħażel mill-aktar bażi ġeografika wiesa possibbli minn fost iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u mingħajr distinzjoni dwar razza jew oriġini etnika, twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż, żmien jew disabbiltà, sess jew xejriet sesswali u mingħajr riferenza għall-istat martiali jew is-sitwazzjoni tal-familja tagħhom.

2. Ir-reklutaġġ bħala membru tal-persunal bil-kuntratt għandu jeħtieġ millanqas:

(a) fil-grupp tal-funzjoni I, tlestija b'suċċess ta' edukazzjoni mandatarja;

(b) fil-gruppi tal-funzjoni II u III:

(i) livell ta' edukazzjoni post-sekondarja ċċertifikata b'diploma, jew

(ii) livell ta' edukazzjoni sekondarja ċċertifikata b'diploma, li tagħti aċċess għal edukazzjoni post-sekonndarja, u esperjenza professjonali cierqa ta' mill-anqas tliet snin, jew

(iii) fejn iġġustifikat fl-interess tas-servizz, taħriġ professjonali jew esperjenza professjonali ta' livell ekwivalenti;

▼**M112**

(ċ) fil-grupp tal-funzjoni IV:

(i) livell ta' edukazzjoni li jikkorrospondi ma' studi universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikat b'diploma, jew

(ii) fejn iġġustifikat fl-interess tas-servizz, taħriġ professjonali ta' livell ekwivalenti.

3. Membru tal-persunal bil-kuntratt jista' jitqabbad jaħdem biss bil-kondizzjoni li huwa

(a) ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri, sakemm eċċezzjoni mhux awtorizzata mill-awtorità riferuta fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6, u jgawdi mid-drittjiet kollha tiegħu bħala ċittadin;

(b) wettaq kull obbligu impost fuqu mill-liġijiet dwar is-servizz militari;

(ċ) jipproduċi r-riferenzi tal-karattru xierqa li juru li huwa tajjeb biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu;

(d) fiżikament b'saħħtu biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu; u

(e) jipproduċi evidenza ta' għarfien komplut ta' waħda mill-lingwi ►**M128** tal-Unjoni ◄ u ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra ►**M128** tal-Unjoni ◄ sal-punt meħtieġ biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

4. Fil-kuntratt inizjali, l-awtorità riferuta fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tista' tneħħi l-ħtieġa li l-persuna kkonċernata tipproduċi evidenza dokumentarja li hija tħares il-kondizzjonijiet fil-punti (a), (b), u (ċ) tal-paragrafi 2 u 3 fejn l-ingaġġ tagħha huwa għal mhux aktar minn tliet xhur.

5. ►**M128** ►**C4** L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal, ◄ ◄ fuq it-talba tagħhom, għandu jipprovdi għajnuna lill-istituzzjonijiet differenti bl-iskop ta' l-għażla tal-persunal bil-kuntratt, partikolarment billi jkun definit il-kontenut tat-testi u l-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' l-għażla. L-Uffiċċju għandu jiżgura t-trasparenza tal-proċeduri ta' l-għażla għall-persunal bil-kuntratt.

6. ►**M131** L-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 ◄ għandha tadotta dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-proċeduri għall-ingaġġ tal-persunal bil-kuntratt skond l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif meħtieġ.

▼**M131**

7. Persunal kuntrattwali fil-gruppi ta' funzjoni II, III u IV jista' jiġi awtorizzat jipparteċipa f'kompetizzjonijiet interni biss wara li jkun temm tliet snin ta' servizz fl-istituzzjoni. Persunal kuntrattwali fil-grupp ta' funzjoni II jista' jkollu aċċess biss għall-kompetizzjonijiet fil-gradi SC 1 sa 2, fil-grupp ta' funzjoni III fil-gradi AST 1 sa 2 u fil-grupp ta' funzjoni IV fil-gradi AST 1 sa 4 jew fil-gradi AD 5 sa 6. In-numru totali ta' kandidati li huma membri tal-persunal kuntrattwali u li huma maħtura għall-pożizzjonijiet battala f'xi wieħed minn dawk il-gradi ma għandu qatt jaqbeż il-5 % tan-numru totali ta' ħatriet f'dawk il-gruppi ta' funzjoni magħmula għal kull sena, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 30 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼**M112**

Artikolu 83

Qabel ikun imqabbad jaħdem, membru tal-persunal bil-kuntratt għandu jkun eżaminat medikalment minn wieħed mill-uffiċjali mediċi ta' l-istituzzjoni sabiex l-istituzzjoni tista' tkun sodisfatta li jaqdi l-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 82(3)(d).

L-Artikolu 33 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b'analoġija.

▼**M131**

Artikolu 84

1. Membru tal-persunal kuntrattwali li l-kuntratt tiegħu huwa konklużż għal perjodu ta' mill-anqas sena għandu jaħdem perjodu ta' prova għall-ewwel sitt xhur tal-perjodu ta' impjieg tiegħu jekk ikun fil-grupp ta' funzjoni I u l-ewwel disa' xhur jekk ikun fi kwalunkwe grupp ta' funzjoni ieħor.

Meta, matul il-perjodu ta' prova tiegħu, minħabba mard, leave tal-maternita' taħt l-Artikolu 58 tar-Regolamenti tal-Persunal jew inċident, membru tal-persunal kuntrattwali ma jkunx jista' jwettaq dmirijietu għal perjodu kontinwu għallanqas ta' xahar, l-awtorità *msemmija* fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 tista' ttawwal il-perjodu ta' prova tiegħu bil-tul ta' żmien korrispondenti. It-tul totali tal-perjodu ta' prova fl-ebda ċirkostanza ma għandu jaqbeż 15-il xahar.

2. Rapport dwar il-membru tal-persunal kuntrattwali jista' jsir fi kwalunkwe żmien qabel tmiem il-perjodu ta' prova jekk jirriżulta ovvju li x-xogħol tiegħu mhuwiex adegwat.

Dak ir-rapport għandu jiġi kkomunikat lill-persuna kkonċernata, li jkollha d-dritt tagħti l-kummenti tagħha bil-miktub fi tmint ijiem tax-xogħol. Ir-rapport u l-kummenti għandhom jintbagħtu minnufih mis-superjur dirett tal-membru tal-persunal kuntrattwali lill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6. Fuq il-bażi tar-rapport, l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 tista' tiddeċiedi li tkeċċi lill-membru tal-persunal kuntrattwali qabel it-tmiem tal-perjodu ta' prova, billi tagħtih notifika ta' xahar, jew tassenja lill-membru tal-persunal kuntrattwali lil dipartiment ieħor għall-bqija tal-perjodu ta' prova.

3. Mhux inqas minn xahar qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' prova, għandu jitfassal rapport dwar il-kapaċità tal-membru tal-persunal kuntrattwali li jeżegwixxi d-doveri appartenenti għall-kariga tiegħu kif ukoll dwar l-effiċjenza u l-imġiba tiegħu fis-servizz. Dan ir-rapport għandu jiġi kkomunikat lill-membru tal-persunal kuntrattwali, li jkollu d-dritt jagħti l-kummenti tiegħu bil-miktub fi żmien tmint ijiem tax-xogħol.

Jekk ir-rapport jirrakkomanda t-tkeċċija jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-estensjoni tal-perjodu ta' prova skont il-paragrafu 1, ir-rapport u l-kummenti għandhom jintbagħtu minnufih mis-superjur diretti tal-membru tal-persunal kuntrattwali lill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6.

Membru tal-persunal kuntrattwali li x-xogħol jew l-imġiba tiegħu ma jirriżultawx adegwati għall-istabbiliment fil-pożizzjoni tiegħu għandu jitkeċċa.

Id-deċiżjoni finali għandha tittieħed abbażi tar-rapport imsemmi f' dan il-paragrafu kif ukoll abbażi ta' elementi disponibbli għall-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 dwar l-imġiba tal-membru tal-persunal kuntratwali fir-rigward tat-Titolu II tar-Regolamenti tal-Persunal.

4. Membru mkeċċi tal-persunal kuntrattwali għandu jkun intitolat għal kumpens daqs terz tas-salarju bażiku tiegħu għal kull xahar ta' prova kompluta.

▼**M112**

IL-KAPITOLU 4

Disposizzjonijiet speċjali għall-membri tal-persunal bil-kuntratt riferuti fl-artikolu 3a

Artikolu 85

1. Il-kuntratti tal-persunal bil-kuntratt riferuti fl-Artikolu 3a jistgħu jkunu konklużi għal perjodu stabbilit ta' mill-anqas tliet xhur u mhux aktar minn ħames snin. Jistgħu jiġġeddu mhux aktar minn darba għal perjodu stabbilit ta' mhux aktar minn ħames snin. Il-kuntratt inizjali u l-ewwel tiġdid ta' tul totali ta' mhux anqas minn sitt xhur għal grupp tal-funzjoni I u mhux anqas minn disa' xhur għall-gruppi l-oħra tal-funzjoni. Kull tiġdid ieħor ikun għal perjodu indefinit.

▼M112

Il-perjodi koperti minn kuntratt bħala membru tal-persunal bil-kuntratt riferuti fl-Artikolu 3b m'għandhomx jingħaddu għall-iskopijiet tal-konklużjoni jew tiġdid tal-kuntratti taħt dan l-Artikolu.

2. B'mod ta' deroga mill-aħħar sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu tal-paragrafu 1, l-Awtorità tal-Ħatra tista' tiddeċiedi li r-raba' tiġdid biss tal-kuntratt għal membru tal-grupp tal-funzjoni I għandu jkun għal perjodu indefinit, sakemm it-tul totali ta' l-ingaġġ tiegħu għal perjodu fiss ma jaqbiżx għaxar snin.

3. Qabel it-tiġdid tal-kuntratt għal perjodu indefinit, il-persunal bil-kuntratt fil-grupp tal-funzjoni IV ikun meħtieġ juri l-abbiltà li jaħdem b'tielet lingwa minn fost dawk riferuti ►M131 fl-Artikolu 55(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. ◄ Ir-regoli komuni dwar l-aċċess għat-taħriġ u l-modalitajiet ta' l-istima msemmija fl-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija.

4. Il-persunal bil-kuntratt iridu jkunu servew perjodu ta' prova skond l-Artikolu 84 qabel ma jiġġedded kuntratt għal perjodu indefinit.

Artikolu 86

1. Il-persunal bil-kuntratt riferuti fl-Artikolu 3a ikunu reklutati

(i) fil-gradi 13, 14, jew 16 għall-grupp tal-funzjoni IV,

(ii) fil-gradi 8, 9, jew 10 għall-grupp tal-funzjoni III,

(iii) fil-gradi 4 jew 5 għall-grupp tal-funzjoni II,

(iv) fil-grad 1 għall-grupp tal-funzjoni I.

Il-klassifikazzjoni tat-tali persunal bil-kuntratt ġewwa kull grupp tal-funzjoni għandha tikkunsidra l-kwalifiki u l-esperjenza tal-persuni kkonċernati. Biex ikunu indirizzati l-bżonnijiet speċifiċi ta' l-istituzzjonijiet, il-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li jeżistu ►M128 fl-Unjoni ◄ jistgħu jkunu kkunsidrati wkoll. Fil-grad tagħhom, it-tali persunal bil-kuntratt għandu jkun reklutat fl-ewwel skala. ►M131 Madankollu, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 32 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b'analoġija għall-persunal kuntrattwali reklutat fil-grad 1. ◄

▼M131

Għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jdaħħlu fis-seħħ lil dan il-paragrafu skont l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼M112

2. Fejn membru tal-persunal bil-kuntratt riferut fl-Artikolu 3a jmur għal posizzjoni ġdida ġewwa l-grupp tal-funzjoni, ma jkunx ikklassifikat fi grad jew skala anqas mill-posizzjoni li kell qabel.

Meta membru tat-tali persunal bil-kuntratt imur fi grupp ogħla tal-funzjoni, ikun ikklassifikat fi grad u skala tali li r-remunerazzjoni tiegħu hija mill-anqas daqs dik li għaliha kien intitolat taħt il-kuntratt ta' qabel.

L-istess disposizzjonijiet għandhom japplikaw fejn il-membru tat-tali persunal bil-kuntratt jikkonkludi kuntratt ġdid ma' istituzzjoni jew korp immedjatament wara kuntratt preċedenti għat-tali persunal bil-kuntratt ma' istituzzjoni jew korp differenti.

Artikolu 87

1. L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar ir-rapporti, għandu japplika b'analoġija għall-persunal bil-kuntratt riferut fl-Artikolu 3a ingaġġat għal perjodu ta' mhux anqas minn sena.

2. Membru tal-persunal bil-kuntratt riferut fl-Artikolu 3a li kien fi skala waħda fil-grad tiegħu għal sentejn għandu awtomatikament jitla' għall-iskala li jmiss f'dak il-grad.

▼**M112**

3. Fil-każ tal-persunal bil-kuntratt riferut fl-Artikolu 3a, il-klassifikazzjoni fl-ogħla grad li jmiss fl-istess grupp tal-funzjoni għandha tkun b'deċiżjoni ta' l-awtorità riferuta fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6. Għandha ssir billi t-tali persunal bil-kuntratt ikun ikklassifikat fl-ewwel skala ta' l-ogħla grad li jmiss. It-tali promozzjoni għandha tkun esklussivament bl-għażla fost il-persunal bil-kuntratt riferut fl-Artikolu 3a b'kuntratt ta' mill-anqas tliet snin, li għamlu perjodu minimu ta' sentejn fil-grad tagħhom, wara konsiderazzjoni tal-meriti komparabbli tat-tali persunal bil-kuntratt eliġibbli għal promozzjoni għal grad ogħla u tar-rapporti dwarhom. L-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tapplika b'analoġija.

4. Membru tal-persunal bil-kuntratt riferut fl-Artikolu 3a jista' jaqleb għal grupp ogħla tal-funzjoni biss bil-parteċipazzjoni ta' proċedura ġenerali ta' l-għażla.

IL-KAPITOLU 5

Disposizzjonijiet speċjali għall-membri tal-persunal bil-kuntratt riferuti fl-artikolu 3b

Artikolu 88

Fil-każ tal-persunal bil-kuntratt riferuti fl-Artikolu 3b:

(a) il-kuntratti jkunu konklużi għal perjodu stabbilit; ikunu jiġġeddu;

(b) il-perjodu attwali ta' l-impieg f'istituzzjoni, inkluż kull perjodu għat-tiġdid, ma jaqbiżx ►**M131** sitt snin. ◄

Il-perjodi koperti minn kuntratt bħala membru tal-persunal bil-kuntratt riferuti fl-Artikolu 3a m'għandhomx jingħaddu għall-iskopijiet tal-konklużjoni jew tiġdid tal-kuntratti taħt dan l-Artikolu.

Artikolu 89

1. Il-persunal bil-kuntratt riferut fl-Artikolu 3b jista' jkun reklutat f'kull grad tal-gruppi tal-funzjoni II, III, u IV, kif riferut fl-Artikolu 80, wara li jkunu kkunsidrati l-kwalifiki u l-esperjenza tal-persuni kkonċernati. Biex ikunu indirizzati l-bżonnijiet speċifiċi ta' l-istituzzjonijiet, il-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li jeżistu ►**M128** fl-Unjoni ◄ jistgħu jkunu kkunsidrati wkoll. Fil-grad tagħhom, it-tali persunal bil-kuntratt għandu jkun reklutat fl-ewwel skala.

2. Membru tal-persunal bil-kuntratt riferut fl-Artikolu 3b li kien fi skala waħda fil-grad tiegħu għal sentejn għandu awtomatikament jitla' għall-iskala li jmiss f'dak il-grad.

Artikolu 90

B'mod ta' deroga mid-disposizzjoni ta'dan it-titolu, interpreti tal-konferenzi ngaġġati mill-Parlament Ewropew jew ingaġġati mill-Kummissjoni f'isem l-istituzzjonijiet u l-korpi ►**M128** tal-Unjoni ◄ għandhom ikunu suġġetti għall-kondizzjonijiet imniżżla fil-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Ġustizzja, f'isem l-istituzzjonijiet, minn naħa waħda, u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw il-professjoni, min-naħa l-oħra.

▼M112

L-emendi ta' dak il-Ftehim meħtieġa bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru/2004 [1] għandhom ikunu adottati qabel il-31 ta' Diċembru 2006 skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 78. L-emendi għal dak il-Ftehim wara l-31 ta' Diċembru 2006 għandhom ikunu adottati bil-ftehim bejn l-istituzzjonijiet.

IL-KAPITOLU 6

Kondizzjonijiet tax-xogħol

▼M131

Artikolu 91

L-Artikoli 16 sa 18 għandhom japplikaw b'analoġija.

It-tieni sentenza tal-Artikolu 55(4) tar-Regolamenti tal-Persunal ma għandhomx japplikaw b'analoġija għall-persunal kuntrattwali.

Sahra maħduma mill-persunal kuntrattwali fil-gruppi ta' funzjoni III u IV ma ġġorr l-ebda dritt għal kumpens jew remunerazzjoni.

Skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolamenti tal-Persunal, sahra maħduma mill-persunal kuntrattwali fil-gruppi ta' funzjoni I u II għandha tintitolahom jew għal leave kumpensatorju jew għal remunerazzjoni meta l-ħtiġiet tas-servizz ma jippermettux leave kumpensatorju matul ix-xahar ta' wara dak li fih tkun inħadmet is-sahra.

▼M112

IL-KAPITOLU 7

Remunerazzjoni u spejjeż

Artikolu 92

L-Artikoli 19 sa 27 għandhom japplikaw b'analoġija suġġetti għall-emendi ppreżentati fl-Artikolu 93 u 94.

Artikolu 93

L-iskali tas-salarji bażiċi jkunu kif ipprovduti fit-tabella li ġejja:

▼M151

1.1.2022	SKALI							
FUNZJONI GRUPPI	GRADI	1	2	3	4	5	6	7
IV	18	6 880,19	7 023,27	7 169,31	7 318,41	7 470,61	7 625,96	7 784,54
	17	6 080,90	6 207,34	6 336,43	6 468,21	6 602,72	6 740,02	6 880,19
	16	5 374,44	5 486,20	5 600,30	5 716,76	5 835,66	5 957,02	6 080,90
	15	4 750,06	4 848,84	4 949,69	5 052,62	5 157,70	5 264,95	5 374,44
	14	4 198,24	4 285,54	4 374,67	4 465,64	4 558,54	4 653,29	4 750,06
	13	3 710,50	3 787,67	3 866,43	3 946,85	4 028,92	4 112,71	4 198,24

[1] L-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet Uffiċjali għandhom idaħħlu n-numru ta' dan r-Regolament.

▼**M151**

1.1.2022	SKALI							
FUNZJONI GRUPPI	GRADI	1	2	3	4	5	6	7
III	12	4 750,00	4 848,77	4 949,62	5 052,53	5 157,59	5 264,84	5 374,33
	11	4 198,21	4 285,49	4 374,61	4 465,57	4 558,44	4 653,23	4 750,00
	10	3 710,49	3 787,65	3 866,41	3 946,82	4 028,89	4 112,68	4 198,21
	9	3 279,45	3 347,65	3 417,26	3 488,34	3 560,88	3 634,91	3 710,49
	8	2 898,49	2 958,77	3 020,30	3 083,09	3 147,22	3 212,66	3 279,45
II	7	3 279,38	3 347,60	3 417,21	3 488,28	3 560,86	3 634,91	3 710,50
	6	2 898,36	2 958,62	3 020,17	3 082,99	3 147,10	3 212,56	3 279,38
	5	2 561,58	2 614,85	2 669,24	2 724,77	2 781,43	2 839,29	2 898,36
	4	2 263,94	2 311,03	2 359,11	2 408,18	2 458,26	2 509,39	2 561,58
I	3	2 789,00	2 846,88	2 905,98	2 966,28	3 027,83	3 090,68	3 154,84
	2	2 465,60	2 516,77	2 569,00	2 622,32	2 676,75	2 732,31	2 789,00
	1	2 179,70	2 224,95	2 271,11	2 318,24	2 366,36	2 415,47	2 465,60

▼**M112**

Artikolu 94

Minkejja l-Artikolu 24(3), il-benefiċċju għall-istallazzjoni pprovdut fil-paragrafu 1 u l-benefiċċju ta' tgħammir mill-ġdid ipprovdut fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu m'għandux ikun anqas minn:

▼**M151**

— EUR 989,32 għal aġent li għandu dritt tal-benefiċċju tal-unità domestika;

— EUR 586,56 għal aġent li mhuwiex intitolat għall-allowance tal-unità domestika.

▼**M112**

IL-KAPITOLU 8

Benefiċċji tas-sigurtà soċjali

Taqsima A:

Assigurazzjoni kontra l-mard u l-inċidenti, benefiċċji tas-sigurta soċjali

Artikolu 95

L-Artikolu 28 għandu japplika b'analoġija. Madankollu, l-Artikolu 72(2) u (2a) tar-Regolamenti tal-Persunal m'għandhomx japplikaw għal membru tal-persunal bil-kuntratt, li baqa' fis-servizz ►**M128** tal-Unjoni◄ sa l-età ►**M131** tal-pensjoni, ◄ sakemm ma kienx impjegat għal aktar minn tliet snin bħala membru tat-tali persunal.

▼**M112**

Artikolu 96

1. Dak li kien membru tal-persunal bil-kuntratt li jispiċċa bla xogħol meta s-servizz tiegħu ma' istituzzjoni ►**M128** tal-Unjoni ◄ jispiċċa, u:

(a) li ma jirċevix pensjoni ta' l-irtirar jew benefiċċju ta' l-invaliditá ►**M128** mill-Unjoni, ◄

(b) li s-servizz tiegħu ma spiċċax b'riżenja jew bil-kanċellament tal-kuntratt minħabba raġunijiet dixxiplinarji,

(ċ) li ħadem minimu ta' sitt xhur servizz,

(d) li huwa residenti fi Stat Membru,

għandu jkun eliġibbli għal benefiċċju tal-qgħad fix-xahar bil-kondizzjonijiet imniżżlin hawn taħt

Fejn huwa intitolat għal benefiċċji tal-qgħad taħt skema nazzjonali, huwa obbligat jiddikjara dan lill-istituzzjoni li kien magħha, li għandha tavża lill-Kummissjoni minufih b'dan. Fit-tali każijiet, l-ammont ta' dawk il-benefiċċji għandu jitnaqqas mill-benefiċċju mħallas taħt il-paragrafu 3.

2. Biex ikun eliġibbli għall-benefiċċju tal-qgħad, dak li qabel kien membru tal-persunal bil-kuntratt għandu:

(a) jkun irreġistrat, fuq it-talba tiegħu stess, li qed ifittex xogħol ma' l-awtoritajiet ta' l-impieg ta' l-Istati Membri fejn jistabbilixxi r-residenza tiegħu;

(b) jħares l-obbligi mniżżla mill-liġi ta' dak l-Istat Membru għall-persuni li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad taħt dik il-liġi;

(ċ) jibgħat kull xahar lill-istituzzjoni li kien magħha, li mill-ewwel għandha tgħaddih lill-Kummissjoni, ċertifikat maħruġ mill-awtorità nazzjonali kompetenti ta' l-impieg li jgħid jekk ħarisx l-obbligi u l-kondizzjonijiet riferuti f'(a) u (b) jew le.

Il-benefiċċju jista' jingħata jew ikun mantnut ►**M128** mill-Unjoni, ◄ anki meta l-obbligi nazzjonali riferuti taħt (b) ma tħarsux, f'każijiet ta' mard, aċċident, maternità, invaliditá jew sitwazzjoni rikonoxxuta li hija simili, jew meta awtorità nazzjonali, kompetenti biex twettaq dawk l-obbligi, tat dispensa.

Wara li jikseb l-opinjoni tal-kumitat ta' l-esperti, il-Kummissjoni għandha tniżżel it-tali dispożizzjonijiet li tqis meħtieġa biex ikun applikat dan l-Artikolu.

3. Il-benefiċċju tal-qgħad għandu jkun stabbilit b'riferenza għas-salarju bażiku miksub minn dak li qabel kien membru tal-persunal bil-kuntratt fil-mument tat-tmiem tas-servizz tiegħu. Il-benefiċċju għandu jkun stabbilit bħala:

(a) 60 % tas-salarju bażiku għal perjodu inizjali ta' tnax-il xahar,

(b) 45 % tas-salarju bażiku għat-tlettax sa l-erbgħa u għoxrin xahar,

(ċ) 30 % tas-salarju bażiku għal-ħamsa u għoxrin sas-sitta u tletin xahar.

Minbarra matul il-perjodu inizjali ta' sitt xhur, li fih l-iżgħar limitu speċifikat hawn taħt huwa applikabbli iżda l-ogħla limitu m'huwiex, l-ammonti maħduma hekk la jistgħu jkunu anqas minn ►**M151** EUR 1 183,06 (limitu inferjuri) ◄ u lanqas jaqbżu ►**M151** EUR 2 366,10 (limitu superjuri) ◄. Dawn il-limiti għandhom ikunu ►**M131** aġġornati ◄ bl-istess mod bħall-iskali tas-salarji ppreżentati fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal, skond l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼**M112**

4. Il-perjodu li matulu jitħallas il-benefiċċju tal-qgħad lil dak li qabel kien membru tal-persunal bil-kuntratt ma jistax ikun aktar minn 36 xahar mid-data tat-tmiem tas-servizz u fl-ebda każ ma jaqbeż l-ekwivalent ta' terz tat-tul attwali tas-servizz li tlesta. Madankollu, jekk matul dan il-perjodu dak li qabel kien membru tal-persunal bil-kuntratt ma jibqax iħares il-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafi 1 u 2, il-pagament tal-benefiċċju tal-qgħad ikun sospiż. Il-pagament jerġa' jibda jekk, qabel jispiċċa dak il-perjodu, dak li qabel kien membru tal-persunal bil-kuntratt jerġa' jibda jħares it-tali kondizzjonijiet u m'huwiex intitolat għal benefiċċju nazzjonali tal-qgħad.

5. Dak li qabel kien membru tal-persunal bil-kuntratt li huwa eliġibbli għall-benefiċċju tal-qgħad, għandu jkun intitolat għall-benefiċċji tal-familja pprovduti fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-benefiċċju tal-familja jinħadem fuq il-bażi tal-benefiċċji tal-qgħad taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 1 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-persuna kkonċernata tkun obbligata li tiddikjara kull benefiċċju ta' l-istess ti imħallas minn sorsi oħra lilha jew lis-sieħeb tagħha; it-tali benefiċċji għandhom jitnaqqsu minn dawk li għandhom jitħallsu fuq bażi ta' dan l-Artikolu.

Dak li qabel kien membru tal-persunal bil-kuntratt li huwa eliġibbli għall-benefiċċju tal-qgħad, għandu jkun intitolat, kif ipprovdut fl-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, għal kopertura ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard mingħajr ma jkollu jagħmel kontribuzzjoni.

6. Il-benefiċċju tal-qgħad u l-benefiċċji tal-familja għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni f'euro. L-ebda koeffiċjent tal-korrezzjoni ma jkun applikabbli.

7. Il-membri tal-persunal bil-kuntratt għandhom jikkontribwixxu terz ta' l-iffinanzjar ta' l-iskema ta' l-assigurazzjoni kontra l-qgħad. Dik il-konribuzzjoni għandha tkun stabbilita bħala 0,81 % tas-salarju bażiku tal-persuna kkonċernata wara li jitnaqqas benefiċċju standard ta' ►**M151** EUR 1 075,51 ◄ u mingħajr ma jkunu kkunsidrati l-koeffiċjenti tal-korrezzjoni pprovduti fl-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-kontribuzzjoni għandha titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-persuna kkonċernata u mħallsa, flimkien maż-żewġ terzi li jibqa' li tħallashom l-istituzzjoni, f'Fond Speċjali għall-Qgħad. Dan il-Fond għandu jkun komuni għall-istituzzjonijiet u dawn ta' l-aħħar għandhom iħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni kull xahar, mhux aktar tard minn tmint ijiem wara l-pagament tar-remunerazzjonijiet. L-ispejjeż kollha li jinħolqu mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu awtorizzati u mħallsa mill-Kummissjoni skond id-disposizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju li jirregola l-estimi ġenerali ►**M128** tal-Unjoni Ewropea. ◄

8. Il-benefiċċji tal-qgħad imħallsa lil dawk li qabel kienu membri tal-persunal bil-kuntratt li m'humiex impjegati jkunu suġġetti għar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68.

9. Id-dipartimenti nazzjonali bir-responabbiltà għall-impieg u l-qgħad, li jaġixxu skond il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw flimkien b'manjiera effettiva biex jiżguraw li dan l-Artikolu ikun applikat sewwa.

10. L-arranġamenti dettaljati adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 28a(10) ikunu applikabbli għal dan l-Artikolu, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tat-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

▼**M131**

11. Kull sentejn il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-iskema tal-assigurazzjoni tal-qgħad. Indipendentement minn dak ir-rapport, il-Kummissjoni tista' permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikoli 111 u 112 tar-Regolamenti tal-Persunal, taġġusta l-kontribuzzjonijiet previsti fil-paragrafu 7 jekk dan ikun neċessarju għall-bilanċ tal-iskema.

▼**M112**

Artikolu 97

L-Artikolu 74 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-għotja tat-twelid, u l-Artikolu 75 tar-Regolamenti tal-persunal, dwar is-supposizzjoni ta' obbligu mill-istituzzjoni lejn l-ispejjeż riferuti fih, għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 98

L-Artikolu 76 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar ir-rigali, self u avvanzi, għandu japplika b'analoġija għall-persunal bil-kuntratt matul il-perjodu tal-kuntratt tagħhom, jew wara li jiskadi l-kuntratt fejn, bħala riżultat ta' mard serju li ħa, jew diżabilità, jew aċċident li sofra, matul l-impieg tiegħu, il-membru tal-persunal bil-kuntratt huwa inkapaċi li jaħdem u juri li t-tali mard jew aċċident mhux kopert minn skema oħra tas-sigurtà soċjali.

Taqsima B:

Assigurazzjoni kontra r-riskju ta' l-invalidita' u l-mewt

Artikolu 99

Il-persunal bil-kuntratt għandu jkun assigurat skond id-disposizzjonijiet li ġejjin kontra r-riskju tal-mewt jew l-invalidità li jiġri matul l-impieg tagħhom.

Il-pagamenti u l-benefiċċji pprovduti f'din it-Taqsima għandhom ikunu sospiżi jekk ir-remunerazzjoni li jirċievi membru tat-tali persunal dwar l-impieg tiegħu hija sospiża taħt dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg.

Artikolu 100

Meta l-eżami mediku li sar qabel ikun ingaġġat membru tal-persunal bil-kuntratt, juri li qed isofri minn mard jew invalidità, l-awtorità riferuta fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6, sa fejn jidħlu r-riskji li jinqalgħu mit-tali mard jew invalidità, tista' tiddeċiedi li tagħtih benefiċċji garantiti dwar il-benefiċċji jew mewt biss wara perjodu ta' ħames snin mid-data ta' meta jidħol fis-servizz ta' l-istituzzjoni.

Il-membru tal-persunal bil-kuntratt jista' jappella kontra din id-deċiżjoni lill-Kumitat ta' l-Invalidità pprovdut fil-paragrafu 10(b) ta' l-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 101

1. Membru tal-persunal bil-kuntratt li jsofri minn invalidità totali u li, minħabba dik ir-raġuni, huwa kostrett li jissospendi l-impieg ma' l-istituzzjoni, għandu jkun intitolat, sakemm iddum l-invalidità, għal benefiċċju ta' l-invalidità, li l-ammont tiegħu jkun stabbilit kif ġej.

L-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b'analoġija għar-riċevituri tal-benefiċċju ta' l-invalidità. Jekk ir-riċevitur ta' benefiċċju ta' l-invalidità, jirtira qabel ma jagħlaq ►**M131** 66 sena, ◄ mingħajr ma rċieva l-intitolament massimu tal-pensjoni, ir-regoli ġenerali dwar il-pensjonijiet ta' l-irtirar għandhom ikunu applikati. L-ammont tal-pensjoni ta' l-irtirar għandu jkun ibbażat fuq is-salarju tal-grad u l-iskala okkupati mill-membru tal-persunal bil-kuntratt meta sar invalidu.

▼**M112**

2. Il-benefiċċju ta' l-invalidità għandu jkun 70 % ta' l-aħħar s-salarju bażiku tal-membru tal-persunal bil-kuntratt. Madankollu, ma jkunx anqas mis-salarju bażiku fix-xahar ta' membru tal-persunal bil-kuntratt fil-grupp tal-funzjoni I, grad 1, skala 1. Il-benefiċċju ta' l-invalidità għandu jkun suġġett għall-kontribuzzjonijiet ta' l-iskema tal-pensjoni, maħdum fuq il-bażi ta' dak il-benefiċċju.

3. Meta l-invalidità tal-membru tal-persunal bil-kuntratt tinħoloq minn aċċident matul jew f'konnessjoni mal-qadi tad-dmirijiet tiegħu, minn mard ikkaġunat mix-xogħol, minn att ta' spirtu pubbliku jew jipperikola ħajtu biex isalva bniedem ieħor, il-benefiċċju ta' l-invalidità ma jkunx anqas minn 120 % tas-salarju bażiku fix-xahar ta' membru tal-persunal bil-kuntratt tal-grupp tal-funzjoni I, grad 1, skala 1. Fit-tali każijiet, il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni għandhom jitħallsu mill-estimi ta' min kien iħaddmu qabel.

4. Fil-każ ta' invalidità li deliberatament inġibet mill-membru tal-persunal bil-kuntratt, l-awtorità riferuta fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tista' tiddeċiedi li għandu jirċievi biss l-għotja pprovduta fl-Artikolu 109.

5. Il-persuni intitolati għal benefiċċju ta' l-invalidità għandhom ikunu intitolati wkoll għall-benefiċċji tal-familja pprovduti fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal skond l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-benefiċċju tal-familja għandu jkun stabbilit fuq bażi tal-benefiċċju tar-riċevitur.

Artikolu 102

1. L-invalidità għandha tkun stabbilita mill-Kumitat ta' l-Invalidità pprovduta fil-punt (b) ta' l-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal.

2. L-intitolament għall-benefiċċju ta' l-invalidità jidħol fis-seħħ fil-ġurnata meta l-impieg tal-membru tal-persunal bil-kuntratt jintemm skond l-Artikoli 47 u 48, li huma applikabbli b'analoġija.

3. L-istituzzjoni riferuta fl-Artikolu 40 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tista' teħtieġ eżamijiet perjodiċi tar-riċevitur ta' benefiċċju ta' l-invalidità biex tistabbilixxi li għadu jħares il-kondizzjonijiet għall-pagament ta' dak il-benefiċċju. Jekk il-Kumitat ta' l-Invalidità jsib li dawn il-kondizzjonijiet m'għadhomx jitħarsu, il-membru tal-persunal bil-kuntratt għandu jerġa' jibda jaħdem ma' l-istituzzjoni, sakemm il-kuntratt tiegħu għadu ma skadiex.

Madankollu, jekk ikun impossibbli li l-persuna kkonċernata tkun impjegata fis-servizz ►**M128** tal-Unjoni, ◄ il-kuntratt jista' jitwaqqaf suġġett għal pagament ta' ammont li jikkorrispondi mar-remunerazzjoni li kieku kienet titħallas matul il-perjodu ta' avviż u, fejn applikabbli, għall-kumpens talli ntemm il-kuntratt ipprovdut fl-Artikolu 47. L-Artikolu 109 għandu japplika wkoll.

Artikolu 103

1. Il-persuni intitolati taħt membru mejjet tal-persunal bil-kuntratt, kif definit fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, għandhom ikunu intitolati għal pensjoni għal min jibqa' ħaj, kif provdut fl-Artikolu 104 sa 107.

▼**M131**

2. Fil-każ tal-mewt ta' ex membru tal-persunal kuntrattwali li kien jirċievi allowance tal-invalidità, jew ex membru tal-persunal kuntrattwali li kien jirċievi pensjoni tal-irtirar jew li jkun ħalla s-servizz qabel għalaq l-età tal-pensjoni u talab li l-pensjoni tal-irtirar tiegħu tkun posposta għall-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih jagħlaq l-età tal-pensjoni, il-persuni intitolati jekk imut l-ex membru tal-persunal kuntrattwali, kif definit fil-Kapitolu 4 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, għandhom ikunu intitolati għal pensjoni għal min jibqa' ħaj kif previst f'dak l-Anness.

▼**M131**

3. Meta ma jkunx magħruf għal aktar minn sena fejn ikun membru tal-persunal kuntrattwali jew ex membru tal-persunal kuntrattwali li jirċievi allowance tal-invaliditàjew pensjoni tal-l-irtirar, jew ex membru tal-persunal kuntrattwali li jħalli s-servizz qabel jagħlaq l-età tal-pensjoni u jitlob li l-pensjoni tal-irtirar tiegħu tkun posposta għall-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih jagħlaq l-età tal-pensjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli 5 u 6 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li jittrattaw il-pensjonijiet provviżorji, għandhom japplikaw b'analoġija għall-konjuġi tiegħu u għall-persuni rikonoxxuti bħala dipendenti tiegħu.

▼**M112**

Artikolu 104

Id-dritt li jirċievu l-pagament tal-pensjoni jidħol fis-seħħ mill-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara dik li fih imut jew, fejn ikun il-każ, fl-ewwel ġurnata tax-xogħol wara l-perjodu li matulu s-sieħeb, l-orfni jew id-dipendenti tal-mejjet li għadhom ħajjin jirċievu s-salarju tiegħu taħt l-Artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 105

Is-sieħeb li jibqa' ħaj tal-membru tal-persunal bil-kuntratt għandu jkun intitolat għal pensjoni għal min jibqa' ħaj, skond il-Kapitolu 4 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-pensjoni m'għandhiex tkun anqas minn 35 % ta' l-aħħar salarju fix-xahar li rċieva l-membru tal-persunal bil-kuntratt, lanqas anqas mill-aħħar salarju fix-xahar fil-grupp tal-funzjoni I, grad 1, skala 1. Meta jmut membru tal-persunal bil-kuntratt, l-ammont tal-pensjoni għal min jibqa' ħaj għandu jiżdied għal 60 % tal-pensjoni ta' l-irtirar li l-membru tal-persunal bil-kuntratt kieku kien jitħallas kieku kkwalifika, ikun xi jkun it-tul tas-servizz jew l-età, għat-tali pensjoni fil-mument tal-mewt.

Il-persuna li tieħu pensjoni għal min jibqa' ħaj għandha tkun intitolata, bil-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, għall-benefiċċji tal-familja speċifikati fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal. Madankollu, il-benefiċċju tat-tfal dipendenti jkun id-doppju ta' dak ipprovdut fl-Artikolu 67(1)(b) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 106

1. Meta membru tal-persunal bil-kuntratt jew persuna intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar jew benefiċċju ta' l-invaliditàimut u ma jħalli l-ebda sieħeb intitolat għall-pensjoni għal min jibqa' ħaj, it-tfal meqjusa li huma dipendenti tal-mejjet għandhom ikunu intitolati għal pensjoni ta' l-orfni skond l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal.

2. L-istess intitolment għandu japplika għat-tfal li jħarsu l-kondizzjonijiet t'hawn fuq fil-każ tal-mewt jew iż-żwieġ mill-ġdid ta' sieħeb li huwa intitolat għal pensjoni għal min jibqa' ħaj.

3. Meta jmut membru tal-persunal bil-kuntratt jew persuna intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar jew benefiċċju ta' l-invaliditàiżda l-kondizzjonijiet ippreżentati fil-paragrafu 1 ma jitħarsux, id-disposizzjonijiet tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw.

4. Fil-każ tal-mewt ta' dak li qabel kien membru tal-persunal bil-kuntratt, li jħalli s-servizz qabel ►**M131** jilħaq l-età pensjonabbli ◄ u jitlob li l-pensjoni ta' l-irtrar tiegħu tkun posposta għall-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju ta' wara dak li fih ►**M131** jilħaq l-età pensjonabbli ◄, it-tfal meqjusa dipendenti tiegħu skond l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu intitolati għal pensjoni ta' l-orfni bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk ippreżentati rispettivament fil-paragrafi ta' qabel.

▼**M112**

5. Il-pensjoni ta' l-orfni ta' persuna meqjusa bħala tifel dipendenti kif definit fl-Artikolu 2(4) ta' l-Anness VII tar-Regolameti tal-Persunal, ma jistax jaqbeż ammont daqs id-doppju tal-benefiċċju tat-tfal dipendenti. Madankollu, l-intitolament għall-pensjoni għandu jieqaf jekk terza persuna hija responsabbli għall-manteniment taħt il-liġijiet nazzjonali applikabbli.

6. L-ebda pensjoni ta' l-orfni ma titħallas fejn ġenitur naturali li nbidel minn ġenitur adottiv imut.

7. L-orfni għandhom ikunu intitolati għal benefiċċju ta' l-edukazzjoni skond l-Artikolu 3 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 107

Fil-każ ta' divorzju jew fejn hemm aktar minn kategorija waħda ta' min baqa' ħaj, li jikkwalifika biex jieħu l-pensjoni għal min jibqa' ħaj, it-tali pensjoni għandha titqassam fil-mod ipprovdut fil-Kapitolu 4 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 108

Ir-regoli relatati mal-massimi u t-tqassim ippreżentati fl-Artikolu 81a tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija.

Taqsima Ċ:

Pensjoni ta' rtirar u għotja għal firda

Artikolu 109

1. Malli jitlaq mis-servizz, persunal bil-kuntratt għandu jkun intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar, trasferiment ta' ekwivalenza attwarjali jew il-pagament ta' għotja għall-firda skond il-Kapitolu 3 tat-Titolu V ta', u l-Anness VIII ta', ir-Regolamenti tal-Persunal. Meta l-membru tal-persunal bil-kuntratt ikun intitolat għal pensjoni ta' l-irtirar, id-drittijiet tiegħu għal pensjoni m'għandhomx ikopru l-perjodi li jikkorrospondu għall-kontribuzzjonijiet imħallsa taħt l-Artikolu 112 ta' dawn il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg.

2. L-Artikolu 11(2) u (3) ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b'analoġija għall-persunal bil-kuntratt.

3. Persuna li ssir intitolata għal pensjoni ta' l-irtirar għandha tkun intitolata, jekk kienet impjegata għal aktar minn tliet snin bħala membru tal-persunal bil-kuntratt, għall-benefiċċji tal-familja pprovduti fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti tal-Persunal; il-benefiċċju tal-familja għandha tinħadem fuq il-bażi tal-pensjoni tar-riċevitur.

Artikolu 110

1. Jekk membru tal-persunal bil-kuntratt jinħatar uffiċjal jew ħaddiem temporanju ►**M128** tal-Unjoni, ◄ m'għandux jirċievi l-għotja pprovduta fl-Artikolu 109(1).

Kull perjodu tas-servizz tal-persunal bil-kuntratt ►**M128** mal-Unjoni ◄ għandu jkun ikkunsidrat bil-għan li jinħadmu s-snin tas-servizz tal-pensjoni kif ipprovdut fl-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼**M112**

2. Fejn l-istituzzjoni eserċitat l-opzjoni pprovduta fl-Artikolu 112, id-drittijiet tal-pensjoni ta' l-irtirar tal-membru tal-persunal bil-kuntratt għandhom jitnaqqsu proporzjonalment dwar il-perjodu li fih is-somom inġibdu.

3. Il-paragrafu ta' qabel m'għandux japplika għall-membru tal-persunal bil-kuntratt li, fit-tliet xhur ta' wara l-applikazzjoni fuqu tar-Regolamenti tal-Persunal, jitlob li jitħalla jħallas it-tali somom bl-addizzjoni ta' mgħax kompost bir-rata ta' ►**M145** 2,9 % ◄ fis-sena, li tista' tkun riveduta wara l-proċedura mniżżla fl-Artikolu 12 ta' l-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Taqsima D:

Iffinanzjar ta' l-iskema ta' l-assigurazzjoni ta' l-invalidita' u l-Ħajja u ta' l-iskema tal-pensjoni

Artikolu 111

Rigward l-iffinanzjar ta' l-iskema tas-sigurtà soċjali pprovduta fit-Taqsimiet B u Ċ, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 83 u 83a tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 36 u 38 ta' l-Anness VIII tiegħu għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 112

Skond il-kondizzjonijiet imniżżla mill-istituzzjoni, membru tal-persunal bil-kuntratt jista' jitlob 'l-istituzzjoni biex tagħmel xi pagamenti li huwa meħtieġ jagħmel sabiex jikkostitwixxu jew iżomm id-drittijiet tal-pensjoni, l-assigurazzjoni kontra l-qgħad, l-assigurazzjoni ta' l-invaliditià, l-assigurazzjoni tal-ħajja u l-assigurazzjoni kontra l-mard fil-pajjiż fejn kien kopert l-aħħar mit-tali skemi. Matul il-perjodu ta' dawn il-kontribuzzjoijiet, il-membru tal-persunal bil-kuntratt ma jibbenefikax mill-iskema ►**M128** tal-Unjoni ◄ ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard. Barra minn hekk, għall-perjodu li jikkorrospondi ma' dawn il-kontribuzzjonijiet, il-membru tal-persunal bil-kuntratt m'għandux ikun kopert mill-iskemi ►**M128** tal-Unjoni ◄ ta' l-assigurazzjoni tal-ħajja u ta' l-invaliditià, u ma jakkwistax drittijiet taħt l-iskemi ►**M128** tal-Unjoni ◄ ta' l-assigurazzjoni kontra l-qgħad u tal-pensjoni.

Il-perjodu attwali tat-tali pagamenti għal kull membru tal-persunal bil-kuntratt m'għandux jaqbeż is-6 xhur. Madankollu, l-istituzzjoni tista' tiddeċiedi li testendi dan il-perjodu għal sena. Il-pagamenti għandhom jitħallsu mill-estimi ►**M128** tal-Unjoni. ◄ Il-pagamenti biex jikkostitwixxu jew iżommu drittijiet tal-pensjoni m'għandhomx jaqbżu darbtejn daqs ir-rata pprovduta fl-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Taqsima E:

Hlas ta' talbiet minn persUnal BIL-KUNTRATT

Artikolu 113

L-Artikoli 40 sa 44 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija.

Taqsima F:

Hlas ta' benefiċċji

Artikolu 114

1. L-Artikolu 81a u 82 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 45 ta' l-Anness VIII tiegħu, dwar il-pagament tal-benefiċċji, għandhom japplikaw b'analoġija.

▼M112

2. Kull somma dovuta minn membru tal-persunal bil-kuntratt ►M128 lill-Unjoni ◄ taħt din l-iskema ta' l-assigurazzjoni fid-data meta l-benefiċċji huma pagabbli, titnaqqas mill-ammont tal-benefiċċju tiegħu jew mill-benefiċċji pagabbli lil dawk intitolati taħtu fil-mod kif stabbilit mill-istituzzjoni riferuta fl-Artikolu 45 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal. It-tnaqqis jista' jitqassam fuq numru ta' xhur.

Taqsima G:

Subrogazzjoni favur ►M128 l-Unjoni ◄

Artikolu 115

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 85a tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar is-subrogazzjoni favur ►M128 l-Unjoni, ◄ għandhom japplikaw b'analoġija.

IL-KAPITOLU 9

Rkuprar ta' pagament mhux dovut

Artikolu 116

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal dwar l-irkuprar ta' pagament mhux dovut għandhom japplikaw.

IL-KAPITOLU 10

Appelli

Artikolu 117

Id-disposizzjonijiet tat-Titolu VII tar-Regolamenti tal-Persunal dwar l-appelli għandhom japplikaw b'analoġija.

IL-KAPITOLU 11

Disposizzjonijiet speċjali u eċċezzjonali applikabbli għall-membri tal-persunal bil-kuntratt li jservu f'terza pajjiż

▼M128

Artikolu 118

L-Anness X għar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b'analoġija għall-persunal kuntrattwali li jservu f'pajjiżi terzi. Madankollu, l-Artikolu 21 ta' dak l-Anness għandu japplika biss jekk it-tul tal-kuntratt huwa għal perijodu ta' mhux inqas minn sena.

▼M112

IL-KAPITOLU 12

Tmiem ta' l-impieg

Artikolu 119

L-Artikoli 47 sa 50a għandhom japplikaw b'analoġija għall-persunal bil-kuntratt.

▼M112

Fil-każ ta' proċeduri dixxiplinarji kontra membru tal-persunal bil-kuntratt, il-Bord Dixxiplinarju riferut fl-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u fl-Artikolu 49 ta' dawn il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, għandhom jiltaqgħu b'żewġ membri addizzjonali ta' l-istess grupp tal-funzjoni u grad bħall-membru kkonċernat tal-persunal bil-kuntratt. Dawn iż-żewġ membri addizzjonali għandhom jinħatru skond proċedura ad hoc miftehma mill-awtorità riferuta fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 ta' dawn il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg u l-Kumitat tal-Persunal.

▼B

TITOLU ►M112 V ◄

PERSUNAL LOKALI

Artikolu ►M112 *120* ◄

Suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu, il-kondizzjonijiet ta' l-impieg tal-persunal lokali, b'mod partikolari:

(a) il-manjiera ta' l-ingaġġ tagħhom u t-tmiem tal-kuntratt tagħhom,

(b) il-*leave*tagħhom, u

(ċ) ir-remunerazzjoni tagħhom

għandhom ikunu stabbiliti ►M131 mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 ◄ skond ir-regoli u l-prattika kurrenti fil-post fejn għandhom jaqdu dmirijiethom.

▼M128

Artikolu 121

Fir-rigward tas-sigurtà soċjali, l-istituzzjoni għandha tkun responsabbli għas-sehem ta' min iħaddem tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali taħt ir-regolamenti attwali fil-post fejn l-aġent għandu jaqdi dmirijietu, sakemm il-ftehim tal-post ma jipprevedix mod ieħor. L-istituzzjoni għandha twaqqaf sistema awtonoma jew kumplimentari ta' sigurtà soċjali għall-pajjiżi fejn il-kopertura mis-sistema lokali jew ma teżistix jew mhijiex biżżejjed.

▼M112

L-Artikolu 122

Kull tilwima bejn l-istituzzjoni u membru tal-persunal lokali li jservi f'pajjiż terz tintbagħat quddiem bord ta' arbitraġġ bil-kondizzjonijiet definiti fil-klawżola ta' l-arbitraġġ li tinsab fil-kuntratt tal-membru tal-persunal lokali.

▼B

TITOLU ►M112 VI ◄

KONSULENTI SPEĊJALI

Artikolu ►M112 *123* ◄

1. Ir-remunerazzjoni tal-konsulenti speċjali għandu tkun stabbilita bil-ftehim dirett bejn il-konsulent ikkonċernat u l-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6. Il-kuntratt tal-konsulent speċjali għandu jkun għall-perjodu li ma jaqbiżx is-sentejn. Għandu jkun jiġġedded

▼B

2. Istituzzjoni li biħsiebha tirrekluta konsulent speċjali jew iġġedded il-kuntratt tiegħu għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' l-estimi, u tispeċifika r-remunerazzjoni maħsuba.

Qabel il-kuntratt huwa finalment konklużż għandu jkun hemm skambju ta' opinjonijiet ma' l-awtorità kompetenti ta' l-estimi dwar ir-remunerazzjoni proposta jekk fi żmien xahar wara d-data tan-notifika membru ta' dik l-awtorità jew l-istituzzjoni kkonċernata titlob hekk.

▼M112

L-Artikolu 124

L-Artikoli 1ċ, 1d, 11, 11a, 12 u 12a, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 16, l-Artikoli 17, 17a, 19, 22, 22a u 22b, ►M128 l-Artikolu 23 ◄ u tieni paragrafu ta' l-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar id-drittijiet u l-obbligi ta' l-uffiċjali, u l-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-appelli, għandhom japplikaw b'analoġija.

———————

▼M124

TITOLU VII

ASSISTENTI PARLAMENTARI

KAPITOLU 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 125

1. Il-Parlament Ewropew għandu jadotta miżuri implimentattivi permezz ta' deċiżjoni interna għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan it-Titolu.

2. L-assistenti parlamentari akkreditati ma għandhomx jiġu assenjati għal xi kariga inkluża fil-lista ta' karigi mehmuża mat-taqsima tal-baġit relatata mal-Parlament Ewropew. Ir-remunerazzjoni tagħhom għandha tiġi finanzjata taħt l-intestatura tal-baġit adatta u għandha titħallas mill-approprjazzjonijiet allokati għat-taqsima tal-baġit relatata mal-Parlament Ewropew.

Artikolu 126

1. L-assistent parlamentari akkreditat għandu jiġi kklassifikat fil-grad abbażi tal-indikazzjoni mogħtija mill-Membru jew Membri li huwa ser jassisti, konformement mal-miżuri implimentattivi previsti fl-Artikolu 125(1). Għall-klassifikazzjoni tagħhom fil-gradi 14 sa 19 previsti fl-Artikolu 133, l-assistenti parlamentari akkreditati għandhom ikunu meħtieġa, bħala minimu, li jkollhom lawrja universitarja jew esperjenza professjonali ekwivalenti.

2. L-Artikolu 1e tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-miżuri ta' natura soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, għandu japplika b'analoġija, sakemm miżuri bħal dawn ikunu kompatibbli man-natura partikolari tal-kompiti u r-responsabbiltajiet li jridu jwettqu l-assistenti parlamentari akkreditati.

B′deroga mill-Artikolu 7, l-arranġamenti li jirrigwardaw ir-rappreżentanza awtonoma tal-assistenti parlamentari akkreditati għandhom ikunu stabbiliti fil-miżuri implimentattivi previsti fl-Artikolu 125(1), b′kont meħud li għandha tiġi stabbilita rabta formali bejn ir-rappreżentanza statutorja tal-persunal u r-rappreżentanza awtonoma tal-assistenti.

▼**M124**

KAPITOLU 2

Drittijiet u obbligi

Artikolu 127

L-Artikoli 11 sa 26a tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija. Waqt li tingħata attenzjoni stretta, b'mod partikolari, lin-natura speċifika tal-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-assistenti parlamentari akkreditati u lill-fiduċja reċiproka li trid tikkaratterizza r-relazzjoni professjonali bejnhom u l-Membru jew Membri tal-Parlament Ewropew li jassistu, il-miżuri implimentattivi dwar dan il-qasam adottati taħt l-Artikolu 125(1) għandhom jieħdu kont tan-natura speċifika tar-relazzjoni professjonali bejn il-Membri u l-assistenti parlamentari akkreditati tagħhom.

KAPITOLU 3

Kondizzjonijiet tal-impjieg

Artikolu 128

1. L-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b'analoġija, b'kont meħud tar-relazzjoni ta' fiduċja reċiproka bejn il-Membru tal-Parlament Ewropew u l-assistent akkreditat jew assistenti akkreditati tiegħu, waqt li jkun mifhum li l-Membri tal-Parlament Ewropew jistgħu jibbażaw l-għażla tagħhom għal assistenti parlamentari akkreditati anke fuq l-affinità politika.

2. Assistent parlamentari akkreditat għandu jintgħażel mill-Membru jew Membri tal-Parlament Ewropew li huwa ser jassisti. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti addizzjonali li jistgħu jiġu stipulati fil-miżuri implimentattivi previsti fl-Artikolu 125(1), l-assistent jista' jiġi impjegat biss bil-kondizzjoni li:

(a) ikun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri ►**M128** tal-Unjoni, ◄ sakemm ma tiġix awtorizzata eċċezzjoni mill-awtorità prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6, u jgawdi mid-drittijiet kollha tiegħu bħala ċittadin;

(b) ikun wettaq kwalunkwe obbligu impost fuqu mil-liġijiet rigward is-servizz militari;

(c) jipproduċi referenzi adegwati dwar il-karattru tiegħu meħtieġa sabiex jaċċertaw l-idoneità tiegħu għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu;

(d) ikun fiżikament f'saħħtu sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu;

(e) ikollu konoxxenza approfondita ta' waħda mill-lingwi ►**M128** tal-Unjoni ◄ u konoxxenza sodisfaċenti ta' lingwa oħra ►**M128** tal-Unjoni ◄ sal-livell meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu; u

(f) ikun laħaq:

(i) livell ta' edukazzjoni post-sekondarja ċċertifikat b'diploma;

(ii) livell ta' edukazzjoni sekondarja ċċertifikat b'diploma li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post-sekondarja, u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas tliet snin; jew

▼M124

(iii) fejn dan ikun ġustifikat fl-interess tas-servizz, stat ta' taħriġ professjonali jew esperjenza professjonali ta’ livell ekwivalenti.

Artikolu 129

1. L-assistent parlamentari akkreditat għandu jipprovdi evidenza li huwa fiżikament f'saħħtu lis-servizz mediku tal-Parlament Ewropew sabiex il-Parlament Ewropew jista’ jkun sodisfatt li huwa jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 128 (2)(d).

2. F’każ li tingħata opinjoni medika negattiva b'riżultat tal-eżami mediku previst fl-ewwel paragrafu, il-kandidat jista’, fi żmien 20 ġurnata minn meta jkun ġie notifikat mill-istituzzjoni dwar din l-opinjoni, jitlob li l-każ tiegħu jiġi sottomess għall-opinjoni tal-kumitat mediku magħmul minn tliet tobba magħżula mill-awtorità prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 minn fost l-uffiċjali mediċi tal-istituzzjonijiet. Il-kumitat mediku għandu jisma’ lill-uffiċjal mediku responsabbli mill-opinjoni negattiva inizjali. Il-kandidat jista’ jirriferi l-opinjoni ta’ tabib tal-għażla tiegħu lill-kumitat mediku. Fejn l-opinjoni tal-kumitat mediku tikkonferma l-konklużjonijiet tal-eżami mediku previst fl-ewwel paragrafu, il-kandidat għandu jħallas 50 % tal-kontijiet u tal-ispejjeż inċidentali.

Artikolu 130

1. Il-kuntratti ta' assistenti parlamentari akkreditati għandhom ikunu konklużi għal perijodu fiss u għandhom jispeċifikaw il-grad li fih huwa klassifikat l-assistent. Kuntratt ma għandux jiġi estiż aktar minn darbtejn matul leġiżlatura parlamentari. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor fil-kuntratt inniffsu u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 139(1)(c), il-kuntratt għandu jintemm fl-aħħar tal-leġiżlatura parlamentari li matulha jkun ġie konklużż.

2. Il-miżuri implimentattivi previsti fl-Artikolu 125(1) għandhom jistabbilixxu qafas trasparenti għall-klassifikazzjoni, waqt li jitqies l-Artikolu 128(2)(f).

3. F′każ li assistent parlamentari akkreditat jikkonkludi kuntratt ġdid, għandha tittieħed deċiżjoni ġdida dwar il-klassifikazzjoni tal-grad tiegħu.

KAPITOLU 4

Kondizzjonijiet tax-xogħol

Artikolu 131

1. L-assistenti parlamentari akkreditati għandhom jiġu mpjegati sabiex iwettqu dmirijiet fuq bażi part-time jew full-time.

2. Is-sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa ta' assistent parlamentari akkreditat għandhom jiġu stipulati mill-Membru, iżda f'ċirkostanzi normali dawn m'għandhomx ikunu ta' aktar minn 42 siegħa fil-ġimgħa.

3. L-assistenti parlamentari akkreditati m’għandhomx jintalbu jaħdmu sigħat żejda ħlief f’każ ta’ emerġenza jew ta’ ammont ta’ xogħol eċċezzjonali. L-Artikolu 56, l-ewwel subparagrafu, tar-Regolamenti tal-Persunal għandu japplika b’analoġija. Il-miżuri implimentattivi previsti fl-Artikolu 125(1) jistgħu jistabbilixxu regoli f'dan ir-rigward.

4. Madankollu, is-sigħat żejda maħduma mill-assistenti parlamentari akkreditati ma jinkludux id-dritt ta' kumpens jew remunerazzjoni.

▼M124

5. L-Artikoli 42a, 42b, 55a, u 57 sa 61 tar-Regolamenti tal-Persunal (leave, ħinijiet tax-xogħol u festi pubbliċi) u l-Artikoli 16(2) sa (4) u l-Artikolu 18 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg attwali għandhom japplikaw b'analoġija. Leave speċjali, leave tal-ġenituri u leave tal-familja m'għandux jestendi lil hinn mit-terminu tal-kuntratt.

KAPITOLU 5

Remunerazzjoni u spejjeż

Artikolu 132

Ħlief jekk previst mod ieħor fl-Artikoli 133 u 134, l-Artikolu 19, l-Artikolu 20(1) sa (3) u l-Artikolu 21 ta' dawn il-Kondizzjonijiet tal-impjieg u l-Artikolu 16 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal (remunerazzjoni u spejjeż) għandhom japplikaw b'analoġija. L-arranġamenti għar-rimbors tal-ispejjeż tal-missjonijiet għandhom ikunu stipulati fil-miżuri implimentattivi previsti fl-Artikolu 125(1).

▼M131

Artikolu 132a

Skont il-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 125(1) u fuq talba espliċita tal-Membru jew tal-Membri rispettivi li huma jassistu, l-assistenti parlamentari akkreditati jistgħu jitħallsu darba jew allowance tal-installazzjoni jew allowance ta' reinstallazzjoni mħallsa mill-allokazzjoni tal-assistenza parlamentari tal-Membru rispettiv fuq il-bażi ta' evidenza li kienet meħtieġa bidla fil-post tar-residenza. L-ammont tal-allowance ma għandux jaqbeż is-salarju bażiku ta' xahar tal-assistent.

▼M124

Artikolu 133

L-iskala tas-salarji bażiċi għandha tkun kif previst fit-tabella li ġejja:

▼M151

1.1.2022							
Grad	1	2	3	4	5	6	7
Paga bażika full-time	1 982,70	2 309,85	2 504,34	2 715,24	2 943,88	3 191,81	3 460,59
Grad	8	9	10	11	12	13	14
Paga bażika full-time	3 752,04	4 067,98	4 410,54	4 781,95	5 184,66	5 621,25	6 094,62
Grad	15	16	17	18	19		
Paga bażika full-time	6 607,85	7 164,31	7 767,63	8 421,72	9 130,95		

▼M124

Artikolu 134

B′deroga mill-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-benefiċċju għall-espatrijazzjoni m'għandux ikun inqas minn ►M151 EUR 428,58 ◄.

▼**M124**

KAPITOLU 6

Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali

Artikolu 135

Ħlief jekk prevista mod ieħor fl-Artikolu 136, l-Artikoli 95 sa 115 (sigurtà soċjali) għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 136

1. B′deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 96(3) u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dak l-Artikolu, l-ammonti kkalkulati taħt din id-dispożizzjoni m'għandhomx ikunu inqas minn ►**M151** EUR 1 040,82 (il-limitu inferjuri) ◄ u lanqas ma jaqbżu ►**M151** EUR 2 449,03 (il-limitu superjuri) ◄.

2. B′deroga mill-Artikoli 77 u 80 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikoli 101 u 105 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg attwali, l-ammonti minimi użati għall-kalkolu tal-pensjonijiet u l-benefiċċju ta' invalidità għandhom jikkorrispondu mas-salarju bażiku ta' assistent parlamentari akkreditat fil-grad 1.

3. L-Artikolu 122 għandu japplika biss għal kuntratti konklużi għal perijodu ta' mhux aktar minn sena.

KAPITOLU 7

Rimbors ta' ħlas mhux dovut

Artikolu 137

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw, b'analoġija, għar-rimbors ta' ħlas mhux dovut.

KAPITOLU 8

Appelli

Artikolu 138

Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VII tar-Regolamenti tal-Persunal dwar l-appelli għandom japplikaw b'analoġija. Il-miżuri implimentattivi previsti fl-Artikolu 125(1) jistgħu jistabbilixxu regoli komplementari dwar il-proċeduri interni.

KAPITOLU 9

Tmiem tal-impjieg

Artikolu 139

1. Indipendentement mit-tmiem tal-impjieg minħabba mewt, l-impjieg ta' assistent parlamentari akkreditat għandu jintemm:

(a) fid-data indikata fil-kuntratt kif prevista fl-Artikolu 130(1);

▼M131

(b) fi tmiem ix-xahar meta l-assistent parlamentari akkreditat jagħlaq l-età ta' 66 sena, jew, fuq bażi eċċezzjonali, fid-data stabbilita skont it-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Persunal;

▼M124

(c) f'każ ta' assistent impjegat biex jassisti Membru wieħed biss tal-Parlament Ewropew taħt l-Artikolu 128(2), fl-aħħar tax-xahar li fih jispiċċa l-mandat ta' dak il-Membru, kemm jekk minħabba mewt jew riżenja jew għal kwalunkwe raġuni oħra;

▼M131

(d) b'qies tal-fatt li l-fiduċja hija l-bażi tar-relazzjoni professjonali bejn il-Membru u l-assistent parlamentari akkreditat tiegħu, fl-aħħar tal-perjodu ta' notifika speċifikat fil-kuntratt, li għandu jagħti lill-assistent parlamentari akkreditat jew lill-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq it-talba tal-Membru jew tal-Membri tal-Parlament Ewropew li bħala assistent tiegħu jew tagħhom kien ġie ingaġġat l-assistent parlamentari akkreditat, id-dritt li jittermina l-kuntratt qabel ma dan jiskadi. Il-perjodu ta' notifika ma jistax ikun inqas minn xahar għal kull sena ta' servizz, soġġett għal minimu ta' xahar u massimu ta' tliet xhur. Madankollu, il-perjodu ta' notifika ma għandux jibda għaddej matul tqala kkonfermata permezz ta' ċertifikat mediku, leave tal-maternità jew leave tal-mard, sakemm it-tali leave tal-mard ma jaqbiżx tliet xhur. Barra minn hekk, ikun sospiż matul tqala kkonfermata permezz ta' ċertifikat mediku, maternità jew leave tal-mard soġġett għal dawn il-limiti;

▼M124

(e) f'każ li assistent parlamentari akkreditat ma jkunx għadu jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 128(2)(a), u dan għandu jkun suġġett għal kwalunkwe awtorizzazzjoni ta' eċċezzjoni taħt dik id-dispożizzjoni. Jekk eċċezzjoni ma tiġix awtorizzata, għandu japplika l-perijodu ta' notifika msemmi fil-punt (d).

2. Meta l-kuntratt jintemm taħt il-paragrafu 1(c), l-assistent parlamentari akkreditat għandu jkun intitolat għal kumpens ekwivalenti għal terz tas-salarju bażiku tiegħu għall-perijodu bejn id-data meta jintemmu d-dmirijiet tiegħu u d-data meta jiskadi l-kuntratt tiegħu, suġġett madankollu għal massimu ta' tliet xhur tas-salarju bażiku.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 48 u 50 li huma applikabbli b'analoġija, l-impjieg ta' assistent parlamentari akkreditat jista' jintemm mingħajr notifika minn qabel f'każ ta' nuqqas serju ta' konformità mal-obbligi tiegħu, kemm jekk intenzjonalment kif ukoll minħabba negliġenza min-naħa tiegħu. Għandha tittieħed deċiżjoni raġunata mill-awtorità prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6, wara li l-persuna kkonċernata jkun kellha l-opportunità li tiddefendi lilha nnifisha.

Għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-proċedura dixxiplinarja fil-miżuri implimentattivi previsti fl-Artikolu 125(1).

▼M131

3a. Il-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 125(1) għandhom jipprevedu proċedura ta' konċiljazzjoni li għandha tapplika qabel jiġi terminat il-kuntratt ta' assistent parlamentari akkreditat, fuq talba tal-Membru jew tal-Membri tal-Parlament Ewropew li dan ġie ingaġġat biex jassisti jew tal-assistent parlamentari kkonċernat, skont il-punt (d) tal-paragrafu 1 u l-paragrafu 3.

▼M124

4. Il-perijodi ta' impjieg bħala assistent parlamentari akkreditat ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu "snin ta' servizz" għall-finijiet tal-Artikolu 29(3) u (4) tar-Regolamenti tal-Persunal.

▼B

TITOLU ►M124 VIII ◄

DISPOSIZZJONIJIET TRANSITORJI

▼M112

_____

L-Artikolu ►M124 140 ◄

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, l-Anness mehmuż iniżżel id-disposizzjonijiet transitorji applikabbli għall-impjegati ingaġġati bil-kuntratt, koperti minn dawn il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg.

▼B

TITOLU ►M124 IX ◄

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu ►M124 141 ◄

►M124 Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 142 ◄ id-disposizzjonijiet ġenerali biex idaħħlu fis-seħħ dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg għandhom ikunu adottati ►M131 mill-awtorità msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6, ◄ wara li jkunu kkonsultati l-Kumitat tal-Persunal u l-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal tagħha, ipprovdut fl-Artikolu 10 tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-amministrazzjoni ta' l-istituzzjonijiet ►M128 tal-Unjoni ◄ għandha tagħti għall-iskop biex tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg.

Artikolu ►M124 142 ◄

Id-disposizzjonijiet ġenerali li jdaħħlu fis-seħħ ir-Regolamenti tal-Persunal, riferuti fl-Artikolu 110 ta' dawk ir-Regolamenti, għandhom japplikaw għall-ħaddiema koperti minn dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg fejn bis-saħħa ta' dawn il-kondizzjonijiet ta' l-impieg, id-disposizzjonijiet tat-tali Regolamenti japplikaw għal dawk il-ħaddiema.

▼M131

Artikolu 142a

Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-funzjonament ta' dawn il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra.

▼**M112**

L-ANNESS

Disposizzjonijiet transitorji applikabbli għall-persunal kopert mill-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' Ħaddiema oħra

Artikolu 1

1. Id-disposizzjonijiet ta' l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija għal ħaddiema oħra impjegati fit-30 t'April 2004. ►**M131** L-Artikolu 21, l-Artikolu 22, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 4, l-Artikolu 23, l-Artikolu 24a u l-Artikolu 31(6) u (7) ta' dak l-Anness għandhom japplikaw b'analoġija għal ħaddiema impjegati fil-31 ta' Diċembru 2013. L-Artikolu 30 u l-Artikolu 31(1), (2), (3) u (5) ta' dak l-Anness għandhom japplikaw b'analoġija għall-persunal temporanju impjegat fil-31 ta' Diċembru 2013. Għall-aġenti li jkunu fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 2014, il-kliem "is-66 sena" fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33(1),fil-punt (a) tal-Artikolu 47, fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 101(1) u fil-punt (b) tal-Artikolu 139(1) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra għandhom jinqraw bħala "l-età ta" 65 sena. ◄

2. Għall-perjodu mill-1 ta' Mejju 2004 sat-30 t'April 2006, fil-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' Ħaddiema oħra:

(a) fl-ewwel inċiż tal-punt (b) ta' l-Artikolu 3, "grupp tal-funzjoni ta' l-assistenti (AST)" jinbidlu bi "kategoriji B u Ċ";

(b) fit-tieni inċiż tal-punt (b) ta' l-Artikolu 3, "grupp tal-funzjoni ta' l-amministraturi (AD)" jinbidlu bi "kategorija A", "AD 16 jew AD 15" jinbidlu bi "A*16 jew A*15" u "AD 15 jew AD 14" jinbidlu bi "A*15 jew A*14".

Artikolu 2

1. Skond il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' ħaddiema oħra, l-awtorità riferuta fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg għandha toffri xogħol fuq perjodu indefinit bħala membru tal-persunal bil-kuntratt lil kull persuna impjegat ►**M128** mill-Unjoni ◄ fl-1 ta' Mejju 2004 taħt kuntratt ta' perjodu indefinit bħala membru tal-persunal lokali fl-Unjoni Ewropea jew bis-saħħa ta' leġislazzjoni nazzjonali f'waħda mill-aġenziji u l-entitajiet riferuti fl-Artikolu 3a(1)(b) u (ċ) tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg. L-offerta ta' l-impieg tkun ibbażata fuq stima tal-kompiti li għandhom jitwettqu mill-ħaddiem bħala membru tal-persunal bil-kuntratt. Il-kuntratt ikkonċernat jidħol fis-seħħ l-aktar tard fl-1 ta' Mejju 2005. L-Artikolu 84 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ma japplikax għat-tali kuntratt.

2. Jekk il-klassifikazzjoni tal-membru tal-persunal li jaċċetta l-offerta ta' kuntratt tirriżulta fi tnaqqis fir-remunerazzjoni, l-istituzzjoni tista' tħallas ammont addizzjonali, wara li tikkunsidra d-differenzi kurrenti bejn il-leġislazzjoni fiskali, tas-sigurtà soċjali u tal-pensjoni ta' l-Istat Membru ta' l-impieg u d-disposizzjonijiet relevanti applikabbli għall-membru tal-persunal bil-kuntratt.

3. Kull istituzzjoni għandha tadotta d-disposizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 u 2 skond l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif meħtieġ.

4. Membru tal-persunal li ma jaċċettax l-offerta riferuta fil-paragrafu 1 jista' jżomm ir-relazzjoni kuntrattwali ma' l-istituzzjoni.

Artikolu 3

Għal ħames snin wara l-1 ta' Mejju 2004, il-persunal lokali jew il-persunal bil-kuntratt tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li kellu l-istat ta' persunal lokali ta' dak is-Segretarjat Ġenerali qabel l-1 ta' Mejju 2004 jista' jieħu sehem fil-kompetizzjonijiet tal-Kunsill bl-istess kondizzjonijiet bħall-uffiċjali u l-persunal temporanju ta' l-istituzzjoni.

▼**M112**

Artikolu 4

Kuntratti għal perjodu fiss tal-persunal temporanju koperti mill-Artikolu 2(d) tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg li jeżistu fl-1 ta' Mejju 2004 jistgħu jiġġeddu. Fejn il-kuntratt diġà kien imġedded darba, il-kuntratt il-ġdid għandu jkun għal perjodu indefinit. Kuntratti kurrenti għal perjodu indefinit ta' persunal temporanju koperti mill-Artikolu 2(d) tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ma jkunux affettwati.

Artikolu 5

1. Dak li qabel kien persunal temporanju li, fl-1 ta' Mejju, kien bla xogħol u kopert mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28a ta' dawn il-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg applikabbli qabel l-1 ta' Mejju 2004 għandu jkompli jkun kopert minn dawk id-disposizzjonijiet sa l-aħħar tal-perjodu tagħhom ta' qgħad.

2. Il-persunal temporanju li l-kuntratt tiegħu għaddej fl-1 ta' Mejju, fuq it-talba tiegħu, jista' jkun kopert mill-Artikolu 28a ta' dawn il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg applikabbli qabel l-1 ta' Mejju 2004. It-tali talba trid tintbagħat l-aktar tard sa 30 ġurnata kalendarja wara d-data meta jintemm il-kuntratt tagħhom tal-persunal temporanju.

▼**M131**

Artikolu 6

B'effett mill-1 ta' Jannar 2014, il-kuntratti ta' persunal temporanju li għalihom japplika l-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra u li jkunu fis-servizz fil-31 ta' Diċembru 2013 f'aġenzija għandhom jiġu ttrasformati, mingħajr proċedura tal-għażla, f'kuntratti skont il-punt (f) tal-Artikolu 2 ta' dawn il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg. Għall-bqija, il-kondizzjonijiet tal-kuntratt għandhom jibqgħu l-istess. Dan l-artikolu ma japplikax għal kuntratti ta' persunal temporanju impjegat bħala kapijiet ta' aġenziji jew viċi kapijiet ta' aġenziji kif inhu msemmi fl-att tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxi l-aġenzija jew għal uffiċjali ssekondati fl-interessi tas-servizz lil aġenzija.